# STUDJU DDETTALJAT DWAR L-EVOLUZZJONI U L-KRISTJAN

minn
George Ebejer

Il-jeddiet kollha miżmuma. Dan ix-xogħol qiegħed taħt il-kondizzjonijiet li ebda parti minnu ma tista' tkun ikkuppjata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew irrekordjat. Ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-format jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-awtur.

**"Id-dottrina ta' l-evoluzzjoni, jekk aċċettata konsistenatament, tagħmilha impossibbli li temmen fil-Bibbja."** Thomas H. Huxley

**"Aħna nieqfu jew ma' Alla u mat-tagħlim Tiegħu tal-kreazzjoni, jew nieqfu ma' l-evoluzzjonista f'oppożizzjoni Għalih. Il-punti huma ċari ħafna; ma jista' jkun hemm ebda kompromess. Jew int Kristjan jew evoluzzjonist; ma tistax tkun it-tnejn."** G. Richard Culp

**INDIĊI** **PAĠNA**


| | |
|---|---|
| Kelmtejn qabel | 4— 16 |
| Il-Bibbja u x-Xjenza | 17— 33 |
| Jiena Nemmen li Mosè Kiteb Ġenesi | 34— 38 |
| Studju tax-Xhieda Storika Ta' Ġenesi | 39— 56 |
| L-Evoluzzjoni Fatt jew Teorija? | 57— 65 |
| Ħolqien Jew Evoluzzjoni? | 66— 84 |
| I. Evoluzzjoni Teistika | 67— 70 |
| II. Fidi Xjentifika | 70— 72 |
| III. Kemm Għandha Żmien id-Dinja | 73— 75 |
| IV. Reġistrat tal-Blat | 75— 78 |
| V. In-Nies Xadini | 79— 81 |
| VI. Fatti Xjentifiċi Ippruvati | 81— 84 |
| Il-Bibbja Kontra l-Evoluzzjoni | 85— 94 |
| Id-Dilluvju Kontra l-Evoluzzjoni | 95—103 |
| Il-Fossili Kontra l-Evoluzzjoni | 104—109 |
| In-Natura Kontra l-Evoluzzjoni | 110—116 |
| L-Oriġini tar-Razzez Differenti tal-Bnedmin | 117—129 |
| Fejn Twassal Evoluzzjoni Teistika? | 130—144 |
| Homo—Sapiens? | 145—150 |
| l-Oriġini tal-Ħajja | 151—162 |
| Il-Bibbja u l-Liġijiet tax-Xjenza | 163—175 |
| Xhieda Xjentifika Għall-Ħolqien | 176—206 |
| Il-Liġi tal-Bijoġenesi | 179—181 |
| Il-Liġijiet tat-Termodinamika | 181—184 |
| Il-Liġijiet tal-Ġenetika | 184—187 |
| Ir-Reġistrar tal-Fossili | 187—192 |
| Il-Liġi tal-Probabbiltà | 192—195 |
| Il-Liġi tal-Kawża u Effett | 195—197 |
| Ix-Xjenza u l-Liġi tal-Kawżalità | 197—203 |
| Il-Bibbja u l-Liġi tal-Kawżalità | 203—206 |
| Għaliex in-Nies Jemmnu fl-Evoluzzjoni? | 207—221 |
| Ma Jista' Jkun Hemm Ebda Kompromess Bejn Alla u l-Evoluzzjoni | 222—251 |

## KELMTEJN QABEL

Xi mistoqsijiet importanti li kull Kristjan għandu jkollu tweġibiet tajba għalihom huma "Għaliex il-Kristjani għandhom ikunu ikkonċernati bl-evoluzzjoni? Nassumu li Alla huwa realment Dak li beda kollox, x'differenza jagħmel jekk Hu ħalaqx id-dinja instantanjament jew ħalla kollox biex jiżviluppa gradwalment matul żminijiet twal? Mhuwiex aktar importanti għall-Kristjan li jkun involut fi ħwejjeġ tal-preżent u li jikkonċentra fuq li jgħix ħajja Kristjana li tagħti l-frott milli huwa li jinkwieta u jargumenta dwar il-passat imbiegħed?"

Dawn l-oġġezzjonijiet u oħrajn bħalhom spiss huma mismugħa fostna speċjalment fost iż-żgħażagħ fl-iskejjel. B'dispja-ċir ngħid ukoll li l-Knisja Kattolika Rumana fil-kotba tagħha tar-reliġjon li jintużaw fl-iskejjel tagħna wkoll qed tippreżenta l-evoluzzjoni bħala xi ħaġa li wieħed huwa fil-libertà li jaċċet-taha jekk huwa jrid. Din hija sfortuna kbira għaliex jekk aħna sejrin ngħallmu lit-tfal tagħna li huma ġejjin mill-annimali allura jekk huma jibdew jaġixxu ta' annimali ma jkunx it-tort tagħhom imma tagħna! Fil-wiċċ, dawn l-oġġezzjonijiet jidhru li jagħmlu sens tajjeb. Ċertament li l-attività preżenti u d-destin tal-futur ta' persuna huma wisq aktar importanti mill-oriġini tiegħu tal-qedem. Jew ikun jidher hekk!

Imma meta wieħed jibda biex jistudja l-kwistjoni, mhux sempliċiment *fuq* il-wiċċ imma *taħt* il-wiċċ ukoll, huwa dlonk jirrealizza li din il-problema ta' l-oriġini mhi kwistjoni sekondarja xejn imma pjuttost waħda ta' importanza profonda. It-twemmin ta' persuna dwar l-oriġini inevitabbilment jikkondizzjona t-twemmin tagħha dwar tifsir intrinsiku u d-destini ta' l-aħħar. Il-klima moderna intellettwali u soċjali kienet f'qies kbir il-prodott ta' seklu jew aktar ta' filosofija evoluzzjonarja. Is-suġġetti varji moderni li jikkonfrontaw liż-żgħażagħ tagħna—problemi ta' gwerra u paċi, konflitti razzjali, l-hekk imsejħa moralità "ġdida," u oħrajn—kollha huma relatati mill-qrib għall-konflitt antik bejn il-kreazzjoniżmu u l-evoluzzjoniżmu.

Il-fatt ovvju li ħafna bijoloġisti huma marbuta għall-filosofija evoluzzjonarja huwa, naturalment, fattur maġġur tal-bruda

ta' Kristjani żgħazagħ u ta' nies edukati ġeneralment illi jieqfu favur il-kreazzjoniżmu Bibliku. F'dan iż-żmien xjentifiku, wieħed sempliċiment ma jopponix ix-xjenza!

Barra minn dan, dan l-irbit ma' l-evoluzzjoni mhuwiex illimitat għall-bijoloġisti. Ħafna astronomi, per eżempju, jassumu li l-univers qiegħed kontinwament jevolvi, u ħafna mix-xogħol tagħhom huwa mmirat għal għarfien ta' "evoluzzjoni stellari." Il-ġeoloġista jutilizza l-evoluzzjoni bħala l-għodda prinċipali fl-interpretazzjoni tiegħu ta' l-istorja fiżika tad-dinja. Ukoll il-fiżiċi u dawk tal-kemistrija spiss jaħsbu f'termini ta' evoluzzjoni tal-qedem ta' l-elementi kimiċi u molekuli minn partikuli bażiċi.

Imma jekk il-konċett ta' l-evoluzzjoni huwa mifrux fix-xjenzi tal-fiżika u tal-bijoloġija, dan huwa saħanstira aktar ta' influwenza fix-xjenzi soċjali u l-umanitajiet, u huma dawn l-għelieqi ta' studju li ħafna jolqtu direttament fuq il-ħsibijiet u l-attivitajiet ta' kuljum tal-bniedem. Is-soċjoloġija, il-psikoloġija, l-ekonomija, il-letteratura, l-arti—dawn u oħrajn ta' "arti liberali" għandhom relazzjoni diretta fuq il-ħsibijiet u interessi u deċiżjonijiet tagħna ta' kuljum, u fuq il-morali u r-reazzjonijiet tagħna.

Għalhekk huwa wisq sinjifikanti li dawn "ix-xjenzi soċjali" kif ukoll "l-umanitajiet," huma issa kważi dejjem mgħallma fi sfond evoluzzjonarju. Huwa ġeneralment maħsub f'dawn iż-żminijiet illi r-rakkont Bibliku ta' l-oriġini huwa "pre-xjentifiku," fl-aħjar huwa allegoriku biss u ċertament mhux letterali u storiku. It-tagħlim Bibliku tar-responsabbiltà tal-bniedem lejn il-Ħallieq tiegħu, il-fatt tad-dnub u tal-waqa' tal-bniedem, u l-bżonn tal-fidwa u twelid mill-ġdid, kollha ġew imwarrba fil-ġenb favur għall-konċett tal-progress evoluzzjonarju, tat-taqbida universali u selezzjoni naturali, tal-qrubija jew xebħ ma' l-annimali, ta' resqan "ta' din il-ħajja biss" għall-problemi soċjali, u ta' kriterju għal teħid ta' deċiżjonijiet f'kull qasam tal-ħajja, f'mod umanistiku pjuttost milli teistiku.

Kif diġa semmejt, lanqas ma din l-enfasi evoluzzjonarja ma hija magħluqa fil-qasam sekulari. It-teoloġija ta' ħafna

denominazzjonijiet reliġjużi, nkluż il-Knisja Kattolika Rumana, ġiet addattata għall-perspettiva ta' l-evoluzzjoni, speċjalment fost il-"liberali" reliġjużi. Il-konċett ta' evoluzzjoni teistika (jew, li huwa l-istess ħaġa, "evoluzzjoni progressiva") huwa aċċettat ħafna, li skond dan l-evoluzzjoni hija "l-metodu ta' Alla tal-ħolqien." Ir-rakkont ta' Ġenesi mhuwiex ikkunsidrat li huwa storja tassew, imma pjuttost huwa "ħrafa kosmogonomika," jew forsi "allegorija" jew "poeżija." Fil-fatt, il-Bibbja kollha hija meħuda sempliċiment bħala ktieb wieħed reliġjuż fost oħrajn, ir-rakkont ta' evoluzzjoni reliġjuża u kulturali tal-Lhud u tal-Kristjani tal-bidu. Jintqal li l-Bibbja fiha ħafna valur morali u reliġjuż li jibqa' jservi għal ħafna żmien imma wkoll fiha ħafna li mhuwiex aċċettabbli fid-dinja mdawwla tas-seklu tagħna. Il-Kristjan "liberali," għalhekk, huwa ikkonċernat wisq aktar ma' l-evoluzzjoni kontinwa ta' l-ordni soċjali (per eżempju, il-moviment tax-xogħol, drittijiet ċivili, legislazzjoni ta' għajnuna, eċċ.) milli hu bid-difiża u x-xandir ta' l-Evanġelju.

Il-virus ta' l-evoluzzjoni nfetta saħansitra l-isfera tal-Kristjaneżmu evanġeliku. Speċjalment dan hu minnu fost "l-evanġeliċi ġodda," li ma' dawn jiena ninkludi l-Knisja Kattolika Rumana wkoll, li b'mod diliġenti qegħdin jaħdmu f'dan l-aħħar kwart ta' seklu biex jagħtu l-Kristjaneżu Bibliku palat aħjar togħma moderna. Ħafna skejjel, seminarji, publikazzjonijiet u saħansitra t-tagħlim innifsu tal-knisja li darba kienu fundamentalment sodi fis-snin li għaddew fittxew biex jakkomodaw ir-rakkont Bibliku għal din l-assunzjoni (bħala eżempju ta' dan ara fil-ktieb tar-reliġjon li jġib l-isem *ta' "Il-Proġett ta' Alla għal Żvilupp Sħiħ*", vol. IV, p. 56, 57, maħruġ mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali).

Ix-xarada ta' l-univers għadha mhux solvuta! Mill-mistoqsijiet kollha ta' l-għaġeb u ta' taħwid li ffaxxinaw u ħawdu l-moħħ tal-bniedem, il-problema ta' l-oriġini tal-ħajja hija l-aktar iebsa. Ix-xjenza solviet enigmi bla għadd, imma l-fatt sempliċi tal-ħajja s'issa irreżista kull sforz tal-bniedem tar-riċerka, u l-oriġini tagħha huwa l-istess misterju xjentifiku daqs kemm kien minn dejjem. Ukoll it-teorija mkabbra ta' evoluzz-

joni organika li żammet imxengla u rritardjata l-investigazzjoni tax-xjenza vera u l-progress għal żmien twil, qatt ma offriet xi spjegazzjoni ta' l-oriġini tal-ħajja, imma kienet kuntenta biex tispekula fuq il-progress ta' dak *li diġa kien jinsab hawn*.

L-univers mimli bil-ħajja. Il-ħajja tivvjaġġa fuq kull farka trab; hija tgħix fuq kull qatra ta' nida fin-natura; hija timla l-arja nfisha li aħna nieħdu. Fis-sugu u fil-meraq tal-ħxejjex u l-frott kollu, fit-tira li tnixxi mill-iġsma tal-bnedmin u ta' l-annimali l-istess, fix-xita li taqa' mis-sħab, fl-għadajjar ta' l-ilma ħelu, fl-għadira alkali tad-deżert jew fiċ-ċaqlieq tal-wegħsa tal-fond ta' l-oċean; kull fejn hemm l-umdità, tidher il-ħajja. Fid-dlam u fid-dawl, fil-fondijiet ta' l-aktar għerien mudlama, jew fis-sħana tremenda kontinwa tax-xemx tad-deżert Saħara—il-*ħajja* hija omnipreżenti.

Huwa, naturalment, inevitabbli lix-xjenza għandha tirsisti biex issolvi l-problema tan-natura u l-oriġini tal-ħaġa misterjuża msejħa ħajja. Ix-xjenza teżisti biss għall-ferħ li tesplora toroq mhux magħrufa, imma wara dawn il-ġenerazzjonijiet, iva, saħansitra sekli, ta' riċerka u investigazzjoni, il-bidu u s-sors tal-ħajja jkun għadu misterjuż daqs kemm qatt kien. Li nagħrfu l-preżenza tagħha hawn, u nibdew l-investigazzjoni tagħna b'aċċettar tal-fatt tar-realtà tal-ħajja, aħna nitgħallmu ħafna affarijiet dwarha, imma n-natura u l-bidu tagħha huma mkeffna fil-velu li ma jistax ikun ippenetrat li jaħbi l-mistoqsijiet kollha ta' l-oriġini. Paradossalment, il-fatti li aħna għandna fil-pussess tagħna jagħmlu l-misterju ta' l-oriġini aktar fond!

Aħna nafu li qatt ma jista' jkun hemm ħajja mingħajr ħajja ta' qabel ta' dik ix-xorta partikulari. Ħafna esperimenti profondi stabbilew dan il-fatt 'il fuq minn kull dell ta' xi dubju—il-ħajja tiġi *biss* minn antenati ħajjin. Jista' jkun ta' interess hawn li nirrevedu serje ta' esperimenti li jistabbilixxu dan, u nieħdu ftit tal-ħin għal sommarju qasir tar-riżultati u konklużjonijiet. Minħabba l-ġenerazzjoni rapida u l-kobor malajr tagħhom għall-maturità, l-ordni tal-ħajja msejħa "infusorji," kienet użata. ("infusorji" huma dak id-dud irqiq li jitrabba fl-ilma fejn ikun hemm xi ħaxix ħażin jew annimali mejta., eċċ.).

Jiena ċert li inti familjari ma' din ix-xorta ta' ħajja. Jekk tiben, ħuxlief, weraq niexef, ħass, jew xi xorta oħra ta' ħxejjex ikunu mpoġġija fl-ilma u jitħallew hemm għal żmien biżżejjed, l-ilma wara jinsab imdewwed b'diversità ta' speċi u varjetajiet. In-numru tagħhom huwa kważi bla limitu, u dawn huma suġġett favorit għal dak li jesperimenta fil-bijoloġija. Fil-korsa ta' l-osservazzjonijiet aħna nerġgħu nidefinixxu l-metodi tar-riproduzzjoni ta' kull waħda mill-kwalitajiet diversi tad-dud taħt l-osservazzjoni. Xi wħud minn dawn il-kreaturi jirriproduċu permezz ta' tilqim, xi wħud permezz ta' diviżjoni diretta taċ-ċellula, u oħrajn permezz ta' "spori" li jistgħu jkunu mqabbla mal-bajd.

Sterilizzazzjoni assoluta ta' l-elementi ta' l-esperimenti kienet assigurata, għalhekk ma kien hemm ebda ċans li tintilef il-konklużjoni ta' l-esperiment minn ħajja minn sors meħud fit-teknika. F'serje wieħed l-ilma kien sterilizzat, it-tubu tat-test kien sterilizzat, u t-tiben użat kien ukoll sterilizzat. It-tubu kien magħmul hekk billi kien mgħolli għal satgħejn, wara li kien mogħti banju fl-aċidu fatali għal kull kontinwità ta' ħajja possibbli. L-ilma kien sterilizzat billi kien mgħolli għal satgħejn, u t-tiben użat l-ewwel kien mgħolli u mbagħad moħmi f'forn ta' l-elettriku. It-tubi f'dan il-każ kienu merfugħa mekkanikament f'forn ta' l-elettriku, u b'hekk huma kienu miżmuma f'atmosfera sterili sakemm kienu ssiġilatti b'siġill ta' tgħolija li kien sterilizzat ukoll. Minn dan is-serje ta' tubi ma ħareġ lanqas atomu wieħed jew farka ta' ħajja ta' xi xorta jew forma hi x'inhi. Għalhekk il-konklużjoni hija inevitabbli—fejn hemm sterilizzar tal-materjal, ma hemm *ebda* ħajja.

Kull esperiment ieħor irriżulta fil-produzzjoni ta' ħajja f'massa kbira. F'serje wieħed it-tubi kienu sterilizzati, it-tiben sterilizzat, l-arja sterilizzata, imma l-ilma kien fi stat naturali u mhux sterilizzat. Dawn it-tubi kienu miżugħda bil-ħajja fil-ħin tal-ftuħ tagħhom, *għalhekk kien hemm il-ħajja fl-ilma*. Serje ieħor kellu ilma sterilizzat, tubi sterilizzati, arja sterilizzata, imma t-tiben użat kien fl-istat naturali tiegħu. It-tubi, meta kienu miftuħa, kienu mimlija *b'infusorji għalhekk kien hemm*

*il-ħajja fuq it-tiben*. Is-serje li kien imiss kellu t-tiben, l-ilma u t-tubi sterilizzati, imma dawn kienu mpoġġija f'atmosfera ordinarja, u dawn b'riżultat taw eluf ta' kreaturi ħajjin, b'hekk huwa evidenti li kien hemm il-*ħajja fl-arja* wkoll. Ħu ftit trab u "inkubaħ" u l-ħajja timtela bħala riżultat. Ftit tajn, biċċa ħaxixa mħassra, qatta żgħira ta' tiben, qatra nida, jew nifs ta' arja, iż-żerrigħat ta' materja ħajja jinsabu ġewwa jew fuqhom kollha. *Imma mingħajr dawn iż-żerrigħat vitali minn antenati ta' qabel il-produzzjoni tal-ħajja hija impossibbiltà assoluta!* **Ma hemm ebda ħajja mingħajr ma jkun hemm ħajja qabel**. Mela l-mistoqsija hija,

> "*Jekk il-ħajja tiġi biss mill-ħajja, minn fejn ġiet l-ewwel ħajja?*"

Aħna ċertament ma nafu xejn dwar in-natura u l-oriġini tagħha li kienu jew jistgħu jkunu stabbiliti b'dak li nistgħu nsejħulu wirja xjentifika.

Ċertament, il-moħħ anzjuż li jistħarreġ tal-bniedem għandu jkompli biex jirsisti għat-tweġiba għal din kif ukoll għall-problemi l-oħra kollha perplessi. U meta l-interess tal-bniedem medju kien imqajjem għall-problema ta' l-oriġinazzjoni tal-ħajja, ma kienx ħlief naturali li huwa jdur għax-xjenza fiżika u jgħid, "Fejn u meta u kif din il-ħaġa msejħa ħajja bdiet?" Għal din il-mistoqsija x-xjenza tista' twieġeb biss, "Aħna ma nafux!"

Fix-xjenza aħna ma nittrattawx ma' l-oriġini. Ix-xjenza hija ġisem b'relazzjoni ta' għarfien assolut. Meta għarfien ta' ċertu suġġett ikun miksub permezz ta' l-osservazzjoni, ippruvat permezz ta' dimostrazzjoni, u msoffi bl-esperjenza, aħna niġbru l-fatti magħrufa u ppruvati ta' dak is-suġġett u npoġġuhom flimkien u taħt it-titlu ta' dak is-suġġett u nsejħu dan il-ġisem ta' għarfien speċjalizzat ix-xjenza ta' dak is-suġġett. Hekk mela, ix-xjenza hija għarfien miksub u vverifikat. Kif miksub? Permezz ta' *osservazzjoni* mħarrġa. Dan ifisser, fil-verità, l-uniku sors aċċettabbli ta' għarfien xjentifiku, billi osservazzjoni minn nies mhux imħarrġa mhijiex ta' min joqgħod fuqha, u għalhekk mhix aċċettabbli. L-osservazzjonijiet ta' dawk mhux imħarrġa ta' spiss twassal għal superstizzjoni u żball aktar milli

għal għarfien xjentifiku. Bħala eżempju, ħalli wieħed jiftakar fil-ħrafa tradizzjonali ta' distretti rurali, li xagħra ta' żiemel imħollija fl-ilma eventwalment tinbidel f'serp. Kemm tfal ippruvaw dan biex jaraw jekk hux minnu jew le, u kemm għad hemm xjuħ illum li jqumu u jargumentaw il-verità ta' dan it-twemmin: ma rawx huma dawn id-dud qishom xagħar fl-ilma għal bosta drabi? Din it-tradizzjoni emmnuta b'mod sod tiġi minn osservazzjoni *mhux* imħarrġa.

Riċentament smajt ċajta li turi sewwasew dan il-punt. Tifel żgħir qal lil missieru, "Issa jiena naf minn fejn jiġu ż-żwiemel. Il-ħaddied ta' wara l-kantuniera jagħmilhom" "O, le," wieġeb missieru, "iż-żwiemel huma mwielda mhux magħmula. L-istess bħal baqar, jew tiġieġ, jew nies." Le pà!" insista t-tifel, "il-ħaddied jagħmilhom. Jiena rajtu jagħmel wieħed." Il-missier kien imħawwad fuq l-insistenza tat-tifel, u staqsa, "Issa, eżattament x'rajt int? Rajt int lill-ħaddied jagħmel żiemel sħiħ?" Li għal dan huwa riċieva t-tweġiba spirtu pront, "Le, ma rajtux jagħmel żiemel sħiħ: imma rajtu jispiċċa wieħed. Hu kien qiegħed isammar is-saqajn miegħu meta kont għaddej." Każ perfett ta' osservazzjoni *mhux* imħarrġa.

Ħafna adulti huma żbaljati xjentifikament daqshekk! Xi idea stramba ta' x'jikkonstitwixxi x-xjenza u prova xjentifika daħlet kissinkiss f'moħħ mhux imħarreġ u mhux ippreparat, u l-aktar falzitajiet ħorox kienu emmnuti bħala li huma fatti sani u xjentifiċi. Xi wħud mit-teoriji l-aktar imħassra u fantastiċi li l-moħħ jista' jaħseb dwarhom kontinwament qegħdin joħorġu taħt ix-xbieha tax-xjenza.

Tkun xi tkun it-teroija ta' l-oriġini li aħna nistgħu naċċettaw, hemm bażi komuni li fuqha għandna naqblu; qabel ma kien hemm bniedem fuq l-art, l-art kienet hawn, ippreparata biex tirċevih. Ukoll, kien x'kien il-metodu tal-ħolqien, il-bniedem huwa l-aħħar speċi li deher. Mela, jekk għarfien xjentifiku jiġi *biss* permezz ta' *osservazzjoni* mħarrġa, kif jista' jkun hemm għarfien ta' ħolqien, jew oriġini, li kien qabel il-preżenza tal-bniedem, *l-osservatur*? Hekk aħna ngħidu li x-xjenza ma titt-rattax ma' l-oriġini. Meta l-affarijiet oriġinaw, min kien hemm

biex josserva, u fejn kien imħarreġ dan l-osservatur ipotetiku? U minn min? X'esperimenti ivverifikaw l-osservazzjoni tiegħu? Ma jimpurtax kemm it-teoriji tagħna ta' l-oriġini jistgħu ma jaqblux, aħna ċertament nistgħu naqblu li ma kien hemm *ebda* osservatur uman imħarreġ tal-proċess.

Il-mistoqsija ta' l-oriġini hija, mela, jew fl-għalqa tal-filosofija jew tar-rivelazzjoni. Il-filosofija, li mhix dipendenti kemm fuq il-prova jew fuq il-fatt, imma hija għal kollox spekulattiva jew teoretika, tkun mistennija li titkellem fuq kwalunkwe suġġett. Billi l-fwar imaċajpar tal-filosofija ma jistgħux jipproduċu prova jew dimostrazzjoni, l-eżattezza xjentifika ta' stqarrija jew teorija *ma tiswa xejn* fit-tħabbir ta' ideat filosofiċi.

Minn naħa l-oħra, jekk **Ħallieq** intelliġenti u raġjunevoli qiegħed fil-verità responsabbli għall-istruttura meraviljuża matematika ta' l-univers fiżiku, huwa biss loġiku li tissopponi li Hu jkun ferħan li jissupplixxi rakkont jew spjegazzjoni tal-proċess għal kull kreatura li tirraġuna li Hu għoġbu joħloq. Din ir-rivelazzjoni ta' ġrajjiet li kienu qabel l-avvent tal-bniedem ma tista' tkun obligata xejn għall-kontribuzzjoni tal-bniedem u ma jistax jintqal li hija dipendenti fuq riċerka umana jew studju xjentifiku.

Għalhekk meta x-xjenza wieġbet li l-oriġini ma kienx fl-isfera tagħha, il-moħħ fit-tiftix tal-bniedem dar għall-filosofija biex ifittex x'għajnuna l-filosofija tista' tagħti. Bil-prontezza ħerqana biex jattakka l-problemi kollha fuq il-grad purament mentali li kkaratterizza lill-filosfu, it-tweġiba malajr kienet riesqa:

**EVOLUZZJONI!**

Din hija t-tweġiba tal-filosofija għall-mistoqsija tal-bniedem, "Fejn, u kif, oriġinat il-ħajja?" Din mhijiex teorija xjentifika, hija primarjament filosofika. Iżda, meta l-filosofija ffurmat it-teorija, ix-xjenza kienet mistiedna biex tipprova l-verità tagħha. B'ħerqa kbira, ix-xjenza wieġbet u għall-ġenerazzjonijiet sħaħ ilha tqabbel is-smewwiet u l-art għall-wirja tabilħaqq

ta’ din it-teorija. Imma jaħasra, għall-filosofija, l-attentat falla. Is-snin riċenti fir-riċerka xjentifika mhux biss fallew biex juru l-fatt ta’ evoluzzjoni organika, imma attwalment ipproduċew fatti ġodda ta’ xjenza li jġibu t-teorija letteralment fix-xejn.

Din il-kelma *evoluzzjoni* hija waħda mill-aktar kelmiet abbużati u wżata ħażin fil-lingwa. Din għandha tifsira speċifika u restritta li hija aktar spiss vjolentata milli osservata. Il-kelliemi każwali spiss jitkellem dwar “l-evoluzzjoni” tat-telofon, “l-evoluzzjoni” tad-dawl elettriku, tal-karrozza, u ħafna u ħafna prodotti oħra ta’ l-industrija u l-intelliġenza tal-bniedem. Il-klema adattata hawn hija żvilupp jew titjib. Dan it-titjib jew progress kollu sar minħabba superviżjoni diretta u kontroll. Dawn huma bidliet magħmula f’oġġetti bla ħajja, u m’għandhomx ikunu konfużi ma’ “l-evoluzzjoni.”

Evoluzzjoni organika fid-definizzjoni l-aktar sempliċi tagħha tista’ tkun imfissra bil-kelma *trasmutazzjoni*, jiġifieri bidla kompluta, tibdil ta’ ħaġa f’oħra. It-teorija ma tammetti ebda intelliġenza attiva fil-kontroll, u disinn huwa barrani għall-proċess kollu. Bħala illustrazzjoni fantastika tat-tifsira let-terali tal-kelma *evoluzzjoni*, ħalli nissopponu dan il-każ li huwa għal kollox impossibbli, “fl-evoluzzjoni” tal-karrozza. L-ewwel karrozza żgħira b’żewġ ċilindri li ħarġet mill-ħanut tax-xogħol ta’ raġel ma kinetx użata, imma mħollija għaliha nfisha f’post vakanti ta’ kobor immens. Hemm, “mingħajr ebda għajnuna ta’ xi qawwa esterna” u mgħejjuna matul biss permezz ta’ “qaw-wiet residenti fiha nfisha” din il-karrozza żgħira b’żewġ ċilindri gradwalment għaddiet minn serje ta’ tibdiliet l-aktar ta’ l-għaġeb.

L-ewwel din żviluppat f’titijib ta’ erba’ ċilindri fuq l-antenat oriġinali tagħha, u mbagħad saret karrozza inkredibbli, bħall-karrozza Ford ta’ madwar is-sena 1912. Minn din hija gradwalment żviluppat f’karrozza b’sitt ċilindri, u wara ħafna tibdiliet żviluppat il-karrozza kumplessa u organizzata ħafna u tiffunzjona perfettament bi tnax-il ċilindru taż-żmien modern. Tkun din evoluzzjoni? Le, għad mhix. Imma—jekk dan il-proċess ta’ bidla gradwali kompla, mingħajr *ebda* għajnuna jew

superviżjoni barranija, sakemm l-għola tip ta' karrozza żviluppa l-ġwienaħ u tar bħala ajruplan, *dik tkun evoluzzjoni*!

Assurdità, tgħid int? Ċertament li hekk hi, imma lanqas nitfa waħda mhix improbabbli li *amoeba* saret dudu, id-dudu sar ħuta, il-ħuta saret gremxula, li mbagħad gradwalment saret rettili li aktar wara tat qawmien għal għasfur, l-għasfur sar annimal li jradda', u dan l-annimal sar bniedem! Dan hu dak li l-evoluzzjonisti jemmnu u li ħafna huma dawk li qegħdin jinqabdu u jaċċettaw din il-gidba ta' l-għaġeb!

Mela, għall-iskop tad-definizzjoni, ħalli ngħidu li "evoluzzjoni organika tissopponi l-bidla gradwali, permezz ta' qawwiet residenti, mhux mgħejjuna minn xi qawwa esterna, ta' forma baxxa ta' ħajja għall-forom għola u sussegwenti, sakemm il-bniedem deher, bħala r-riżultat loġiku ta' din it-tendenza 'l fuq fin-natura." Jew, f'kelma waħda; *trasmutazzjoni*.

*Hemm xjenza tal-ħajja*. Dik ix-xjenza hija msejħa bijoloġija, u tikkonsisti mill-fatti magħrufa, ivverifikati u murija dwar il-ħajja. Il-klassifikazzjoni tal-ħwejjeġ kollha ħajjin fi gruppi ta' familji, ordnijiet, ġeneri u speċi huma x-xogħol tal-bijoloġija. Botanija, żooloġija, ornitoloġija u x-xjenzi l-oħra kollha li jittrattaw mal-ħajja u mal-kreaturi ħajjin huma nkluduti fil-klassifikazzjoni ġenerali tal-bijoloġija. Hija xjenza l-aktar komprensiva li tħaddan il-fatti kollha magħrufa rigward il-forom kollha magħrufa tal-ħajja.

Ċertament, jekk it-teorija ta' l-evoluzzjoni organika hija biex issib prova f'kull fergħa tax-xjenza, din għandha ssib dik il-prova fix-xjenzi bijoloġiċi. Huwa pjuttost li jissorprendi li ssir taf illi aktar ma nidħlu l-ġewwa fil-bijoloġija, u aktar ma nħaffru fil-fond fil-misteri tagħha inqas probabbilment issir it-teorija ta' l-evoluzzjoni organika! Sakemm fl-aħħar ir-riċerkatur bijoloġista infurmat tajjeb jiċħad it-teorija bħala li hija xjentifikament mhux soda.

Issa tiġi l-mistoqsija "Fuq liema bażijiet ta' xhieda reali inti tgħid dan? Tista' x-xhieda tintqal b'mod li l-bniedem komuni, mingħajr taħriġ xjentifiku u vokabularju, ikun jista'

jifhem il-prova?" L-iskop ta' dan l-istudju huwa biex iwieġeb dik il-mistoqsija.

It-teorija ta' l-evoluzzjoni tista' tintqal biċ-ċar u b'mod konċiż f'termini xjentifiċi bħala t-*trasmutazzjoni* (tibdil ta' ħaġa f'oħra) ta' l-ispeċi. *Mutazzjoni* (bidla), hija żvilupp; *trasmutazzjoni*, hija evoluzzjoni. Ward ħomor, ward bojod, ward roża, ward sofor, jew kull varjetà oħra ta' ward li tista' teżisti, kollha huma varjanti, jew mutazzjonijiet, fil-mutazzjoni tal-ward. Imma meta l-warda tagħmel progress tant 'il quddiem fil-mutazzjoni li din tipproduċi xi kreatura ġdida *li mhix warda*, imbagħad trasmutazzjoni tkun imwettqa.

Il-varjetajiet kollha tat-tiġieġ ġew kollha minn par antenat komuni. In-numru kbir ta' tiġieġ differenti li l-bidwi huwa tant familjari magħhom kollha huma *mutazzjoni*, jew varjanti, ta' dawn l-istess kreaturi. Il-mutazzjoni għamlet progress kbir fit-tiġieġa, imma sakemm huma kollha jibqgħu tiġieġ, aħna għadna m'aħniex fil-preżenza ta' l-evoluzzjoni. Meta waħda minn dawn il-varjanti tagħti qawmien għal xi forma *għola* ta' ħajja li hija distintament *mhix* tiġieġa, imbagħad aħna jkollna *trasmutazzjoni*.

Hija t-teorija ta' l-evoluzzjonista li l-forom kollha preżenti ta' ħajja li d-dinja taf dwarhom, kif ukoll dawk l-ispeċi kollha estinti li kienu hawn fiż-żminijiet tal-passat, ġew minn ċellula waħda primittiva. L-*amoeba* kienet ġiet issuġġerita bħala l-punt tal-bidu għat-trasmutazzjoni, u l-evoluzzjonisti kollha jaqblu li xi protoplażma f'forma b'ċellua waħda kienet l-aktar kreatura kmieni tad-dinja. Minn din iċ-ċellula waħda sempliċi ġie gradwalment dak kollu li għandna rreġistrat fiż-żewġ xjenzi tal-bijoloġija u l-paleontoloġija (studju dwar il-fdalijiet fossili). Forma baxxa waħda ta' ħajja ipproduċiet forma sussegwenti u għola ta' ħajja permezz tat-trasmutazzjoni, sakemm l-iskala kollha tal-varjetajiet u speċi u ġeneri għaddew u l-forom preżenti tal-ħajja, li magħhom aħna ninsabu tant familjari, waslu bl-evoluzzjoni, jintqal lilna minn dawk li jipproponu dik it-teorija.

Naturalment hija spekulazzjoni pura li tgħid li l-*amoeba*, jew xi kreatura oħra b'ċellula waħda hija aktar antika miż-żiemel, jew mill-għasfur, jew mill-bniedem. Dawn id-dwejda huma purament protoplażma, u din is-sustanza ma tħalli ebda fdal fil-ġebel l-antik. Ma tista' ssib ebda fossili ta' l-*amoeba*. Ma jistax ikun ippruvat konklussivament li affarijiet bħal dawn qatt eżistew, qabel ma l-invenzjoni tal-mikroskopju għamlithom viżibbli għall-għajn umana.

Aħna ċertament li naċċettaw bħala fatt probabbli t-teorija li dawn eżistew hekk miż-żmien rimot fl-antik; imma ma hemm ebda *xhieda* li l-oriġini tagħhom kienet qabel il-ħolqien tal-bniedem. Aħna *nippresumu* li huma kienu parti tal-ħolqien tal-Ħames Jum ta' Ġenesi, meta Alla qal, "Ħalli l-ilmijiet jiżegħdu bi ħlejjaq ħajjin 'jimmultiplikaw malajr'. Imma preżunzjoni u postulazzjoni (suppożizzjoni) mhumiex provi xjentifiċi!

Il-ħaġa ta' l-iskantament hija għal dak li jaħseb b'mod mhux ippreġudikat li jirrealizza li, għalkemm numru kbir ta' kreaturi taż-żminijiet tal-passat huma biss fil-memorja permezz ta' l-għadam fossilizzat tagħhom, u mijiet bla għadd ta' speċi u razzez sparrixew minn fuq wiċċ l-art fil-korsa ta' "l-evoluzzjoni," *l-antenat b'ċellula waħda għadu hawn*! U li għalkemm dawn l-*amoeba*, eċċ., għadhom hawn fuq l-art f'għadd bla qies, **ebda** wieħed minnhom ma huwa fil-korsa ta' l-evoluzzjoni *llum*. Hawn għandna l-ispettaklu msaħħar tal-kbira ordni *metazoa* tisparixxi minn fuq wiċċ l-art, waqt li l-antenati tagħha b'ċellula waħda jippersistu f'massi kbar. Din hija anomalija, tabilħaqq, li l-evoluzzjoni ma tistax tispjega! Dwar dan jistgħu jinkitbu volumi sħaħ ta' kotba, imma l-iskop tiegħi huwa biex wieħed ikollu idea dwar il-falzità tat-tagħlim evoluzzjonarju.

F'dan l-istudju jiena sejjer nippreżenta xi suġġetti minn dawn:

- Il-Bibbja u x-Xjenza
- Jiena Nemmen Li Mosè Kiteb Ġenesi
- L-evoluzzjoni Fatt Jew Teorija?
- Il-Bibbja Kontra l-Evoluzzjoni
- Id-Dilluvju Kontra l-Evoluzzjoni

- Il-Fossili Kontra l-Evoluzzjoni
- In-Natura Kontra l-Evoluzzjoni
- L-Oriġini tar-Razzez Differenti tal-Bnedmin
- Fejn Twassal Evoluzzjoni Teistika?
- U oħrajn

# IL-BIBBJA
# U
# X-XJENZA

# IL-BIBBJA U GĦARFIEN XJENTIFIKU MINN QABEL

Il-Bibbja mhijiex ktieb ta' tagħlim xjentifiku fuq ix-xjenza materjali. Il-Bibbja hija ktieb ta' tagħlim reliġjuż—ix-xjenza ta' għejxien korrett. Il-Bibbja kienet miktuba mijiet ta' snin qabel ma x-xjenza moderna kienet oriġinata, madankollu hija xjentifikament eżatta. Ix-xjenza moderna qatt ma ddiżappruvat xi stqarrija fil-Bibbja imma ppruvat u wriet il-verità ta' mijiet ta' ħwejjeġ li l-Bibbja antiċipat. Il-moħħ li mexxa l-kitba tal-Bibbja poġġha fiha ħafna veritajiet li kienu 'l fuq mill-komprensjoni u l-għarfien uman fiż-żmien li dawn kienu miktuba.

Ħalli naraw madwar 24 prova xjentifika li jagħtu prova li l-Bibbja, bħala l-Kelma ta' Alla, **ma fiha xejn** li jmur kontra, jew li jikkontradixxi **l-vera xjenza**!

### *1. Prinċipji Xjentifiċi.*

Herbert Spencer (1820-1903) l-ewwel ħabbar li hemm ħames "manifestazzjonijiet ta' dak mhux magħruf" fl-eżistenza – żmien, qawwa, azzjoni, spazju u materja – u li l-kumplament kollu huwa ibbażat fuq dawn il-fundamentali. Dan kien mil-qugħ bħala aħbar kbira iżda meta Alla qabbad lil dak ix-xjenzat kbir, Mosè, biex jikteb sewwasew l-ewwel vers tal-Bibbja Mqaddsa, Hu qal, "Mosè, 3,400 sena minn issa il-bnedmin jaħsbu li huma skoprew kollox għalhekk int poġġih kollu f'Ġenesi 1:1 u aħna nibdew b'dak kollu li l-bniedem jista' jiskopri." Mosè kiteb: "Fil-bidu", żmien: "Alla", qawwa; "ħalaq", azzjoni; "is-sema", spazju; "u l-art", materja.

B'hekk Mosè poġġha l-ħames fundametali xjentifiċi kollha fl-ewwel vers ta' Ġenesi u dawn qegħdin fl-istess ordni kif imħabbra minn Herbert Spencer. Kif kien jista' Mosè li jkun jafu dan kollu? It-tweġiba għandha tkun ċara ħafna. Alla qal lil Mosè x'għandu jikteb kelma b'kelma. Imma forsi xi ħadd jgħid li din tista' tkun koinċidenza. ħalli naraw jekk dan hux minnu jew le!

### *2. Dawl Qabel Ix-Xemx.*

In-nies kollha darba żammew ma' Sir Isaac Newton l-idea lid-dawl hu mnissel jew ġej mix-xemx jew minn iġsma oħra luminari. Ħafna wkoll illum għadhom jaħsbu li l-Bibbja hija żbaljata dwar dan kif se naraw aktar 'il quddiem. X'ġara iżda? Fis-snin riċenti il-bniedem beda jaħseb li hu pprova lid-dawl kien jeżisti qabel ix-xemx. Hemm ħafna teoriji dwar id-dawl imma x-xjenzati **kollha** huma apparentament fi qbil lid-dawl eżista qabel max-xemx kienet magħmula biex tkun il-ħakkiema tiegħu. Mindu dan kien misjub, ħafna psewdo-xjenzati irredikolaw "l-idea antika tal-Bibbja illi d-dawl ġej mix-xemx!" Professur f'università spjega t-teorija favorita tiegħu tad-dawl u spiċċa billi qal, "Tajjeb, dan jinkwieta għal kollox l-idea antika tal-Bibbja lid-dawl jiġi mix-xemx. Fil-fatt dan jipprova li l-ktieb spiċċa minn żmienu." Student Kristjan, li kien jaf tajjeb x'tgħid il-Bibbja dwar dan is-suġġett, qam u staqsa lill-professur, "Dr. Blank, fejn il-Bibbja tgħid lid-dawl ġej mix-xemx?" "O, issa ma nafx," wieġeb il-professur. "Kulħadd jaf li miktuba hemm." Fuq l-insistenza ta' l-istudent, inġiebet Bibbja u l-professur qara mill-ewwel kapitlu ta' Ġenesi:

> *"Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art. U l-art kienet bla forma, u ma kien fiha xejn; u dlamijiet kienu fuq wiċċ l-abbiss. U l-Ispirtu t'Alla kien jittajjar fuq wiċċ l-ilmijiet. U Alla qal: Ħa jkun hemm id-dawl: u kien hemm id-dawl…."*

Il-professur kompla jaqra sa vers 17 u 18 fejn Alla aktar tard għamel ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb biex jikkontrollaw dan id-dawl u biex jaġixxu bħala l-kronometri tagħna. Kif ra li Mosè kien xjentifikament perfett, il-professur mgħallem qal, "Tajjeb, dan jgħamel ħmar minni."

Mela, id-dawl ta' Ġenesi 1:3 ma kienx dak tax-xemx jew ta' xi luminarji oħra, li kienu magħmula fir-raba' jum. Ma hemm xejn stramb dwar dan għaliex ix-xjenza issa taf lid-dawl jista' jeżisti indipendentament mix-xemx jew pjaneti oħra tas-sema.

Kif Mosè kien jaf dan il-fatt xjentifiku hekk importanti eluf ta' snin qabel ma sabuh oħrajn?

### *3. Li d-Dinja Hija Tonda.*

Waqt li l-Bibbja kienet miktuba kien emmnut universalment li d-dinja kienet ċatta, li kienet bħall-platt ta' l-ikel u jekk int tbaħħar 'il bogħod ħafna f'xi direzzjoni taqa' fit-tarf. Il-Griegi tal-bidu, kif ukoll Toscanelli, Taljan, issuġġerew li d-dinja kienet tonda. Kolumbus u oħrajn emmnuhom. Fl-aħħar, Magellan u n-nies tiegħu baħħru madwar id-dinja u b'hekk taw prova li d-dinja kienet bħal sfera fil-forma tagħha. Iżda mijiet ta' snin qabel mal-bniedem sab li d-dinja kienet tonda, Alla qallu li din kienet hekk permezz tal-poezija Lhudija kif naqraw f'Isaija 40:22,

> "*Hu Alla li jgħammar fuq iċ-ċirku ta' l-art…*"

Ukoll fi Proverbji 8:27 naqraw,

> "*…Hu ħażżeż ċirku (dawra) fuq wiċċ il-baħar kbir.*"

F'Ġob 26:10 naqraw,

> "*Ħażżeż dawra (ċirku) fuq wiċċ l-ilmijiet…*"

Dan jindika li għall-kuntrarju ta' dak li r-Rumani kienu jgħidu li d-dinja kienet diska tonda, Isaija kien qiegħed jitkellem dwar ħaġa tonda, sfera. Sfera hija l-eqreb figura ġeometrika għall-forma tad-dinja. Id-dinja mhix xi sfera ċatta fil-poli tagħha iżda hija ftit iffurmata bħal-lanġasa. Id-deskrizzjoni ta' Isaija fiha eżattezza li tistagħġeb biha. Aħna naqraw li Kristu ġej matul il-jum u ġej matul il-lejl…ikun nhar fuq naħa waħda u lejl fuq in-naħa l-oħra meta Hu jiġi (Luqa 17). Li l-kittieba tal-Bibbja kitbu dwar li d-dinja hija tonda ma jistax ikun miċħud. Huma kienu jistgħu jsiru jafu dan biss minn Alla. Ebda bniedem ieħor fl-univers ma kien jista' jagħtihom din l-informazzjoni!

### *4. Is-Sosspensjoni tad-Dinja.*

Il-Griegi l-antiki u r-Rumani kienu l-aktar nies avvanzati fiż-żmien tagħhom, madankollu huma kienu jemmnu li d-dinja kienet miżmuma fil-post b'arbli jew b'għonq Atlas. Oħrajn kienu jemmnu li Atlas kellu d-dinja fuq spallejh. Xi wħud kienu jgħidu li d-dinja kienet iżżomm fuq l-ilma u jekk wieħed kellu jmur 'il bogħod ħafna 'l barra fil-baħar żgur li kien jintilef. Meta n-nies bdew ibaħħru madwar id-dinja, huma sabu li din ma tmiss ma mkien—li xejn viżibbli ma jżommha f'postha. Li globu mdendel fl-ispazju apparentament mhu miżmum minn xejn jidher redikolu. Astronomija moderna turi li dan hu minnu. Iżda, il-Bibbja ndikat dan ċar ħafna. Għal darb'oħra, jitkellem dwar Alla, Ġob jgħid:

> "*Hu jifrex it-tramuntana fuq il-vojt! Idendel l-art fuq ix-xejn*!"

Il-ktieb antik ta' Ġob hu assolutament xjentifiku. Tassew, Alla qal lil Ġob x'għandu jikteb. Jekk le, sab Ġob dawn l-affarijiet?

### *5. Spazju Vojt fit-Tramuntana.*

Astronomi sabu li hemm spazju kbir vojt fit-Tramuntana. Dan ma fih ebda pjaneti jiċċaqalqu u kwiekeb jiddu. Billi jdawwru t-teleskopji tagħhom lejn in-Nofsinhar, lejn il-Lvant, u lejn il-Punent, in-nies jistgħu jaraw numru bla għadd ta' miljuni ta' kwiekeb inviżibbli għall-għajn mikxufa imma meta t-teleskopju jkun issettjat eżattament lejn it-Tramuntana hemmhekk hemm spazju vojt, madankollu Ġob iddikjara,

> "*Hu jifrex it-tramuntana fuq il-vojt, Idendel l-art fuq ix-xejn!*" (Ġob 26:7).

Ċertament li Ġob ma setax kiteb dan b'kumbinazzjoni. Għandu jkun li hu kiteb b'ispirazzjoni minn Alla!

### *6. Il-Movimenti tal-Pjaneti.*

It-teorija tal-movimenti tal-pjaneti kienet għall-ewwel darba avvanzata minn Copernicus fl-1543. Galileo kien ikkastigat

bl-aħrax talli emmen u ddefenda din it-teorija, madankollu Ġob 38:31-32 biċ-ċar jgħallem li l-pjaneti jiċċaqalqu.

> "*Tista' int torbot il-ktajjen tal-Plejadi, jew tista'int tħoll il-ktajjen ta' l-Orjon? Tista' inti toħroġ f'waqtu lil Mazzarot u tmexxi lil Arkturus ma' wliedu?*"

Il-kondizzjonijiet imsemmija f'Luqa 17:31-36 jistgħu biss ikunu miġjuba permezz tad-dawrien tad-dinja fuq il-poli tagħha. Il-liġi tal-gravità ċertament li hija mħabbra f'Ġob 26:7.

### *7. Teorija ta' l-Ekwilibriju Isostatiku.*

Wieħed li jistudja l-Ġeografija għandu jsib, anzi għandu jkun ifaxxinat bil-korrelazzjoni bejn dak li l-Bibbja qalet fil-lingwa poetika tagħha u dak li huwa jsib fil-Ġeografija.

Eżempju ta' dan hija t-teorija ta' l-Ekwilibriju isostatiku li jinvolvi li l-blat tad-dinja jkun miżmum f'bilanċ kontra xulxin. Jekk wieħed isib id-definizzjoni tal-kelma "Isostasy" f'dizzjunarju tal-Ġeografija dan isib illi l-Bibbja tiddeskriviha effettivament l-istess, għalkemm aktar sempliċi. Jitkellem dwar Alla, Isaija jgħid:

> "*Min kejjel l-ilmijiet f'keff idu, u qies is-smewwiet bix-xiber. Min ġabar it-trab ta' l-art ġo kejla, u wiżen bl-istasija l-muntanji, u l-għoljiet bil-miżien?*" (Isaija 40:12).

Eżempju dwar dan hu dak li ġara fl-Iskandinavja meta l-kappa tas-silġ għebet minn fuq l-Iskandinavja u l-art għoliet ftit biex tpatti għat-telfien tal-piż. (Ara The New Oxford Illustrated Dictionary, "*Isostasy*" p. 887).

### *8. Il-Proċess ta' l-Erożjoni.*

Huwa interessanti li l-osservazzjonijiet tal-proċess ta' l-erożjoni magħmula minn Ġob huma l-istess bħal dawk magħmula mill-ġeografiċi llum! Naqraw f'Ġob 14:18,19,

> "*Il-muntanja tabilħaqq taqa', u tiġi fix-xejn, u l-blat jinqala' minn postu. L-ilma jaħfi l-*

*ġebel: bil-gliegel tiegħu int tiknes dak li jikber mit-trab ta' l-art.*"

Għalkemm aktar lingwa teknika hija wżata l-istess prinċipji bażiċi ta' l-erożjoni huma mgħallma fl-universitajiet illum.

***9. Iċ-Ċiklu Idroloġiku.***

Iċ-ċiklu idroloġiku jinvolvi ċ-ċirkolazzjoni ta' l-ilma mill-oċeàni għall-ekosfera (iż-żona tal-ħajja tad-dinja) u għall-art u hekk lura għall-oċeàni. Naqraw hekk fil-Bibbja dwar dan:

> "*Ix-xmajjar kollha jiġru lejn il-baħar; iżda l-baħar ma jfur qatt; lejn l-imkien mnejn jiġru x-xmajjar, hemm jerġgħu jiġru*" (Ekkleżjażti 1:7).

Minkejja tibdil kustanti fl-istat ta' l-ilma, minn silġ għall-ilma, għall-fwar, eċċ., l-ammont ta' l-ilma fl-ekosfera jibqa' l-istess, stmat madwar 1,400,000,000 km kubu. Isaija jgħid, jitkellem dwar Alla, illi Hu kien:

> "*…kejjel l-ilmijiet f'keff idu*" (Isaija 40:12).

Ġob jagħti idea bħal din:

> "*Alla wiżen l-ilma bil-qies*" (Ġob 28:25).

Aktar dettalji huma mogħtija lil dan 'l hekk imsejjaħ "ċiklu idroloġiku" fid-Dizzjunarju Ġeografiku dwar l-evaporazzjoni, kif issir. Ġob jgħidilna hekk,

> "*Għax hu jiġbed il-qtar ta' l-ilma, u jdewweb il-fwar tiegħu f'xita: li s-sħab isawwab, u jraxxax fuq in-nies bil-kotra.*" (Ġob 36:27, 28).

***10. L-Arja u c-Cirkolazzjoni.***

L-arja wkoll hija suġġetta għaċ-ċirkolazzjoni. Il-movimenti tagħha huma ħafna u huma kkumplikati permezz ta' massa u frizzjoni ta' l-art. Bażikament il-movimenti prinċipali tagħha huma bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar. Arja sħuna titla' fl-

ekwatur, arja kiesħa timxi lejn in-nofsinhar biex tieħu postha. Il-Bibbja tgħid:

> "*Ir-riħ jonfoħ lejn in-nofsinhar, imbagħad idur lejn it-tramuntana; idur, idur, biex jerġa' jibda l-istess dawrien tiegħu*" (Ekkleżjażti 1:6).

Żomm f'moħħok illi movimenti ċirkulari ta' l-irjieħ huma ta' qies tremend u li, f'dak iż-żmien ta' din il-kitba, ma kien hemm l-ebda mod għall-bniedem biex josserva l-irjieħ fuq skala hekk kbira.

### *11. Piż Differenti ta' l-Arja.*

Ħafna nies ma jafux dwar l-importanza ta' piż differenti ta' arja. Arja sħuna hija eħfef minn arja kiesħa u arja sħuna umda hija l-eħfef fost kollha. Jekk l-arja tibqa' l-istess piż kemm jekk kiesħa jew sħuna, iċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja fuq il-pjaneta tagħna tkun impossibbli. Madankollu, Ġob isemmiha u saħansitra jagħti l-oriġini tagħha:

> "*Meta Alla ta' lir-riħ it-toqol tiegħu…*" (Ġob 28:25).

Il-piż varjat ta' massa ta' arja u t-taqtigħa tagħhom sabiex jieħdu stabbiltà hija spiss il-kawża ta' formazzjoni ta' sħab. Il-Bibbja tiddeskrivi l-movimenti tas-sħab hekk:

> "*Taf inti kif jitwieżen is-sħab*?" (Ġob 37:16)

> "*Jista' wkoll xi ħadd jifhem il-firxa tas-sħab, u ċ-ċaqċieq ta' l-għamara tiegħu?*" (Ġob 36: 29).

Il-formazzjoni ta' sħab stratus tinvolvi t-tifrix ta' massa ta' arja orizzontali. Illum, wara mijiet ta' snin minn mindu Ġob kiteb dan il-kliem, dan hu aċċettat xjentifikament. Min ispira lil Ġob biex jikteb dan kollu?

### *12. L-Importanza tar-Riħ fit-Tifrix tas-Sħab.*

Il-Bibbja wkoll tagħmilna konxji dwar l-importanza tar-riħ fit-tifrix tas-sħab. Naqraw f'Ġob 37:21,

> "*U issa n-nies ma jistgħux iħarsu lejn id-dawl meta dan ikun jiddi fis-smewwiet; meta riħ għadda, u naddafhom.*"

Ġob għex fl-art ta' Għuż (Ġob 1:1). Din hi maħsuba minn skulari li tinsab ħdejn jew f'Edom fin-nofs mill-Mediterran u fin-Nofsinhar tal-Baħar il-Mejjet. Dan huwa impossibbli għal Ġob biex jiltaqa' ma' xi blokki ta' silġ, billi dawn idubu qabel ma jilħqu l-Mediterran. Lanqas ma dan huwa post biex issib silġ tal-baħar, madankollu, Ġob kiteb,

> "*Bin-nifs ta' Alla jsir il-silġ; u l-firxa ta' l-ilmijiet tagħqad*" (Ġob 37:10).

Aktar tard Alla staqsa lil Ġob:

> "*Mill-ġuf ta' min ħareġ is-silġ, u l-borra tas-sema min wellidha? L-ilma jibbies għall-ġebel, u wiċċ il-qiegħ jagħqad*" (Ġob 38:29, 30).

Xi wħud minn dawn il-ħwejjeġ li rajna huma ħwejjeġ li bniedem intelliġenti ħafna b'qawwiet għolja ta' osservazzjoni jista' jara u jikteb. Madankollu, xi fenomenu ma jistax jiġi osservat b'dan il-mod. Alla jgħid:

> "*Mill-ġuf ta' min ħareġ is-silġ, u l-borra tas-sema min wellidha?*" (Ġob 28:29).

L-ewwel lega ta' l-atmosfera hija t-troposfera. Huwa hawn li s-sħab jifforma. Hekk kif int tavviċina 'l fuq min din il-lega, it-temperatura taqa' sakemm l-umdità fis-sħab tiffriża u s-sħab ikollu kristalli tas-silġ. Min qal dan kollu lil Ġob? Certament li Ġob ma sabx din l-informazzjoni f'xi kotba xjentifiċi ta' l-iskola!

### *13. Mogħdijiet tal-Baħar.*

Ħaġa oħra hija s-sejba importanti li kien għamel il-fundatur tax-xjenza dwar l-oċeani, Matthew Fontaine Maury. Hu kien wieħed li jemmen għal kollox fil-Bibbja. It-tagħlim tiegħu kkawża li titwaqqaf l-Akkademja ta' Annapolis u l-memorja tiegħu hija onorata u rrispettata mad-dinja kollha. Fil-filliera tal-monumenti f'Richmond, Virginia, hemm statwa tax-xjenzat kbir bil-qiegħda bil-Bibbja f'id waħda u l-mapep tiegħu tal-baħar fl-oħra. Warajh hemm globu tad-dinja li hu għen biex ikun esplorat.

Qabel ma Matthew Fontaine Maury għex ma kienx hemm mogħdijiet li jbaħħru fihom u ebda mapep (charts) tal-baħar. Darba waħda, meta hu kien marid, ibnu qralu minn Salm 8. Hu qara li Alla poġġha taħt il-bniedem:

> "*...it-tjur ta' l-ajru, u l-ħut tal-baħar, u kulma jgħaddi minn mogħdijiet l-ibħra.*" (Salm 8:8).

"Erġa' aqra dak il-vers" qal lil ibnu. Wara li semgħu għat-tieni darba, dan ix-xjenzat kbir qal: "Jekk il-Kelma ta' Alla tgħid li hemm il-mogħdijiet fil-baħar, dawn għandhom ikunu hemm u jien irrid insibhom." Wara ftit tas-snin huwa niżżel il-mogħdijiet prinċipali tal-baħar u dawn huma wżati mill-vapuri sal-ġurnata tal-lum! Kif kien jaf David dwar dawn il-mogħdijiet?

### *14. L-"Ibħra" u l-"Post" Tagħhom.*

Mosè jgħidilna f'Ġenesi 1:10 li "l-ġemgħa ta' l-ilmijiet semma *Ibħra*". Kif Mosè kien jaf li hemm bosta ibħra? Hu ma kienx rahom! Imbagħad innota li Alla qal,

> "*Ħalli l-ilmijiet taħt is-sema jinġemgħu **f'naħa waħda**, u hekk kien.*" (Ġenesi 1:9).

Huwa letteralment tassew li l-oċeani huma mqabbda ma' xulxin u b'hekk għandhom sodda waħda. Fil-jiem ta' Mosè in-nies kienu jemmnu li kien hemm oċean wieħed biss imma Mosè kien jaf mhux biss dwar l-*ibħra* imma li huma għandhom *sodda waħda*! Għandu jkun li Qawwa Suprema ta' l-Univers ispirat lil Mosè u ggwidatu hekk kif hu kiteb!

***15. Il-Fotosintesi.***

Il-fotosintesi kien misjub fl-1920. Dan hu proċess li permezz tiegħu il-klorofil (il-materja ħadra fil-pjanti) fil-pjanti jibdel il-'carbon dioxide' għal 'carbohydrates' (taħlita organika ta' karbon, ossiġnu, u idroġenu) taħt l-influwenza tad-dawl. Naqraw f'Ġob 8:16,

> "*Iħaddar bħal xeblieka għal għajn ix-xemx,*
> *jifrex iż-żriġen tal-ġnien tiegħu.*"

Il-Fotosintesi huwa essenzjali għall-ħajja kollha fuq l-art mhux sempliċiment għall-pjanti biss. Il-proċess imħallat li jinvolvi l-kulur sensittiv tad-dawl, iżomm il-provista ta' l-ossiġnu atmosferiku li fuqu l-annimali u l-bnedmin jiddependu. Dan ukoll jipprovdi provista kontinwa ta' ikel, direttament għall-ħxejjex u indirettament għall-predatturi.

***16. Formazzjoni ta' Elettriċità Statika.***

Il-Griegi u r-Rumani bl-iżvilupp intellettwali kollu tagħhom ħasbu li maltempata bis-sajjetti u r-ragħad kienet tikkonsisti b'Jupiter b'idu mimlija sajjetti u jwaddabhom lejn id-dinja u n-nies tagħha. Madankollu, huma setgħu infurmaw lilhom infushom billi kienu jaqraw Ġeremija 10:13,

> "*Hu (Alla) jagħmel il-beraq għax-xita.*"

Benjamin Franklin, Thomas A. Edison u oħrajn kienu sabu li elettriċità statika tista' tkun iffurmata minn ilma ikkondensat, madankollu, Ġeremija kien jaf dwar dan eluf ta' snin qabel. Kif kien jafu dan?

***17. Proporzjonijiet Xjentifiċi Ta' l-Arka.***

F'Marzu, 1919, il-gvern ta' l-Istati Uniti vara l-ewwel vapur konkret tiegħu f'San Francisco. Il-qisien tiegħu kienu 90 metru, bi 15 il-metru, b'9 metri. Dan hu l-istess proporzjon bħall-arka li bena Noè. Ukoll bl-iżvilupp modern kollu tagħna fil-bini tal-vapuri xorta għadna nżommu għall-istess proporzjonijiet bejn wieħed u ieħor ta' dawk użati minn Noè meta bena

l-arka tiegħu. Min għallem lil Noè kif għandu jibni l-vapuri? Kif kien jaf x'proporzjonijiet għandu jagħmel l-arka?

L-arka kienet mibnija mill-injam imejjaħ għawwied taċ-ċipress. Li kieku Noè uża xi xorta ta' injam ieħor, il-materjal kien jispiċċa qabel ma Noè kien ilesti l-arka, imma Alla, li għamel il-liġijiet tan-natura, kien ukoll l-Arkitett tad-dgħajsa li bena Noè!

### *18. Id-Dawl Hu Vokali.*

Il-kittieba tal-Bibbja kienu jafu li d-dawl hu vokali. Aħna naqraw dwar "*...it-triq* fejn igħammar id-dawl" (Ġob 38:19). Ġob ma jitkellimx dwar *il-post* fejn igħammar id-dawl *imma t-triq*. Id-dawl ma jgħammarx f'post imma dovut għal vibrazz-jonijiet rapidi ta' mewġ fl-eteru li jivvjaġġa bir-rata ta' 297,600 kilometru kull sekonda.

Kull fejn hemm id-dawl hemm il-ħoss ukoll jekk widnejna ma jkunux intonati biex jisimugħ. Aħna naqraw li "l-kwiekeb tas-sebħ *jgħannu* flimkien." Id-dawl għandu valur tonali defi-nit. Dawl, kulur, u ħoss huma fundamentalment l-istess. Mewġ jiġri matul l-ispazju; xi wħud jilħqu l-għajnejn bħala dawl, xi wħud bħala kulur, u xi wħud jilħqu l-widnejn bħala ħoss. Hemm raġġi ta' kulur (mill-*infra-red* l-isfel) tant bil-mod u tant twal li għajnejna ma jistgħux jarawhom. Hemm raġġi tal-kulur (mill-*ultra-violet* 'il fuq) tant qosra u tant ħfief li aħna ma nistgħux narawhom. Kull dawl u kulur l-istess għandu l-valur tiegħu tal-ħoss u jekk widnejna kienu intonati biex jisimgħu aħna wkoll inkunu nistgħu nisimgħu "il-kwiekeb ta' fil-għodu jgħannu flimkien." Kulħadd hu familjari bil-'film' li jitkellem. Barra mill-'film' hemm il-linja tal-ħoss (sound track). Dawl hu mgħoddi matul din il-linja tal-ħoss u mbagħad mibdul f'ħoss. Permezz tal-*valur tiegħu tad-dawl* aħna nisimgħu l-mużika u d-diskors ta' dawk f'postijiet fil-bogħod! Ġob ma fehemx dawn il-ħwejjeġ, madankollu, kitibhom. Il-Kristjani, għalhekk, jik-konkludu li Alla mexxa lil Ġob hekk kif hu kiteb.

### *19. Ġeografija tal-Bibbja.*

Il-Ġeografija hija komparattivament xjenza moderna. Mhux ħafna snin, ilu il-mapep ta' ħafna mid-dinja kienu l-biċċa l-kbira tagħhom vojta u l-iżbalji fil-kotba tal-ġeografija kellhom jiġu rranġati f'kull ġenerazzjoni. Il-Bibbja kienet miktuba qabel max-xjenza moderna tal-ġeografija qatt xi ħadd kien sema' dwarha, madankollu, fiha riferenzi ġeografiċi u hija korretta f'kull waqt. Ħadd m'għandu għalfejn jirrivediha u jagħmilha aġġornata. Il-Bibbja kienet ħielsa minn kull żball mill-bidu tagħha għaliex l-Arkitett ta' l-univers huwa l-Awtur tagħha. Meta l-Bibbja tgħid, "Kienu mexjin fit-triq, *telgħin* lejn Ġerusalem" (Mark 10:33) dan hu letteralment għat-telgħa. Meta naqraw "kien *nieżel* Ġeriko." (Luqa 10:30) aħna nistgħu nkunu nafu li dan kien għan-niżla. L-ibliet, villaġġi, pjanuri, deżerti, għoljiet u muntanji msemmija fil-Bibbja nstabu li kienu eżattament fejn il-Bibbja tallokahom! Kieku l-Bibbja kienet produzzjoni tal-bniedem din kienet tkun mimlija żbalji ġeografiċi! Billi ma hemm ebda żbalji bħal dawn aħna nikkonkludu li l-Bibbja hija prodott ta' Alla u mhux tal-bniedem!

### *20. In-Numru tal-Kwiekeb.*

L-antiki kienu jemmnu li kien hemm biss ftit kwiekeb fis-smewwiet. Fis-sena 150 Q.K. Hipparchus qal li kien hemm inqas minn tlitt elf. Din kienet ikkunsidrata bħala stima għolja. Wara ż-żminijiet tan-nofs u l-invenzjoni tat-teleskopju, il-bniedem skopra li l-kwiekeb ma jingħaddux. Madankollu, il-ħin kollu Ġenesi 13:16, Ġenesi 15:5, u Ġeremija 33:22 u versi oħra fil-Bibbja, iddikjaraw li l-kwiekeb tas-sema huma bħar-ramel tal-bajjiet "bla għadd." Kif dawn il-kittieba antiki kienu jafu li l-kwiekeb huma bla għadd? Jista' jkun hemm biss tweġiba waħda: Alla qalilhom x'għandhom jiktbu!

### *21. Il-Qamar Xhud.*

Salm 89:37 jiddikjara li l-qamar hu *xhud fidil* fis-sema. Issa, x'jagħmel xhud? Hu jara u jixhed lil oħrajn dwar dak li huma ma jistgħux jaraw. Il-qamar jagħmel eżattament dan! Meta x-xemx ma tibqax tidher fl-orizzont u ma nkunux nistgħu

narawha tiddi fuq in-naħa l-oħra tad-dinja, il-qamar, għoli 'l fuq fis-sema, jara u jirrifeltti d-dawl lura għalina. Tassew xhud! Imma l-fatt li l-qamar jibgħat biss dawl irriflettut ma kienx magħruf għall-bniedem fiż-żmien ta' David; madankollu David kitbu dan. Ħadd ma jippreżumi biex jissuġġerixxi li David sabu dan. għandu jkun li Alla qal lil David x'għandu jikteb.

### *22. Iż-Żerriegħa tal-Mara.*

F'Ġenesi tlieta u f'postijiet oħra fil-Bibbja għandna riferenza li tolqotna għaż-*żerriegħa tal-mara*. Dan hu tabilħaqq waqt ta' l-għaġeb ta' għarfien minn qabel xjentifiku għax R.C. Punnett jgħidilna: "Ftit jekk hemm xi ħadd mill-aktar popli primittivi jidhru li ppruvaw biex ifissru l-parti milgħuba mill-ġenituri fil-formazzjoni tan-nisel....Il-produzzjoni tan-nisel mill-irġiel f'dak iż-żmien (iż-żmien ta' Aristotle) miżmuma li hi l-istess għall-produzzjoni ta' xitla minn żerriegħa. Iż-żerriegħa ġiet mir-raġel, il-mara pprovdiet il-ħamrija. Din baqgħet il-veduta li kienet ġeneralment aċċettata għal ħafna sekli....Wara aktar minn mitt sena ta' konflitt li spiċċa sat-tmiem tas-seklu tmintax, nies xjentifiċi aċċettaw illi kull wieħed mis-sessi jgħamel kontribuzzjoni definità materjali għan-nisel ipproduċut mill-isforzi flimkien tagħhom" (*Mendelism*, 4th edition, pp. 1-2). Għalhekk, sa l-aħħar tas-seklu tmintax ix-xjenza u l-filosofija kollha umana opponew l-idea "taż-*żerriegħa* tal-mara". Imma meta l-fatti kienu fl-aħħar magħrufa, kif dejjem ikun il-każ, il-Kelma ta' Alla ittrijonfat fuq it-teoriji tal-bniedem!

### *23. Il-Valur tat-Trab.*

F'Isaija 40:12 naqraw li Alla "ġabar *it-trab* ta' l-art ġo kejla." In-nies kollha stmerrew it-trab, madankollu hawn it-trab hu msemmi flimkien ma' ħwejjeġ għall-ġid tagħna. Dr. Wallace fil-ktieb tiegħu (op. cit.) juża seba' paġni biex jgħid dwar il-valur tat-trab (paġni 105-211). Hu jirriferi fil-bidu għat-trab fin fl-atmosfera ta' fuq. Evidentament dan hu dak li l-Bibbja ssejjaħ "l-għola parti tat-trab tad-dinja" (Proverbji 8:26) Dr. Wallace juri li jekk dan it-trab ma kienx jeżisti ikollna inqas

xita, ħafna nida mhux tas-soltu u prevalenza akbar ta' ċpar. Hu jgħid li l-veġitazzjoni tkun imnaqqsa bil-kbir, is-sema blu tagħna tispiċċa u ma jkunx hemm aktar inżul u tlugħ tax-xemx sbieħ kif nafuhom aħna. Kwiekeb jibdew jidhru f'nofsinhar kif jidhru matul il-lejl minħabba n-nuqqas ta' l-elementi tad-dawl li jirriflettu fl-arja. Ix-xemx, ma tibqax tirrifletti fid-djar u d-dawl tagħha ma jkunx jidher imkien ħlief fejn ir-raġġi tagħha jaqgħu direttament fuq l-art. Dr. Wallace jissuġġerixxi li huwa diffiċli li tagħti raġuni għal dan "it-trab ta' fuq" imma li forsi dan jiġi mid-deżerti u l-vulkani tad-dinja. (Issa għandu jkun hemm xi uċuħ ħomor fost dawk li kkritikaw lil Alla talli għamel id-deżerti u l-vulkani fuq l-art!) Din l-awtorità uriet li mingħajr dan it-trab fin ta' l-atmosfera ta' fuq, id-dinja ma tkunx tajba biex il-bniedem jgħammar fiha. Jiena sempliċiment inqajjem din il-mistoqsija: Għaliex il-kittieba tal-Bibbja rriferew għat-*trab* bħala li hu ta' benefiċċju kbir u mbagħad għaliex Salamun sepċjalment wera li *huwa t-trab ta' l-għoli*?

### *24. Mistoqsijiet Magħmula lil Ġob.*

Wara li t-tibdil regolari ta' ġrajjiet u l-esperjenzi tal-ħajja kienu merfgħuha b'toqol kbir fuq spallejh u hu argumenta ma' l-irġiel fuq ħafna mistoqsijiet, il-patrijarka antik qal,

> "*O li kont naf fejn insibu! Kont immur imqar sa fejn it-tron tiegħu! Kont inressaq il-kawża tiegħi quddiemu, u nimla fommi bl-argumenti. Kont inkun naf x'ser iweġibni, u nifhem dak li għandu jgħidli.*" (Ġob 23:3-5)

Fi kliem ieħor, Ġob ried li jargumenta ma' Alla. Ħafna nies li jaħsbu li huma għorrief ħafna llum ikunu apparentament jixtiequ li jargumetaw il-każ tagħhom ma' Alla. Imma l-ewwel ħalli huma jħarsu lejn ir-riżultat ta' l-osservazzjoni ta' Ġob. Alla staqsa lil Ġob erbgħin mistoqsija u Ġob ma kienx jista' jwieġeb waħda biss! *Għaddew sekli sħaħ* minn dak iż-żmien sal-lum u l-għerf kollu mpoġġi flimkien tad-dinja tal-lum jista' jwieġeb biss tlieta jew erba' minnhom! Xjenzati llum jafu ħafna minn dak li Ġob qatt ma ħolom dwaru imma hemm

erbgħin antiċipazzjoni ta' xjenza fiżika f'Ġob li 38 minnhom huma mistoqsijiet meraviljużi ukoll għal-lum!

Xi wħud minn dawn huma: Alla qal,

> "*Ġob, ħażżem ġenbejk, bħala raġel; ħa nsaqsik, u int weġibni.*" (38:3).

Alla mbagħad jibda l-qwestjonarju:

> "*Fejn kont int meta jiena sejjist l-art?*"

Ġob ma kienx jista' jwieġeb. Aħna llum lanqas ma nafu t-tweġiba! Aħna niftakru meta konna tfal żgħar. Il-ġenituri u l-ħbieb jiftakru meta aħna twelidna. Kotba ta' l-iskola jgħidulna xi ħaġa dwar it-tarbija fil-ġuf. Lura aktar minn dan ma nistgħux immorru. Aħna nafu biss li l-ħajja ġiet minn Alla. Aħna ma nistgħux inwieġbu l-mistoqsija!

Imbagħad Alla staqsa lil Ġob,

> "*Min għamel il-qisjien tagħha?*" (vers 5).

Xjenzati riċentamet urew illi jekk il-qies tad-dinja jkun imnaqqas din iżżomm inqas sħana u ssir post kiesaħ ħafna u xagħri adattat biss għall-forom baxxi ħafna ta' ħajja; jew jekk il-qies tagħha kellu jiżdied din issir ġungla tropikali sħuna ħafna li ma tkunx tajba għall-bniedem biex jgħix fuqa (Dr. A.B. Wallace, *Man's Place in the Universe*, pp. 201-202). Ġob issa jista' jwieġeb il-mistoqsija dwar il-qies tad-dinja. Fil-fatt ħadd fiż-żmien ta' Ġob ma kien jaf li l-qies tad-dinja kellu xi ħaġa x'jaqsam mat-temperatura u l-atmosfera tagħha.

Ġob imbagħad kien mistoqsi dwar x'kien li qiegħed iżomm il-baħar f'postu (vers 8). Ġob ma kienx jaf . Il-bnedmin illum għandhom ħafna teoriji iżda għadhom ma *jafux* għaliex l-ilmijiet kollha jiġru fil-baħar u dan ma jfurx, għaliex il-baħar hu aktar għoli fin-nofs milli fit-truf u madankollu jibqa' fejn hu!

F'vers sbatax Alla staqsa lil Ġob jekk il-bwieb tal-mewt infetħux għalih. Ġob baqa' sieket. Millenji għaddew u aħna għadna siekta! Ħadd minna ma jista' jidħol 'il ġewwa mill-velu tal-mewt. Ix-xjenzat jistqarr in-nuqqas ta' abbiltà tiegħu biex

jgħid x'jiġri 'il hemm mill-mewt u l-għerf benevolenti biss tal-Missier tas-Smewwiet jagħtina xi idea tal-ħajja "'il hemm mill-wied tad-dell tal-mewt".

Alla jistaqsi lil Ġob,

> "*Dħalt int, ewwilla, f'ħażnet il-borra?*" (vers 22).

Ġob ma kienx jaf li kien hemm xi "ħażniet" (jew teżori) fil-borra. Imma Dr. Frank T. Shutt tad-Dipartiment Kanadiż ta' l-Agrikultura riċentament wera li l-azzjoni tal-borra u s-silġ tit-biegħed miċ-ċentru matul l-arja tiġbor nitrat, teħles l-ammonja u ammonja albumina (*albuminoid ammonia*). Dawn huma lkoll fertilizzanti prezzjużi. Hu jispjega li l-borra u s-silġ medji ta' xitwa jiswew madwar ħmistax-il dollaru kull tliet tomniet raba'.

F'Ġob 38:34 Alla jistaqsi lil Ġob jekk hu jistax jgħolli leħnu sas-sħab biex isejjaħ lix-xita? Ġob ma kienx jista' jagħ-mlu dan.

Imbagħad Alla jistaqsi,

> "*Tista' int tibgħat il-beraq, u jitilqu, u jgħidu-lek: Hawn aħna?*" (vers 35).

Ġob ma kienx jista' jagħmel dan imma llum aħna nistgħu nagħmluh hekk kif nitkellmu fuq it-telefon u r-radju u nibgħatu l-messaġġi tagħna bit-telegraf. Tassew il-beraq imur u jitkellem għalina!

Dawn il-mistoqsijiet huma magħżula bl-addoċċ minn Ġob kapitlu 38. Dak il-kapitlu fih erbgħin eżempju ta' għarfien xjentifiku minn qabel. Inħeġġeġ lil kull min jaqra dan l-istudju biex jaqra l-aħħar ħames kapitli tal-Kiteb ta' Ġob u jara kemm jista' jwieġeb mill-mistoqsijiet li jinsabu fihom!

M'għandniex aħna ngħidu li dawn huma raġunijiet ċari biżżejjed biex nemmnu li l-Bibbja hija tabilħaqq il-Kelma ta' Alla?

# JIENA
# NEMMEN
# LI MOSÈ KITEB
# ĠENESI

## JIENA NEMMEN LI MOSÈ KITEB ĠENESI

"Żgur li inti ma temminx li Mosè kiteb Ġenesi. Għaliex, dan hu bħallikieku qiegħed tgħid li x-xemx iddur madwar id-dinja, jew li vapuri li jbaħħru l-bogħod fl-oċeàni jaqgħu mill-wiċċ tad-dinja. Ħadd illum m'għadu jemmen dan aktar!"

Din hija l-attitudni ta' ħafna nies illum. Għalkemm xi "skulari" moderni mhumiex ċerti dwar l-identità ta' l-awtur ta' Ġenesi, huma jaraw li Mosè kien l-awtur ta' Ġenesi bħala superstizzjoni kbira. Qegħdin żbaljati dawn fil-fehma tagħhom jew le? It-tweġiba hija "assolutament iva, huma qegħdin żbaljati għal kollox!" Fil-fatt, l-informazzjoni essenzjali hija disponibbli biex wieħed jikkonkludi li Alla uża lil Mosè biex jikteb Ġenesi.

Meta aħna niddiskutu dwar l-awtur ta' xi ktieb Bibliku, hemm żewġ elementi li għandhom ikunu kkunsidrati, jiġifieri, id-divin u l-uman. Għandu Ġenesi oriġini divin—jew oriġini għal kollox uman? L-appostlu Pawlu ikkonferma,

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb, u jrawwem fis-sewwa*" (2 Timotju 3:16).

Li t-Testment il-Qadim, **inkluż Ġenesi**, kien f'moħħ l-appostlu huwa ċar mill-kontenut, speċjalment billi t-Testment il-Ġdid ma kienx għadu irrivelat għal kollox. L-appostlu Pietru għamilha ċara li l-kittieba tat-Testment il-Qadim:

> "*Kitbu għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu*" (2 Pietru 1:21).

Fl-aħħarnett, u din hija forsi l-aqwa konsiderazzjoni, Ġesù nnifsu ikkwota kunfidenzjalment minn Ġenesi fejn f'Mattew 19:4 naqraw:

> "*Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara, u qal, 'Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ħaġa waħda?*"

Hawn Ġesù ikkwota minn Ġenesi 1:27; 5:2; 2:24. Il-Ħallieq (Kolossin 1:16) b'dan poġġha stampa li ma tistax tinbidel ta' approvazzjoni fuq ir-rakkont tal-ħolqien. Jekk xi ħadd huwa ikkwalifikat biex ipoġġi lil l-umanità sewwasew fuq l-oriġini ta' Ġenesi, dan Hu l-Mulej **waħdu**.

Li taċċetta l-oriġini divin ta' Ġenesi jwassal biex wieħed ifittex dwar l-awtur tiegħu. Ix-xhieda aċċessibbli kollha turi għall-konklużjoni li Mosè huwa l-uniku kandidat aċċettabbli!

L-ewwel ħames kotba tat-Testment il-Qadim, jiġifieri, Ġenesi, Eżodu, Levitku, Numri, u Dewteronomju, huma msejħa Pentatewku li jgħamlu għaqda sħiħa. Qari fuq fuq iżda bl-attenzjoni tal-partijiet individwali tagħhom jikkonferma li kull ktieb jispjega lil dak li jiġi qablu. Mingħajr Ġenesi, Eżodu jinqara bħallikieku kien ktieb nofs triq; mingħajr Eżodu, Levitku huwa misteru; u l-kumplament. Jidher li x'aktarx dawn mhumiex ħames volumi separati f'kategorija komuni, imma pjuttost, huma ħames diviżjonijiet ta' l-istess ktieb. Huma lkoll igawdu l-istess tradizzjoni venerabbli li huma għaqda waħda miktuba minn Mosè. Għalhekk, biex turi lil Mosè bħala li hu l-awtur ta' xi wieħed minnhom huwa li tistabbilixxi lil Mosè li hu l-awtur ta' kull wieħed minnhom, il-ħamsa li huma.

It-tieni, huwa 'l fuq minn kull dubju raġjunèvoli li Mosè kellu l-kwalifiki meħtieġa biex jikteb ktieb bħal dan. B'riżultat ta' l-adottar tiegħu fil-familja rjali ta' l-Eġittu, hu kien raġel edukat ħafna. F'Atti 7:22 naqraw dwaru,

> "*U Mosè trawwem fil-għerf kollu ta' l-Eġizzjani u sar qawwi fi kliemu u għemilu.*"

Li hu kien mgħallem fir-reliġjon u fl-istorja tal-Lhud jista' jit-tieħed minn żewġ fatturi: (1) Ommu stess serviet bħala n-ners għat-trobbija tiegħu, u (2) hu emmen li kien qiegħed jimxi skond ir-rieda ta' Alla fil-ħin ta' l-ewwel tluq tiegħu mill-Eġittu. F'Atti 7:23-25 naqraw,

> "*Imbagħad, meta kellu erbgħin sena, ġieh il-ħsieb li jżur lil ħutu, ulied Israel. Hemm ra raġel Eġizzjan jaħqar lil wieħed minnhom u*

*qabeż għalih billi tħallas minn dak li kien qiegħed jaħqru billi qatlu. Mosè ħaseb li ħutu fehmu li Alla kien se jeħlishom permezz tiegħu, iżda huma ma kienu fehmu xejn.*"

Mosè kien kapaċi jikteb għaliex f'Eżodu 34:27 naqraw,

> "*U l-Mulej qal lil Mosè: Ikteb dawn il-kelmiet: għax fuq dawn il-kelmiet, jien għamilt għaqda miegħek u ma' Israel.*"

Barra minn hekk, huwa kellu żmien biżżejjed biex iwettaq ix-xogħol waqt li kien qiegħed imexxi lil-Lhud għal erbgħin sena fid-deżert.

It-tielet, nies ispirati tat-Testment il-Qadim taw il-kredtu lil Mosè dwar li kiteb il-Pentatewku. Stqarrija ċara ta' din il-konvinzjoni miżmuma minn ħafna hija espressa fit-2 Korintin 34:14,

> "*Ħilkaj il-qassis sab ktieb tal-liġi ta' Alla mogħti minn Mosè*" (Esdra 6:18; Neħemija 13:1).

Innota wkoll li fil-ktieb ta' Ġożwè "il-liġi" hija sinonima ma' "il-liġi ta' Mosè." Naqraw f'Ġożwè 8:31-32,34:

> "*Bħalma Mosè, il-qaddej tal-Mulej, kien ordna lil ulied Iżrael, kif inhu miktub fi ktieb il-liġi ta' Mosè…U kiteb hemm fuq il-ġebel kopja tal-liġi ta' Mosè, li kien kiteb quddiem ulied iżrael…Imbgħad Ġożwè qara l-kliem kollu tal-liġi, il-barka u s-saħta, dak kollu li hu miktub fi ktieb il-liġi.*"

Permezz tal-profeta Malakija, Alla rrifera għal-liġi bħala "*il-liġi ta' Mosè l-qaddej tiegħi*" (Malakija 4:4). It-Testment il-Qadim hu mimli b'riferenzi ta' din in-natura.

Ir-raba', il-kittieba tat-Testment il-Ġdid ma wrew l-ebda dubju f'li jaffermaw li Mosè kiteb il-Pentatewku. B'riferenza għall-prattika Lhudija tal-qari publiku tal-Pentatewku, Ġakbu afferma l-awtorità ta' Mosè. Naqraw f'Atti 15:21,

> "*Għaliex sa mill-ewwel żminijiet kien hemm f'kull belt min ixandar il-Liġi ta' Mosè u jaqraha fis-sinagogi kull nhar ta' Sibt.*"

Ma' dan, l-appostlu Pawlu wkoll saħħaħ dan fejn naqraw fit-Tieni Korintin 3:15,

> "*Sal-lum stess, kull meta jaqraw il-Liġi ta' Mosè hemm velu fuq qalbhom.*"

Luqa rrakkonta lil Ġesù rxuxtat,

> "*U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-iskrittura fuqu*" (Luqa 24:27).

Issa, jekk Ġesù iddiskuta l-profeziji **kollha** dwar il-Messija ma' l-appostli Tiegħu (Luqa qal li Ġesù hekk għamel), u Ġenesi fih xi wħud minn dawn il-profeziji, (fih ħafna minnhom), allura skond ir-raġuni, il-frażi "*jibda minn Mosè*" hija affermazzjoni ispirata li Mosè **kien** l-awtur ta' Ġenesi!

Il-ħames, il-veduta ta' Ġesù dwar l-awtur tal-Pentatewku kienet magħmula ċara meta qal:

> "*Għal dak imbagħad li hu qawmien mill-imwiet, fil-ktieb ta' Mosè, fejn jissemma l-għolliq, ma qrajtux kif Alla qallu: Jien Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb?*" (Mark 12:26).

L-Iben ta' Alla, Ħallieq ta' l-univers, u s-Salvatur ta' l-umanità, ta lil Mosè l-awtorità tal-kitba tal-Pentatewku. Il-bniedem min hu biex ma jaqbilx ma' **din** ix-xhieda?

Minħabba l-influwenza tal-liberalmiżmu, ħafna nies iħossu li dan huwa suġġett ta' ftit importanza. Iżda, kull suġġett li dwaru l-Bibbja tipprovdi dan l-ammont ta' informazzjoni ċertament li mhuwiex ta' ftit importanza. Ladarba Alla ħa ħin biex jinkludi l-bċejjeċ kollha għal din it-taħbila fil-Kelma Tiegħu, żgur li l-bniedem jieħu l-ħin biex jaqqgħaddhom. Kif ikunu magħqudin, ikun jidher ċar li huwa jgħid bil-kuraġġ kollu: "**Iva, jiena nemmen li Mosè kiteb Ġenesi!**"

# STUDJU
# TAX-XHIEDA
# STORIKA
# TA'
# ĠENESI

# STUDJU TAX-XHIEDA STORIKA TA' ĠENESI

***Ir-Realtà Storika tar-rakkont tal-Fidwa Ta' Ġenesi.***

Il-pjan imfassal minn Alla għall-Iskrittura tat-Testment il-Qadim jinkludi li Hu jirrivela għalina l-intervent storiku Tiegħu fix-xogħol tal-bniedem u tal-ġnus għall-fidwa ta' l-umanità irvinata. Jidher pjuttost ċar li ħafna Kristjani m'għandhom l-ebda ħsieb sinjifikanti ta' dan il-pjan Biblikament imfassal. Għal din ir-raġuni, il-konnessjoni importanti bejn il-fidwa storika kif miksuba permezz ta' Kristu u r-rakkont Bibliku ta' dik il-fidwa kif maħduma minn Alla mis-sebħ ta' l-istorja tal-ħolqien u l-bniedem mhijiex maqbuda biżżejjed biex tipprotieġi emmiena li ma jissuspettawx mill-irwiefen qarrieqa tal-liberaliżmu. Huwa f'dawn l-oqsma li l-liberaliżmu jonfoħ maltempati kbar ta' duttrina falza kontra t-Testment il-Qadim bħala li huwa rakkont ta' **fatti storiċi** ta' min joqgħod fuqu.

It-tema tal-Bibbja mill-bidu sat-tmiem hija l-fidwa. Fidwa storika (attwali) għandha tkun ix-xogħol ta' Alla fl-istorja tal-bniedem. Jew il-bniedem tabilħaqq waqa' permezz tad-dnub jew ma jistax ikun hemm fidwa tabilħaqq. Jekk il-kurċifissjoni kienet tabilħaqq l-att ta' fidwa ta' Alla allura f'xi waqt fl-istorja, il-bniedem tabilħaqq waqa' permezz tad-dnub. Huma l-kapitli tal-bidu ta' Ġenesi li jirrakkontaw dik il-waqa'. Il-bqija tar-rakkont Bibliku minn dak il-punt huwa r-rivelazzjoni ta' Alla Nnifsu tat-twettiq ta' dik il-fidwa fl-istruttura ta' l-istorja tal-bniedem. Jekk din il-veduta storika-letterali ta' l-oriġini tagħna u l-waqa' u l-fidwa tkun imwarrba għall-veduta evoluzzjonarja ta' l-oriġini u żvilupp tal-bniedem, din tirrifletti konsegwentament fuq il-verità tal-Bibbja, fuq in-natura morali tal-bniedem (huwa tassew persuna moralment responsabbli?), u fl-aħħarnett fuq l-evalutazzjoni tiegħu tal-ħtieġa għall-Kristjaneżmu ta' fidwa.

Mill-bidu, il-Bibbja hija miktuba fil-kontenut u fid-dieher ta' storja raġunèvoli u sana. Ma hemm ebda l-inqas tagħrifa li dawn l-iskritturi fihom xi ħrafa. In-natura *storika u letterali* tar-Rakkont miktub hija faċilment iddeterminata fil-kuntrast għall-

parabboli, allegoriji u għas-simboliżu li huma normalment spjegati fil-kontenut. Aħna nafu, bħala illustrazzjoni, li Luqa 8:4-15 hija parabbola għaliex hekk jintqal fil-bidu. Aħna nafu wkoll li Galatin 4:21-31 hija allegorija għall-istess raġuni. Fejn il-Bibbja tgħallem permezz ta' allegorija jew parabbola jew simboliżmu din biċ-ċar tidher hekk jew immarkata jew inkella li wieħed jifhimha faċilment fil-kontenut. Li taqra l-parabboli, l-allegoriji, eċċ. tal-Bibbja, u mbagħad taqra Ġenesi huwa li tkun taf li Ġenesi għandu xebħ mhux ftit ma dawn, iżda li dan jidher li hu dak li jitlobna biex nemmnu li hu—**fatt storiku**. Madankollu, il-liberaliżmu ittimbra ħafna mill-Iskrittura Mqaddsa, speċjalment il-kapitli tal-bidu ta' Ġenesi, u sfortunatament ħafna mexxejja reliġjużi qegħdin jinqabdu f'din ix-xibka wkoll, bħala mitoloġiċi.

Il-mistoqsija hi, "*Huwa ta' importanza kif aħna nħarsu lejn Ġenesi sakemm aħna nemmnu f'Ġesù bħala Mulej u Salvatur?*" *X'differenza tista' tagħmel għas-salvazzjoni tagħna jekk aħna nħarsu lejn ir-rakkont tal-ħolqien bħala letterali jew mitoloġiku, jew jekk aħna nemmnux f'Noè u fid-dilluvju universali jew f'Ġona f'żaqq il-ħuta?*"

Iżda waqt li twemmin mistqarr f'Ġesù bħala Salvatur f'dan il-punt jista' jidher li jnaqqas l-importanza għal li twieġeb il-mistoqsija tagħna, din il-pożizzjoni (jekk sinċiera) li taċċetta lil Kristu kemm jekk aħna naċċettaw Ġenesi jew le tonqos biex tagħraf l-implikazzjonijiet kontra Ġesù u l-appostli Tiegħu li aċċettaw il-ktieb ta' Ġenesi bħala *storikament awtentiku*. Din ukoll tirrifletti fuq l-ispirazzjoni mingħajr l-ebda żball tal-kittieba tal-Bibbja kif ukoll dwar l-importanza tat-tema Biblika.

## I. IR-REALZZJONI TAL-FIDUĊJA STORIKA TA' ĠENESI GĦALL-FIDWA TAL-BNIEDEM.

Riġettar tar-rakkont Bibliku tal-waqa' tal-bniedem u ta' l-atti tal-fidwa ta' Alla bħala li huma storikament mhux li wieħed jimmaġinahom għandhom implikazzjonijiet serji u ħorox li huma relattivi għan-neċessità u l-fiduċja tal-Kristjaneżu ta' fidwa. Meta t-Testment il-Qadim ma jkunx meqjus bħala storja

li hi ta' min joqgħod fuqha, it-Testment il-Ġdid naturalment jaqa' taħt suspett. Għax jekk ir-rakkont ta' Ġenesi tal-waqa' tal-bniedem mhuwiex aċċettat bħala realtà x'jista' jagħmel il-fidwa permezz ta' Kristu bħala li hija neċessità? Jekk l-umanità ma waqgħetx tassew permezz tad-dnub minn xhix aħna neħtieġu li nkunu salvi jew mifdija?

It-Testment il-Qadim jippreżenta l-oriġini tal-bniedem, il-waqa' tiegħu, u n-nuqqas ta' abbiltà tiegħu biex jifdi lilu nnifsu u għalhekk jedukah għall-bżonn tassew tiegħu għas-salvazzjoni. It-Testment il-Ġdid jippreżenta lil Kristu bħala s-sodisfazzjon ta' dak il-bżonn. Għalhekk, iż-żewġ testmenti jiffurmaw għaqda ta' rakkont u skop. Ir-rakkonti tagħhom ta' l-umanità huma tant relatati flimkien li ma jistgħux ikunu mifruda u fl-istess ħin isostnu li l-fidwa tal-bniedem hija ħtieġa umana.

Il-veduta tal-Bibbja ta' l-istorja għalhekk, tidher biċ-ċar li hija reliġjuża. (Minn żewġ kelmiet Latini, *Re*, tfisser lura u *Lega*, tfisser li torbot, ir-reliġjon tidher li hija s-sistema ta' Alla li torbot lill-bniedem midneb lura Għalih innifsu.) It-Testment il-Qadim jippreżenta l-oriġini u l-waqa' tal-bniedem. Il-liġi ta' Mosè tirrivela n-nuqqas ta' abbiltà tal-bniedem biex jifdi lilu nnifsu permezz tal-metodu tat-tjubija tiegħu nnifsu. Sal-ħin li naslu għat-Testment il-Ġdid, aħna nkunu mgħallma li l-bniedem jinsab fi bżonn reali ta' feddej u għalhekk jippreżenta lil Kristu bħala l-Feddej.

Il-fidwa tal-bniedem hija l-qawwa ċentrali li madwarha l-kumplament tat-tema tal-Bibbja hija mgeżwra. Minn Ġenesi kapitlu wieħed il-Bibbja tippreżenta d-dħul ta' Alla fil-ħwejjeġ tal-bniedem għall-fidwa tiegħu. Dawk li jemmnu biss fir-rakkont tal-Bibbja ta' l-istorja mill-waqa' tal-bniedem fil-ġnien għal Kristu fil-Kalvarju jistgħu jaraw il-kwadru storiku kollu li fih il-fidwa tagħna hija maħduma minn Alla. Jekk, mela, Ġenesi mhuwiex **letteralment tassew** imbagħad Alla kif ippreżentat fil-Vanġeli mhuwiex meħtieġ!

### II. L-IMPORTANZA LI TIPPRISERVA U LI TISTA' TITTRAĊĊJA L-LINJA TAŻ-ŻERRIEGĦA TAL-MESSIJA MATUL L-ISTORJA

Jekk ir-rakkont ta' Ġenesi dwar l-oriġini tagħna u l-waqa' hu mħares b'mod mitoloġiku allura l-umanità ma tistax tkun imħarsa bħala li waqgħet u fi bżonn tas-salvazzjoni. Xi jkun imbagħad il-bżonn ta' Alla biex jippriserva l-linja taż-żerriegħa Messjanika minn Adam permezz tad-dixxendenti tiegħu, Noè, Abraham, David, eċċ., kif il-Bibbja tgħid li Hu għamel? Għal xhix din tkun ippriservata? Imma jekk is-salvazzjoni mid-dnub hija essenzjali għall-bniedem imbagħad f'xi punt fl-istorja tiegħu nnifsu l-bniedem kellu li attwalment dineb.Ġenesi jirreġistra dak id-dnub u mbagħad jagħtina rakkont veru tal-wegħda tal-fidwa ta' Alla permezz taż-żerriegħa tal-bniedem (Ġenesi 3:1-15). Jekk Ġenesi hu ħrafa, kif xi reliġjużi llum qed isostnu, allura din il-wegħda hi ħrafa wkoll, il-Mulej daħak bina! Il-bqija tat-Testment il-Qadim jirrivela l-priservazzjoni ta' dik il-linja taż-żerriegħa mit-tneħħija u d-direzzjoni tagħha għal Kristu.

Atti sopranaturali biex jippriservaw dik il-linja taż-żerriegħa ma jistgħux jittieħdu serjament **jekk** il-kawża għal dawk l-atti m'għandix tkun meqjusa bħala li hija reali mal-fatti. Meta l-waqa' tagħna permezz ta' Adam kif irrivelata f'Ġenesi tkun meqjusa bħala reali u tassew imbagħad il-linja taż-żerriegħa tal-Messija **kif imwiegħda** f'Ġenesi 3:15 tkun tista' naturalment u essenzjalment tiġi ttraċċjata minn Adam għal Kristu. Din hija fin-natura tas-suġġett.

F'dan il-kontenut dawk l-atti sopranaturali kollha ta' Alla biex jippriserva l-linja taż-żerriegħa jidhru li huma atti ta' fidwa umana. Atti bħal dawn, bħal priservazzjoni ta' Noè mid-dilluvju, il-priservazzjoni tal-linja taż-żerriegħa minn Abraham għal Kristu (irġiel neżlin direttament minn Abraham għal Kristu permezz ta' kull ġenerazzjoni ta' wara għal elfejn sena!), il-priservazzjoni tal-linja taż-żerriegħa fit-tribù ta' Ġuda meta Ġuda kien mhedded bil-qirda permezz tal-jasar ta' Babel, u t-twelid verġni, għandhom ikunu mħarsa bħala atti sopranaturali ta' fidwa li kienu meħtieġa għad-dħul bil-ġisem tal-Mulej fid-dinja skond il-wegħda Tiegħu.

Veduta *letterali biss* tad-dnub ta' Adam tista' tagħti tifsira storika u ta' fidwa għal l-ittraċċjar tal-linja taż-żerriegħa minn Set għal Noè (Ġenesi 4:25—5:32), u minn Noè u ibnu Sem, li għexu matul id-dilluvju, (Ġenesi 11:10-26) li lilu l-wegħda tal-fidwa kienet aktar tard magħmula. (Ġenesi 12:3; 22:18; Galatin 3:16).

Li tittraċċja ż-żerriegħa minn Abraham għal David għal Ġesù (Mattew 1) mhijiex aktar storikament li titwemmen (kif xi wħud jidhru li jaħsbu) milli li tittraċċja ż-żerriegħa minn Adam għal Noè għal Abraham. Dan huwa eżattament dak li Mosè għamel għalina fil-listi ġenealoġiċi ta' Ġenesi kapitli ħamsa u ħdax. U l-ġenealoġija ta' Luqa (3:23-28) hija essenz-jalment l-istess tifrex il-korsa kollha ta' l-istorja minn Ġesù lura għal Adam. Jekk ir-rakkont tad-dnub ta' Adam ma jkunx meqjus bħala li hu storiku imbagħad dawn il-ġenealoġiji, ta' Luqa inkluża, ma jistax li jkollhom xi tifsira prattika. U, f'liema punt għandu jkun deċiż li Luqa waqaf milli jniżżel persuni attwali storiċi fil-genealoġija tiegħu u beda biex jikteb f'persuni vvintati? U għal darb'oħra aħna nistaqsu, "X'ikun il-punt?"

X'inhu mbagħad l-iskop tal-kitba tal-ġenealoġija ta' Ġesù minn Adam u li jġagħalna biex nittraċċjaw il-linja taż-żerriegħa tal-Messija mid-dnub ta' Adam? F'dan il-punt jidher ċar li din l-informazzjoni tgħammarna bi prova dwar kemm wieħed jista' jorbot fuq Alla biex isalvana skond il-Kelma Tiegħu. Ġenesi 3:15 huwa prova tal-bżonn iddisprat ta' l-umanità għas-salvazz-joni ta' Alla. X'raġuni akbar jista' jkun hemm? Tnaqqis tal-kapitli tal-bidu ta' Ġenesi bħala storikament tassew eventwal-ment għandu jwassal għat-tnaqqis ta' Kristu sopranaturali u s-salvazzjoni li Hu b'mod sopranaturali kiseb għalina permezz tal-mewt u l-qawmien Tiegħu. Kull veduta ta' dawn il-kapitli f'Ġenesi li mhix *storja awtentika* neċessarjament tqis il-ġeneal-oġiji u l-ittraċċjar tal-linja taż-żerriegħa tal-Messija bħala mhux storika u mhux importanti. Dan hu dak li jkunu qed jagħmlu dawk li jgħidu li Ġenesi huwa sempliċiment storja! Dan jikka-wża nuqqas ta' fiduċja fil-Kelma ta' Alla u jikkawża n-nar tal-fidi li jieqaf milli jkompli jixhel!

## III. KULL VEDUTA TA' ĠENESI LI MHIX STORIKAMENT TASSEW TGĦAWWAR MINN TAĦT IL-FIDI F'ĠESÙ U FL-APPOSTLI TIEGĦU

Kull parti mill-Iskrittura li hija meqjusa bħala li hi mitoloġika huwa mod ieħor ta' nuqqas ta' għarfa ta' dak li l-Bibbja Mqaddsa tirreġistra f'dak il-punt bħala sempliċiment mhux tassew. Dan hu speċjalment distruttiv meta l-Bibbja titlobna biex nieħdu l-istqarrijiet tagħha bħala li huma ta' siwi u mbagħad tibbaża duttrini fuqhom u titlobna biex inżommu dawn id-duttrini għal kwalunkwe prezz, ukoll għall-punt li nagħtu l-unika ħajja li aħna qatt jista' jkollna fuq din l-art.

Xi mplikazzjonijiet morali pjuttost profondi, huma nvoluti fit-tagħlim ta' Kristu u l-appostli Tiegħu, li xi drabi bbażaw id-dutrini tagħhom fuq il-validità storika tal-ġrajjiet irrakkuntati f'Ġenesi. Ukoll, dawn id-duttrini, preċiżi għaliex huma bbażati b'mod sewwa u kif jixraq fuq l-informazzjoni fil-ktieb ta' Ġenesi, jinvolvu l-integrità ta' Ġesù u ta' l-appostli, u l-ispirazzjoni mingħajr l-ebda żball tat-Testment il-Ġdid.

### A. *Ġesù u Ġenesi*.

Ġesù ħaddan it-Testment il-Qadim bħala storikament ta' minn jorbot fuqu. Hu ħaddan il-verità bi stqarrija ġenerika mingħajr l-ebda eċċezzjonijiet. Naqraw f'Luqa 24:44-47,

> *"Imbagħad qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.' Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura. U qalilhom: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem."*

Fi Ġwanni 5:39, naqraw:

> “*Intom tistudjaw l-Iskrittura, għax tgħidu li fiha hemm il-ħajja ta’ dejjem; hemmhekk issibu x-xhieda fuqi.*”

Ukoll, fi Ġwanni 10:35 naqraw:

> “*Issa jekk il-liġi ssejjaħ allat lil dawk li waslitilhom il-kelma ta’ Alla—u l-Iskrittura ma tistax titħassar.*”

Hawn naraw li Ġesù qiegħed jgħid li kienet profezija tal-fidwa li Hu ġie biex iwettaq fuq is-salib. Hu emmen b’mod impliċitu fir-rakkont **letterali** tal-ħajja ta’ Elija u Eliżew li ħaddnu għemejjel sopranaturali (Luqa 4:25-27; 1 Slaten 17; 2 Slaten 5). Ġesù irrifera għal Ġona bħala *persuna storika* u l-esperjenza tiegħu f’żaqq il-ħuta hija *storikament tassew*. Naqraw f’Mattew 12:39-41,

> “*Iżda hu weġibhom: “Sinjal iridu nisel ħażin u infidil! Imma Ġona għamel tlitt ijiem u tlitt iljieli f’żaqq il-ħuta, hekk ukoll Bin il-bniedem għad jagħmel tlitt ijiem u tlitt iljieli fil-qalba ta’ l-art. F’jum il-ħaqq, in-nies ta’ Ninwè għad iqumu kontra dan in-nisel u jikkundannawh, għax huma nidmu wara l-predikazzjoni ta’ Ġona; u araw, hawnhekk hawn min hu aqwa minn Ġona!*” (ara wkoll Luqa 11:29-32).

Jekk dawn il-ġrajjiet fil-fatt *ma sarux* x’jiġri f’dan il-punt għall-integrità ta’ Ġesù? Tagħmel differenza kbira ħafna fil-fidi tagħna fi Kristu dwar jekk dawn l-istejjer tat-Testment il-Qadim huma letteralment tassew jew le. Jekk Ġesù ma kienx korrett fuq dawn il-punti jista’ Hu jkun afdat għal kollox fuq punti oħra? Il-mistoqsija reali hija, “Nistgħu aħna nafdaw lil Ġesù fil-punti kollha?

Ir-riferenzi Tiegħu għall-ktieb ta’ Ġenesi jinkludu r-rakkont ta’ Noè u d-dilluvju mad-dinja kollha. F’Mattew 24:37-39 naqraw:

> *"Bħal fi żmien Noè, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. Għax kif fiż-żmien ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, iżewġu u jiżżewġu, sa dak in-nhar li Noè daħal fl-arka, u b'xejn ma ntebħu sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem."*

F'din il-kwotazzjoni Ġesù jirriferi mingħajr l-ebda żball għal Noè bħala persuna storika, għall-arka bħala reali, u għad-dilluvju li laħaq tant partijiet fid-dinja li "*ġarr lil kulħadd*" (vers 39.)

Attentat makakk tal-liberaliżmu huwa li tissuġġerixxi li Ġesù sata' sewwa appella għall-mitoloġija sabiex jillustra d-duttrini Tiegħu. Iżda dan jassumi mingħajr ebda xhieda li r-rakkonti ta' Noè u Ġona, eċċ., huma ħrejjef, u jagħmlu dan f'kontradizzjoni diretta għall-istqarrijiet ċari tal-Bibbja li dawn l-irġiel kienu reali u li l-ġrajjiet li għalihom huma magħrufa ġraw tabilħaqq. Huwa impossibbli li tieħu l-idea mill-Bibbja, kemm mir-rakkont tat-Testment il-Qadim jew minn kwotazz-jonijiet tat-Testment il-Ġdid, li kemm il-persuni u kemm il-ġrajjiet kienu għal kollox mitoloġiċi.

Barra minn dan, l-avviċinament mitoloġiku jikkontradixxi l-bażi nfisha tal-loġika tal-Mulej li fuqha Hu spiss iddetermina ċerti materji essenzjali tal-ħajja u duttrina.

Illustrazzjoni ta' dan tinsab fil-Vanġelu ta' Mattew, kapitlu 19, versi 3 sa 9, fejn naqraw:

> *"U resqu fuqu xi Fariżej biex iġarrbuh, u qalulu: "Jista' wieħed jitlaq lil martu fuq xi ħaġa, tkun xi tkun?" Iżda hu qalilhom: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara, u qal, 'Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed'? Għal-hekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għan-dux jifirdu l-bniedem." Qalulu: "Mela allura*

*għaliex ordna Mosè li żewġha jagħtiha l-kitba tad-divorzju u jibgħatha?" Qalilhom: "Kien minħabba l-ebusija ta' raskom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu. U ngħidilkom, li min jibgħat lil martu ħlief minħabba ż-żina, u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju."*

Minn din ir-riferenza għal l-ewwel żewġ kapitli ta' Ġenesi Ġesù wieġeb żewġ mistoqsijiet dwar iż-żwieġ u d-divorzju, żwieġ mill-ġdid, u adulterju. Ġesù *jargumenta fuq il-bażi tal-veduta letterali Tiegħu tar-rakkont ta' Ġenesi li Alla għamel lir-raġel u lill-mara mill-bidu* u wkoll għaqqadhom fiż-żwieġ biex b'hekk huma ma baqgħux aktar tnejn iżda saru ġisem wieħed. Din l-għaqda ta' raġel u mara f'ġisem wieħed hija n-natura tar-relazzjoni taż-żwieġ kif Alla ħalqu, qal Ġesù, u *jappella għall-Ġenesi 2:24* għal l-awtorità Tiegħu:

> *"Minħabba f'hekk (minħabba din il-kawża), it-tnejn isiru ġisem wieħed."*

"Il-kawża" hija n-natura ta' l-għaqda taż-żwieġ *kif spjegata f'Ġenesi kapitlu tnejn*. Imbagħad minnufih wara l-appell Tiegħu għal Ġenesi għal l-oriġini u għan-natura taż-żwieġ Kristu jesprimi *l-qbil Tiegħu ma' Mosè* billi jiddikjara, *"Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed,"* u jikkonkludi fuq il-bażi Skritturali t-tweġiba Tiegħu lill-Fariżej b'dan il-kliem:

> *"Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem"* (Mark 19:6b).

Il-kelma "*mela*" toħroġ minn dak li Ġesù qal li kien in-natura tar-relazzjoni taż-żwieġ "*mill-bidu*" kif irrivelata f'Ġenesi kapitlu wieħed u tnejn.

Barra minn dan, Ġesù jkompli biex jirraġuna minn *interpretazzjoni letterali ta' Ġenesi* meta l-Fariżej fakkruh li Mosè ordna biex jagħti karta tad-divorzju u biex wieħed ikeċċi 'l martu. Hu wieġeb li Mosè ħallihom biex jagħmlu hekk min-

ħabba l-ebusija tal-qalb, iżda dan "*ma kienx hekk mill-bidu.*" Din hija t-tieni darba li Ġesù rrifera "*għall-bidu*" tal-bniedem u żwieġ kif inhu mfisser fl-ewwel kapitli ta' Ġenesi.

Fl-aħħarnett, fuq il-bażi ta' **veduta letterali** ta' Ġenesi li meta raġel u mara jiżżewġu huma jsiru ġisem wieħed u għal-hekk ma jkollhomx dritt li jkissru dik l-għaqda, il-Mulej ippronunzja projbizzjoni assoluta kontra tkeċċija, ħlief minħabba l-kawża taż-żina. L-implikazzjoni morali hija illi d-divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid għal kull raġuni oħra ħlief minn dik taż-żina tipproduċi adulterju.

*Stqarrija ta' duttrina ta' restrizzjoni bħal din u li timplika moralment tkun mingħajr sens jekk il-bażi ta' l-affari kienet mitoloġika, kienet ħrafa!* Fatti storiċi **biss** jistgħu jkunu ta' raġun għall-pożizzjonijiet sodi tal-Mulej fil-kwistjoni taż-żwieġ u d-divorzju. La darba d-duttrina Tiegħu dwar il-kwistjoni taż-żwieġ kienet ibbażata biss fuq l-informazzjoni li aħna naqraw f'Ġenesi huwa essenzjali li tikkonkludi li Ġesù ikkunsidra dik l-informazzjoni bħala *storikament awtentika*.

Ġesù jgħidilna f'dan il-kliem Tiegħu li Alla li għamel kemm lir-raġel kif ukoll iż-żwieġ ma jagħtix id-divorzju għal kull kawża u jappella għall-ktieb ta' Ġenesi bħala awtorità suffiċjenti għal dik il-konklużjoni. Jekk aħna ma naċċettawx dak li Ġesù aċċetta bħala awtorevoli aħna sempliċiment ma nistgħux ikollna fidi sħiħa f'Ġesù Kristu bħala awtorevoli, infallibbli u divin.

Ġwanni wkoll jirrakkonta inċident li jħaddan it-twemmin tal-Mulej fir-rakkonti ta' Ġenesi **bħala li huma letterali**. Waqt wieħed mid-dibattiti ta' Ġesù mal-Lhud f'Ġerusalem Hu ħariġhom fil-beraħ dwar l-intenzjoni tagħhom biex joqtluh, u mbagħad Ġesù qalilhom,

> "*Intom ġejjin minn missierkom li hu x-xitan, u x-xewqat ta' missierkom li hu x-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu. U dak kien qattiel sa mill-bidu, u qatt ma żamm mal-verità, għax il-verità ma tin-sabx fih. Meta jigdeb, ikun qiegħed jitkellem talli*

*hu, għax dak giddieb u missier il-gideb*" (Ġwanni 8:44).

Ġesù emmen lix-xitan kien l-ewwel giddieb fuq l-art u qattiel. Hu emmen li Alla fir-realtà qal lil l-istoriċi Adam u Eva dwar is-siġra letterali tat-tagħrif it-tajjeb u l-ħażin li:

"*Dak in-nhar li tiekol minnha żgur li tmut*" (Ġenesi 2:17).

Iżda x-xitan gidbilhom meta qal,

"*Le, żgur ma tmutux*" (Ġenesi 3:4).

U b'dak il-mezz huwa qatel lir-razza umana.

Skond l-irraġunar tal-Mulej tagħna li Ġenesi jirreġsitra fatti storiċi kif huma attwalment ġraw aħna għandna nqisu li kull veduta ta' Ġenesi li mhix il-veduta tal-Mulej neċċessarja-ment tneżża' lil Ġesù mill-qawwa ta' l-argumenti Tiegħu. Għalhekk hemm żewġ konklużjonijiet li nistgħu naslu għali-hom, jew Ġenesi jirreġistra **storja awtentika** jew inkella Ġesù **kien żbaljat**. Din hija l-kwistjoni reali. Jekk l-interpretazzjoni ta' Kristu ta' Ġenesi ma kinetx korretta kif aħna nistgħu nkunu ċerti dwar li t-tagħlim Tiegħu huwa korrett fuq in-natura u l-missjoni Tiegħu nnifsu? Tagħmel differenza kbira ħafna jekk aħna nħarsux lejn Ġenesi bħala storiku jew mitoloġiku!

**B.** ***L-Appostlu Pawlu u Ġenesi.***

Ir-rakkont ta' Mosè ta' l-oriġini tar-raġel u tal-mara u r-rakkont tiegħu tan-natura tar-relazzjoni taż-żwieġ kif Alla ħala-qha, li r-raġel u martu huma ġisem wieħed permezz ta' pjan divin, ma jistax ikun impoġġi fl-istat ta' sempliċiment ħrafa mingħajr ma tirrifletti kontra l-verità ta' l-osservazzjoni ta' Pawlu fuq is-suġġett ta' l-omosesswalità li din hija passjoni ħażina li hija kontra n-natura, u li din hija żball li ma jixraqx.

It-test sħiħ ta' l-akkuża ta' Pawlu dwar id-dnub ta' l-omo-sesswalità fl-ittra tiegħu lir-Rumani huwa kif inhu ġej:

"*Għalhekk Alla telaqhom għal ġibdiet bla ġieh. In-nisa tagħhom bidlu l-użu naturali fl-*

*użu kontra n-natura; hekk ukoll l-irġiel ħallew l-użu naturali tal-mara u xhelu bil-passjoni għal xulxin, irġiel ma' rġiel, biex jagħmlu ħwejjeġ bla ġieh; u bi ħlas ta' dan jirċievu fihom infushom il-ħlas li ħaqqhom ħtijiethom*" (Rumani 1:26-27).

Kif l-omosesswalità tista' tkun "*kontra n-natura*" kif l-appostlu jgħid, sakemm din tikkontradixxi lin-natura vera ta' ħwejjeġ kif għamilhom Alla *fil-bidu*? L-appostlu jispjega li huwa "żball" għal raġel li jkun bi ħsieb ħażin ippassjonat lejn raġel ieħor għaliex dan ifisser "*li ħallew l-użu naturali tal-mara.*" Kif nistgħu niddeterminaw "*l-użu naturali tal-mara*" jekk aħna nirrifjutaw li naċċettaw bħala awtentika u ta' min jafdaha, ir-rivelazzjoni ta' Alla nnifsu tan-natura u l-bżonnijiet tar-raġel kif Alla għamel u l-oriġini, skop u natura tal-mara li għamel wara?

Riġettar tal-ġrajjiet ta' l-ewwel żewġ kapitli ta' Ġenesi bħala verità storika jista' sewwasew jikkawża lil xi wħud biex jirriġettaw mill-ewwel l-osservazzjonijiet ta' l-appostlu dwar l-omosesswalità. U dan żgur li jolqot fuq it-talba tiegħu għall-ispirazzjoni mingħajr l-ebda żball (1 Korintin 2:12-13).

Ma hemm l-ebda mod li turi rispett għal l-awtorità appostolika ta' Pawlu bħala rappreżentant ta' Kristu divin mingħajr ma taċċetta bħala divinament awtorevoli l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim li hu spiss iġib bħala konferma tal-konklużjonijiet ta' l-argumenti tiegħu. Dan il-punt għandu jkun magħmul ċar fiż-żewġ illustrazzjonijiet li ġejjin.

1. *Id-duttrina ta' Pawlu ta' kundanna universali u l-bżonn b'konsegwanza għal salvazzjoni universali hija bbażata fuq il-verità storika tal-ktieb ta' Ġenesi*. Naqraw f'Rumani 5:12,14,

> "*Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bned-min kollha, għax kollha dinbu….Madankollu l-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mosè, imqar fuq dawk li ma waqgħux fid-dnub li fih*

*kien waqa' Adam, li kien xbieha ta' dak li kellu jiġi.*"

L-appostlu Pawlu irraġuna lid-dnub ta' Adam ġab id-dnub u l-mewt fid-dinja u li għalhekk il-bżonn konsegwenti tagħna għal Kristu huwa universali. Huwa bbaża dan il-bżonn tal-bnedmin kollha għal Kristu fuq *il-verità letterali* li Mosè irreġistra fl-ewwel tliet kapitli ta' Ġenesi.

Huwa wkoll ibbaża l-argumenti tiegħu għall-ħtieġa universali għal Kristu fuq id-dnub *letterali* ta' Adam meta hu qal,

> "*Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu*" (1 Korintin 15:22).

U wkoll fit-Tieni Korintin 5:14 l-appostlu irraġuna li "*wieħed imut għal kulħadd*" li b'neċessità għandu jilħaq it-triq kollha lura għal Adam.

L-appostlu Pawlu esprima l-biża' tiegħu għall-knisja f'Korintu b'dan il-kliem:

> "*Li bħalma s-serp qarraq b'Eva bil-ħażen tiegħu, hekk fehmietkom jitħassru mis-sempliċità u s-safa tagħhom fi Kristu*" (2 Korintin 11:3).

Fi kliem ieħor, ix-xitan jigdbilna dwar il-Kelma ta' Alla. Dak hu l-mod li bih ix-xitan qarraq b'Eva u dak hu l-mod li hu jipprova biex iħassar ukoll l-imħuħ tal-Kristjani! Ix-xitan gidbilna dwar id-divinità tal-Mulej, gidbilna dwar il-qawwa Tiegħu, gidbilna dwar il-liġi tal-maħfra, gidbilna wkoll dwar is-smewwiet u l-infern, u dwar il-moralità. Għaliex aħna m'għandniex naħsbu li hu jigdbilna wkoll dwar l-oriġini ta' l-univers u dwar l-oriġini tal-bniedem u dwar id-dar tagħna fis-smewwiet u dwar id-dnub, speċjalment jekk dan jagħmel aktar nies li jemmnu l-gideb tiegħu dwar Kristu u s-salvazzjoni? Ix-xitan jipprova b'kull mezz ta' gideb biex iwassalna ħalli ma nemmnux il-Kelma ta' Alla. Dawk kollha li jgħallmu li Ġenesi huwa sempliċiment storja huma maqbuda bil-gideb tax-xitan u b'hekk jinsabu taħt il-ħakma tiegħu.

Jekk aħna nemmnu lil Mosè, lil Ġesù u lil l-appostlu Pawlu dwar il-verità kif hija miktuba f'Ġenesi, huma jħarsuna mill-attentati tal-filosofiji qarrieqa tal-bnedmin biex niddeterminaw l-oriġini tal-bniedem, l-iskop u d-destin tiegħu kuntrarju għall-fatti kif irrivelati fl-Iskrittura Mqaddsa. Fiduċja sħiħa biss fil-veduta ta' Kristu u ta' l-appostli Tiegħu fuq Ġenesi tista' tħares lill-knisja mill-ispekulazzjonijiet mingħajr twemmin ta' l-evoluzzjoni ateistika.

2. *Id-duttrina ta' l-appostlu Pawlu dwar il-post tar-raġel u tal-mara fil-knisja hija bbażata fuq il-verità storika tal-ktieb ta' Ġenesi.*

> "*Nixtieq li l-irġiel jitolbu kullimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla ġlied. Hekk ukoll nixtieq li n-nisa jiżżejnu bi lbies xieraq, bil-modestja u bil-għaqal, mhux b'xagħarhom midfur, imma bl-egħmil it-tajjeb, kif jixraq lil nisa li jridu jkunu twajbin. Il-mara għandha toqgħod titgħallem bil-kwiet u l-umiltà kollha. Ma nħalli qatt li mara tgħallem jew li taħkem fuq ir-raġel; hi għandha toqgħod fis-skiet. Għax Adam ġie magħmul l-ewwel, imbagħad Eva. U ma kienx Adam li safa mqarraq; kinet il-mara li, wara li kienet imqarrqa, waqgħet fil-ħtija. Madankollu hi ssalva bil-maternità tagħha sakemm tibqa' tgħix fil-fidi, fl-imħabba, fil-qdusija u fil-modestja*" (1 Timotju 2:8-15).

L-appostlu Pawlu juża l-kelma ANER għal "l-irġiel" f'din is-silta. Din mhijiex għall-kelma ANTHROPOS li tirriferi għal l-umanità kollha, kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel. Din il-kelma ANER tfisser ir-raġel u ma tistax tfisser il-mara. Id-duttrina appostolika, mela, hija li l-irġiel għandhom ikollhom it-tmexxija fil-knisja u mhux in-nisa. Dan ma jfissirx li r-raġel hu xi ħaġa aktar mill-mara, xejn minn dan. Id-differenza hija biss fil-funzjoni tagħhom. It-tnejn huma ta' l-istess valur f'għajnejn il-Mulej imma ta' funzjonijiet differenti (ara Galatin 3:28). Il-

Bibbja hija ċara dwar dan: *irġiel u nisa huma differenti fil-funzjoni, imma ndaqs fil-valur*. Imbagħad l-appostlu jibbaża r-raġunijiet tiegħu fuq il-fatti kif irrivelati fl-ewwel tliet kapitli ta' Ġenesi.

L-ewwel l-appostlu ispirat jappella għal *l-ordni tal-ħoqlien*.

> "*Għax Adam ġie magħmul l-ewwel, imbagħad Eva*" (vers 13).

Dan huwa minn Ġenesi 2:18-23. It-tieni, l-appostlu jappella għan-natura tal-mara kif spjegata f'Ġenesi 3:1-6,

> "*U ma kienx Adam li safa mqarraq; kienet il-mara li, wara li kienet imqarrqa, waqgħet fil-ħtija*" (vers 4).

In-natura tal-mara, jagħraf l-appostlu minn Ġenesi, hija distinta minn dik tar-raġel. In-natura tagħha għandha t-tendenza lejn dak li hu domestiku u matern. Permezz tat-tfal u attenzjoni domestika hija tkun imwettqa ħafna. In-natura nfisha tagħha tagħmilha l-priża naturali ta' irġiel ħżiena mingħajr ebda skruplu li jilgħabu fuq in-natura tagħha. Ma ttantax ix-xitan lill-mara fin-nuqqas tal-preżenza ta' żewġha? Għalhekk in-natura tal-mara u tar-raġel huma murija mill-ktieb ta' Ġenesi kif Alla ħalaqhom mill-bidu bħala r-raġuni lura tad-duttrina ta' l-appostlu Pawlu illi r-raġel għandu jkollu l-post tat-tmexxija fil-knisja kif ukoll fid-dar.

Fl-aħħar, l-appostlu jinsisti fuq l-eżattezza tal-letteraliżu ta' Ġenesi meta, biex ikkorrieġa l-azzjonijiet ħżiena ta' xi nisa Kristjani f'Korintu, hu jgħid li:

> "*Mhux ir-raġel ġej mill-mara, imma l-mara ġejja mir-raġel. U mhux ir-raġel li kien maħluq mill-mara, imma l-mara li kienet maħluqa mir-raġel*" (1 Korintin 11:8-9).

Jekk Ġenesi m'għandux jittieħed għal kollox b'mod *letterali* lanqas l-appostlu Pawlu m'għandu!

### Ċ. *Pietru U Ġenesi*.

F'kapitlu tlieta tat-tieni ittra tiegħu, l-appostlu Pietru bil-qawwa jwissi lill-Kristjani biex jiftakru l-Kelma ta' Alla kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fit-Testment il-Ġdid bħala difiża kontra dawk li biex imaqdru u jwaqqgħu għaċ-ċajt jiċħdu l-fiduċja storika tal-Kelma ta' Alla. Huwa jispeċifika d-dilluvju ta' Ġenesi fil-jiem ta' Noè bħala eżempju li wieħed jista' joqgħod fuq il-wegħda tal-Mulej li jiġi f'ġudizzju għal nies ħżiena. (2 Pietru 3:3-6). Pietru juri wkoll li kienet il-Kelma ta' Alla li kienet il-"mezz" li oriġina d-dinja u wkoll li l-Kelma ta' Alla kienet il-"mezz" *"li d-dinja ta' dak iż-żmien tgħarrqet u ntilfet"* (versi 5-7).

Fl-essenza Pietru qiegħed jgħid li d-dilluvju huwa konfermar *storiku* tal-fiduċja tal-Kelma profetika ta' Alla. Imbagħad hu jkompli biex iwissina li:

> "*Hekk ukoll bl-istess kelma ta' Alla s-smewwiet u l-art tal-lum huma merfugħin għall-ħruq, miżmumin sa jum il-ġudizzju, li jkun jum it-telfien tal-ħżiena*" (vers 7).

L-istess kelma li ġabet id-dilluvju tal-qirda fuq id-dinja ħażina iġġib ukoll it-tmiem ta' din id-dinja preżenti. Imbagħad, *fuq dan bħala premessa*, bħala introduzzjoni, Pietru jirraġuna billi jgħid,

> "*Araw daqxejn kif għandkom iġġibu ruħkom, kemm għandha tkun qaddisa u tajba ħajjitkom….billi intom qegħdin tistennew ħwejjeġ bħal dawn*"

li hu spjega li għandom isiru (versi 8-14).

Għalhekk fuq il-bażi tad-*dilluvju storiku* li kien sar permezz tal-Kelma ta' Alla Pietru jfittex biex jikkonferma l-Kelma tal-Mulej li terġa' tiġi, biex teqred din id-dinja bin-nar, u biex iġġib lin-nies il-ħżiena għall-ħaqq. Din il-konferma tal-fiduċja tal-Kelma tal-Mulej permezz ta' appell għar-rakkont tad-dilluvju ta' Ġenesi kien il-mod ta' l-appostlu kif iwissi ħalli wieħed ikun attent dwar l-għalliema foloz u biex iwassal lill-Kristjani ħalli:

“*ħarbirku biex tkunu misjuba minnu fis-sliem bla tebgħa u bla ħtija*” (vers 14).

Jekk ir-rakkont tad-dilluvju ta’ Ġenesi *mhuwiex fatt storiku* allura l-argument kollu ta’ Pietru għall-ħajja qaddisa huwa mingħajr bażi! Jekk, iżda, ir-rakkont tad-dilluvju huwa aċċettat bħala *letterali* hekk ukoll ikun il-ħruq kbir li Pietru b’mod ċar jiddeskrivi!

**KONKLUŻJONI**

Aħna osservajna illi Ġesù, Pawlu u Pietru għamlu argumenti dottrinali u moralment ċari, ibbażati fuq il-veduta *storika u letterali* tagħhom ta’ l-ewwel ħdax-il kapitlu tal-ktieb ta’ Ġenesi. Ċaħda tar-realtà storika ta’ dawn ir-riferenzi minn Ġenesi tnażża’ lil Kristu u lil l-appostli Tiegħu mill-qawwa u l-bażi tad-duttrini tagħhom. Il-veduta mitoloġika ta’ Ġenesi tgħawwar minn taħt dak li kull wieħed minnhom isostni li huwa l-bażi storiku li minnu d-duttrini tagħhom huma meħuda. Għalhekk iċ-ċaħda tad-dipendenza storika ta’ Ġenesi għandha implikazzjonijiet serji ħafna relattivi għal l-infallibbiltà ta’ Ġesù Kristu, l-ispirazzjoni divina ta’ l-appostli Tiegħu, u l-fiduċja assoluta tal-Kelma ta’ Alla.

# L-EVOLUZZJONI, FATT JEW TEORIJA?

# L-EVOLUZZJONI, FATT JEW TEORIJA?

Artikli li jiddiskutu l-evoluzzjoni jidhru regolarment f'gazzetti li jiċċirkulaw fostna. Għalliema tal-bijoloġija fl-iskejjel tagħna, waqt il-lezzjonijiet tagħhom isemmu kif il-ħajja bdiet permezz ta' l-evoluzzjoni mingħajr lanqas biss ma jinteressaw lilhom infushom biex jaraw x't'għid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, dwar il-ħolqien, u l-istudenti li huma wliedna, jaċċettaw dak it-tagħlim għaliex huma wkoll, forsi qatt ma kellhom l-opportunità li jagħm-lu studju tal-Bibbja Mqaddsa dwar dan is-suġġett. Dan l-istudju huwa attentat biex jiċċara l-prinċipji tad-diskussjoni. Klarifika bħal din, nittama, tista' tgħin lill-Kristjani jistudjaw il-pożizzjonijiet tagħhom infushom, tista' tgħin telimina xi effetti li jinqalgħu sfortunatament dwar il-kontroversja kollha, u tista' tgħin lilna aktar effettivament biex *nagħtu raġuni jew tweġiba* għal dak li nemmnu.

Jien sejjer nindirizza għalina nfusna dawn is-suġġetti li ġejjin:

I. Metodu ġenerali kif wieħed jersaq aktar qrib lejn il-problema xjenza--reliġjon.
II. Attentat biex nifhmu xi nfissru "b'evoluzzjoni" u analisi ta' l-ideat bażiċi li ma jistgħux jiġu mwarrba mill-Kristjan.
III. Pożizzjonijiet diversi meħuda lejn il-ħolqien u l-evoluzzjoni.
IV. Appell biex jiġi evitat trattament mhux Kristjan lejn ħutna.

***I. Metodu Ġenerali kif Wieħed Jersaq Aktar Qrib tal-Problema Xjenza--Reliġjon*.**

Ix-xjenza u l-Iskrittura Mqaddsa, it-tnejn jinvolvu r-rivelazz-joni kreattiva ta' Alla f'relazzjoni għall-bniedem. Billi kollox jiġi mill-Unità oriġinali ta' Alla Nnifsu, il-Kristjani jinsistu li l-ħwejjeġ kollha għandhom fl-aħħarnett ikunu solvuti fi qbil. Jista' jkun hemm konflitti li jidhru imma dawn jidhru biss għaliex dak li aħna nkunu nafu ma jkunx komplut u ma nkunux għadna nistgħu nitt-raċċjaw ħjut imħabbla (hekk jidhru) għal l-unità ta' Dak li Jista' Kollox. Sabiex nilħqu dan l-għarfien aktar sħiħ hu meħtieġ, anzi essenzjali li t-tnejn, il-Kelma ta' Alla u d-dinja Tiegħu jiġu

mifhu-ma sewwa kif suppost. Aħna nistgħu nkunu mmexxija għal kon-klużjonijiet foloz billi naċċettaw teoriji bħala verità soda, billi naqraw ħażin ix-xhieda, billi nkunu ggwidati ħażin permezz ta' preġudizzi umani, jew billi niżbaljaw permezz ta' l-injoranza. Iżda l-Kelma ta' Alla, mifhuma sewwa, u d-dinja ta' Alla, mifhuma sewwa, huma f'armonija waħda. Mhux kif jaħsbu xi wħud, ma hemm **ebda** kontradizzjoni bejn ix-xjenza u l-Bibbja. Kontradizz-jonijiet jeżistu bejn xjenza falza u reliġjon tajba. Jeżistu wkoll bejn xjenza tajba u reliġjon ħażina. Iżda bejn xjenza tajba u reliġjon tajba *ma hemm ebda kontradizzjoni*! Ix-xogħol tagħna huwa li nirsistu għal dan il-ftehim sewwa--'l Alla wieħed jaf li dan huwa ġenwin, għaliex Hu għamlu hekk. Din hija biċċa xogħol li teħtieġ sforz kbir u umiltà kbira.

### *II. Attentat Biex Nifhmu xi Nfissru "B'Evoluzzjoni" u Analisi ta' l-Ideat Bażiċi li ma Jistgħux Jiġu Mwarrba mill-Kristjan.*

Il-kelma *evoluzzjoni* tfisser, bażikament, *tibdil*. Ħadd ma jiċħad li hemm u minn dejjem kien hemm tibdil jew kif isejħulu xi wħud, żvilupp fid-dinja. Pero nixtieq nagħamilha ċara, li tibil fis-sens ta' żvilupp mhuwiex evoluzzjoni! Imma l-interess tal-Kristjan huwa dwar kull teorija xjentifika li tiċħad il-prinċipji bażiċi tal-fidi. Għallanqas żewġ konċetti bażiċi jsawwru l-pożizzjoni Kristja-na lejn l-evoluzzjoni.

L-ewwel prinċipju hu l-Eżistenza ta' Alla bħala l-*Ħallieq u l-Mantenimentatur* ta' dak kollu li jeżisti. Dak kollu li jiċħad il-qawwa totali kreattiva u s-sovranità Tiegħu fuq il-ħolqien għandu jkun irrifjutat. It-tieni, hemm l-integrità u l-***eżattezza*** ta' l-Iskrit-tura, partikularment il-kapitli tal-bidu ta' Ġenesi. Dawn il-kapitli, mifhuma sewwa, u kif għandu jkun, huma miżmuma mingħajr ebda ksur minn dak li jemmen. Madankollu, ikun biss sewwa li tgħid illi reliġjużi wkoll ma qablux fil-fehma tagħhom dwar Ġene-si. Bħala eżempju, ħafna veduti huma miżmuma dwar il-kelma "jum" (yom) f'Ġenesi. Wieħed għandu jkun attent li ma jimponix interpretazzjoni umana tat-test fuq ħutu, imma l-Kristjani jingħaq-du f'li jaffermaw illi r-rivelazzjoni ta' Alla

mogħtija hawn għand-ha tkun miżmuma bħala awtorevoli u eżatta, mingħajr ebda żbalji. Waqt li ħafna argumenti huma magħmula dwar l-insuffiċjenza ta' l-ipotesi evoluzzjonarja, ir-raġuni bażika għal saħansitra li tkun ikkonċernat bil-kwistjoni, hija minħabba t-theddida li din tqiegħed għall-konċett Kristjan.

### *III. Pożizzjonijiet Diversi Meħuda Lejn il-Ħolqien u l-Evoluzzjoni.*

Xi diskussjonijiet ta' din il-kwistjoni jissoktaw bħallikieku hemm biss żewġ veduti possibbli ta' l-affari: jew ċertament ħolqien minn Alla jew evoluzzjoni ateistika. Madankollu, hemm pożi-zzjonijiet oħra possibbli, kif sejrin naraw fil-lista li sejjer nuri.

### A. Ħolqien Li Sar B'Ordni.

Din il-veduta tafferma l-ħolqien permezz ta' digriet awtorevoli ta' Alla fil-perjodu mfisser f'Ġenesi kapitlu wieħed. Xi wħud li jipproponu din il-veduta jaraw il-ħolqien istantanju, li sar f'daqqa waħda, waqt li oħrajn jarawh bħala li kien matul sitt ijiem ta' 24 siegħa. Santu Wistin, per eżempju, ħaseb li l-ħolqien kien mitmum f'temp ta' sekonda, imma li Alla firex id-deskrizzjoni f'sitt ijiem biex iservi lill-bniedem li l-qawwiet tiegħu ta' għarfien huma illimitati. Madankollu, oħrajn, li probabbilment jikkunsidraw lilhom infsuhom f'din il-pożizzjoni (bl-Ingliż jissejħu "Fiat Creationists"), iħallu aktar wisa'. Dr. J.D. Thomas, fil-ktieb tiegħu "Facts and Faith" (Fatti u Fidi), Vol. 1:157-164, għandu diskussjoni sabiħa dwar il-kwistjoni. F'dan il-ktieb hu jargumenta għal biex wieħed jarmonizza d-dikjarazzjoni solenni skritturali u dawk il-fatti li huma xjentifikament imfissra (għalkemm hu jagħti li wieħed jista' jaċċetta l-hekk imsejħa "naive literal view," li tfisser, "il-veduta letterali ta' bniedem sempliċi" li tikkonferma lid-dinja kienet tidher qadima fil-ħolqien).Thomas jiddiskuti x'uħud mit-teoriji u jikkonkludi li wieħed ma jistax, fuq il-bażi ta' evidenza Biblika, ikun dogmatiku f'li jinsisti li l-jiem f'Ġenesi wieħed huma letteralment 24 siegħa, perjodi ta' 24 siegħa. (hu jsemmi Geg.

2:4 bħala xhieda "jum" tista' kultant tfisser perjodu itwal). Madankollu hu ma jneħħix il-possibbiltà li huma kienu 24 perjodu. Hu sempliċiment jgħid li l-evidenza mhijiex konklussiva. Iżda, madankollu, il-problema hija riżoluta, determinata, wieħed għandu jżomm il-fehma qawwija li l-Bibbja għandha tkun emmnuta. Hu jikkonkludi li wieħed jista' jaċċetta r-rakkont tal-ħolqien f'Ġenesi mingħajr m'għandu għalfejn ikun jaf eżattament kif Alla għamel il-ħolqien.

Fit-tiftix taż-żewġ veduti l-oħra, sar evidenti li hemm definizzjonijiet diversi ta' l-evoluzzjoni teistika kif ukoll ħolqien progressiv. Dawk kollha li jipproponu jammettu li kien hemm bidla sussegwenti fin-natura, wara l-ħolqien. Madankollu, id-distinzjoni bejn (a) bidla fil-materja maħluqa qabel u (b) ħolqien ġdid suġġett għall-ħolqien ta' l-ewwel, mhux dejjem magħmula ċara. Madankollu, dan il-punt huwa wieħed kritiku f'li tifhem il-ħolqien progressiv u l-evoluzzjoni teistika, u tiddistin-gwihom minn ħolqien li sar b'ordni, jiġifieri, kif inhu muri f'Ġenesi kapitlu wieħed.

**B. Ħolqien Progressiv**

Din il-veduta żżomm illi l-ħolqien ma kienx komplut fil-bidu, imma ġie għat-tmiem permezz ta' proċess. Bernard Ramm jiddeskrivi l-veduta tiegħu nnifsu ta' ħolqien progressiv kif inhu ġej:

1. Kien hemm il-ħsieb f'moħħ Alla. Dan kien il-pjan tal-ħolqien qabel l-att tal-ħoqien.

2. Imbagħad Alla qabad fix-xogħol tal-ħolqien kif muri f'Ġenesi wieħed (ħolqien li sar b'Ordni), ħalaq "il-materjal mhux maħdum" li kien qiegħed jistenna "l-forma" tiegħu. Jaħdem fuq dan il-materjal, Alla eżerċità xi atti sussegwenti tal-ħolqien kif inhu muri f'Ġenesi wieħed, jagħti l-forma lill-materjal, għalhekk magħmul.

Imbagħad ġie dak li Ramm isejjaħlu ħolqien derivattiv (tnissil). L-Ispirtu ta' Alla jaħdem minn natura, imma bħala l-qawwa ta' Alla, din ġabet il-materja li Alla ħalaq fil-forma

mitluba mill-pjan fil-moħħ divin. Bl-Ispirtu jaħdem fin-natura, il-kmand kreattiv ta' Alla kien imwettaq.

Id-differenza bejn din u bejn il-veduta ta' dawk li jsostnu li l-ħolqien sar kif hu muri f'Ġenesi kapitlu wieħed, tidher li tiffoka fuq it-tul tal-perjodu tal-ħolqien (kemm għandhom ikunu twal il-jiem ta' Ġenesi kapitlu wieħed), u jekk ix-xogħol ta' Alla sata' sar permezz ta' proċess, ħolqien progressiv ma jiċħadx is-sovranità ta' Alla. Sewwa jekk dan jiċħad jew ma jiċħadx l-affermazzjonijiet ta' l-Iskrittura jistgħu jkunu biss iddeterminati permezz ta' studju bil-għaqal tat-test Bibliku. Dawk li jipproponu din il-veduta qegħdin jippruvaw biex jaċċettaw x'kien xjentifikament muri, mingħajr ma jaċċettaw veduta evoluzzjonarja li tikkontradixxi l-Iskrittura. Huma jemmnu, per eżempju, li din tiddeskrivi aħjar għaż-żmien tad-dinja, li l-metodi diversi xjentifiċi li juru ż-żmien, jidhru li jindikaw.

**Ċ. Evoluzzjoni Teisitika.**

Kif innutajna qabel, jidher li hemm nuqqas ta' ċarezza f'li tfisser eżatt xi tgħid din it-teorija. Dr. Thomas ifissirha b'tali mod li din tidher ftit u xejn bħall-ħolqien progressiv. Fil-fatt hu jgħid li l-ħolqien progressiv huwa forma ta' velu ta' l-evoluzzjoni teistika. Dr. Doug Dean jaqbel illi t-tnejn huma diffiċċli ħafna li tisseparahom. Thomas ifisser l-evoluzzjoni teistika bħala l-veduta li l-proċess kollu kien mibdi minn Alla, wara liema proċess ta' żvilupp kompla. Imma kien hemm atti mirakolużi oħra minn Alla, bħal l-għotja ta' l-Ispirtu lill-bniedem meta hu "żviluppa" għall-forma preżenti tiegħu. Thomas jargumenta li din hija tassew "bejn kollox" għall-evoluzzjoni, u ssostni lir-raġunijiet għal li tirriġetta l-evoluzzjoni teistika huma l-istess bħal dawk għal li tirriġetta l-evoluzzjoni ateistika. Iżda, Thomas ma jħallix lok għall-bidla wara dak il-proċess kreattiv ta' l-ewwel.

Ramm, minn naħa l-oħra, jargumenta li l-evoluzzjoni teistika għandha tkun imfissra bħala l-ewwel ħolqien minn Alla, imma bl-iżvilupp kollu ta' wara li fforma fin-natura. Hu jgħid li

kull konċett (ħsieb) ta' atti kreattivi rripetuti ta' Alla huwa ħolqien progressiv, mhux evoluzzjoni teistika.

Id-differenza bejn iż-żewġ definizzjonijiet (Thomas u Ramm) tidher li hija jekk Alla hux jew mhux direttament involut fil-proċess kontinwu ta' wara l-ewwel ħolqien. Ramm mhuwiex lest li jaċċeta mixja naturali ta' żvilupp, imma jħoss li x-xjenza titlob proċess, pjuttost milli l-ġrajja kreattiva biss ta' l-ewwel. Imma hu jinsisti li l-proċess huwa permezz tal-qawwa ta' Alla, mhux permezz ta' forzi purament naturali. Dean juri li parti mill-konfużjoni fuq id-definizzjonijiet hija għaliex, għalkemm kull wieħed jaf x'ideat l-evoluzzjonisti jemmnu, ħadd ma hu ċert dwar il-ħwejjeġ kollha li dawk li jemmnu fil-ħolqien jemmnu. Hu jinnota li, wara snin ta' studju, hu għadu jipprova biex jiżviluppa mudell għall-ħolqien.

Oġġezzjoni possibbli għal xi veduta li tara l-bniedem bħala r-riżultat ta' żvilupp il-fuq fin-natura hija l-konflitt tagħha ma' Ġenesi kapitli tnejn u tlieta, li jippreżentaw lill-bniedem fi stat *għoli* li minnu hu waqa'. Xi veduti evoluzzjonarji jaraw lill-bniedem jibda baxx u jitħarrek il-fuq, waqt li l-Iskrittura tidher li tarah daqshekk għoli u mbagħad jaqa'. Madankollu, meta jqajjem din l-oġġezzjoni wieħed għandu jkun attent li ma jagħmilix sempliċi wisq f'kemm f'li jifhem x'tgħid il-Bibbja, x'titlob il-Bibbja jew x'tgħid ix-xjenza.

### D. Evoluzzjoni Ateistika.

Din il-veduta żżomm illi n-natura hija "l-wirja kollha," ma tħallix lok għall-forza jew qawwa kreattiva. Kollox żviluppa minn ġo n-natura. Raġunijiet għaliex noġġezzjonaw għal din il-veduta huma murija biċ-ċar f'dan l-istudju u fi studji oħra tagħna.

Hu f'dan il-punt iżda, li x-xjenzat jista' jmur 'il quddiem mil-limiti proprji tad-dixxiplina tiegħu. Hija ħaġa waħda li teżamina d-dinja naturali li aħna nafu, hija ħaġa oħra li tavvanza filosofija dwar l-oriġini jew dwar l-eżistenza jew mhux eżistenza ta' kreatur. Meta x-xjenzat jitkellem għat-tieni punt, huwa jmur il-fuq mill-istat tiegħu u f'dak tat-teologu jew tal-filosofu.

Huwa jista' li ma jkunx ikkwalifikat biex jagħmel dan kif xi teoloġi jistgħu li jagħmlu ġudizzji validi, mingħajr taħriġ, fil-qasam tax-xjenza.

### *E. Il-Veduta tal-Qawwa tal-Ħajja*

Din il-veduta, li C.S. Lewis jindika taqa' bejn il-materjaliżmu u r-reliġjon, tqiegħed *Qawwa tal-Ħajja* jew *l-Iskop*, li permezz tiegħu l-ħajja evolviet mill-forom l-aktar baxxi għall-bniedem. Lewis (Mere Christianity, ktieb I. Parti IV) jargumenta li din il-veduta, loġikament, tista' tkun sfurzata jew fil-fidi f'Alla jew fl-ateiżmu, jiddependi fuq kif is-segwaċi tagħha jaraw il-*Qawwa tal-Ħajja*. Meta tasal għal waħda minn dawk iż-żewġ konklużjonijiet, huwa miftuħ għall-istess konsiderazzjonijiet diskussi qabel f'dan l-istudju.

## *IV. Appell Biex Jiġi Evitat Trattament Mhux Kristjan Lejn Ħutna*

Ċerti termini, li huma magħmula minn dak li hu msejjaħ *lingwa li taħraq,* ġeneralment iqanqlu rispons emozzjonali ntensiv f'dak li jisma' jew jaqra. Spiss lingwa bħal din tkun użata biex issaħħan preġudizzji u biex tnissel appoġġ għall-veduta mingħajr investigazzjoni serja tax-xhieda, ċertament, il-Kristjani għandhom ikunu nies ta' konvinzjoni qawwija u soda, imma s-sens ta' onestà tagħhom u l-imħabba għall-verità għandhom jagħmluhom konxji biex jaħarbu mil-lingwa li s-saħħan malajr daqs li kieku huma se jaħarbu minn nar tassew. Aħna għandna noqgħodu attenti fl-użu tagħna tat-terminoloġija, kemm għaliex minħabba l-imħabba tagħna lejn l-aħwa u kemm għaliex aħna għandna niddeċiedu kwistjonijiet ta' xhieda u mhux purament fuq emozzjoni. Madankollu, termini bħal *evoluzzjoni* u *saħansitra evoluzzjoni teistika* huma spiss użati f'sens biex isaħħnu. Waħħal wieħed minn dawn it-termini lil ħuk, u hu jkun immarkat. Għal xi wħud, ma jimpurtahomx mill-fatti, hu jsir kważi x-xitan inkarnat. Ukoll jekk l-akkuża tkun gidba, meta din tkun irripetuta li tinstema' u ta' spiss, xi nies jaslu biex jemmnuha. Imbagħad, ukoll meta l-verità tiġi magħrufa,

il-lingwa li tqabbad u l-kliem li jtebba' jkunu ħallew togħma ħażina li jkun diffiċċli ħafna biex tneħħiha. Xi ħadd dejjem jgħid, "Fejn hemm id-duħħan, se jkun hemm in-nar," madankollu tinsa li dan il-proverbju jista' jiġi wżat ħażin biex tipprova xi għajdut li hu minnu dwar xi ħadd--ukoll meta dan ikun għal kollox gidba.

Aħna għandna bżonn li noqgħodu attenti dwar li nagħmlu akkużi kontra ħutna, pjuttost milli nindirizzaw lilna nfusna għal diskussjonijiet dwar il-kwistjonijiet involuti. Jekk xi wieħed minn ħutna jemmen fil-fond ta' qalbu (a) fis-sovranità kreattiva u li ssostni ta' Alla, u (b) li tista' torbot fuq l-Iskrittura, dan m'għandux jiġi mmarkat mill-oħrajn li forsi ma jqablux miegħu dwar dettalji ta' interpretazzjoni li huma suġġetti ta' opinjoni. Hija ħaġa waħda li żżomm veduta li dwarha jista' jkun hemm differenzi leġittmi u bla nuqqas ta' xejn, u li ieħor iżomm veduti li huma ġenwinament ċaħdiet ta' prinċipji tal-fidi. Ħalli aħna ma nħawdux it-tnejn.

Aħna nsibuha faċli biex niddefendu pożizzjoni jew biex naġixxu għall-pożizzjoni prinċipalment fuq il-bażi ta' dak li aħna nħossu jew li nistħarrġu. Il-pożizzjoni li nieħdu tista' tkun tassew tajba ħafna, imma din mhijiex dejjem l-aħjar (saħansitra essenzjali) li nafu għaliex nemmnu kif nemmnu u x'inhuma l-publikazzjonijiet bażiċi (kwistjonijiet bażiċi) f'kull diskussjoni? Dan l-istudju ħabrek biex ipopġġi fuq il-mejda xi suġġetti f'forma bażika, sabiex aħna nkunu nistgħu nafu x'inhuma l-kwistjonijiet u għaliex aħna nieqfu fejn aħna. Huwa ttamat li dan jagħtina ċarezza u safa għall-ħsibijiet tagħna.

Personalment, jiena ma rridx niddefendi xi pożizzjoni li mhix Biblikament ippruvata. Lanqas ma rrid li ninsisti fuq xi interpretazzjoni ta' Skrittura li ma tirriflettix it-talbiet li l-Bibbja tagħmel għaliha nfisha. Jiena wkoll irrid li naċċetta r-rizultati assigurati tax-xjenza, imma ma rridx li nkun marbut b'opinjonijiet. Jiena nafda li din il-pożizzjoni għandha tpoġġini fejn Alla jridni li nkun.

"*Imberkin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.*"

# ĦOLQIEN JEW EVOLUZZJONI ?

# ĦOLQIEN JEW EVOLUZZJONI?

F'dan l-istudju sejrin naraw dwar xi suġġetti li huma ta' interess kbir għall-Kristjan u li huwa importanti ħafna li jkun jaf dwarhom biex hu "*dejjem ikun lest biex jagħti tweġiba lil kull min jitolbu il-għala t-tama li għandu*" (1 Pietru 3:15).

Punti li dwarhom sejrin nistudjaw huma:

I. Evoluzzjoni Teistika.

II. Fidi Xjentifika.

III. Kemm Għandha Żmien id-Dinja.

IV. Reġistrar tal-Blat.

V. In-Nies Xadini.

VI. Fatti Xjentifiċi Ippruvati.

## I. EVOLUZZJONI TEISTIKA

### Introduzzjoni:

Il-biċċa l-kbira tan-nies li jmorru minn proċess normali ta' edukazzjoni qatt ma jisimgħu naħa waħda tal-kwistjoni ta' l-oriġini: in-naħa evoluzzjonarja. Jiena nemmen li dan ġara għaliex dawk ir-reliġjużi li jopponu l-evoluzzjoni għamlu x-xogħol kollu kemm hu ħażin li jopponuha. Huma jappellaw għall-emozzjonijiet b'mod mhux xjentifiku l-istess kif ġara fil-mistoqsija famuża lil Huxley: "*Fuq liema naħa hu n-nisel tiegħek għax-xadini, in-naħa ta' ommok jew ta' missierek?*" Dan ix-xorta ta' kliem biex wieħed joqrob aktar lejn l-ieħor irriduċa d-dibattitu għal livell ta' opra komika u skreditā l-veduta ta' dawk li jemmnu fil-ħolqien.

Illum hemm motiv ta' nuqqas ta' sodisfazzjon ma' l-evoluzzjoni, u l-letteratura u l-livell ta' opożizzjoni għaliha

huwa issa ta' dinjità kbira. Dan l-istudju jista' biss jagħti l-benna ta' l-argument u int imġiegħel biex taqra għalik innifsek kemm tista'.

Meta nitkellmu dwar l-oriġini aħna għandna nifhmu li hemm biss żewġ għażliet jew alternattivi: 1. Evoluzzjoni tal-bniedem minn sustanzi tal-kimika (kimiċi)--organiżmi sempliċi--ħut--animali li jgħixu fl-art u fl-ilma--rettili (għasafar)--annimali li jreddgħu--bniedem. 2. ħolqien minn Alla li Jista' Kollox (din teħtieġ ukoll twemmin fid-dilluvju). Ħafna jżommu għal twemmin fl-evoluzzjoni mhux għaliex din taqbel malfatti imma għaliex huma ma jridux li jaċċettaw l-alternattiva, għax din tfisser li temmen f'Alla. Minn naħa l-oħra ħafna emmiena sinċiera f'Alla jsibu l-problemi xjentifiċi murija f'Ġenesi kbar wisq biex jegħlbuhom f'moħħom. Għalhekk huma jagħmlu kompromess u jgħidu, "*Iva, kienet l-evoluzzjoni li ffurmat il-flora u l-fauna (alla mara tal-fjuri u l-alla ta' l-annimali) tagħna inkluż il-bniedem imma kien Alla li kkontrollaha.*" Din hija *Evoluzzjoni Teistika*: jista' jkun attentat onest liż-żewweġ il-Bibbja u x-xjenza imma dan hu attentat żbaljat għal kollox.

Il-metodu klassiku li tistudja partijiet diffikultużi tal-Bibbja--Ġenesi kapitli wieħed sa kapitlu ħdax jista' jkun diffikultuż għalina llum--huwa li tara xi tgħid il-bqija ta' l-Iskrittura dwarhom. Iż-żiemel li jiġbed il-karrettun Bibliku mhuwiex Ġenesi imma Ġesù, u l-qawmien Tiegħu mill-mewt. Jekk Ġesù miet u reġa' qam allura Hu kien u Hu "Alla magħna." Il-Kelma Tiegħu ħolqot l-univers u l-Kliem Tiegħu waqt li kien fuq l-art jitkellmu b'awtorità divina. Tabilħaqq, dan iwassal għall-mistoqsija dwar l-awtorità, "Lil min aħna nemmnu: il-kittieba ispirati tal-Bibbja jew xjenzati umanistiċi?"

L-appostlu Pietru ndirizza profezija għas-sitwazzjoni tal-lum fejn jgħid:

> "*Dan għandkom tkunu tafu, l-ewwelnett: li fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom tmaqdir u jwaqqgħu kollox għaż-żufjett, nies li jgħixu skond ix-xewqat ħżiena tagħhom; u jibdew*

*igħidu: 'Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax sa minn meta mietu missirijietna, kollox baqa' miexi kif kien sa mill-bidu tal-ħolqien.' Dawn jinsew, għax iridu, li sa minn żmien ilu kienu s-smewwiet u l-art, li saret mill-ilma u żżomm bl-ilma bis-saħħa tal-kelma ta' Alla; kien ukoll bl-ilma li d-dinja ta' dak iż-żmien tgħarrqet u ntilfet. Hekk ukoll bl-istess kelma ta' Alla s-smewwiet u l-art tal-lum huma merfugħin għall-ħruq, miżmumin sa jum il-ġudizzju, li jkun jum it-telfien tal-ħżiena*" (2 Pietru 3:3-7).

Pietru hawn tkellem dwar dak li jwaqqgħu għaż-żufjett ir-reliġjon u lil dawk li jemmnu u wieħed mill-attakki tagħhom ikun illi "*sa minn meta mietu missirijietna, kollox baqa' miexi kif kien sa mill-bidu tal-ħolqien.*" Din mhix profezija dwar l-evoluzzjoni imma hija profezija dwar il-prinċipji li fuqhom id-dogma evoluzzjonarja hija mibnija, jiġifieri, Uniformitarjaniżmu (aktar dwar dan f'numru 2). Sabiex l-evoluzzjoni ssir, sekli kbar ta' żmien li jinbidel bil-mod 'il mod huma meħtieġa u Alla m'għandu qatt jindaħal jew ifixkel kif għamel matul id-Dilluvju. Darba, huwa aċċettat, illi d-dinja kompliet mill-bidu f'uniformità assoluta, imbagħad Alla ġie ippressat il-barra.

Madankollu hemm ferm aktar punti serji għall-kundanna Biblika ta' l-*Evoluzzjoni Teistika*. Fl-Għaxar Kmandamenti s-Sibt kien iddikjarat sagru għaliex *f'sitt ijiem* Alla għamel is-sema u l-art u strieħ fis-seba' jum (Eżodu 20:11). Jekk "*il-jiem*" tal-ħolqien m'għandniex nifhmuhom bħala jiem letterali (ta' 24 siegħa), allura lanqas ma huma l-jiem ta' dan il-kmandament! Biċ-ċar it-tnejn jirriferu għall-jum normali.

Ġesù nnifsu ta tagħlim importanti ħafna fuq il-bażi tar-realtà ta' Adam u Eva hekk ukoll għamel l-appostlu Pawlu. F'Mark 10:2-9, Ġesù għallem dwar id-divorzju u qal, "*Iżda mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara.*" F'Mark 13:19, Ġesù tkellem dwar "i*l-ħolqien*" li Alla għamel, li ħalaq;

imma hu l-appostlu Pawlu, il-kitba ispirata tiegħu, li l-ftuħ kollu ta' Ġesù bħala t-tieni Adam huwa żviluppat.

Jekk Adam ma kienx persuna reali, allura l-ebda tagħlim tassew, l-ebda tagħlim reali ma jista' jitpoġġa fuq kliem bħal: "*Għax bħalma f'Adam kulħadd imut, hekk ukoll kulħadd jarġa' jieħu l-ħajja fi Kristu*" (1 Korintin 15:22). Kieku aħna jkollna naqraw, *"il-bnedmin kollha tad-dinja*" minflok "*Adam*" imbagħad nispiċċaw bil-mewt ġejja "*bil-ħafna bnedmin, bil-ħafna bnedmin ġie l-qawmien mill-imwiet*" (2 Korintin 15:21). Aħna nippretendu mbagħad mhux Salvatur wieħed imma ħafna. Is-sitwazzjoni hija redikola. Rumani ħamsa jista' wkoll jiġi muri fl-istess mod. Il-kliem tal-Bibbja Mqaddsa huwa speċifiku (magħżul minn fost l-oħrajn kollha); il-mewt ġiet minn *bniedem wieħed*, Adam u s-salvazzjoni ġiet ukoll minn *bniedem wieħed*, Ġesù Kristu. Kieku Adam qatt ma eżista allura lanqas mas-salvazzjoni fi Kristu ma teżisti! Kieku Adam ma kienx raġel *wieħed*, kif xi wħud reliġjużi qed jgħallmu llum, kieku Kristu ma kienx *wieħed*, lanqas. Din hija serja daqshekk! (ara paġni 160-161).

Li tiċħad l-eżattezza tar-rakkont ta' Ġenesi huwa li tiċħad l-awtorità ta' l-Iskrittura Mqaddsa u li tnaqqas u tbaxxi s-salvazzjoni li Sidna Ġesù Kristu kiseb fuq is-salib tal-Kalvarju. L-emmieni li jaċċetta "l-Evoluzzjoni Teisitika" hu mħolli mingħajr tweġiba għad-dnub jew għad-duttrina ta' Ġesù Kristu bħala t-tieni Adam. Ma hemm l-ebda triq li Kristjan jista' jkollu sieq fiż-żewġ kampijiet jekk huwa ppreparat biex jimxi wara t-twemmin tiegħu għall-konklużjonijiet ta' l-aħħar tagħhom. Bħala Kristjani ħalli aħna nżommu dan bħala verità li minnha qatt aħna ma niddubitaw. (ara paġni 208-236.)

## II. FIDI XJENTIFIKA.

Ix-xjenzati ma jemmnu xejn bil-fidi imma bl-esperimentazzjoni u prova, u li tipprova kollox li huwa veru jew falz: jew għallanqas, hekk ħafna nies huma mwassla biex jifhmu! Ix-xjenzat veru jwaqqaf ipotesi u jagħmel esperimenti sabiex jivverifikaha, jew hu josserva ħwejjeġ li saru magħrufa u permezz

ta' esperimenti jwaqqaf liġijiet li jiggvernawhom. Ma hemmx lok għall-fidi, jiġifieri, fidi xjentifika.

Jekk inti temmen dan, allura inti qiegħed totalment iddiżgwidat. Ix-xjenzati għandhom fidi qawwija. Din hija fidi mnissla mill-osservazzjoni ta' ħwejjeġ li jsiru magħrufa kurrenti u li twassalhom għal tiftix għola. Il-fidi tax-xjenza hija mqiegħda f'forma ta' twemmin falz*, "Jiena nemmen fl-uniformità tan-natura u nemmen illi hemm mudell magħruf, distint għall-univers.*" Dan il-punt ta' l-aħħar huwa interessanti ħafna għaliex dan kien twemmin f'Disinjatur Kbir, Alla, li għamel dinja intelliġenti, li aġixxiet bħala l-motivazzjoni ta' l-ewwel għal investigazzjoni xjentifika. Illum ħafna xjenzati jiċħdu lill-Ħallieq imma jaċċettaw illi hemm pjan fin-natura. (It-tiftix biex tinsab il-ħolqa nieqsa bejn ir-relattività u l-hekk imsejjaħ "quantum physics," kemm fiżika huwa każ fil-punt.

Ix-xjenzati jemmnu fl-uniformità tan-natura għaliex l-esperimenti juru li din hija favur għal dak li huwa mbassar illum. Il-pjaneti jduru fuq mogħdiji magħrufa fi żminijiet magħrufa; il-bniedem jista' jiġi sparat għall-qamar u l-lejl jiġi wara n-nhar, jew staġun jiġi wara staġun b'mod l-aktar imbassar. Ħadd ma jiċħad ix-xogħol sabiħ li x-xjenzati jagħmlu meta jiddeskrivu u jispjegaw dawn il-ħwejjeġ meraviljużi.

Fejn huma juru l-fidi tagħhom għal li hi, huwa meta jgħidu "għaliex dawn il-ħwejjeġ japplikaw illum dawn dejjem kienu japplikaw u jibqgħu dejjem japplikaw." Il-futur ma jinteressaniex f'dawn l-istudji imma l-passat jikkonċernana. Hu att ta' fidi, fidi pura u sempliċi, li temmen illi (kif rajna qabel) "kollox baqa' miexi kif kien sa mill-bidu tal-ħolqien" (2 Pietru 3:4). Il-Bibbja tgħid li huma żbaljati, li Alla fixkel b'mezzi drammatiċi, speċjalment fid-Dilluvju ta' żmien Noè.

L-evoluzzjoni mhix fatt xjentifiku għal kollox. Din hija *teorija* li ħafna xjenzati jsibu li hija meħtieġa li jużawha, imma din hija teorija żbaljata. Ma hemm ebda esperiment li jista' juri bidla evoluzzjonarja, għax, bid-definizzjoni, din ix-xorta ta' bidla ġrat matul miljuni ta' snin b'aċċident, b'taqliba aċċidentali, għalhekk il-bniedem (a) ma jistax jikkontrolla dawn il-ġraj-

jiet aċċidentali jew (b) igħix biżżejjed biex jarahom jaħdmu. Ix-xhieda li hija murija biex *tipprova* li l-evoluzzjoni hi pura-ment aċċidentali, u xhieda bħal din hija miftuħa għal l-interpretazzjoni alternattiva. L-evoluzzjonista jersaq għax-xhieda, il-biċċa l-kbira xhieda ġeoloġika tal-fossili, u japplika l-fidi tiegħu f'uniformità biex tgħinu jinterpretaha. Din il-fidi tiċħad lil Alla u wkoll tiċħad kull azzjoni li ma tistax tiġi spjegata f'termini li nifhmuhom illum. (Aħna sejrin neżaminaw xi dettalji f'li studju li jmiss).

Fil-ktieb ta' l-iskola "Introduzzjoni għall-Bijoloġija," minn D.G. Mackean, naqraw hekk, "Meħuda għall-konklużjoni loġika tagħha, it-teorija evoluzzjonarja għandha tissopponi li l-ħajja nfisha evolviet minn materja mingħajr ħajja. *Għandu jkun enfasizzat illi l-evoluzzjoni hija teorija u mhux fatt stabbilit*" (paġna 202). Hawn mela, għandna xjenzat li juri twissija ta' min ifaħħarha u jgħaraf li l-evoluzzjoni mhix mibnija fuq il-blata solida li xi wħud iriduna li nemmnu li hi, partikularment dawk in-nies li huma l-mezzi fuq programmi poplari tat-televiżjoni!

Dan it-twemmin fl-uniformità huwa l-muftieħ għal l-istudju ta' l-astronomija, l-ġeoloġija, l-bijoloġija, l-kimika, l-fiżika u kull xjenza esperimentali. Li tisfidah huwa li tiġi ddikjarat eretku (nitkellem xjentifikament), l-istess, bħall-arġentiera ta' Efesu, hemm wisq interess minsuġ u nvolut u ħafna reputazzjonijiet fil-periklu għal l-alternattiva.

Fl-ewwel studju (1) aħna stabilixxejna li (a) l-evoluzzjoni u l-ħolqien huma inkompatibbli (ma jmorrux flimkien) u (b) li "l-evoluzzjoni teistika" (l-idea li Alla ħadem permezz ta' l-evoluzzjoni biex ifforma d-dinja) hija għal kollox kontra l-veduta Biblika. F'dan l-istudju nixtieq nimpressjona punt wieħed biss: "*Li l-evoluzzjoni hija fidi, reliġjon, twemmin u din hi għal kollox mhux xjentifika f'kull definizzjoni tal-kelma* ***xjentifika*** *li aħna forsi nistgħu li nixtiequ nipproponu.*"

## III. KEMM GĦANDHA ŻMIEN ID-DINJA

L-Arċhisqof Ussher, prelat Irlandiż tas-seklu sittax, kien imwaqqa' għaż-żufjett mill-evoluzzjonisti għal aktar minn seklu issa. Huwa uża l-ġenealoġiji tal-Bibbja u mbagħad, aktarx mingħajr ebda sens, iddikjara li l-ħolqien ġara fis-sitta u għoxrin ta' Ottubru fis-sena 4,004 Qabel Kristu fid-disa' ta' filgħodu. Hemm ħafna dibattiti dwar id-dati u l-ġenealoġiji, imma dak li jemmen fil-ħolqien jemmen illi l-età tad-dinja hi meqjusa b'eluf ta' snin biss, u mhux eluf ta' miljuni ta' snin. Hu jaċċetta żmien ta' madwar 10,000 sena, imma dati xjentifiċi llum jgħidu lid-dinja hija mill-inqas 4,500,000,000 sena antika. (L-evoluzzjonista jrid madwar mitt darba aktar żmien, imma x-xjenzati qegħdin jaħdmu kieku għalih!)

Fil-ktieb "Il-kontroversja Ħolqien—Evoluzzjoni" (irrikmandat ħafna għal studju avvanzat) R.L. Wysong juri 33 raġuni li jobligaw jew iġiegħelu biex temmen f'dinja żagħżugħa jew sistema solari. Huwa minnu li tgħid li hemm xhieda xjentifika li tidher li turi għal dinja qadima ħafna. Madankollu, il-kelma li tagħmel effett hija *tidher*, għaliex, meta l-modi ta' kif jingħata ż-żmien lill-blat ikunu eżaminati, dawn juru metodu li hu bilwisq mhux eżatt, li huwa elevat għall-post ta' awtorità aħħarija. (l-istudju li jmiss, "L-Irreġistrar tal-Blat" jittratta ma' dan). L-ispazju ma jippermettilix biex nikkunsidraw it-tlieta u tletin raġuni kollha, iżda hawn huma xi punti li huma eħfef biex wieħed jifhimhom.

Meta Neil Armstrong rifes fuq il-qamar f'Lulju tas-sena 1969 hu wera tip ta' ġenn xjentifiku msejjaħ *schizophernia*! Fehma soda għall-fidi fil-liġijiet tan-natura li huma uniformi wasslet lill-bniedem biex jiddisinja inġenji spazjali u li jtajjarhom f'orbiti issettjati biex jeħduh hemm u jġibuh lura! Twemmin distint fil-liġijiet ta' l-uniformità kif huma applikati għal l-età tal-qamar wassluh biex jinżel fuqu. Qiegħed tara, l-ispazju mhuwiex vojt. Huwa kkalkulat li l-fuq minn 14,000,000 tunnellata ta' trab kosmiku jaqa' fuq id-dinja kull sena. Kieku d-dinja għandha żmien daqs kemm jistqarru, għandu jkun hemm kisja ta' aktar minn ħmistax-il metru ta' trab kosmiku madwar id-dinja kollha. Il-qamar ukoll għandu jkollu fond kbir, u Arm-

strong kien jindifen taħt it-trab. L-ammont ta' trab kosmiku fuq id-dinja u l-qamar juri biss eluf ta' snin ta' eżistenza.

L-eżamijiet u studji bir-reqqa ta' Venere (Diċembru 1979) irrivelaw problema kbira dwar il-ħsieb xjentifiku fuq l-etajiet tal-pjaneti u s-sistemi solari. Huma wrew 500 darba aktar gass (li ma jiċċaqlaqx, argon) u 2,700 darba aktar gass oriġinali (primordial neon) mill-atmosfera tagħna. Jekk il-pjaneti kollha ffurmaw fl-istess ħin bħax-xemx, u kienu antiki daqs kemm hu ssuġġerit, dawn il-gassijiet ħfief kollha kieku ġew miknusa lura fix-xemx. Barra minn dan, il-pjaneti ta' ġewwa għandu jkollhom inqas u mhux aktar gass li ma jiċċaqlaqx (argon) u l-hekk imsejjaħ "neon" li għandhom jiżdiedu hekk kif wieħed jivvjaġġa l-barra. L-eżistenza nfisha ta' dawn il-gassijiet titkellem dwar dinja żagħżugħa, imma x-xjenzati kienu qalu li reviżjoni sħiħa tat-teorija ta' l-oriġini tas-sistema solari għandha issa ssir. Eric Burges kiteb, "*Il-ġbir meqjus flimkien tal-gassijiet oriġinali (primordial argon) u neon jidher li jimplika li l-biċċa l-kbira tal-pjaneti ffurmaw qabel ma n-nirien nukleari tax-xemx bdew*" (New Scientist, 8/2/79, p. 393). Ma jurix, Ġenesi 1:14-19 sewwasew dan?

Wieħed mill-aħjar fatturi ta' miżura tad-dinja huwa t-taħsir tal-manjetismu tagħha. Għal madwar 150 sena din ir-rata ta' taħsir kienet innutata. Jekk wieħed japplika l-prinċipji li aħna nistgħu nimbuttaw lura fiż-żmien fuq l-istatistiċi tal-lum, il-manjetismu kien ikun tant qawwi 20,000 sena ilu lid-dinja kienet tkun likwidu. Lura 1,000,000 sena ilu din kienet tkun gass. L-ammonti mkejla ta' gass helium (gass ħafif ħafna li ma jaqbadx) ipproduċuti minn taħsir radju-attiv jagħti biss età ta' 10,000 sena. Il-ħama mielħa fl-oċeàn tagħmel l-istess.

Li tilgħab il-logħba tan-numri jipproduċi saħansitra xhieda akbar għal dinja żagħżugħa. Kieku l-bniedem kien madwar għall-miljun sena ta' storja evoluzzjonarja kien ikun hemm aktar nies milli hemm elettroni (frak tal-materja li fih karga ta' elettriċità negattiva) fl-univers kollu! Huwa kkalkulat li hemm $10^{80}$ (jiġifieri 1 + 80 zero) elettroni fl-univers. Jekk aħna nieħdu ġenerazzjoni għall-bħala li hija 35 sena, kull koppja jkollha

biss tlitt itfal (N.B. tnejn tagħti kobor ta' zero), wara 52 ġenerazzjoni (1820 sena), il-popolazzjoni tkun ta' 4,340,000,000. Wara 1,000,000 sena, din tkun ta' $10^{5000}$ (jiġifieri, 625 darba aktar nies minn elettroni fl-univers!) Dak għall-bnedmin. Issa immaġina dan għall-fniek u annimali oħra!

Dawn il-figuri u fatti jgħidu ċar u tond illi aħna ma nistgħux inkejlu l-passat b'dak li aħna nafu llum u lid-dinja ma tistax tkun antika ħafna. Dak li għedna hu biss il-ponta ta' biċċa silġ kbira, imma nispera li dan hu biżżejjed biex iqajjem diffikultajiet fl-imħuħ ta' dawk li jiddubitaw.

## IV. L-IRREĠISTRAR TAL-BLAT

Kien l-istudju tal-blat li ta xhieda għat-teorija ta' l-evoluzzjoni. Charles Darwin ikkonnvinċa ruħu li l-ispjegazzjonijiet stabbiliti Bibliċi ma kinux adegwati meta hu sab fossili tal-baħar fil-post imsejjaħ 'High Andes' fin-Nofs in-Nhar ta' l-Amerika. Ix-xjenza ġeoloġika kienet għadha żagħżugħa fis-sena 1830, u l-friegħi msejħa paleontoloġija (studju tal-fossili) u stratigrafija (l-istorja tal-blat) kienu għadhom fit-tfulija tagħhom. Huma kellhom bżonn teorija jew mudell ġenerali mill-bidu sa l-aħħar li permezz tiegħu jinterpretaw is-sejbiet tagħhom. It-teorija ta' l-evoluzzjoni pproduċiet dan il-mudell.

Ġeoloġiċi (studjużi fuq dak kollu li fiha l-art) jaċċettaw bħala fatt indisputabbli li ġeneralment l-aktar blat fil-fond ikollu l-aktar fossili sempliċi. Hemm eċċezzjonjiet, u ċerti qxur (ta' arzell, eċċ.) per eżempju, jidhru fi kważi s-saffi kollha. Huwa wkoll raġjunèvoli li tassumi li blat taħt blat ieħor huwa aktar qadim. Għalhekk, huwa possibbli li tieħu bi żgur is-sekwenza (ħwejjeġ kif jiġu flokhom wara xulxin) jew l-ordni tad-depożizzjoni f'xi reġjun wieħed u li tipproduċi kolonna jew serbut ta' blat fl-ordni tagħhom mill-aktar qadim għal dak iżgħar.

Għallanqas, dik hija t-teorija; imma dak li mhuwiex irrealizzat huwa *li mkien din il-kolonna ta' blat ma teżisti*—anqas biss fil-Grand Canyon. L-ordni hija ffissata fuq il-kontenut tal-

fossili, li hija interpretata fuq il-premessa li l-ħajja evolviet minn dak li hu sempliċi għal dak mhux sempliċi, u li miljuni ta' snin jifirdu l-iżgħar mill-ikbar (eqdem). Għalhekk, huwa kkonkludut, illi l-fossili l-aktar sempliċi qegħdin fil-blat l-aktar qadim. Ladarba iffissat, l-irreġistrar tal-fossili hu mbagħad użat biex jipprova li l-evoluzzjoni saret, li twettqet!

Dan hu aċċess singulari nteressanti għall-problema fejn il-prova għal teorija tistrieħ fuq lix-xhieda tkun interpretata fid-dawl ta' dik it-teorija, madankollu, dan hu l-każ ta' l-evoluzzjoni. Ix-xhieda tista' tkun indaqs u sewwa interpretata b'teorija ibbażata fuq it-twemmin fid-dilluvju ta' Ġenesi. Kull wieħed, xi ħadd li jkun jixtieq li jistudja dan huwa bil-qawwa mogħti parir biex jaqra l-ktieb miktub minn Whitcomb u Morris, *"The Ġenesis Flood"* ("Id-Dilluvju Ta' Ġenesi").

Il-kwistjoni kollha tal-fossili hija miftuħa ħafna. Tabilħaqq, huma jipprovdu ħafna aktar prova għal dilluvju katastrofu ta' malajr, u globali milli għall-ġabra (akkumulazzjoni) bil-mod matul miljuni ta' snin. Għall-fossili biex jiffurmaw għandu jkun hemm kważi difna ta' malajr tal-kreatura biex tippriservaha. Jekk le, dawk l-annimali li jieklu dak kollu li jsibu ma jagħtux ċans biex jiffurmaw xi fossili! Minkejja dan, hu possibbli li ssib miljuni ta' fossili ppriservati b'mod sabiħ li spiss juru xhieda tal-partijiet rotob tagħhom. Jekk il-preżent huwa l-muftieħ għall-passat—kif il-ġeoloġisti jsostnu—allura huwa impossibbli li jkollok il-fossili ħlief f'ċirkustanzi rari, billi aħna ma nistgħux insibu ħażniet (akkumulazzjonijiet) ta' skeletri jistennew biex ikunu iffosilizzati llum! Ġrajjiet katastrofiċi jipproduċu l-fossili (eżempju ta' dan huwa dak li ġara f'Pompej 79 W.K.), u mhux proċessi ġeoloġiċi bil-mod. Għal miljuni ta' fossili biex isiru għandhom il-ħtieġa ta' katastrofu kbir jew sekwenza ta' katastrofi. Kemm jekk wieħed jew l-ieħor it-teorija evoluzzjonarja hija miġjuba fix-xejn.

F'dak li nsibu fil-fossili hemm ħafna eżempji ta' fossili mqiegħeda ħażin. Dawn huma fossili li huma misjuba fejn m'għandhomx ikunu—jiġifieri, *skond it-teorija ta' l-evoluzzjoni!* L-aktar spettakulari huma dawk misjuba fi Glen Rose,

Texas, fl-Istati Unit ta' l-Amerika, fil-qiegħ tax-Xmara Poluxy. Hawn instabu marki tas-saqajn tal-bniedem (u bniedem ġgant, ta' Ġenesi 6:1-4) fl-istess saff fejn kien hemm ukoll il-marki ta' dinosawr. It-teorija evoluzzjonarja tgħid li dawn għandhom ikunu 70 miljun sena separati minn xulxin, u definittivament mhux flimkien! Fis-sena 1968, William Meister kien qiegħed jikkaċċja t-triboliti fil-blat ta' Kambrija (għandhom madwar 500,000,000 sena!) Hu sab marka ta' sieq ta' bniedem (bix-xedd f'saqajh) fil-blat li kienet rifset żewġ triboliti waħda fl-għarqub (takkuna) u l-oħra fil-pett. Hawn mela għandna diskrepanza; differenza ta' 499,000,000 sena! Il-frodi tal-bniedem jibqgħu iduru fi strata ġeoloġika antika—eżempju, fis-sena 1889 katina tad-deheb kienet instabet fil-faħam *suppost* li kellha żmien ta' 300,000,000 sena!

Il-mistoqsija l-kbira hija, iżda, dwar ir-riżultat ta' l-għotja taż-żmien lill-blat bl-użu ta' teknika sofistikata li tidher li għandha arja ta' preċiżjoni. Il-metodu huwa biex tqis jew tkejjel in-nuqqas ta' saħħa jew enerġija ta' ċerti minerali radjuattivi fil-blat. Meta l-istrument li jimmarka imsejjaħ Geiger jiġi mpoġġi fuq il-post radjuattiv, dan itekktek. L-elettroni (frak ta' materja li fih karga ta' elettriċità negattiva) jiġu mxerrda u gass ħafif ħafna li ma jaqbadx (helium) jiġi merħi fl-atmosfera. Bil-mod imma fiż-żgur il-materjal oriġinali jerħi u jinbidel f'minerali tal-qiegħ (tat-tafal), ġeneralment ċomb. Dan hu msejjaħ "radiometric dating" u jaħdem fuq l-uranju (235 u 238), thorium u potassium il-biċċa l-kbira. Dan jagħti ż-żmien lill-blat billi jikkompara l-kwalitajiet tal-mineral (uranju) oriġinali mal-mineral (ċomb) imnissel. Meta tkun taf ir-rata tan-nuqqas ta' enerġija (imsejħa n-nofs ħajja), kalkolu jkun jista' jsir bħal kemm żmien ħa biex jipproduċi l-kwalitajiet tal-minerali mmnissla.

Kalkulazzjoni simili għall-materjal li darba għex tista' ssir billi jintuża l-Carbon 14. Kull kreatura li tgħix tassorbi C14 u tirrifletti fil-ġisem tagħha ammont fil-proporzjon għall-ammont atmosferiku tal-ġisem tagħha. Ma jiġix aktar assorbit fil-mewt meta ċ-C14 jibda jitħassar, għal darb'oħra f'rata soda, regolari. Billi tikkompara ċ-C14 fil-kampjun ma' l-mistħajjel C14 atmo-

sferiku, id-differenza tirrifletti ż-żmien tagħha, fil-limitazzjonijiet ta' l-iżball esperimentali.

Imma l-publiċità *mhijiex* mogħtija għal l-assunzjonijiet ta' dawn il-metodi. Dawn huma:

1. Il-blat hu mogħti żmien maħsub ibbażat fuq fossili tiegħu.
2. Kull data radjumetrika li ma taqbilx hija mogħtija l-ġenb.
3. Illi r-rati tat-taħsir minn dejjem kienu kostanti.
4. Illi l-kampjun huwa pur u mhux imniġġes.
5. Illi l-kampjun adegwat, jew adattat ġie meħud (kampjuni radjumetriċi huma mikroskopiċi).
6. Iċ-C14, il-kwalità taċ-C14 atmosferiku fil-passat ġeoloġiku.

Hawn huma xi diskrepanzi ppruvati:

1. Bebbux ħaj mogħti żmien bejn 100 u 2,300 sena (C14).
2. Injam ġdid minn siġar ħaj għal 10,000 sena.
3. Qatran mill-Kastell ta' Oxford (ċirka 1150) għal 7,370 sena (C14).
4. Lava mill-Ħawaii taħt il-200 sena mogħtija data għal 1,000,000,000!
5. L-istess kampjuni ta' blat minn fuq il-qamar bejn 2,000,000 u 28,000,000, sena. (X'inhuma 26,000,000 bejn il-ħbieb?)

Numri 4 u 5 kienu mogħtija data radjumetrika. Dak li jidher li hu preċiżjoni jitfarrak meta l-fatti jiġu murija.

Meta Alla ħalaq id-dinja Hu ħalaq blat li kien jidher li għandu ż-żmien għalhekk aħna nistennew li nsibu blat, siġar, u Adam li jidhru li għandhom iż-żmien sekonda biss wara li kienu maħluqa. Adam, ta' sekonda waħda biss żmien, kien adult. Is-siġar kellhom ċrieki tal-kobor u blat ġdid jidher li kien antik. Għalhekk li tagħti dati għandu jipproduċi figuri għola milli l-kreazzjonisti jitolbu. L-istorja tal-blat tappoġġja l-Bibbja.

## V. IN-NIES XADINI

F'kotba popolari evoluzzjonarji għadd kbir ta' rikonstruzzjonijiet "*awtentiċi*" ta' 'l hekk imsejħa "*ħoloq nieqsa*" jew "*nies xadini*" huma miġjuba bil-kunfidenza fil-paġni tagħhom.

Dawn saħansitra huma wkoll mogħtija titli li jidhru li huma uffiċjali ħafna, bħal Hesperopitheous Haroldcookii jew Pithecanthropus. Il-figuri makakki huma kreaturi milwijin l-isfel u kollha pil li jimxu weqfin u hu maħsub (jippresumu) li waqfu sewwasew milli jitbandlu minn fuq is-siġar. Huwa l-hekk imsejjaħ "Neanderthal Man" li hu s-suġġett ewlieni ta' dawn l-istampi.

Dawn huma kollha pil għaliex in-nies xadini hu maħsub, li kienu għexu fl-għerien matul u wara ż-żmien tas-silġ. Il-pil żammhom sħan u l-pil tar-raġel hu maħsub, li hu fdal ta' dak l-istat! In-nisa, iżda, m'għandhom ebda pil bħal dan, hekk nistħajjel, *li kienu jsibuha diffiċċli ħafna biex jgħixu*! Il-qagħda kokkha hija ipprodUċuta permezz ta' xadini reali li ġew imitati fit-tpinġija jew disinnji, b'żieda magħhom, issa l-fatt ippruvat illi l-iskeletru oriġinali ta' l-hekk imsejjaħ "Neanderthal" użat fir-rikonstruzzjonijiet, kellu osteo-artrite (ta' l-għadam) li tizzoppja lil dak li jbati minnha, u li wkoll lill-bniedem modern taż-żmien tagħna llum tagħmlu milwi!!

Ix-xhieda għal dawn *il-ħoloq nieqsa* tagħmel qari li jsaħħar: mill-frodi kollha kemm jekk fil-każ ta' Piltdown, għat-telf tax-xhieda (Peking Man), daqq tas-sejbiet (Java Man), ħsieb mixtieq (Nebraska Man), għall-bniedem reali, u ġenwin jiġi nterpretat bħala ħolqa nieqsa (Neanderthal u Cro Magnan). Ħalli mela neżaminaw dawn "*in-nies*" u naraw sewwasew fuq liema bażi bla saħħa rbit bħal dan hu magħmul.

Il-famuża kawża tax-xadina fis-sena 1952 kienet trijonf għall-evoluzzjonisti. Għalliem, li l-fehmiet tiegħu kienu impoġġija bħala każ ta' prova ħalli jipprova jagħmel il-leġislazzjoni kontra l-evoluzzjoni f'Tennesse tiġi mdawwra lura. Dan l-għalliem kien indikat talli kien jgħallem l-evoluzzjoni, li dak iż-żmien kienet kontra l-liġi. (Huwa interessanti li wieħed jinnota li David C.C. Watson tilef ix-xogħol tiegħu bħala għalliem Edukattiv Reliġjuż fl-Ingilterra fis-snin sebgħin talli rrifjuta li jgħallem l-evoluzzjoni!) Murija fil-kawża tax-xadina kienet "*il-ħolqa*" msejħa *Hesperopithecus haroldcookii* jew ir-*Raġel ta' Nebraska*. Stampa sabiħa tas-Sinjur u s-Sinjura

*Hesperopithecus* dehret fil-gazetta "Illustrated London News." Wara, *is-sinna* waħda li fuqha r-rikonstruzzjoni kollha kienet ibbażata wriet li kienet dik ta' ħanżir estint! Kien hemm importanza fl-ewwel faċċata dwar ir-raġel xadin falz u mingħajr deher ta' xejn l-ebda rapport tas-sitwazzjoni vera ma nkiteb wara.

Ir-*Raġel ta' Java* kien ġie mgħaqqad flimkien minn biċċiet ta' għadam misjuba mifrudin minn xulxin għal aktar minn tnax-il metru, u jikkonsistu minn biċċa għadma tal-koxxa, biċċa għadma ta' l-iskutella tar-ras, u żewġ sinniet! Dak li sabhom aktar tard ammeta li dawn ma setgħux ġew minn kreatura waħda, u kienu taħlita ta' għadam minn irġiel tassew u xadini *tassew*.

Ir-*Raġel ta' Heidelberg* kien mgħaqqad flimkien minn xedaq wieħed, u nies fi New Caledonia għandhom xedaq identiku llum.

Naturalment, l-akbar daħka fost kollox hija dik ta' l-hekk imsejjaħ ir-*Raġel ta' Piltdown*, fejn ix-xhieda mhux biss kienet interpretata ħażin, din kienet mogħdijja mit-tobba bil-ħsieb, għalkemm kienet frodi.

L-għadam tal-*Peking Man* kien misterjożament mitluf, għalhekk ħadd illum ma jista' jippruvahom jew ma jippruvahomx. (Ktieb tajjeb li taqra huwa "*Ape Men: Fact or Falacy?*" minn M. Bowden, li jagħti kollox dwar data bħal din). L-istess hija t-teorija msejħa *The Missing Link*, il-Ħolqa Nieqsa!

Sejbiet ġenwini juru li huma ndaqs konklussivi kontra l-evoluzzjoni. Richard Leaky sab ras ta' mewt umana msejħa KNM-ER 1470 li kienet iġġib żmien ta' 2.8 miljun sena, u kienet tiġi qabel kull ħoloq nieqsa oħra. Louis Leakey kien sab għadam uman ieħor fi strata, saff taħt is-sejbiet tan-nies xadini! L-hekk imsejjaħ *Cro Magnon Man* kien raġel komplut bi kważi arti sofistikata u distinzjonijiet minn oġġetti magħmula mill-bniedem u skeletri oħra Neanderthal ippruvawh li hu kollu kemm hu uman u mhux isofri mill-artite!

Ma hemm ebda xhieda ta' xejn għall-bniedem xadin. Is-sejbiet kollha juru li jew huma għal kollox umani jew għal

kollox xadini, jew inkella jirriżulta li ma jkun hemm ebda wieħed minnhom. L-għaġla ta' sejbiet fil-parti bikrija ta' dan is-seklu kienet kawża għall-ħsibijiet u tamiet *mixtieqa*, u mhux minn xewqa ġenwina għall-verità.

L-irreġistrar ġeoloġiku, li l-biċċa l-kbira mhuwiex spjegat fiż-żmien ta' Darwin, naqas li jipprovdi xi *ħoloq nieqsa*. Tabilħaqq, waħda mill-aktar ħoloq b'saħħithom ta' annimal li jgħix fl-art u fl-ilma, il-ħuta msejħa *coelacanth* kien intqal li nqerdet għall kollox madwar 400,000,000 sena ilu, lagħabet ċajta goffa fuq l-evoluzzjonisti billi nqabdet ħajja fil-Lvant ta' Londra, Cape Province li kienet kważi metru u nofs tul u tiżen 127 libbra. Din kienet mogħtija l-isem ta' *Latiemria chalumnae*. It-tieni kampjun kien maqbud il-barra mill-Gżejjer Anjouan fl-arċipelagu ta' Comoro, qrib Madagaskar fis-sena 1952 u mogħti l-isem ta; *Malaniea anjouanae*. (ara Everyman's Encylopedia, Vol. 3, p. 1369). Madwar ħdax-il waħda ġew eżaminati, u f'400,000,000 sena ta' bidla evoluzzjonarja, ma nbidlitx nitfa waħda biss mill-antenati fossili tagħhom! Il-bniedem modern ukoll ma nbidel xejn mill-fdal ibbalzmat f'mummji ta' l-antenati tiegħu.

Fl-istat tal-bniedem xadin kien hemm aktar xjenza falza, imsejħa psewdo-xjenza minn kull stat ieħor fuq dan is-suġġett. Il-Kristjani m'għandhom qatt jibżgħu minn "xhieda bħal din għaliex din qatt ma żżomm eżami kritiku jew il-prova taż-żmien.

## FATTI XJENTIFIĊI PPRUVATI

Sa hawn f'dan is-serje kien possibbli li nżommu l-argumenti jew il-punti magħmula relattivament sempliċi. Dan l-istudju wkoll se jkun sempliċi, imma jekk xi ħadd ikun jixtieq li jidħol aktar fil-fond f'dan il-materjal hu għandu jsib illi dan jinvolvi xjenza għal kollox ikkumplikata. Madankollu, dan hu tajjeb, għaliex l-evoluzzjoni tista' faċilment tkun imxejna fil-livell ta' xjenza matematika profonda kif ukoll fi xjenza deskrittiva. Aħna sejrin nittrattaw u nittakiljaw din il-forma ta' veduta tal-kemistrija, tal-bijoloġija u fl-aħħarnett, tal-fiżika.

Aħna nisimgħu mhux ftit illum dwar is-soppa li kienet teżisti sa mill-bidu taż-żminijiet, it-taħlita oriġinali li minnha l-ħajja ħarġet minn materja ħajja. Il-kondizzjonijiet fiżiċi li jinteqal li pproduċew din il-ħajja sempliċiment ma jistgħux jagħmlu dan! Iddawwar id-dinja hemm dik li llum spiss nisimgħu dwarha l-*ozone layer*. Din hija forma ta' ossiġnu u assolutament hija essenzjali bħala protezzjoni kontra r-radjazzjoni fatali Ultra-Violet (UV) li mingħajr din il-protezzjoni din ir-radjazzjoni til-ħaqna. Din ir-radjazzjoni, jekk tidħol liberament, teqred il-ħajja kollha f'inqas minn siegħa. Għalhekk, din il-qoxra ta' l-ozone għandha tkun preżenti sabiex il-ħajja teżisti fuq l-art. Madankollu ozone jew atmosfera mimlija ossiġnu tikkawża dikompożizzjoni (*oxidation*, proċess li jiġri meta ossiġnu jiġi mħallat ma' element ieħor jew radikali). Dan jeqred il-materja wisq aktar bil-mod mir-radjazzjoni UV—imma ħalli karozza bla ma tagħti każ tagħha u r-riżultat ikun li tissaddad kollha! Is-sensittività tal-bijo-kimika għall-ossiġni hi murija bħala raġuni għaliex il-ħajja *mhix* tiġġenera spontanjament issa. Din hija d-dilemma. Bla ossiġnu UV ir-radjazzjoni teqridna: biha l-kondizzjonijiet biex jiġġeneraw il-ħajja ma jeżistux! Alla kellu joħloq it-tnejn fl-istess ħin inkella l-ħajja qatt ma kienet tista' tibqa'.

L-evoluzzjoni tpoġġi ħafna problemi fix-xjenza bijoloġika, mhux l-inqas ta' min "ġie l-ewwel, il-fellus jew il-bajda?" Għal l-evoluzzjoni biex issir kellu jkun hemm speċi ġdida ġejja minn "bajda," li *qatt ma kienet bdiet minn xi tiġieġa,* jew adulta li biedet kreatura mhux "wara jew skond ix-xorta (nisel) tagħha." Xorta (nisel) tista' biss tipproduċi bħala nfisha, għalhekk jekk tiġieġa tbid bajda mhux ta' tiġieġa dik tikser il-ġenetiċi, l-ereditå! Fi studji oħra aħna sejrin naraw dwar il-liġi tal-bijoġenesi.

Hija problema fundamentali ħafna aktar minn dan. D.N.A., l-hekk imsejħa *ċ-ċnagar tal-ħajja* ma tistax tifforma, u għalhekk ma tistax teżisti mingħajr proteina li kienet teżisti qabel (enżmi [*enzymes]*, ferment kimiku). Imma l-proteini jeħtieġu d-D.N.A. għall-formazzjoni tagħhom! Jew huma t-tnejn iġġeneraw spontanjament u fl-istess ħin jew *kienu ffurmati perfettament minn*

*Alla li Jista' Kollox lesti biex jiffunzjonaw*. Carl Sagan qal li din il-problema *hija "mitħna tal-ħajt bijoloġiku*." Dan hu xjenzat kbir Amerikan li jippreżenta programmi popolari fuq suġġetti astronomiċi minn fuq it-televiżjoni.

Fl-aħħarnett, u probabbilment l-aktar li għandha sinjifikat, l-evoluzzjoni tagħmel vjolenza lil liġi stabbilità dwar l-enerġija tas-sħana u dik mekkanika, imsejħa, *Thermodynamics*. B'ġustizzja għal Darwin huwa sewwa li tgħid li dawn il-liġijiet kienu misjuba u ippruvati *wara* li hu kien miet—imma t-tagħlim evoluzzjonarju tiegħu sar perpetwu minkejja l-kontradizzjoni għal dawn il-liġijiet.

L-ewwel liġi tgħid li l-materja la tista' tkun maħluqa lanqas meqruda. Il-problema nfisha ta' l-eżistenza hija ppreżentata hawn. Jew Alla, bħala l-Ħallieq ta' kollox, għamel kollox minn xejn, jew ma hemm ebda tweġiba għall-mistoqsija ta' fejn u kif l-univers oriġina. Nisimgħu u naqraw dwar ħafna sejbiet u teoriji dwar kif oriġina l-univers imma dawn kollha huma fantasiji!

It-tieni liġi, turi lura għall-oriġini fil-fond taż-żmien. Din il-liġi tipprova li l-Univers qiegħed imur lura, l-isfel u qiegħed miexi minn stat ta' ordni għall-kaos. Dan hu msejjaħ "*increasing enthropy*." Il-kelma *enthropy* tfisser "*il-qies ta' l-enerġija tas-sħana ta' sistema li ma tistax tiġi kkonvertuta jew mibdula f'xogħol*." L-evoluzzjoni tgħid li d-dinja tħarket b'entropija li tonqos, jiġifieri, minn kif ġie ġie għall-ordni, għallinqas fiż-żmien formattiv indefinit tagħha, f'kontradizzjoni diretta għat-tieni liġi tat-termodinamika. It-tnejn ma jistgħux ikunu korretti, u din il-liġi ġiet ippruvata b'mod xjentifiku li ħadd ma jista' jmerih (ara paġni 181-184 għal aktar informazzjoni dwar dawn il-liġijiet ).

## KONKLUŻJONI

Dan is-serje ta' sitt partijiet kien magħmul mhux biex jipprovdi tweġibiet definittivi, imma pjuttost biex juri t-triq għal kif l-isfida ta' l-evoluzzjoni tkun tista' tiġi milqugħha mill-Kristjan. Sabiex issir profiċjenti f'li tittratta dawn is-

suġġetti huwa meħtieġ ħafna u ħafna aktar studju. Inżid magħhom il-ktieb li jġib l-isem "*Scientific Creation*" minn H. Morris.

# IL-BIBBJA KONTRA L-EVOLUZZJONI

# IL-BIBBJA KONTRA L-EVOLUZZJONI

Ħafna nies jippruvaw biex jirrikonċiljaw it-teorija ta' l-evoluzzjoni mal-Bibbja Mqaddsa. Huma jinsew jew ma jirrealizzawx li l-evoluzzjoni hija kontra l-Bibbja, bħala alternattiva għal Alla u għall-ħolqien. Dawk li jippruvaw biex jgħamlu rikonċiljazzjoni bejn il-Bibbja u l-evoluzzjoni huma msejħa "*Evoluzzjonisti Teisti*," għaliex huma jistqarru li jemmnu f'Alla u fl-istess ħin jemmnu **wkoll** fl-evoluzzjoni. Qabel ma nuri l-konflitti bejn il-Bibbja u l-evoluzzjoni, ħalli nagħmlu ewġ osservazzjonijiet.

L-ewwel, l-evoluzzjoni teħtieġ **aktar żmien** sabiex tkun tassew. Hemm sitt raġunijiet tajba biex temmen li "l-ġranet" tal-ħolqien, tal-ġimgħa tal-ħolqien **ma kinux** żminijiet twal ġeoloġiċi, imma kienu komparabbli għall-ġranet ta' 24 siegħa tagħna. Dan hu msemmi hawn minħabba l-isforz minn xi wħud biex jagħtu lil Alla u lil evoluzzjoni **żmien** biżżejjed. Dan hu magħmul billi jargumentaw il-ġranet tal-ġimgħa tal-ħolqien f'mijiet jew f'eluf jew f'miljuni ta' snin:

1. Il-firda tad-dlam u d-dawl ta' **kull waħda** mis-sitt ijiem hija bħall-ġurnata ta' 24 siegħa tagħna tal-lum—kalkolu bejn wieħed u ieħor ta' nofs dlam u nofs dawl. Jekk il-jiem kienu żminijiet twal ġeoloġiċi, **għaliex** għandu Alla jagħmel nofs ta' **kull** żmien perjodu ta' dlam?

2. Il-Lhud kienu jkejlu l-jiem tagħhom bħas-sitt ijiem tal-ġimgħa tal-ħolqien, b'filgħaxija u b'filgħodu--f'dik l-ordni. Jekk il-jiem tal-ħoqien kienu żminijiet twal ġeoloġiċi, għaliex hemm xebħ bħal dan fl-esspressjoni? Alla ikkompara l-jum tas-Sibt Lhudi biex ikun miżum ma' dak il-wieħed li Hu kien żamm fl-ewwel ġimgħa li fiha Hu strieħ wara l-ħolqien. F'Ġenesi 2:1-2, naqraw,

> "*Hekk kienu mitmumin is-smewwiet u l-art, u l-eżerċtu tagħhom kollu. U fis-seba' jum Alla temm xogħolu li kien għamel: u strieħ fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel. U Alla bierek is-seba' jum, u qaddsu:*

*għax fih strieħ mix-xogħol tiegħu kollu li Alla ħalaq u għamel.*"

Ikun bilkemm il-kemm analoġija (xebħ bejn żewġ affarijiet) li **kieku** l-ġranet tal-ġimgħa tal-ħolqien kienu miljun sena twal.

4. L-eżistenza tal-ħajja tal-ħxejjex (li kienet maħluqa fit-tielet jum) ma **kinetx** tkun tista' tgħix matul lejl twil ġeoloġiku, bħal eluf jew miljuni ta' snin, għax il-veġitazzjoni **għandu** jkollha d-dawl li **kien** miġjub fl-eżistenza fl-ewwel jum. Kien issuġġerit illi lanqas ma kienet tista' l-evoluzzjoni tibqa' ħajja għall-perjodu ta' dawl ta' elf jew miljum sena, għaliex id-dawl kostanti tax-xemx ma jippermettix il-ħxejjex li **jorqdu**, u li kieku dan kien hekk, dawn kienu jispiċċaw fix-xejn fis-sħana u fit-temperatura sħuna kostanti. Kritiċi jargumentaw li l-veġitazzjoni tal-ġimgħa tal-ħol-qien **forsi** kienet xi mod differenti minn kif għandna issa, illum. Hemm, għal darb'oħra, huma jmorru u jibdew bil-*forsijiet* tagħ-hom. Ċirku familjari, hux? Issa, il-Bibbja Mqaddsa tgħid li l-ħajja tal-ħaxix maħluqa fit-tielet jum *ipproduċiet "wara x-xorta tagħha.*" (Ġenesi 1:11-12). **Li kieku** l-veġitazzjoni kienet differenti, x'ġara minnha? Nargumentaw aħna lix-xemx u l-qamar kienu differenti wkoll minn dawk li għandna issa, illum sewwasew għaliex dawn kienu miġjuba fl-eżistenza fil-ġimgħa tal-ħolqien?

Għandna aħna nargumentaw li Adam u Eva kienu differenti, xorta ta' nies differenti minn dawn fid-dinja tal-lum sempliċiment għaliex huma kienu iffurmati fil-ġimgħa tal-ħolqien? Raġunar bħal dan għandu jinqata' għal kollox illum mill-ġrajjiet tal-ġimgħa tal-ħolqien, u ma joffri ebda spjegazzjoni għat-**tmiem** għal dak kollu li beda dik il-ġimgħa, u ebda spjega għall-**bidu** għal dak li għand-na issa, illum—**wara** l-ġimgħa tal-ħolqien.

5. Il-kelma "*jum*" **qatt** ma hija wżata fil-Bibbja biex tirriferi għall-perjodu twil jew indefinit meta l-kelma jkollha qabilha num-ru definit, per eżempju: Ġenesi 1:5,8,13,23,31,

> "*U Alla semma d-dawl Nhar, u d-dlam semmieh Lejl. U l-għaxija u l-għodu kienu t-tieni jum….U l-għaxija u l-għodu kienu t-tielet jum….U l-għaxija u l-għodu kienu l-*

*ħames jum….U Alla ra kulma għamel, u, ara, kien tajjeb wisq. U l-għaxija u l-għodu kienu s-sitt jum.*"

Issa, ladarba l-kelma **jum** (meta jkollha qbilha numru definit) imkien ma tirriferi għal perjodu ħlief dak ta' jum ta' 24 siegħa jew jum tax-xemx, jien inkun f'dubju kbir li ngħid li Ġenesi kapitlu wieħed huwa **l-uniku** eċċezzjoni għal l-użu ġenerali tal-kliem!

6. **Kieku** l-jiem **kienu** żminijiet twal ġeoloġiċi, allura Adam kien ikun aktar minn 930 sena fil-mewt tiegħu kif aħna nqisu ż-żmien (Ġenesi 1:26-31; 5:5). Billi Adam kien iffurmat fis-sitt jum, u għex matul "*il-lejl*" parti mis-seba' jum, hu allura kieku kellu eluf jew miljuni ta' snin mat-tmiem tas-seba' jum **jekk** il-jiem tal-ġimgħa tal-ħolqien kienu perjodi twal ġeoloġiċi. U, Adam għex ħafna żmien wara dak—madankollu, l-età kollha tiegħu kienet ta' 930 sena. Għalhekk, l-età ta' Adam iġġarraf it-teorija ta' *età ġeoloġika*.

Forsi xi ħadd jgħid, "*Imma, ma tgħidx il-Bibbja, li l-jiem ta' Alla huma elf sena twal?*" It-tweġiba hija, "**Le**, ma tgħidx." Il-ħsieb hu meħud mit-Tieni Pietru 3:8, fejn naqraw li "**jum**" (għall-bnedmin) hu **bħal** ma huma elf sena għal Alla." Imma dan ifisser illi ż-żmien ma jfissirx l-istess għal Alla kif ifisser għall-bniedem. Alla Hu etern, imma l-bniedem iqis iż-żmien. Tassew il-bniedem ma kienx fix-xena qabel is-sitt jum, imma dan kien fuq l-art u kien parti minn kalkolu tad-dinja. L-impossibbli ma jseħħx f'għaxar miljun biljun sena, għalhekk kemm jekk il-jiem tal-ġimgħa tal-ħolqien kienu jiem letterali ta' 24 siegħa **jew** miljun sena, l-evoluzzjoni xorta waħda għadha mhix ippruvata. (ara paġni 89-92.)

It-tieni, ma hemmx konflitt bejn ix-*xjenza vera* u l-Bibbja, f'dak li huma *tassew* jgħallmu. Xjenza vera tgħallem **fatti**, u teoriji **mhumiex** fatti. L-evoluzzjoni hija sewwasew teorija, għalkemm xi wħud jattribwixxuha għax-xjenza u juru x-xjenza ħaġa b'oħra. Denominazzjonaliżmu huwa mill-bniedem, għalkemm xi wħud jistgħu juru ħaġa b'oħra dwar il-Bibbja Mqadd-

sa billi jattribwixxu l-firda reliġjuża għall-Bibbja. Issa, ħalli ninnutaw xi differenzi bejn il-Bibbja u l-evoluzzjoni.

**L-ewwel, hemm differenza bejn il-ħallieq**. Il-Bibbja tgħallem illi Elohim Alla ħalaq il-ħajja kollha (Ġenesi 1:1,11, 21,25; 2:7). L-evoluzzjoni ssostni li l-ħajja ġiet minn materja *mingħajr l-ebda ħajja*. L-evoluzzjonisti ma jemmnux li l-ħajja kienet teżisti minn dejjem għalkemm din kellu jkollha bidu jew **xi** forma ta' ħolqien. L-evoluzzjoni ssostni li l-ħajja ġiet minn dak li m'għandux ħajja, tagħmel lill-materja ta' mingħajr ħajja il-ħallieq tagħha.

**It-tieni, hemm differenza fil-metodi**. Il-Bibbja tgħidilna li Alla ġab 'il quddiem il-ħajja *permezz tal-ħolqien*. Alla lissen il-ħajja tal-ħxejjex u ta' l-annimali fl-eżistenza. Naqraw,

> "*U qal Alla: 'Ħalli l-art tnibbet ħdura, ħaxix jagħmel iż-żerriegħa, u siġar tal-frott jagħmlu frott skond ġenshom, b'żergħatu fih, fuq l-art': u hekk kien….U Alla qal: 'Ħalli l-ilmijiet jiżedu bi ħlejjaq ħajjin, u tjur li jittajru fuq l-art fil-beraħ tal-firxa tas-sema'….U Alla qal: 'Ħalli l-art tnissel ħlejjaq ħajjin skond ġenshom, bhejjem, u ħlejjaq li jitkaxkru, dbejjeb ta' l-art skond ġenshom'; u hekk kien*" (Ġenesi 1:11,20,24).

Alla ħalaq lir-raġel u lill-mara mirakolożament, u poġġihom **fuq** kull forma oħra ta' ħajja (Ġenesi 1:26-31). Ir-raġel kien magħmul mit-trab ta' l-art (Ġenesi 2:7; 3:19; Ġob 34:15; Salm 104:29; Ekkleżjażti 3:20; 12:7). Il-mara kienet magħmula **aktar tard** minn kustilja ta' Adam (Ġenesi 2:18-24; 1 Timotju 2:13; 1 Korintin 11:8). L-evoluzzjoni *tassumi* li l-ħajja bdiet b'aċċident jew *b'ċans*, u mbagħad xorta waħda ta' ħajja ipproduċiet xort'oħra ta' ħajja. Xejn fl-Iskrittura Mqaddsa ma jindika li *xorta* waħda ta' ħajja ġabet 'il quddiem xort'oħra ta' ħajja, imma kull waħda kienet **magħmula** "*skond ġensha*" (Ġenesi 1:25). Ukoll, kull waħda **nisslet** "*wara x-xorta tagħha*" (Ġenesi 1:11,12,21,28).

**It-tielet, hemm differenza fl-oriġini tal-bniedem**. Alla ħalaq "*il-ħajja*" mirakolożament. Hu ħalaq il-ħajja veġitarja u l-ħajja ta' l-annimali distinti minn xulxin. Alla mbagħad ħalaq il-bniedem "*fix-xbieha tiegħu.*"

> "*U Alla qal: 'Ħalli nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna'….Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha t'Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom*" (Ġenesi 1:26a,27).

Il-ħajja umana tikkonsisti fil-**ġisem** (li kien għall-ewwel iffurmat minn dak li m'għandux ħajja –it-trab ta' l-art) u l-**ispirtu** (li kien mogħti l-ġisem minn Elohim Alla).

> "*U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja; u l-bniedem sar ruħ ħajja*" (Ġenesi 2:7).

Ġakbu jgħidilna:

> "*Għax bħalma ġisem bla spirtu hu mejjet, hekk il-fidi bla opri hi mejta*" (2:26).

L-annimali jirriproduċu skond ġenshom, u **ma** pproduċewx ħajja umana. L-evoluzzjonisti jemmnu li l-materja evolviet għall-ħajja annimaleska, li mbagħad daret għall-ħajja umana. Huma ma jemmnux li l-bniedem hu distint mill-annimali f'li għandu ruħ eterna minn Alla li dejjem tibqa' teżisti, u lanqas ma huma jistgħu jippruvaw għall-intelliġenza tal-bniedem u l-kuxjenza tiegħu. Din hija r-raġuni għaliex l-ateu ipoġġi valur daqshekk baxx fuq il-ħajja tal-bniedem.

Għalhekk, **ma hemm** l-ebda armonija bejn il-Bibbja u l-evoluzzjoni. It-tagħlim tal-Bibbja u t-teroija falza ta' l-evoluzzjoni huma għal kollox kontra xulxin. Il-Bibbja tgħallem li Elohim Alla Hu l-Ħallieq tal-ħajja kollha, waqt li l-evoluzzjoni żżomm li l-materja tinsab fil-post tal-Ħallieq. Il-Bibbja tgħallem li l-ħajja kienet ikkreata bi tħejjija u ħsieb, b'għan, waqt li l-evoluzzjoni żżomm li l-ħajja bdiet b'aċċident jew b'ċans. Il-Bibbja tgħallem li Alla ħalaq il-ħajja b'miraklu b'kull tip ta'

ħajja tkun distinta u tnissel skond ix-xorta tagħha, waqt li l-evoluzzjoni temmen li l-materja żviluppat f'forom aktar baxxi ta' ħajja li mbagħad evolviet għall-bniedem modern. L-evoluzzjoni hija *teorija* u mhux *verità* tax-xjenza **jew** tal-Bibbja.

Issa, jekk inti taċċetta l-veduta tal-Bibbja li l-Elohim Alla ħalaq il-ħajja kollha *b'miraklu*, u tirriġetta t-teorija falza ta' l-evoluzzjoni li l-materja b'aċċidnet evolviet għall-bniedem modern, ta' min ifaħħrek. Madankollu, int għandek bżonn li tkun konsistenti. Mhuwiex biżżejjed li sempliċiment taċċetta x'tgħid il-Bibbja dwar il-ħajja **fiżika** u tirriġetta duttrini foloz tal-bnedmin, imma għandek **ukoll** taċċetta dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, dwar kif tikseb il-ħajja **spiritwali** u tirriġetta duttrini foloz tal-bnedmin dwar dan ukoll.

## IT-TUL TAL-JIEM TAL-ĦOLQIEN

Ħalli naraw f'dan l-istudju qasir dwar dak li ħafna jinterpretaw ħażin, jiġifieri t-tul tal-jiem tal-ħolqien. Huma l-ġranet tal-ħolqien sitt (6) ijiem ta' 24 siegħa jew ta' perjodi twal ta' snin? Ħalli nissuġġerixxi xi affarijiet għal konsiderazzjoni ta' min jaqra dwar din il-mistoqsija.

L-ewwelnett, ħalli ngħidu li mhuwiex xi ħaġa mhux tassoltu għal nies li jaħsbu li l-jiem jistgħu jkunu aktar minn 24 siegħa; għaliex il-Bibbja spiss tuża l-kelma "jum" biex tindika perjodu ta' żmien itwal minn 24 siegħa; f'każ partikulari, din saħansitra tirriferi għall-perjodu ta' elf sena. Biss wieħed irid joqgħod attent għat-tifsira reali tagħha.

Fit-Tieni Pietru, kapitlu tlieta, aħna ninnutaw każ ta' kif il-Mulej juża l-kelma "jum" għall-perjodu itwal minn 24 siegħa. L-appostlu Pietru, waqt li qiegħed jitkellem dwar din l-art tagħna u dwar il-wegħda tal-miġja tal-Mulej jgħid dan il-kliem:

> *"Maħbubin, din hi t-tieni ittra li qiegħed niktbilkom, u fit-tnejn qiegħed inqajjem id-dehen sinċier tagħkom b'tifkir*a. *Biex tiftakru fil-kliem imħabbar minn qabel mill-profeti*

*qaddisa, u fil-kmandament tagħna l-appostli, li l-ewwelnett, għandkom tkunu tafu, li fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom tmaqdir, igħixu skond ix-xewqat ħżiena tagħhom. U jgħidu: Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax mindu mietu missirijietna, kollox għadu kif kien fil-bidu tal-ħolqien*" (1-4).

Ħalli nieqfu eżatt hawn u ninnutaw x'inhu jgħid Pietru. Pietru qiegħed jgħid li sewwasew qabel il-miġja tal-Mulej, iqumu nies li jwaqqgħu għaż-żufjett kollox u li jgħidu, "Intom nies, taħsbu li Ġesù se jiġi? Għalfejn, intom boloh. L-affarijiet ilhom sejrin saħansitra mill-bidu tal-ħolqien mingħajr bidla waħda. Xi jġagħalkom taħsbu li se jkun hemm xi interpretazzjonijiet issa?" Innota x'jgħid Pietru fil-versi ħamsa u sitta:

> "*Dan huma ma jafux, għax hekk iridu, li bil-kelma ta' Alla ilhom hemm is-smewwiet, u li l-art qamet minn ġo l-ilma, u fl-ilma. Li bih-om id-dinja ta' dak iż-żmien, imgħarrqa bl-ilma, inqerdet:*"

Dak il-kliem li nsibu fil-vers ħamsa ma jirriferix għad-dilluvju imma għall-bidu ta' Ġenesi 1:6.

> "*Imma s-smewwiet u l-art ta' issa huma mer-fugħin bl-istess kelma, u miżmuma għan-nar għal jum il-ħaqq u t-telfien tan-nies ħżiena*" (vers 7).

Mela, dak li l-appostlu ispirat qiegħed jgħid huwa, illi n-nies huma njoranti. Sewwasew kif Alla kien seħet id-dinja darba ċertament sejjer jerġa' jisħetha. Il-ġudizzju ġej 'il quddiem.

> "*Imma ħaġa waħda, maħbubin, għandkom iżżommu f'moħħkom, li jum wieħed quddiem il-Mulej, hu daqs elf sena, u elf sena daqs jum wieħed*" (vers 8).

In-nies jaqraw din is-silta ta' l-Iskrittura u jgħidu, "Hawn l-Iskrittura tgħid li jum huwa daqs elf sena. Mela qed tara, il-ħolqien fil-fatt ħa eluf ta' snin." Tajjeb, il-problema li tassumi fatt bħal dan hija n-nuqqas li tiftakar illi l-kelma "jum" fil-Bibbja mhux dejjem għandha l-istess tifsira. Din tista' tkun ġurnata ordinarja ta' 24 siegħa; tista' tkun ġurnata jew jum—bħal dak li Pietru qiegħed jitkellem dwaru—ta' elf sena; jista' jkun jum ta' tul mingħajr qies. Bħala eżempju, aħna nitkellmu dwar il-Jum tal-Grazzja li fih qegħdin ngħixu. Il-Jum tal-Grazzja diġa' ilu kważi elfejn sena, u aħna ma nafux kemm se jdum aktar. Mela jkun sewwa li aħna dejjem inkunu nafu x'ġurnata hi f'moħħ il-kittieb meta nkunu qegħdin nikkunsidraw xi ċertu pass ta' l-Iskrittura.

Mela aħna nistaqsu lilna nfusna, "*X'jum kien f'moħħ Mosè meta kien qiegħed jikteb l-istorja tal-ħolqien?*" Hemm żewġ toroq li fihom nistgħu nsibu t-tweġiba: Waħda minnhom hija l-istqarrija sempliċi fil-vers ħamsa ta' Ġenesi kapitlu wieħed:

> "*U Alla semma d-dawl Nhar, u d-dlam semmieh Lejl. U l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum.*"

Dan jindika eżattament dak li jgħid: Kien hemm għaxija u kien hemm għodu. Imma xi ħadd jgħid, "*Ukoll hekk, dan jista' jkun li qiegħed jitkellem dwar il-bidu tal-jum u t-tmiem tal-jum. Xi provi aktar hemm li dawn kienu jiem ta' 24 siegħa?*" Tajjeb wisq. Jiena dejjem emmint li l-Ispirtu s-Santu Hu l-aħjar kummentatur fuq il-Kelma ta' Alla. Ħalli nagħtu ħarsa lejn Eżodu 20, fejn għandna mniżżel il-ġrajja ta' l-Għaxar Kmandamenti u ninnutaw vers tmienja:

> "*Ftakar f'jum is-Sibt, biex tqaddsu. Sitt ijiem taħdem, u tagħmel ix-xogħol tiegħek kollu: Imma s-seba' jum hu Sibt il-Mulej, Alla tiegħek: fih la tagħmel ebda xogħol: la int, la ibnek, la bintek, la l-qaddej tiegħek, la l-bhejjem tiegħek, u la l-għarib li jgħammar*

*'il ġewwa minn bwiebek. Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek il-Mulej jum is-Sibt, u qaddsu.*"

Ma jista' jkun hemm assolutament ebda mistoqsija li l-jiem imsemmija f'Eżodu mhumiex jiem ta' 24 siegħa. Bħala eżempju, ħadd ma jista' jgħid li l-jum tas-Sibt hu aktar minn 24 siegħa. Ħadd ma jista' jgħid li dan hu perjodu ta' elf sena. Bħala nkoraġġiment lil-Lhud biex josservaw il-Jum tas-Sibt, l-Ispirtu s-Santu ta' Alla qal, "*Dan ħa sitt ijiem ta' 24 siegħa biex ħalaq id-dinja u l-Mulej strieħ fis-seba' jum ta' 24 siegħa.*"

Dan għandu jiddeċiedi u jqiegħed f'postha kull kwistjoni l-fuq minn kull dubju li l-ħolqien tad-dinja, ma kienx perjodu ta' żmien mingħajr limitu; li l-ħolqien tad-dinja, ma kienx perjodu ta' 6,000 sena; dan kien perjodu ta' sitt ijiem ta' 24 siegħa l-waħda. Jiena naħseb li dwar dan m'għandu jkun hemm ebda dubju (Ġenesi 1:1-31; Numri 3).

Adam, l-ewwel bniedem, kien maħluq *fis-sitt jum*, għex f'Għeden matul *is-seba' jum*, u f'porzjon *mit-tmien jum*. Jekk dawn il-jiem kienu perjodi ġeoloġiċi ta' *miljuni* ta' snin fit-tul, aħna għandna s-sitwazzjoni interessanti ta' Adam li kien għex *porzjon* ta' żmien, epoka *waħda*, u għal ġo epoka kollha *oħra*, u għal ġo parti tat-tielet epoka, f'dan il-każ huwa jkollu ħafna miljuni ta' snin bħala età, meta finalment miet! Ċertament li veduta bħal din hija assurda.

# ID-DILLUVJU KONTRA L-EVOLUZZJONI

## ID-DILLUVJU KONTRA L-EVOLUZZJONI

Xhieda għall-ġrajja ta' dilluvju universali madwar 2,400 sena Q.K. tinsab kważi kullimkien. Leġġendi u reġistrar (kitba) ta' ħafna nazzjonijiet jgħidu dwar għarqa kbira. Storiċi sekulari jitkellmu dwar il-fatti li f'ċertu żmien "l-ilma" għatta d-dinja, għalkemm huma forsi jitkellmu dwar dan bħala l-hekk imsejjaħ "*iż-żmien tas-silġ.*" Kieku dan kien biss żmien jew epoka tas-silġ, l-ilma għas-silġ ried jiġi minn xi mkien, u huma jridu jagħtu kont għax-xhieda tal-ħajja tal-ħxejjex u ta' l-annimali qabel ma ġara dak li huma jseħulu "ż-żmien tas-silġ."

Fil-ktieb ta' tagħlim, "Civilisation, Past and Present," (Ċiviltà, Passat u Preżent) ktieb popolari, jinsabu stqarrijiet li jammettu għall-possibbiltà bħal din. F'paġna 80, hemm rife-renza "*għall-Waqa' taċ-ċiviltà tal-wied Indus probabbilment permezz ta' diżastru, 2,500 Q.K.*" Dan qiegħed jersaq viċin ħafna għaż-żmien tad-dilluvju, mhux hekk? Biex jispjega dan aktar, f'paġna 84 insibu din l-istqarrija:

> "Li xi traġedja—forsi dilluvju kbir jew għawġ—ġara fuq il-poplu jidher evidenti mill-fatt li gruppi ta' skeletri kienu nstabu f'xi kmamar, bħallikieku l-vittmi ltaqgħu ma' destin komuni, l-istess."

Il-Bibbja tgħidilna dwar id-dilluvju kbir ta' żmien Noè. Id-dilluvju u l-effetti tiegħu huma direttament kontra s-sistema ta' l-evoluzzjoni. Biex niddiskutu d-dilluvju u l-effetti tiegħu fuq iċ-ċivlità, aħna għandna nemmnu li l-Bibbja hija tassew; seww-asew kif l-evoluzzjonisti jemmnu li l-evoluzzjoni hi tassew. Ħalli neżaminaw l-univers qabel id-dilluvju, id-dilluvju nnifsu, u l-univers wara d-dilluvju.

1. L-ewwel, ħalli **nikkunsidraw l-Univers Qabel id-Dilluvju**. Il-Bibbja tgħidilna li l-univers kien maħluq minn Jahweh Alla—**minn xejn**. Naqraw f'Ġenesi 1:1 u Lhud 11:3,

> "*Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art….Hu permezz tal-fidi li aħna nemmnu li d-dinja kif*

*inħolqot bil-kelma ta' Alla, hekk li minn dak li ma jidhirx sar dak li jidher.*"

L-art kienet iffurmata "mill-ilma u fl-ilma." Naqraw f'Ġenesi 1:2,

> "*U l-art kienet bla forma, u ma kien fiha xejn; u dlamijiet kienu fuq wicc l-abbis. U l-Ispirtu ta' Alla kien jittajjar fuq wicc l-ilmijiet.*"

L-appostlu Pietru jgħid,

> "*Dawn jinsew għax iridu, li sa minn żmien ilu kienu s-smewwiet u l-art, li saret mill-ilma u żżomm bl-ilma bis-saħħa tal-kelma ta' Alla*" (2 Pietru 3:5).

Alla mbagħad ikkawża firda ta' l-ilmijiet. L-ilmijiet taħt is-sema kienu mifruda mill-ilma l-fuq mis-sema.

> "*U Alla qal: 'Ħa jkun hemm firxa f'nofs l-ilmijiet, u ħalli tifred l-ilmijiet.' U Alla għamel il-firxa, u fired l-ilmijiet li kienu taħt il-firxa mill-ilmijiet li kienu fuq il-firxa; u hekk kien*" (Ġenesi 1:6-7).

L-ilmijiet taħt is-sema kienu mbagħad mifruda minn dawk ta' fuq.

> "*U Alla qal: 'Ħa jkun hemm firxa f'nofs l-ilmijiet, u ħalli tifred l-ilmijiet.' U Alla għamel il-firxa, u fired l-ilmijiet li kienu taħt il-firxa mill-ilmijiet li kienu fuq il-firxa; u hekk kien*" (Ġenesi 1:6-7).

L-ilmijiet taħt is-sema kienu mbagħad mifruda mill-art niexfa.

> "*U Alla qal: 'Ħalli l-ilmijiet ta' taħt is-sema jinġemgħu f'naħa waħda, u ħalli l-art niexfa tidher': u hekk kien. U Alla semma l-art niexfa Art: u l-ġemgħa ta' l-ilmijiet semma*

*Ibħra: u Alla ra li dan kien tajjeb*" (Ġenesi 1:9-10).

Għall-ewwel, ma kienx hemm xita fuq l-art, fejn naqraw,

> "*L-ebda siġra tar-raba' ma kien għad hemm fl-art, u l-ebda ħaxix tar-raba' ma kien għadu nibet: għax il-Mulej Alla kien għadu ma bagħatx xita fuq l-art, u bniedem ma kienx hemm biex jaħdem l-art….U xmara kienet toħroġ minn Għeden biex issaqqi l-ġnien; u minn hemm kienet tinqasam, u ssir erba' friegħi*" Ġenesi 2:5, 10).

Fit-tieni jum tal-ġimgħa, Alla *fired "l-ilmijiet **il-fuq** mill-firxa mill-ilmijiet **taħt** il-firxa*," li jissuġġerixxi ammont kbir ta' ilma kien ġie mdendel il-fuq mill-art, probabbilment għamel id-dinja serra kbira. Din it-tinda ta' fwar madwar id-dinja tipprovdi għall-klima f'saħħitha, li tħalli li l-annimali jikbru mhux ħażin, il-bniedem li jkollu ħajja twila, u ħxejjex bil-meraq għall-annimali kbar bħal dinosawri. Wara l-ħolqien, Alla ra li kien "*tajjeb ħafna*" (Ġenesi 1:31). Id-dinja kienet mela "*post tajjeb ħafna*" li tgħix fih, imma issa *ma hemmx* post ideali fuq l-art. Xi ġeoloġisti jgħidu li d-dinja darba kellha klima sub-tropikali ideali ħafna, qabel ma ġara xi katastrofu kbir, kif ġie mnissel fis-sejbiet tal-fossili.

2. It-tieni, ħalli nikkunsidraw id-**Dilluvju Nnifsu**. Id-dilluvju ġie minħabba l-ħażen li kkaratterizza r-razza umana (Ġenesi 6:1-7). Il-bidu tad-dilluvju kien doppju, minn żewġ naħat. F'Ġenesi 7:11-12, naqraw,

> "*Fis-sitt mitt sena ta' għomor Noè, fit-tieni xahar, fis-sbatax-il jum tax-xahar, f'dan il-jum infaqgħu l-egħjun tal-qiegħ il-kbir u nfetħu bwieb is-smewwiet. U baqgħet nieżla x-xita fuq l-art għal erbgħin jum u erbgħin lejl.*"

Il-ħajja kollha ta' l-art kienet meqruda barra minn dik li kien hemm ġewwa l-arka (Ġenesi 7:21-24). Fl-istudju tiegħi sibt ħames raġunijiet biex nemmen li d-dilluvju kien universali—

affettwa d-dinja kollha. (1) L-iskop morali tad-dilluvju jitlob dilluvju universali. F'Ġenesi 6:11-13, naqraw,

> "*U l-art ukoll kienet imħassra quddiem Alla, u l-art kienet mimlija vjolenza. U Alla ħares lejn l-art, u, ara, kienet imħassra: għax kull maħluq kien ħassar triqtu fuq l-art. U Alla qal lil Noè: 'Wasal quddiemi t-tmiem ta' kull maħluq; għax l-art mimlija vjolenza minħabba fihom; u ara, jien neqridhom flimkien ma' l-art'.*"

(2) Il-bini ta' l-arka nfisha huwa xhieda ta' dilluvju universali, jew inkella Noè kien jista' jieħu lill-familja tiegħu u l-annimali kollha u jemigra għall-post ieħor li ma kienx se jkun milqut mid-dilluvju, pjuttost milli ħela 120 sena jibni l-arka biex jaħrab minn dilluvju li kien se jkun lokali! Imma aħna naqraw, f'Ġenesi 7:23,

> "*U kull ħaġa ħajja li kienet fuq wicc l-art inqerdet, sew il-bniedem, u sew il-bhejjem, u l-ħlejjaq li jitkaxkru, u l-agħsafar tas-sema: kollha nqerdu mill-art: u Noè biss baqa' ħaj, u dawk li kienu miegħu fl-arka.*"

(3) Il-patt tal-qawsalla ikun bla sens sakemm ma kienx hemm dilluvju universali. Dwar dan naqraw,

> "*Jien nagħmel patt magħkom, li qatt iżjed ma jinqered, ebda laħam ħaj, bl-ilmijiet tad-dilluvju; u qatt iżjed ma jkun hemm dilluvju biex iħarbat l-art*". *U żied igħid Alla: "Dan ikun sinjal tal-patt li jien qiegħed nagħmel bejni u bejnkom, u bejn kull ħliqa ħajja li hemm magħkom, għall-ġenerazzjonijiet kollha għal dejjem. Inqiegħed il-qaws tiegħi fis-sħab fuq l-art u tfeġġ il-qawsalla fis-sħab, jien niftakar fil-patt bejni u bejnkom u bejn kull ruħ ħajja f'kull laħam; u ma jkunx hemm iżjed ilma tad-dilluvju biex jeqred kull laħam*

*ħaj. U meta l-qawsalla tfeġġ fis-sħab, jien inħares lejha u niftakar fil-patt ta' dejjem bejn Alla u bejn kull ħliqa ħajja fost il-laħam li hemm fuq l-art." U Alla qal lil Noè: "Dan hu s-sinjal tal-patt li jien għamilt bejni u bejn kull laħam li hemm fuq l-art*" (Ġenesi 9:11-17).

Il-fatt li l-qawsalla **tidher** universalment huwa xhieda li d-dill-uvju kien universali.

(4) Il-paragun magħmul minn Ġesù bejn id-dilluvju u t-tmiem tad-dinja *jkun bla sens* li kieku d-dilluvju ma kienx universali. L-istess kif id-dilluvju ġie universalment Ġesù għandu jiġi għall-univers kollu. Ġesù jgħidilna,

> "*Iżda bħalma kien fi żmien Noè, hekk tkun ukoll il-miġja ta' Bin il-bniedem. għax bħal-ma f'dawk il-jiem ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, jiżżewġu u jingħataw għaż-żwieġ, sal-jum li fih Noè daħal fl-arka, u ma kinux jafu sama ġie d-dilluvju, u ħadhom ilkoll*; hekk ukoll tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem" (Mattew 24:37-39).

(5) Il-paragun ta' l-appostlu Pietru tal-ħolqien, id-dilluvju, u l-aħħar tad-dinja jkun *bla sens* kieku d-dilluvju kien lokali. Fit-Tieni Pietru 3:3-7, naqraw hekk,

> "*L-ewwwelnett, għandkon tkunu tafu, li fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom tmaqdir, igħixu skond ix-xewqat ħżiena tagħhom. U jgħidu: Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax mindu mietu missirijietna, kollox għadu kif kien fil-bidu tal-ħolqien. Dan huma ma jafux, għax hekk iridu, li bil-kelma ta' Alla ilhom hemm is-smewwiet, u li l-art qamet minn ġo l-ilma, u fl-ilma: Li bihom id-dinja ta' dak iż-żmien, imgħarrqa bl-ilma, inqerdet: Imma s-*

*smewwiet u l-art ta' issa huma merfugħin bl-istess kelma, u miżmumin għan-nar għal jum il-ħaqq u t-telfien tan-nies ħżiena.*"

It-tliet ġrajjiet kollha kellhom ikunu *universali fin-natura* biex jippreżentaw każ kontra dak li jwaqqa' għaċ-ċajt, li l-appostlu Pietru qiegħed jittratta dwaru!

3. It-tielet, ħalli nikkunsidraw l-**Univers Wara d-Dilluvju**. Wara d-dilluvju, kundizzjonijiet tal-klima kienu mpoġġija fl-ordni. Alla poġġha l-ilmijiet taħt il-kontroll permezz ta' riħ. F'Ġenesi 8:1, naqraw,

> "*U Alla ftakar f'Noè, u f'kull ħaġa ħajja, u l-bhejjem kollha li kienu miegħu fl-arka: Alla għamel li jgħaddi riħ fuq l-art, u bdew jonqsu l-ilmijiet*" (ara Salm 104:5-9).

Alla stabbilixxa staġuni definiti għad-dinja. Hu qal,

> "*Sakemm iddum l-art, żrigħ u ħsad, bard u ħomma, sajf u xitwa, lejl u nhar, ma jonqsu qatt*" (Ġenesi 8:22).

Alla stabbilixxa, kif diġa rajna, qawsalla bħala sinjal li qatt iżjed id-dinja ma tkun miksija bid-dilluvju ta' ilma (Ġenesi 9:13-15). Alla stabbilixxa wkoll forma normali ta' xita:

> "*Is-sħab italla' minn truf l-art, beraq jagħmel għax-xita; l-irjieħ joħorġu mill-imħażen tiegħu*" (Salm 135:7).

> "*Ir-riħ jonfoħ lejn in-nofsinhar, imbagħad idur lejn it-tramuntana; idur, biex jarġa' jibda l-istess dawrien tiegħu. Ix-xmajjar kollha jiġru lejn il-baħar; iżda l-baħar ma jfur qatt; lejn l-imkien mnejn jiġru x-xmajjar, hemm jerġgħu jiġru*" (Ekkleżjażti 1:5-7. Ara wkoll Ġob 36:27-30).

Id-dilluvju huwa mingħajr l-ebda dubju, relattiv għall-eżistenza tal-fossili. Id-dilluvju jispjega l-formazzjoni tal-blat sedimentarju (tal-qiegħ) u l-preżenza tal-fossili fil-blat. Kreaturi tal-baħar naturalment ikunu l-aktar viċin il-qiegħ, bil-ħut jiġi wara u annimali semplċi ta' l-art aktar wara. Il-bniedem u forom għola ta' ħajja ta' l-annimali, naturalment imorru għall-postijiet għoljin għal-għajxien, u jkunu minn ta' l-aħħar li jegħrqu. L-iskarsezza ta' fdal uman midfun fl-art hija kaġun ta' ħut li jiekol dak li jsib mejjet. Din l-ordni loġika ħabtet biex tkun l-ordni eżatta li ġeneralment tinsab fil-fossili. Il-fdal kollu ta' xorta ta' iljunfant li kien jeżisti dari kien instab fis-silġ fl-Alaska u fis-Siberja, bil-laħam ippriservat tant tajjeb illi l-ilpup kiluh meta s-silġ iddewweb. L-istonku ta' dawn l-iljunfanti spiss wera ikel nofsu misjur. Xi wħud kienu nstabu b'għajnejn li kien għad għandhom dik il-ħarsa ċassa qisa tal-ħġieġ. Annimali kbar ta' l-art u kreaturi tal-baħar instabu midfuna flimkien li normalment ma kinux jassoċċjaw flimkien. Fossili ta' ħut xi mindaqqiet huma misjuba fl-eluf. Normalment, meta l-ħut imut il-ġisem tagħhom jitħassar jew jiġi mikul minn kreaturi oħra

Il-ħut huma spiss stmati bħala l-għajn ta' ħafna żejt, u dawn għandhom ikunu midfuna immedjatament u fi kwantitajiet mhux ħażin biex jipproduċu abbundanza ta' żejt. Id-dilluvju sata' għamel ħaġa bħal din. Siġar li qegħdin fuq il-wiċċ ta' l-art qatt ma setgħu saru fossili, imma d-dilluvju sata' difinhom u ħallihom li jibbiesu, kif inhu muri fil-Foresta ippetrifikata f'Arizona. Siġar li saru fossili kienu nstabu mwaqqfa jew f'pożizzjoni mmejla matul saffi (strati) konsekuttivi ta' blat, li jistgħu biss jiġu spjegati b'katastrofu għall-għarrieda, f'daqqa waħda. Jiena qrajt xi mkien dwar sejba fl-Ingilterra ta' siġra ta' 24 metru, li kienet immejla f'angolu ta' $40^0$ u midfuna f'għaxar strati, saffi ta' żonqor, li juri lid-difna saret fi żmien qasir ħafna minflok b'biljuni ta' snin.

Id-dilluvju huwa oppost għas-sistema ta' l-evoluzzjoni. L-evoluzzjoni hija bbażata fuq it-teorija li l-ħajja bdiet f'forma sempliċi u evolviet għall-ħajja aktar ikkumplikata, aktar kumplessa kif inhu muri fil-blat antik, fil-fossili. Id-dilluvju jispjega

xi affarijiet. L-ewwel, id-dilluvju jispjega l-eżistenza tal-ħajja fossila midfuna taħt l-art. It-tieni, id-dilluvju jispjega l-ordni tal-fossili fl-art—bil-ħajja sempliċi midfuna l-aktar fil-fond u l-ħajja aktar ikkumplikata għola fil-ħama (sediment) hekk kif din ibbieset u saret blat. It-tielet, id-dilluvju jispjega għaliex l-evoluzzjoni ma tistax tiddependi fuq il-fossili biex tipprova lilha nfisha.

Sewwasew kif hemm tagħlim li wieħed joħroġ mid-dilluvju li għandu x'jaqsam ma' l-id ta' Alla fil-ħolqien u ż-żamma ta' l-univers, hemm ukoll tagħlim li għandu x'jaqsam mal-qagħda spiritwali tagħna. Sewwasew kif l-ilma kien involut f'li jsakkar l-arka għas-salvazzjoni tal-familja ta' Noè, dan ukoll huwa involut f'li jsalva r-ruħ mid-dnub. L-appostlu Pietru jgħidilna,

> "*Lil dawk li darba ma obdewx, meta s-sabar ta' Alla kien jistenna fi żmien Noè, waqt li l-arka kienet qiegħda tinbena, li fiha ftit, jiġifieri tmienja min-nies, salvaw bl-ilma. U l-magħmudija, li hi xbieha ta' dan, issal-vana issa wkoll (mhux bit-tneħħija tal-ħmieġ tal-ġisem, imma bi tweġiba ta' kuxjenza tajba 'l Alla), bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet*" (1 Pietru 3:20-21).

Meta l-bniedem tassew jemmen fi Kristu bħala l-Iben ta' Alla, jindem minn dnubietu, huwa *mbagħad* ikun ikkwalifikat biex jitgħammed fl-ilma f'sottomissjoni għar-rieda ta' Alla li tagħtih it-tweġiba għall-kuxjenza li qed tgħajjat għall-ħelsien. Ukoll, kif id-dinja kienet darba meqruda permezz tad-dilluvju, id-dinja għandha f'xi jum tiġi meqruda permezz tan-nar—meta Kristu jerġa' jiġi (2 Pietru 3:3-7). Aħna ma nafux meta dak il-jum jiġi imma dan iġagħalna biex inkunu ippreparati l-ħin kollu.

# IL-FOSSILI KONTRA L-EVOLUZZJONI

# IL-FOSSILI KONTRA L-EVOLUZZJONI

Il-fossili għal żmien twil saħħru lill-bniedem. Il-kelma *fossili* oriġinarjament tirriferi għal kull ħaġa mħaffra, jew imtella minn ġo l-art, imma issa din tapplika għal kull xhieda ta' ħajja ta' qabel misjuba fid-dinja, fl-art. L-istudju tal-fossili hu msejjaħ "Paleontoloġija." Għadam, iġsma ta' l-annimali, annimali ffriżati, affarrijiet mormija jew affarijiet imqiegħda f'posthom huma kollha fossili. L-evoluzzjonisti jammettu li l-unika *xhieda* ta' l-evoluzzjoni hija dik ippruvata permezz tal-fossili, li sservi bħala l-qofol għat-teorija. Impoġġija sempliċi, l-evoluzzjonisti jiddependu fuq il-fossili fil-blat biex *jippruvaw* l-evoluzzjoni, u mbagħad jużaw l-evoluzzjoni biex *jagħtu żmien* lill-blat tagħhom li kien diġa wżat biex *jagħtu ż-żmien* lil l-oriġini tal-ħajja! Żewġ mistoqsijiet għandhom ikunu mwieġba b'mod sodisfaċenti qabel ma l-evoluzzjoni tkun tista' titlob b'jedd il-fossili bħala prova definità tal-proċess ta' l-evoluzzjoni. L-ewwel mistoqsija hija, "*Huma l-etajiet tal-blat iddeterminati indipendentament mit-teorija ta' l-evoluzzjoni?*" It-tieni mistoqsija hija, "***Hija** l-evoluzzjoni **l-unika** spjegazzjoni tal-fdal tal-fossili?*" Iż-żewġ mistoqsijiet għandhom jiġu mwieġba "**iva**" biex jippruvaw l-evoluzzjoni! Madankollu, hekk kif neżaminaw dawn il-mistoqsijiet, aħna sejrin naraw illi **t-tnejn** huma mwieġba "**le**."

Issa ħalli nikkunsidraw l-ewwel mistoqsija, "*Huma l-etajiet tal-blat iddeterminati indipendentament mit-teorija ta' l-evoluzzjoni?*" Il-blat hu mogħti data ta' kemm għandu żmien permezz tal-fossili li jkun hemm fih, *nassumu* li l-evoluzzjoni tkun diġa ġrat. Il-ġeoloġisti (xjenzati li jistudjaw fuq dak kollu li fiha l-art) li jagħtu data lill-blat b'dan il-mod *huma nfushom huma evoluzzjonisti*! **Imbagħad**, l-evoluzzjonista jieħu d-dati tal-blat biex jipprova *jikkonferma* l-evoluzzjoni. Dan hu tassew raġunar ċirkulari, jew li tipprova tikkonferma ħaġa permezz **tagħha stess**—mingħajr xi għajnuna barranija. L-evoluzzjonisti jinsistu li l-fossili dejjem huma misjuba fl-istess ordni, mhux kwistjoni fejn dawn jinsabu fid-dinja, u dejjem mis-sempliċi

għal dawk kumplessi. Il-fossili sempliċi jintqal li jkunu fi blat antik, midfuna fl-aktar fond; waqt li l-kumplessi, dawk mhux sempliċi, huma fi blat ta' ftit żmien—qrib aktar lejn il-wiċċ ta' l-art. Ħajja sempliċi tal-baħar u tal-ħut jintqal li tinsab fil-blat aktar antik, hekk kif din żviluppat minn ħajja ta' ċellula waħda. Imbagħad ir-rettili jintqal li jiġu wara, u mbagħad it-tjur u l-agħsafar, imbagħad forom għola ta' ħajja ta' l-annimali, u mbagħad il-bniedem. Iżda, mhix ħaġa li mhix komuni li ssib fossili kumplessi **taħt** il-fossili sempliċi f'xi postijiet, mingħajr ebda xhieda ta' disturbar li kkaġuna tidwir kontra din l-ordni. Lanqas ma hu mhux komuni li ssib fossili żgħar (ta' ftit żmien) u fossili antiki fl-istess blat flimkien. Issa, jekk it-talba li s-sejba ta' l-hekk imsejħa fossili sempliċi difnet l-aktar **provi** profondi li l-bniedem żviluppa minn dawn il-forom baxxi ta' ħajja, allura ma tkunx is-sejba ta' ċerti fossili kumplessi mid-funa f'aktar fond minn fossili sempliċi **prova** li l-ħut u t-tjur żviluppaw mill-ħajja umana? Jew, meta dawn huma misjuba *flimkien*, xi jfisser dan? Dak li jipprova ħafna ma jipprova xejn, u r-riżultat huwa li l-kolonna ġeoloġika ma tissapportjax it-teorija evoluzzjonarja għal kollox, imma tispjega x'jiġri f'katastrofu naturali, bħalma kien id-dilluvju. Ftakar, "*Mhux kull laħam hu l-istess laħam*" (1 Korintin 15:39) u l-ħolqien ta' Alla huwa raġuni għad-distinzjonijiet bejn l-annimali, il-bnie-dem, il-ħut u l-agħsafar. Mela, it-tweġiba għall-ewwel mistoq-sija hija "**le**." L-etajiet tal-blat **mhumiex** iddeterminati inipen-dentament mit-teorija ta' l-evoluzzjoni. Ukoll jekk it-tweġiba kienet **iva**, it-tieni mistoqsija għad trid tkun ikkunsidrata.

Mela ħalli nikkunsidraw it-tieni mistoqsija: "**Hija l-evoluzzjoni l-unika spjegazzjoni tal-fdal tal-fossili?**" Ir-rivelazzjoni tal-Bibbja Mqaddsa ta' l-istorja bikrija tispjega l-eżistenza tal-fossili, permezz ta' preżentazzjoni ta' tliet fatti.

Fatt numru wieħed, **Ħolqien Tassew** (Ġenesi 1:1; 1:2-31). Ħolqien veru neċessarjament jinvolvi *dehra ta' żmien*, għax li tgħid li Alla ma setgħax ħalaq **bi** żmien li jidher, jiġifieri, siġra ta' ngħidu aħna, mitt sena fil-jum li din kienet maħluqa, huwa li tgħid li xejn ma jista' jinħoloq, għax *dehra ta' żmien* hija

waħda man-natura tal-ħolqien innifsu. Id-dinja kienet tal-qies kollu li hi meta nħolqot, u l-bniedem kien maħluq diġa kbir, matur, jew adult. L-univers jista' jiġi mxebbaħ għall-magna kbira li bdiet taħdem perfettament, u kienet *tajba ħafna*. Xejn ma kien mhux komplut jew barra mill-ordni. Imma d-dnub daħal ġewwa u l-magna bdiet tiqdiem mill-ħin li s-saħta kienet impoġġija fuq il-bniedem.

Fatt numru tnejn, **il-waqa' tal-bniedem u s-saħta** li ġiet bħala riżultat. Il-fatt innifsu tal-fossili ta' l-annimali juri l-idea tal-mard, sofferenza, mewt, u katastrofi fiżiċi. Billi kull ma Alla ħalaq kien "*tajjeb ħafna*," aħna ma nistgħux nirrelataw il-fossili għal Ġenesi kapitlu wieħed jew qabel, imma għall-ġrajjiet tal-ħajja fuq l-art **wara** l-ħolqien.

Fatt numru tlieta, **id-dilluvju universali** matul iż-żmien ta' Noè. Il-prinċipju ta' l-uniformitarjaniżmu huwa li *"l-preżent huwa l-muftieħ għall-passat*." Dan ifisser illi l-fdal tal-fossili kien iffurmat fil-passat bl-istess mod kif huma ffurmati issa—skond kif jaħsbu l-evoluzzjonisti! Iżda, l-biċċa l-kbira ta' tipi tal-fossili ma jistgħux ikunu spjegati mingħajr katastrofu, bħad-dilluvju. Prattikament, il-fossili kollha jintqal li jinsabu fi blat sedimentarju, speċjalment fit-tjun u fiż-żonqor, li kienu ffurmati permezz tat-tqegħid ta' l-ilma u minerali fl-art. Hemm żewġ ħwejjeġ li aħna għandna niftakru. L-ewwel, **l-unika** prova tassew għal l-evoluzzjoni hija l-għotja ta' żmien tal-blat li jkun fih il-fossili mpoġġi permezz ta' proċess naturali, għalkemm ma hemmx xhieda ta' evoluzzjoni li issa qed issir! It-tieni, il-fossili ħtiġilhom li jitqiegħdu f'katastrofu f'daqqa, jew inkella qatt ma kienu jkunu ippriservati bħala fossili, minħabba l-annimali li jieklu dak li jkun mejjet, minħabba t-taħsir u l-arja. Hemm xhieda ta' bniedem u l-hekk imsejħa "*annimali preistoriċi*" li ma kinux ta' l-istess żmien! Tpinġija Indjana ta' dinosawri (qabel ma bdejna nsibu l-għadam tad-dinosawri) f'Arizona kienet instabet. Kieku l-bniedem ma kienx eżista *fl-istess żmien* li dawn l-annimali kbar eżistew, kif jista' jkun li saret din it-tpinġija—immaġinazzjoni jew fotografija? Din it-tpinġija min-nies ta' sekli li għaddew ipinġu dinosawri kważi eżatt kif

l-għadam tal-fossili moderni juruhom li kienu. Fil-ktieb li jġib l-isem "*The Genesis Flood*" (*Id-Dilluvju Ta' Ġenesi*), minn Morris u Whitcom, hemm stampa f'paġna 167, ta' marki tas-saqajn tad-dinosawr, li twebbsu fil-qiegħ tax-xmara, jaħsbu li huma ta' l-fuq minn mitt miljun sena ilu! Dawn il-marki kienu ġew iffossilizzati. **Fl-istess** qiegħ tax-xmara, hemm ukoll marki tas-saqajn tal-bniedem, li juru li l-bniedem u d-dinosawri kienu flimkien, għallanqas qabel id-dilluvju. Mhux biss il-Bibbja tispjega l-eżistenza tal-fossili, imma l-liġijiet tat-Termodinamika, il-liġijiet bażici tan-natura, ukoll jispjegaw l-eżistenza tal-fossili. L-ewwel liġi, "*priservazzjoni ta' l-enerġija*," tispjega kif l-enerġija hi ppriservata mill-pjanti u l-annimali f'fossili mingħajr ħajja. It-tieni liġi, "*riduzzjoni ta' l-enerġija*," tispjega kif l-enerġija tmur lura, mill-ħajja għall-fossili mingħajr ħajja. Il-ħolqien ta' xi ħaġa "*tajba ħafna*" li mhijiex issa daqshekk tajba turi riduzzjoni. Is-saħta fuq il-bniedem li waqa' hija murija fix-xhieda tal-fossili ta' mard u mewt, li turi riduzzjoni tal-ħajja. Katastrofi bħad-dilluvju, ukoll juru r-riduzzjoni tas-siwi ta' l-enerġija, billi dan jeqred u jidfen. Ktieb bl-isem *ta' "Minerals, Metals, and Gems*" ("*Minerali, Metalli, u Ħaġar*"), minn A. Hyatt Verril, jgħid storja interessanti dwar Indjan li ġismu sar ippetrifikat (isir iebes daqs il-ġebel) fi żmien qasir ħafna taħt ċerti kundizzjonijiet. Dan jisplodi u jfarrak it-teorija li miljuni ta' snin huma meħtieġa biex jippetrifikaw is-siġar, eċċ. Mela, it-tweġiba għat-tieni mistoqsija hija definittivament "**le**." L-evoluzzjoni *mhijiex* l-unika spjega possibbli tal-fdal tal-fossili.

Imma xi ħadd jistaqsi, "*Ma hemmx modi kif il-ġeoloġist jagħti data lill-blat billi jagħmel ċerti testijiet, minflok ma sempliċiment joqgħod fuq is-sistema ta' l-evoluzzjoni*?" **Hemm** żewġ metodi magħrufa ħafna sabiex jagħtu data lill-blat u l-fossili. L-ewwel, hemm il-metodu tar-radju-attività, li jinvolvi t-tifrik ta' l-uranju għal ċomb. L-età (jew iż-żmien) tal-blat hija ddeterminata bl-ammont taċ-ċomb li jkun ipprodu ċut mill-uranju, ibbażat fuq l-assunzjoni liċ-ċomb kollu fil-blat kien ipproduċut mill-uranju! Madankollu, jekk il-blat **beda**

mingħajr **ebda** ċomb, l-ittestjar jista' ma jkunx eżatt, u sakemm il-blat innifsu ġie fl-eżistenza permezz ta' xi sistema speċjali ta' evo-luzzjoni, dan kien ikollu li beda bl-uranju fih. Din il-possibbiltà hija rikonoxxuta mill-*ġeoloġist onest.* It-tieni, hemm il-metodu li jagħtu d-data bih, imsejjaħ, *Radiocarbon*, li kien żviluppat minn W.F. Libbey fis-sena 1946, u hu magħruf li jittestja eżatt għal 4,000 sena, li nzerta li hu madwar iż-żmien tad-dilluvju. Dan il-metodu huwa bbażat fuq l-assunzjoni ta' l-*uniformitar-janiżmu*, jew li l-idea *li "l-preżent huwa l-muftieħ għall-passat*" (jiġifieri, dak li hu għaddej issa fl-evoluzzjoni huwa l-uniku mod li aħna nafu x'ġara fil-passat hekk kif il-bniedem żviluppa minn forom baxxi ta' ħajja). Żewġ fatturi huma magħrufa biex jinfluwenzaw il-validità ta' dan. (1) Oġġetti mgħaddsa fl-ilma għandhom karbon baxx (C 14) 14 il-kontenut, jagħti lill-oġġett li jidher li għandu aktar żmien milli jkollu. Għalhekk, id-dillu-vju, li għarraq id-dinja u kull ma kien hemm fuqha, jagħti raġuni għall-inabbiltà ta' dan il-metodu li wieħed juża biex jittestja ħalli jagħti data ta' xi ħaġa eżatta għal fuq minn 4,000 sena. (2) Ukoll, il-ħruq tal-faħam, żejt u gass fid-dinja industri-jali naqqas in-natura tas-C14 fl-arja, jagħti l-ħwejjeġ dehra apparenti ta' aktar età. Għalhekk, għalkemm dawn il-metodi li jagħtu d-dati lill-blat, ma huma bl-ebda mod perfetti, u min-għajr difetti, ma tistax toqgħod fuqhom għall-prova assoluta biex tikkonferma l-ispekulazzjonijiet magħmula mill-evoluzz-jonisti!

# IN-NATURA KONTRA L-EVOLUZZJONI

# IN-NATURA KONTRA L-EVOLUZZJONI

Il-Bibbja u l-evoluzzjoni huma żewġ forzi, żewġ qawwiet kontra xulxin dwar dak li għandu x'jqsam ma' l-oriġini tal-ħajja. Il-Bibbja, bħala l-Kelma ta' Alla, tgħallem li Alla Hu l-Ħallieq u l-Awtur ta' l-istorja. Jekk Alla jeżisti, tkun bluha kbira li tagħmel xi attentat biex tipprova tifhem l-istorja barra mill-Kelma Mqaddsa Tiegħu. Alla kien preżenti fil-ħolqien u aħna ma konniex preżenti. Il-Kelma Tiegħu tgħidilna KIF il-ħolqien sar.

L-evoluzzjoni ma tfissirx sempliċiment "bidla," imma ċertu forma ta' bidla. Skond l-evoluzzjonisti, l-evoluzzjoni hija proċess ta' zvilupp tal-ħajja li hu f'direzzjoni waħda li jsir aktar imħawwad u integrat—li l-evoluzzjoni bdiet fuq skala żgħira u kompliet matul is-snin biex tiżdied fi gradi ta' kobor u forom ta' ħajja. Il-Bibbja tgħid illi xejn mhu qiegħed jinħoloq u xejn mhu qiegħed jinqered. F'Ġenesi 2:1-3, naqraw,

> "*U hekk kienu mitmumin is-smewwiet u l-art, u l-eżerċtu tagħhom kollu. U fis-seba' jum Alla temm xogħolu li kien għamel: u strieħ fis-seba jum mix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel. U Alla bierek is-seba' jum, u qaddsu: għax fih strieħ mix-xogħol tiegħu kollu li Alla ħalaq u għamel.*"

F'Eżodu 20:11, naqraw

> "*Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, il-baħar u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek il-Mulej jum is-Sibt, u qaddsu.*"

Fl-Ittra lil-Lhud, 4:3,4,10, naqraw,

> "*Aħna li nemmnu, nidħlu fil-mistrieħ, kif qal hu: "Hekk ħlift fil-korla tiegħi, 'Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi.'" Madankollu l-għemil ta' Alla kien mitmum fil-ħolqien tad-*

*dinja. Kif jingħad x'imkien fl-Iskrittura fuq is-seba' jum: "Strieħ Alla fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu."...Għax min jidħol fil-mistrieħ ta' Alla jistrieħ hu wkoll minn xogħolu, kif Alla strieħ minn tiegħu."*

Hemm żewġ liġijiet bażiċi tan-natura msejħa "*Thermodynamics*," li huma mfissra fil-kelma nfisha, *thermo* tfisser "sħana," u *dynamics* tfisser "enerġija" jew "saħħa." Iż-żewġ aspetti ta' dawn iż-żewġ liġijiet tan-natura huma għal kollox kuntrarju għat-teorija ta' l-evoluzzjoni. Ħalli aħna nikkunsidrawhom it-tnejn.

L-ewwel, ħalli nikkunsidraw l-Ewwel Liġi tat-Termodinamika, li hija Konservazzjoni Ta' l-Enerġija. Xjenzati u evoluzzjonisti jaccettaw dan bħala fatt tan-natura. Din il-liġi sempliċiment tiddikjara li l-enerġija tist' tkun ittrasformata f'manjieri diversi, imma ma tistax la tinħoloq u lanqas tinqered. In-natura nfisha hija tip ta' *ċaqlieq perpetwu*, enerġija mill-ħajja tal-ħxejjex qatt mhi meqruda. Ħxejjex jittieklu mill-forom baxxi tal-ħajja, li mbagħad isiru ikel għall-forom għola tal-ħajja ta' l-annimali, li mbagħad isiru ikel għall-bnedmin. Imbagħad il-bnedmin jużaw l-enerġija tagħhom biex jaħdmu r-raba' ħalli jġibu l-ħajja tal-ħxejjex fl-eżistenza għal darb'oħra. U hekk il-proċess jibqa' jirripeti ruħu! Il-baqar jieklu l-ħaxix u mbagħad jipproduċu l-ħalib u l-laħam, li aħna nixorbu u nieklu biex niksbu l-enerġija ħalli nkabbru n-ngħaġ u l-baqar biex jagħtuna l-ħalib u l-laħam.

Hemm ħafna manjieri kif iċ-ċaqlieq perpetwu tan-natura jista' jkun muri jew imfisser, imma dawn l-eżempji għandhom ikunu biżżejjed biex juru l-ewwel liġi bażika tan-natura aċċettata, konservazzjoni ta' l-enerġija. Il-Bibbja tgħallem ukoll l-ewwel liġi tan-natura jew tat-termodinamika--konservazzjoni ta' l-enerġija. Il-ħolqien kollu ta' Alla huwa komplut u jibqa' sod. Fis-Salm 33:6-9, naqraw,

*"Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet, u b'nifs fommu t-tiżjin kollu tagħhom. Bħal f'ġarra l-ilmijiet ġabar, u l-ibħra fi mħażen.*

> *Ħa tibża' mill-Mulej l-art kollha; jitbeżża' kullmin igħammar fid-dinja. għax hu tkellem, u hi saret; hu ordna, u hi twaqqfet.*"

Alla ħalaq il-ħwejjeġ KOLLHA u "jħarishom kollha." F'Neħemija 9:6 naqraw,

> "*Int waħdek il-Mulej, int waħdek għamilt is-smewwiet, is-smewwiet tas-smewwiet, u l-eżerċti kollha tagħhom, u l-art iżżommhom ħajja, Lilek iqimu l-eżerċti tas-smewwiet.*"

It-tieni ħalli nikkunsidraw it-Tieni Liġi tat-Termodinamika, li hija Riduzzjoni Ta' l-Enerġija. Xjenzati u evoluzzjonisti jaċċettaw din il-liġi bażika tan-natura, imma din hija ġeneralment injorata meta l-evoluzzjoni tkun inkonsiderazzjoni. Din il-liġi sempliċiment tgħid illi l-użu ta' l-enerġija f'sistema huwa *mnaqqas*, li jħalli s-sistema tonqos u tikkonsma. Riduzzjoni ta' l-enerġija hija kuntrarju għall-konċett kollu ta' l-evoluzzjoni, li titlob żieda kostanti f'kollox. It-tieni liġi tat-Termodinamika u l-evoluzzjoni huma l-istess f'dak li huma t-tnejn jinvolvu bidla, iżda waħda hija l-fuq u l-oħra hija l-isfel. Kieku din il-liġi tan-natura tkun segwita f'dak li titlob l-evoluzzjoni, din tkun bejn wieħed u ieħor loġika daqs li kieku tgħid li jekk raġel xjieħ aktar ħames snin u mbagħad iraġġa' lura l-proċess u jsir iżgħar għal għaxar snin, u dan il-proċess ikompli lura u 'l quddiem, ir-raġel finalment imut bix-xjuħija qabel ma jilħaq it-tfulija.

Il-Bibbja wkoll tgħallem it-tieni liġi tan-natura jew termodinamika, riduzzjoni ta' l-enerġija. Meta Alla spiċċa l-ħolqien, dan kien "*tajjeb wisq.*" (Ġenesi 1:31). Dan kien qabel mas-saħta kienet ippronunzjata. Aktar tard jintqal lis-smewwiet u l-art "*jintemmu*" u "*jiqdiemu bħal libsa*" (Salm 102:25-26). Dan hu ikkonfermat minn Isaija 51:6 fejn naqraw,

> "*Erfgħu għajnejkom lejn is-smewwiet, u ħarsu lejn l-art hawn taħt. Is-smewwiet igħibu bħal duħħan, l-art bħal libsa ssir bċejjeċ…*"

U minn Ġesù ukoll, fejn f'Mattew 24:35, naqraw

*"Is-sema u l-art igħaddu, imma kliemi ma jgħaddix."*

L-appostlu Pietru wkoll ikkonferma dan meta jgħid,

> *"Għax: "Kull bniedem hu bħal ħaxix, u l-glorja tiegħu kollha bħal ward tal-ħaxix; il-ħaxix jinxef u l-ward jaqa'"* (1 Pietru 1:24).

Hemm ħafna xhieda li l-univers qiegħed jiqdiem, jikkonsma, nieżel l-isfel u jsir aktar u aktar diżordnat. Din hija xhieda li l-univers kien xi darba ġdid u li xi ħaġa qiegħdha tikkawżah li jiqdiem jew li jonqos ftit ftit. Kull ħaġa mħollija għaliha nfisha, jiġrilha l-istess ħaġa. Dan hu minnu mas-sistemi fiżiċi, organi bijoloġiċi, soċjetajiet u individwi. Dwar dak li hu spiritwali, meta wieħed ikun qiegħed imbiegħed mill-influwenza ta' l-Evanġelju, dan ikun għal kollox mifrud minn Alla u affarrijiet li huma qaddisa. Il-Paleontoloġija, li hija studju ta' fdal ta' ħajja li kienet midfuna taħt il-wiċċ ta' l-art, turi li kważi kull xorta ta' ħajja fid-dinja preżenti għandha antenati li huma ikbar minn nisel tagħha tal-lum. Dan sempliċiment juri riduzzjoni!

Il-Bibbja tirrivela l-kawża tat-taħsir ta' dan l-univers, *is-saħta* li Alla poġġa fuq l-univers wara d-dnub ta' Adam. Fis-smewwiet ma jkunx hemm "*aktar saħta*" (Rivelazzjoni 22:1-5) li tirriferi għan-nuqqas *tal-mewt…għali…biki…(u) uġigħ*" (Rivelazzjoni 21:17-19), meta Mosè kiteb id-*dikjarazzjoni "tax-xogħol iebes*" (jew, għali), "*Xewk u għolliq*" biex iġib uġigħ, "*għaraq,*" u "*ritorn lejn l-art*" jew mewt.

> *"U lil Adam qallu: Talli inti smajt minn kelmet martek, u kilt mis-siġra li ordnajtlek ma tikolx minnha u għedtlek: 'la tikolx minnha," misħuta l-art minħabba fik; bit-taħbit tiekol minnha, il-jiem kollha ta' ħajtek. Xewk u għolliq tnibbitlek, u int tiekol il-ħaxix selvaġġ. Bil-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok, sakemm terġa' lura lejn l-art, għax minnha int meħud. Għax trab int, u fit-trab terġa' tmur."*

Sakemm id-dinja tibqa', din is-saħta għandha tibqa' fl-effett.

> "*Sakemm iddum l-art, żrigħ u ħsad, bard u għomma, sajf u xitwa, lejl u nhar, ma jonqsu qatt*" (Ġenesi 8:22).

L-appostlu Pietru, jitkellem dwar it-tmiem, jgħid,

> "*Jasal, tabilħaqq, jum il-Mulej bħal ħalliel; jintemmnu mbagħad is-smewwiet bi ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja, u l-art b'kull ma fiha tkun maħruqa min-nar. Ladarba hekk kollox għandu jintemm, araw daqsxejn kif għandkom iġġibu ruħkom, kemm għandha tkun qaddisa u tajba ħajjitkom, waqt li tistennew b'ħerqa kbira l-miġja tal-jum ta' Alla. Hu minħabba f'dan il-jum li s-smewwiet jinħarqu u jinħallu u l-elementi tad-dinja jinqerdu bin-nar. Imma aħna, skond il-wegħda tiegħu, nistennew smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja*" (2 Pietru 3:10-13).

Kristu miet biex ineħħi lill-bniedem mill-effetti jew mill-konsegwenzi tas-saħta u biex jieħdu f'post ta' bla taħsir (1 Korintin 15:22, 26, 41-58).

Il-liġi bażika tan-natura, iż-żewġ liġijiet tat-Termodinamika, jippreżentaw każ tabilħaqq *kontra* t-teorija ta' l-evoluzzjoni organika. Konservazzjoni ta' l-enerġija, (enerġija li ma titbiddilx), l-ewwel liġi, ma tħallix għall-iżvilupp kontinwu tal-materja kif l-evoluzzjonisti jsostnu! Riduzzjoni ta' l-enerġija, it-tieni liġi tat-Termodinamika, tiddikjara tendenza l-isfel fl-użu ta' l-enerġija, waqt li l-evoluzzjoni titlob tendenza l-fuq. Hekk kif Alla poġġa enerġija materjali fuq l-art fil-liġijiet tan-natura, Hu poġġa wkoll enerġija spiritwali fl-Evanġelju ta' Kristu, li l-biċċa l-kbira tagħha tibqa' mhux użata. L-Evanġelju hu "l-qawwa" jew "l-enerġija" ta' Alla li ssalva lill-bniedem mid-dnub (Rumani 1:16). (Ara wkoll paġni 181-184.)

# L-ORIĠINI TAR-RAZZEZ DIFFERENTI TAL-BNEDMIN

## L-ORIĠINI TAR-RAZZEZ

Il-bnedmin jiġu f'qawsalla ta' kuluri: sofor bħar-ramel, ħomor fil-kannella, sofor fil-krema, roża ċari, suwed skuri, suwed ċari, eċċ.. U min, minn fostna mhuwiex kurjuż dwar il-kulur tal-ġilda, nisġa tax-xagħar, strutturi tal-ġisem u fatturi tal-wiċċ assoċjati ma sfond razzjali. Għaliex ħafna Afrikani għandhom ġilda sewda skura, waqt li dik tal-biċċa l-kbira tan-nies mill-Ewropa hija roża ċar? Għaliex l-għajnejn tal-biċċa l-kbira ta' nies "bojod" u nies "suwed" jidhru wisq l-istess imma huma differenti mill-għajnejn ta' l-Orjent? Għaliex xi razzez għandhom xagħar innukklat, waqt li oħrajn għandhom xagħar lixx? Għaliex xi razzez jitwalu 'l fuq minn 2.77 metri (eż. L-Watusis Afrikani), waqt li oħrajn huma inqas minn 1.90 metru (eż. l-Pigmew Afrikani)? It-tweġibiet għal xi wħud minn dawn il-mistoqsijiet, u oħrajn, jistgħu spiss jinsabu fi studju ta' l-oriġini ta' diversi razzez.

## X'INHI "RAZZA"?

"Razza" umana hija spiss imfissra bħala grupp ta' nies b'ċerti fatturi l-istess li jiddistingwuhom minn gruppi oħra ta' nies. Popolari hemm tlieta jew erba' "razzez" maġġuri ta' bned-min, kif il-kelma razza hija b'mod komuni mfissra: (a) Kaw-kasu, (minn razzet il-bojod ta' Indo-Ewropej); (b) Mongolojd jew Mongoli, (li jappartjenu għan-nies Asjatiċi b'ġilda safranija u xagħar lixx u għajnejn imġebbda); (ċ) Negrojd (nies tar-razza tas-suwed, bi mnieħer imfattar u xuftejn kbar); u, (d) Awstro-lojd, (Awstraljani). Nitkellmu b'mod ġenerali, L-Awstrolojd huma kkunsidrati grupp taħt jew inqas tal-Kawsku, sempliċi-ment għaliex iż-żewġ gruppi għandhom tant fatturi l-istess, minkejja l-fatt li l-Awstrolojd jippossiedu ġilda skura (dan il-grupp huwa spiss magħruf bħala l-grupp Aboriġinu Awstral-jan). Li kieku kellu jsir qsim bil-persentaġġ tal-popolazzjoni tad-dinja, il-gruppi jidhru hekk: Kawkasu, 55%; Mongoli, 33%; Negri, 8%; Awstrolojd, 4%. Huwa interessanti li tinnota li dawn ir-razzez huma mqassmin madwar il-globu matul mitt nazzjon, u jitkellmu 3,000+ lingwa u djaletti tribali.

Nitkellmu fuq termini wiesa, riċerka fuq differenzi razzjali wasslet lix-xjenzati għal millanqas tliet konklużjonijiet maġġuri, l-ewwel, hemm wisq aktar differenzi fost in-nies minn sempliċiment nisġa tax-xagħar, kulur tal-ġilda, u fattizzi tal-wiċċ. Tużżani ta' varjazzjonijiet oħra nstabu li jeżistu. L-eżempji li ġejjin huma meħuda minn McCuthcen (1989, pp 25-35).

(A) il-glandoli msejħa '*apocrine*' li jipproduċu rwejjaħ li aħna b'mod komuni nsejħulhom irwejjaħ tal-ġisem, (dawn il-glandoli jipproduċu għaraq fil-partijiet fejn m'hemmx xagħar), ivarjaw ħafna fost ir-razzez. L-Asjani għandhom distribuzzjoni baxxa ħafna ta' dawn il-glandoli (il-Korejani huma fost l-inqas nies fuq l-art li jipproduċu rwejjaħ ta' din ix-xorta—50% minnhom m'għandhom xejn minn dawn il-glandoli). Dwar dak li għandu x'jaqsam ma' razzez oħra, is-suwed għandhom distribuzzjoni ftit għola tal-glandoli '*apocrine*' milli għandhom il-bojod.

(B) Xama' tal-widnejn fost ir-razzez hija għal kollox differenti. Wieħed mill-aktar modi eżatti biex tagħraf Asjan mis-suwed u l-bojod huwa li tiċċekkja għad-differenza fix-xama' tal-widnejn. L-Asjani jipproduċu xama' tal-widnejn xotta u li tista' titfarrak malajr. Is-suwed u l-bojod jipproduċu xama' tal-widnejn morbida, niedja, u li twaħħal.

(C) Rati metaboliċi jistgħu ma jaqblux sinjifikament fost ir-razzez. L-għola ma tkun ir-rata metabolika, l-għola jkun il-punt li fih wieħed iħoss il-ksieħ. Ir-rata metabolika ta' l-Eskimò hija 15-30 fil-mija għola minn dik ta' l-Ewropa. Nies fl-Ekwatur għandhom l-aktar metaboliżmu baxx fost kulħadd għaliex jeħtieġu anqas kaloriji biex iżommu l-ġisimhom sħun.

Hemm ħafna differenzi oħra li jistgħu jiġu diskussi—snien, id-daqs tal-moħħ, forma tal-ġisem, eċċ.

It-tieni, riċerka wriet li f'ħafna waqtiet is-suċċess ta' aktar għajxien ta' popolazzjoni kien mgħejjun permezz tal-varjabbiltà ġenetika tagħha. Waqt li l-evoluzzjonisti jqabblu dan ma' proċessi b'ċans li joperaw fl-isfera ta' "għajxien ta' min hu l-aktar b'saħħtu," il-kreazzjonisti jaraw dan bħala sempliċiment eżempju ieħor aktar tad-disinn benefiċjenti ta' Alla. Hu tana

varjetabbiltà bħal din, nitkellmu ġenetikament, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu naddattaw b'suċċess kif il-bżonn iqum. Aktar jintqal dwar dan aktar tard.

It-tielet, minkejja l-ġid ta' l-ispeċi umana ta' varjazzjoni mibnija ġewwa l-bniedem, u minkejja r-riferenzi kustanti tagħha "għar-razza," ħadd qatt ma kien kapaċi li jissuġġerixxi mod tabilħaqq ta' min joqgħod fuqu biex jiddistingwi razza waħda minn oħra. Waqt li huwa possibbli li tikklassifika ħafna u ħafna nies fuq il-bażi ta' ċerti karatteristiċi fiżiċi, ma hemm ebda fattizzi magħrufa, ta' gruppi ta' fattizzi, li jagħmlu x-xogħol filkażi kollha.

Kien issuġġerit li **l-kulur tal-ġilda** jista' jkun il-kriterju għad-determinazzjoni għar-razza. Iżda, dan jipprovdi diffikultajiet bla tmiem għaliex waqt li ħafna Afrikani min-nofs inhar tas-Sahara u d-dixxendenti tagħhom madwar id-dinja għandhom ġilda li hija aktar skura minn dik tal-biċċa l-kbira ta' l-Ewropew, hemm miljuni ta' nies fl-Indja, ikklassifikati minn ħafna antropoloġisti bħala membri tar-razza Kawkasu, li għandhom ġilda aktar skura mill-biċċa l-kbira tas-suwed Amerikani. Xi Afrikani, jgħixu fir-reġjun taħt is-Sahara, għandhom kulur tal-ġilda li mhwiex aktar skur minn dak ta' xi Spanjoli, Taljani, Griegi, jew Lebaniżi.

**Statura** kienet issuġġerita bħala fattur li jiddetermina għarrazzez. Eżempju, il-Pigmew Afrikani, minħabba t-tul qasir tagħhom, kienu kkunsidrati bħala radikament distinti minn Afrikani oħra b'ġilda skura. Iżda, jekk l-istatura għandha ssir il-kriterju razzjali, ma jkunx neċessarju li tinkludi fl-istess raz-za kemm lit-twal Afrikani Watusi kif ukoll lil l-Iskandinavi ta' statura l-istess? Madankollu, ħadd ma jirrikkmandah dan!

Diversi **fattizzi ta' dehra** wkoll kienu ssuġġeriti bħala l-kriterji għad-determinazzjoni tar-razza. Per eżempju, ħafna nies huma familjari b'dawk ta' l-Orjent b'għajnejhom differenti forma ta' lewża. Ix-xibka żgħira ta' ġilda li hija tant karatteristika fl-għajnejn orjentali jintqal li hija fattizza li tiddistingwi tar-razza Mongol. Madankolu, kieku wieħed kellu jaċċetta dak l-argument, kif, imbagħad, jista' jkun argumentat li l-Indjan

Amerikan (li preżentament huwa ikklassfikat bħala Mongol), iżda jonqos minn din it-tagħmira) huwa wkoll Mongol? Fattizzi oħra li jiddistingwu ma jiswewx aħjar. Fattizzi bħall-kulur tax-xagħar, ta' l-għajnejn, forma tax-xagħar, il-forma ta' l-imnieħer, u x-xuftejn, u ħafna minn sinjali oħra impoġġija 'l quddiem bħala "markaturi" ta' razza waħda jew oħra jinsabu mqassmin kollha ta' spiss fost ħafna razzez. Fost in-nies twal tad-dinja hemm dawk li jesebixxu kull kulur immaġinabbli tal-ġilda—minn iswed għal abjad u kull kulur bejniethom. Fost in-nies suwed tad-dinja hemm xi wħud li għandhom xagħar innukklat, xi wħud li għandhom xagħar lixx jew bil-mewġ, u wkoll, fil-bejniet. Fost dawk in-nies tad-dinja b'imnieħer wiesa, xuftejn kbar, huwa tassew li hemm ħafna b'ġilda skura, imma l-istess, hemm ħafna b'ġilda ċara, u ħafna bejniet li għandhom dawn ukoll.

Il-kumplessità ta' dan is-suġġett tkompli tiżdied. Id-dinja hija mimlija b'popolazzjonijiet li sewwasew jidhru li jisfidaw il-klassifikazzjoni. Ħalli nikkunsidraw xi wħud minn dawn l-eżempji magħrufa ħafna: (a) In-nies tal-ġungla tan-nofs in-nhar ta' l-Afrika jidhru li huma l-istess Mongolojd bħan-Negrojd; (b) In-Negritos tal-Pacifiku tan-Nofs in-nhar jidhru Negrojd, imma qegħdin 'il bogħod imwarrba mill-Afrika u m'għandhom l-ebda ħoloq magħrufa għal dak il-kontinent; (ċ) L-Ainu tal-Ġappun huma tìp ta' nies sufin aboriġinali li jidhru li huma aktar Kawkasi minn kull ħaġa oħra; (d) L-Aborġini ta' l-Awstralja xi kultant jidhru Negrojd, imma spiss għandhom xagħar lixx jew innukklat u okkażjonalment huma bjondi bħala tfal.

Biex jakkomodaw din id-diversità immensa, ħafna sistemi differenti ta' klassifikazzjoni kienu pproponuti. Xi wħud issuġġerew minn tnejn sa tliet tuzzani razzez. Imma ebda waħda ma kienet kapaċi li twettaq ix-xogħol tagħha li tfisser b'suċċess sewwasew kif razza għandha tkun iddetermiata.

## GĦALIEX DAQSHEKK KARATTERISTIĊI RAZZJALI?

Għaliex hemm tant karatteristiċi differenti razzjali? X'inhu l-oriġini tagħhom? U kemm tul ta' żmien dan ħa biex iseħħ?

Bijoloġisti jiddeterminaw l-ispeċi billi (fost modi oħra) jinkludu fi speċi l-individwi kollha li huma kapaċi jnisslu minn żewġ razzez biex jipproduċu nisel fertili. Hemm speċi wieħed biss tal-bniedem fuq l-art—dan li aħna bħala Krsitjani nsejħulu "*ruħ ħajja*" u l-evoluzzjonisti jseħulu "*homo sapiens*." Dak, fuq il-wiċċ tiegħu, huwa fatt interessanti. Antropoloġisti u bijoloġisti jpoġġu r-razzez kollha fl-eżistenza llum fi speċi waħda biss li turi għall-fatt lid-differenzi bejn ir-razzez umani mhumiex tabilħaqq daqshekk kbar! *Membri tar-razzez kollha jistgħu jiżżewġu flimkien u jipproduċu wild fertili*.

Huwa wkoll interessanti li tinnnota li dawn "id-differenzi" **ġewwa** l-gruppi huma l-istess ippronunzjati bħala differenzi **fost** il-gruppi. Nies Negrojd ivarjaw fil-kulur minn iswed għal safrani; nies Mongolojd ivarjaw minn isfar għal abjad, għall-bronz kannella; Kawkasi ivarjaw minn roża (kif fl-Ingilterra) għall-kannella skur (kif fin-nofs in-nhar ta' l-Indja). Dawn il-kuluri tal-ġilda—li għalihom ħafna minn nies jirriferu meta huma jitkellmu dwar "razza" ta' nies—huma kkawzati permezz tas-sustanza li tagħti l-kulur kannella fil-ġilda magħrufa bħala *melanin*. Aktar ma persuna jkollha *melanin* aktar skura tkun il-ġilda bħala adult. Minn naħa l-oħra, inqas ma persuna jkollha *melanin* fil-ġilda, aktar il-ġilda tkun ċara bħala adult. Persuna li l-ġilda tagħha **ma jkollha** ebda *melanin* hija rriferuta bħala **albino**, u ma tistax tipproduċi sustanza li tagħti l-kulur (pigament) tal-ġisem. Il-kulur abjad fir-razza ta' persuna bħal din hu kkawzat minn vini (tubi) tad-demm li juru jew jidhru mill-ġilda bla kulur. Dak li jintqal li hemm ħafna kuluri differenti tal-ġilda fid-dinja mhix eżatta għal kollox.Id-differenzi **apparenti** fil-kulur huma sempliċiment differenzi fl-ammont tal-*melanin* li jinsab fil-ġilda, mhux differenzi fit-tìp ta' kulur. Hemm biss aġent wieħed li jagħti l-kulur għar-razza umana; id-dell tal-kulur sempliċiment jiddependi fuq kemm *melanin* hemm preżenti.

Il-*melanin* jagħmel wisq aktar minn sempliċiment jipprovdi lill-ġisem bl-għotja tal-kulur. Ir-rwol l-aktar importanti tiegħu huwa f'li jipproduċi l-ġisem billi jassorbi r-radjazzjoni *ultra-violet* (UV) mid-dawl tax-xemx li jaqa' fuq il-ġilda. Rad-

jazzjoni UV tista' tagħmel ħsara lill-ġilda jekk ma tkunx imsoffija permezz tal-*melanin*. Nies li għandhom ammonti kbar ta' *melanin* jistgħu jbatu ħafna jekk ikunu esposti ħafna għad-dawl UV. L-enerġija tad-dawl UV tippenetra aktar fil-fond fil-ġilda tagħhom u tista' tikkawza ħsara lit-*tissues* tal-ġilda.

Fl-iskema evoluzzjonarja, l-umanità hija l-prodott aħħari ta' tibdil jew bidliet li jsiru matul miljuni ta' snin. Kien issuġġerit li nies anatomatikament moderni għall-ewwel dehru fl-Afrika madwar 200,000 sena ilu (Cann, et al., 1987; cf. Major, 1989). F'dan il-mudell grupp wieħed baqa' fl-Afrika, waqt li millanqas, grupp wieħed ieħor emigra 'l barra mill-Afrika, u evolva fil-popolazzjonijiet kollha mhux Afrikani. Għalhekk, il-karatteristiċi differenti ġew f'din il-medda ta' żmien.

Iżda, ma hemm ebda bżonn li tissuġġerixxi perjodi twal ta' żmien. Il-punt kif jarawh il-kreazzjonisti jieħu għallanqas tliet fatturi f'kalkolu biex jispjega l-oriġini tal-varjazzjoni: (a) l-oriġini tal-bniedem; (b) il-fatti magħrufa storiċi/Bibliċi dwar il-bniedem; u (ċ) in-natura ta' l-inħawi li fihom il-bniedem emigra. Ħalli naraw xi fatti adattati li għandhom x'jaqsmu ma' kull wieħed minn dawn il-punti.

L-ewwel, ir-rakkont Bibliku jagħmilha ħafna ċara li Alla ħalaq lill-bniedem. B'hekk il-bniedem ma "evolviex" matul miljuni ta' snin. Pjuttost, Adam kien l-ewwel bniedem (1 Korintin 15:45-49; Rumani 5:12-21; Atti 17:26; Luqa 3:38) u, permezz ta' Eva, il-ħajjin kollha kellhom jiġu (Ġenesi 3:20). Dan isir kritiku f'li tiddetermina l-oriġini tal-karatteristiċi razzjali.

It-tieni, aħna nafu li storikament, u Biblikament, il-linja tad-dixxendenza umana għaddiet minn Adam u Eva u d-dixxendenti tagħhom għal Noè u l-familja tiegħu. Madankollu, kull materjal ġenetiku li kien imxerred fir-razza umana qabel id-Dilluvju globali kien severament illimitat bil-qirda ta' dak id-Dilluvju.

It-tielet, wara d-Dilluvju, ġara l-inċident tat-torri ta' Babel. In-nies irrifjutaw li jobdu lil Alla u jiksu d-dinja (Ġenesi 9:1). Għalhekk, Alla ħawwad il-lingwi tagħhom, u bħala riżultat naturali, in-nies emigraw għall-partijiet tal-globu fejn kienu

jistgħu jkunu ma' oħrajn bħalhom. (Ġenesi 11:8). Din l-emigrazzjoni, kif se niddiskutuha dalwaqt, aktarx li kellha parti x'tilgħab f'li tipproduċi karatteristiċi ġenetiċi.

## L-ORIĠINI "TAL-KULURI" TAL-BNIEDEM

Ħafna nies meta jitkellmu dwar "razza" jirriferu għall-karatteristiċi razzjali tal-kulur tal-ġilda. Għal l-iskop ta' dan l-istudju, aħna sejrin nillimitaw dan l-istudju, il-parti l-kbira, għal l-oriġini ta' karatteristika bħal din (inkunu attenti li nagħmlu dan biss f'sens li jakkomoda). Fil-bnedmin, produzzjoni ta' l-aġent li jagħti l-kulur lill-ġilda "*melanin*" hija kkontrollata minn żewġ pari ta' ġene. Aħna ninnominawhom bħala **Aa** u **Bb**, l-ittri kapitali jirrappreżentaw il-ġene dominanti u l-ittri ż-żgħar jirrappreżentaw il-ġene riċessivi (Nota: il-kelma *riċessivi* qed nużaha bħala li tfisser: "jgħibu bil-mod il-mod; li jistgħu jkunu mibdula fil-wild minn fatturi dominanti tal-ġenitur l-ieħor). **A** u **B**, billi huma dominanti, jipproduċu l-*melanin* għall-grad inqas.

Dr. Gary Parker fil-ktieb tiegħu*, Creation: The Facts of Life* (1980, pp 77-81), osserva li jekk Adam u Eva kienu t-tnejn **AABB**, huma kienu jistgħu biss li jipproduċu tfal bl-aktar kulur skur possibbli, u huma nfushom kienu jkunu skuri l-istess. Dan, jekk ma jkunx hemm bidla ġenetika (li se tkun diskussa aktar 'il quddiem), kien jipproduċi dinja magħmula minnies b'ġilda skura biss. Imma, kif diġa nnutajna, ir-razza Negrojd tagħmel inqas minn għaxra fil-mija mill-popolazzjoni tad-dinja, għalhekk, bi proċess ta' eliminazzjoni, din l-għażla tista' tkun megħluba.

Jekk Adam u Eva kienu t-tnejn **aabb**, huma kienu jistgħu li jkollhom biss tfal li kienu **aabb**, dan ikun l-aktar kulur ċar possibbli. Imbagħad, id-dinja ma jkun fiha ebda gruppjar ieħor. Imma d-dinja fiha. Għalhekk, din l-għażla wkoll hija megħluba bil-proċess ta' eliminazzjoni. Il-mistoqsija reali hija din: Hemm mekkaniżmu li bih il-karatteristiċi razzjali li aħna naraw illum setgħu oriġinaw b'koppja waħda—fl-eluf qosra ta' snin jew storja tad-dinja?

It-tweġiba hija **Iva**! Jekk Adam u Eva kienu "heterozygous" eterożigenji (jiġifieri, li tiddeskrivi ndividwu li fih il-membri ta' par ta' ġene jiddeterminaw karatteristika partikulari mhumiex l-istess, [**AaBb**; tnejn dominanti, tnejn riċessivi]), huma kienu jkunu kannella medji fil-kulur. U, għalihom—f'ġenerazzjoni waħda—differenzi razzjali setgħu ġraw faċilment. It-tabella li hija murija fil-paġna 127 tesprimi l-possibbiltajiet ġenetiċi li setgħu jirriżultaw jekk Adam u Eva kienu eterożiġenji. Innota, li f'ġenerazzjoni waħda, wieħed jista' teoretikament jistenna dawn il-kuluri li jkunu ipproduċuti. Wieħed l-aktar skur; erba' skuri; sitta medji; erba' ċari; u wieħed l-aktar ċar.

Persuna mwielda **AABB** iġġorr ġene għall-kulur l-aktar skur possibbli, u billi l-ġene kollha huma dominanti, m'għandha l-ebda ġene għaċ-ċarezza. Jekk dik il-persuna żżewġet persuna oħra li bħala ġarret il-ġene dominanti kollha, u marret f'inħawi fejn ma sar ebda żwieġ ta' taħlit ma' nies ta' kuluri differenti, il-wild li jirriżulta minn dan iż-żwieġ jista' mbagħad iġorr l-istess ġene dominanti. Il-wild ikun "*tilef*" l-abbiltà biex ikun "abjad." Għall-kuntrarju, jekk persuna li hija **aabb**, u għalhekk l-aktar ċara possibbli, tiżżewweġ persuna oħra bħala li ġġorr il-ġene riċessivi, u tmur f'inħawi li ebda żwieġ ma sar ta' taħlit ma' nies oħra ta' kuluri oħra, minn dak il-waqt 'il quddiem din l-għaqda tipproduċi biss l-aktar kulur ċar possibbli. Il-wild hekk ipproduċut ikun "*tilef*" l-abbiltà biex ikun "iswed." Huma m'għandhomx aktar il-ġene meħtieġ biex jipproduċi *melanin* biżżejjed għall-kulur iswed.

Għalhekk, tibda b'xi żewġ ġenituri minn dawn li kienu eterożiġenji, (jiġifieri, kannella medji fil-kulur), kuluri razzjali estremi (suwed u bojod biex insemmu biss żewġ eżempji) jistgħu jkunu pproduċuti f'tali mod li razzez ikollhom permanentament kuluri differenti. Naturalment, huwa wkoll possibbli biex tipproduċi razza bil-kulur kannella medju li jkollha l-kulur kannella medju fiss. Jekk il-ġenituri oriġinali ta' kulur kannella medju jipproduċu wild ta' jew **Aabb** jew **aaBB**, u dawn il-wild jiżżewġu biss lil oħrajn tal-kulur tagħhom, jevitaw taħlit ta'

żwiġijiet ma' dawk mhux ta' l-istess forma ġenetika, id-dixxendenti tagħhom ikunu ta' kulur kannella medju fiss.




Huwa possibbli li nies ta' kuluri diversi jitħalltu fiż-żwieġ? Il-wirja ta' superjorità ta' l-hekk imsejħa kuluri fid-dinja hija xhieda biżżejjed li huma hekk għamlu. Ta' interess, ukoll l-evoluzzjonisti jaqblu fuq dan il-punt. Rensberger jgħid:

> "Taħlit tar-razza mhux biss kien fatt ta' storja umana imma hu, f'dan iż-żmien ta' taqlib globali li qatt għadu ma nstama' bħalu, isir b'rata aktar mgħaġġla minn qatt qabel. Ma

> tkunx ħaġa sfurzata li timmaġina bħallikieku reali l-jum meta, ġener-azzjonijiet minn issa, "il-lewn" kollu taċ-ċentri tal-popolazzjoni maġġura jkun differenti. Sadattant, **aħna nistgħu naraw bidliet bħal dawn isiru quddiem għajnejna**, għaliex dawn huma parti mir-realtà ta' kuljum (p 54, enfasi miżjuda).

Dr. Francisco Ayala ta' l-università ta' Kalifornja osserva li jekk il-proċess beda b'koppja li kellha biss 6.7% eterożiġenità (li huwa l-medja fin-nies moderni), it-taħlit differenti possibbli jkun ta' $1x10^{2,017}$ qabel ma' l-koppja jkollha tarbija waħda identika għal oħra (1978, p 63).

Kif osserva Parker, aktarx **huwa** li Adam u Eva kienu eterożiġenji (heterozygous). Inkella, id-dixxendenti tagħhom ma kienx ikollhom varjazzjonijiet. Madankollu, wieħed jista' jissuġġerixxi li Adam u Eva bdew bis-settijiet dominanti (jew riċessivi) kollha ta' ġene, imma dawk il-bidliet ġraw wara l-Ħolqien b'riżultat ta' mutazzjonijiet (jiġifieri, bidliet fil-materjal ġenetiku (DNA) ta' ċellula jew il-bidla li dan jikkawża fil-karatteristika ta' individwu, li mhix ikkawżata minn proċessi ġenetiċi normali). Tabilħaqq, ħafna mid-differenzi ġenetiċi, u ħafna mid-diżordnijiet ġenetiċi, bla dubju qamu sa minn meta l-ewwel koppja kienet imneħħija mill-ambjent oriġinali, dak tal-bidu. Għalhekk, il-possibbiltà li xi eterożigenità hija prodott tat-tibdil (mutazzjonijiet) ma tistax tkun imneħħija.

## FATTURI OĦRAJN

Jista' jkun hemm ftit dubju li karatteristiċi razzjali eżistew qabel id-dilluvju, għallanqas għal xi grad. Iżda, inkwantu ta' kemm tajjeb kienu iddelineati d-diversi gruppi ta' nies qabel id-Dilluvju, it-tliet ulied ta' Noè u n-nisa tagħhom kienu l-uniċi nies li baqgħu ħajjin biex jgħaddu l-ġene tagħhom lill-popli ta' wara d-Dilluvju. Il-varjabbiltà li kienet fihom bil-possibbiltà ta' mutazzjonijet (bidliet) tiżgura l-kontinwità ta' diversità.

Aktar minn hekk, billi firex gruppi iżolati lingwistikament mad-dinja kollha, l-inċident tat-Torri ta' Babel kellu effett sin-

jifikanti fuq l-iżvilupp sussegwenti u fuq l-istorja tal-bniedem. Għallanqas xi wħud mid-differenzi li qamu jistgħu jkunu attribwiti għal l-ambjenti diversi li fihom in-nies sabu lilhom infushom fihom. Waqt li hu ċertament minnu li l-ġene jikkontrollaw il-produzzjoni tal-*melanin*, huwa wkoll minnu li l-ġisem għandu l-abbiltà biex "iwieġeb" (jiġifieri, jaddatta), f'ċerti limiti, għall-pressjonijiet ambjentali. Mela, dawk in-nies b'ġilda aktar skura li ġarrew għal reġjuni ekwatorjali jistgħu jaddattaw aħjar. L-istess, nies b'ġilda aktar ċara li marru fil-pajjiżi Sandinavi jkunu ffavoriti, billi nies b'ġilda aktar skura ma jistgħux jipproduċu faċilment il-Vitamina D u għalhekk ibatu minn mard bħal irtuba ta' l-għadam. Pressjonijiet ambjentali, mela, jistgħu jaffettwaw il-makkinarju ġenetiku, għallanqas għal xi daqs. (ara Mackay, 1984, pp 6-12).

Imma għaliex ċerti fattizzi huma kif inhuma? F'bosta drabi aħna sempliċiment ma nafux. Ħadd ma jaf, per eżempju, għaliex ta' l-Orjent għandhom għamliet ta' l-għajnejn imġebbda, (b'parti tar-rokkna b'ġilda vertikali li tgħatti parti mill-għajn) jew profili tal-wiċċ ċatti. Ix-xuftejn irqaq tal-Kawski u ħafna mill-Mongoli m'għandhom l-ebda vantaġġi fuq ix-xuftejn kbar tar-razza Negrojd. Għaliex persuna ta' età medja u ixjeħ Kawska titfartas tant malajr aktar minn nies ta' razzez oħra? Għaliex il-ġilda tan-nies tal-ġungla titkemmex fl-età medja u fis-snin ta' wara? Jew għaliex il-ġilda tan-Negrojd tirreżisti t-tikmix tant tajjeb? Dawn huma mistoqsijiet li għalihom aħna f'dan il-waqt m'għandniex tweġibiet.

Dak li aħna nafu hu li r-razzez kienu pproduċuti f'medda qasira ħafna ta' żmien, u li l-varjazzjonijiet razzjali li aħna naraw illum huma biss espressjoni ta' l-għotja ta' Adam u Eva kif imwassal għal għandna minn Noè. Ebda proċess twil evoluzzjonarju ma kien jista', jew ma kien meħtieg, biex jipproduċihom.

## RIFERENZI


Ayala, Francisco J. (1978), "The Mechanisms of Evolution," *Scientific American*, 239[3]:56-69.

Cann, Rebecca, L., Mark Stoneking, and Allan C. Wilson (1987), "Mitochondrial DNA and Human Evolution," *Nature*, 325:31-36.

McCutchen, Marc (1989), *The Compass in Your Nose* (Los Angeles: Jeremy P. Tarcher).

McKay, John (1984), The Origin of Races," *Creation Ex Nihilo*, 6[4]:6-12.

Major, Trevor J. (1989), "Who is this 'Eve'?" *Reasson & Revelation*, 9:13-16.

Parker, Gary E. (1980), *Creation:The Facts of Life* (San Diego, CA: Creation-Life Publishers).

Rensberger, Boyce (1981), "Racial Odyssey," *Science Digest*, 89[1]:50-57,134-136.

# FEJN TWASSAL EVOLUZZJONI TEISTIKA?

# X'INHI EVOLUZZJONI TEISTIKA?

Ħafna nies fid-dinja reliġjuża ta' llum jemmnu f'Alla iżda jemmnu wkoll fl-evoluzzjoni. Huma jemmnu li Alla ħalaq il-bniedem permezz ta' l-evoluzzjoni. Din hija msejħa 'evoluzzjoni teistika. '

Evoluzzjoni Teistika hija attentat biex tqabbel ir-rakkont Bibliku tal-ħolqien mat-teoriji foloz ta' l-evoluzzjoni. L-evoluzzjoni ma tistax tiġi ippruvata, imma, il-Bibbja tista'. Mela, għaliex tipprova tqabbel il-Kelma ta' Alla ma teorija falza? Dawk biss li ma jkunux infurmati, jippruvaw jagħmlu dan.

Dik il-persuna li tgħid li temmen f'Alla, fi Kristu, fl-Ispirtu s-Santu, fil-Bibbja, u fl-evoluzzjoni fl-istess ħin għandha bżonn li tqum u tiftaħ għajnejha għal din l-attitudni hekk serja.

L-evoluzzjoni teistika hija kuntrarju għall-Kelma ta' Alla, l-Iskrittura Mqaddsa u awtomatikament tippreżenta ħafna problemi għal dak li japprovaha. F'dan l-istudju qasir jiena sejjer niddiskuti xi wħud minn dawn il-problemi. Jiena ċert li ħafna evoluzzjonisti teistiċi ma ħasbux fejn it-twemmin tagħhom se jwassalhom.

X'kien l-iskop li nħolqot din it-teorija ta' l-evoluzzjoni u għaliex? Din it-teorija nħolqot minn dawk li ma jemmnux li hemm Alla. Billi l-ħolqien sar minn Alla, allura dawn l-atew riedu li joħolqu xi tagħlim dwar kif sar il-ħolqien u ħarġu bit-teorija ta' l-evoluzzjoni. Tagħlim bħal dan hu mistenni li jkun aċċettat minn dawk li ma jemmnux f'Alla. Imma dan mhux mistenni minn dawk li jemmnu f'Alla u li jaċċettaw il-Bibbja bħala li hi l-Kelma ispirata ta' Alla. Pero, l-agħar fost kollox hu li dawk li għandhom ir-responsabbilta' li jgħallmu lil uliedna qegħdin jgħallmuhom dan it-tagħlim falz u jgħallmu lit-tfal tagħna biex jimxu ma' dan it-tagħlim li hu prevalenti fost dawk li qatt ma emmnu f'Alla jew li qatt ma kellhom xi rispett lejn l-awtorità tal-Kelma Tiegħu—il-fatt li Alla qal dak li hu ried ifisser u fisser dak li Hu qal!

Huwa diffiċli għalija li nimmaġina stqarrijiet foloz ukoll fil-kotba tat-tfal fl-iskejjel tagħna li huma ta' detriment kemm

għat-Testment il-Qadim kif ukoll għall-Ġdid. Ċertament il-kliem ta' ċanfir mogħti mill-Mulej tagħna liż-żewġ dixxipli fit-triq ta' Għemmaws għandu japplika għal ħafna reliġjużi llum: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti!" (Luqa 24:25). Il-probelmi bażiċi tagħna llum fil-kustjoni ta' l-oriġini mhix tant li aħna injoranti dwar it-teoriji u l-ispekulazzjonijiet tal-bnedmin. Il-problema tagħna spiss hi li aħna la nafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla, u għalhekk niżbalja bil-kbir f'li nikkomunikaw il-messaġġ ta' Alla lill-bniedem modern.

Ir-rakkont ta' Ġenesi għandu jkun aċċettat *letteralment għaliex din hija l-veduta miżmuma minn Ġesu nnifsu.* Il-Mulej spiss ikkwota minn Ġenesi. F'waqt wieħed, Ġesù uża kwotazzjoni mill-ewwel u t-tieni kapitli ta' Ġenesi (Mattew 19:4-6), b'hekk jittimbra dawn iż-żewġ kapitli mhux bħala li huma xi ħrafa, kif xi wħud isostnu llum, imma bħala li huma t-tnejn storikament eżatti u ispirati divinament. Għalhekk, wieħed ma jistax b'mod leġittmu jiddubità l-istoriċità tar-rakkont tal-ħolqien mingħajr ma jistaqsi l-ħaqq jew il-veraċità ta' l-Appostli u tal-Mulej innifsu. U din, naturalment, hija għażla li mhix miftuħa għal xi Kristjan konsistenti.

Ġesù spiss irrifera għal ġrajjiet letterali u storiċi jew persuni minn Ġenesi 1-11. Hu tkellem dwar id-dilluvju ta' Noè f'Mattew 24:37-39. Hu rrifera għal Abel bħala persuna reali (Mattew 23:35). Hu uża kmand ta' Alla (Ġenesi 2:24) biex jitkellem dwar iż-żwieġ, divorzju, u żwieġ mill-ġdid f'Mark u f'Mattew 19. Ħafna eżempji oħra jistgħu jingħataw. Kif Dr. Whitcomb innota tajjeb: "…Huwa l-privileġġ ta' dawn biex jeżentaw jew ineħħu l-Adam storiku jekk huma jixtiequ li jagħmlu dan. Iżda huma m'għandhomx fl-istess ħin il-privileġġ li jistqarru li Ġesù tkellem il-verità. Adam u Ġesù jieqfu jew jaqgħhu flimkien…" (*The Early Earth*, p. 111.)

Ir-rakkont ta' Ġenesi għandu jkun aċċettat bħala **letterali** u **storiku** għaliex il-kittieba ispirati tat-Testment il-Ġdid mhux biss irriferew ta' spiss għar-rakkont, imma għamlu argumenti dottrinali li kienu jiddependu fuq il-validità storika tar-rakkont.

Kull kittieb tat-Testment il-Ġdid għamel allużjonijiet għal jew ikkwota mill-ktieb ta' Ġenesi. Fil-fatt, il-kotba kollha tat-Testment il-Ġdid fihom allużjonijiet għal Ġenesi, barra minn Filemon, u 1 u 2 Ġwanni. L-appostlu Pawlu ikkwota minn Ġenesi fl-Ewwel Korintin 11:8,12). Hu sejjaħ lil Adam u lil Eva bl-isem (1 Timotju 2:13; Rumani 5:12-14), u kkunsidra lil Adam bħala storiku daqs kemm hu storiku Kristu (1 Korintin 15:45-47) u qal li "bħalma s-serp qarraq b'Eva bil-ħażen tiegħu" (2 Korintin 11:3). Pietru uża d-dilluvju biex jiddiskuti l-magħmudija fir-relazzjoni tagħha għas-salvazzjoni tagħna (1 Pietru 3:19-21) u rrifera għall-art maħluqa ħierġa bħala li hi xi ħaġa li attwalment ġrat (2 Pietru 3:5b)

Mela, wieħed li jiddubità r-rakkont ta' Ġenesi ma jkunx aktar l-istess persuna li hu darba kien, għax l-attitudni tiegħu lejn l-Iskrittura Mqaddsa kienet imħassra b'tagħlim falz. Ġenesi ripetutament huwa rriferut fit-Testment il-Ġdid, u ma jistax ikun mifrud mill-messaġġ totali Kristjan.

1. ***L-ewwel, dak li jemmen fl-evoluzzjoni teistika huwa mwassal biex jillimità l-qawwa ta' Alla.*** It-teorija ta' l-evoluzzjoni tneħħi l-idea ta' Alla ħaj, qawwi, 'il fuq minn natura, kif ukoll li Hu eminenti fin-natura (imsemmi u muri fin-natura). L-evoluzzjonist teistiku billi ma jaċċettax ir-rakkont letterali ta' Ġenesi jkun qiegħed jirriġġetta l-omnipotenza (is-setgħa bla tarf) ta' Alla irrivelata fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. Għalhekk, billi jirriġġetta r-rakkont ta' Alla nnifsu tal-ħolqien bħala li hu falz, dan ikun illimità lil Alla. Fl-essenza, mela, dan ikun qiegħed igħid li Alla mhux kapaċi li jagħmel dak li Hu qal li għamel.
2. ***It-tieni, dak li jemmen fl-evoluzzjoni teistika, hu mwassal biex jirriġġetta r-rakkont Bibliku tal-ħolqien.*** Il-Kristjan għandu jemmen li, "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" Ġenesi 1:2; Ġwanni 1:1-4). Dan ir-rakkont għandu jqiegħed flokha l-kwistjoni għall-Kristjan, speċjalment meta Ġesù qal, "Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara?" (Mattew 19:4).

Darwin innifsu qal, "Il-bidu ta' l-univers huwa misteru, li ma jistax ikun solvut." Dan mhux minnu għall-Kristjan li jaċċetta r-rakkont ta' Ġenesi, ir-rakkont tal-ħolqien.

3. ***It-tielet, biex dan ikun konsistenti, jiġifieri, sod f'dak li hu jemmen, għandu jbaxxi lill-bniedem.*** *L-evoluzzjoni teqred id-duttrina ta' l-oriġini tal-bniedem bħala li hija divina. Il-Bibbja tirrakkonta li l-bniedem kien maħluq "fuq ix-xbieha u fuq is-sura ta' Alla" (Ġenesi 1:16). Mela, jekk l-evoluzzjoni teistika hija veru, kien l-annimal jew* l-amoeba *li kien maħluq fuq "ix-xbieha ta' Alla" u li lilu Alla tah l-ispirtu Tiegħu? Din il-kreatura stramba hija l-Adam li waqa' ta' l-evoluzzjoni teistika.*
4. ***Ir-raba', dak li jemmen fl-evoluzzjoni teistika huwa mġiegħel biex jirriġetta l-awtorità Biblika.*** Jekk ma hemmx Alla ħaj li rrivela Lilu nnifsu, il-Bibbja hija ta' bla ebda valur, jew ta' ftit valur. Din għandha tkun imħarsa bħala evoluzzjoni permezz ta' l-idejn tal-bniedem, u permezz ta' l-għerf tal-bniedem u mhux ta' Alla, u tieħu postha mal-kotba sagri l-oħra. Għalhekk, it-tmiem ta' din il-veduta huwa l-irriġettar ta' l-awtorità Biblika.
5. ***Il-ħames, l-evoluzzjonista teistiku hu mġiegħel biex jiċħad il-veritajiet Bibliċi dwar Kristu.*** L-evoluzzjoni tiċħad li Ġesù kien imwieled minn verġni. Ġesù hu meqjus bħala li Hu ftit aktar 'il fuq fis-sellum ta' l-evoluzzjoni. "L-evoluzzjoni għandha tinkludi lil Ġesù, jew inkella din għandha tiġi abbandunata. (Marion D. Shutter, *Applied Evolution*). Kif wieħed li jippretendi li hu Kristjan jista' jemmen li Ġesù għandu sfond razzjali magħmul mill-annimali u madankollu fl-istess ħin jemmen u jistqarr li jemmen li Ġesù Hu l-Iben ta' Alla?
6. ***Is-sitta, dak li jemmen fl-evoluzzjoni teistika għandu jiċħad il-waqa' tal-bniedem.*** L-evoluzzjoni ssostni li l-bniedem qiegħed fil-proċess li qiegħed tiela 'l fuq. Huma jsostnu li dan il-proċess kien ilu fit-taħrik għal miljuni ta' snin. Dan it-tlugħ 'il fuq isir permezz "ta' forzi residenti." Għalhekk, ma hemmx bżonn il-ħlas bi tpattija, u l-iskema

jew il-pjan kollu tal-fidwa ippjanat minn Alla minn qabel it-twaqqif tad-dinja. Dan għandu jaqa' (Ara Efesin 1:1-7). Lanqas m'hemm bżonn tat-twelid mill-ġdid (Ġwanni 3:1-5).

7. ***Is-seba', l-evoluzzjonista teistiku għandu jiċħad id-duttrina Biblika tad-dnub***. Il-Bibbja tgħallem li "d-dnub hu l-ksur tal-liġi" (1 Ġwanni 3:4). Dan kien minnu u tassew mill-bidu (Ġenesi 2:17 - "Iżda mis-siġra ta' tagħrif il-ġid u d-deni, la tikolx minnha: għax dak in-nhar li tiekol minnha żgur li tmut"). Alla hu muri jew irrivelat bħala mexxej morali li jistenna tweġiba pożittiva għar-rieda Tiegħu. L-evoluzzjoni tħares lejn id-dnub bħala l-prodott ta' l-ambjent tal-bniedem u wirt selvaġġ, kiefer. Għalhekk, il-bniedem mhuwiex responsabbli għad-dnubiet tiegħu. Il-loġika ta' l-evoluzzjoni teqred il-qdusija ta' Alla, għaliex tagħmel lil Alla l-awtur tad-dnub. Biex tkun evoluzzjonista teistiku konsistenti ifisser li int tkun imġiegħel li temmen.
8. ***It-tmienja, din tikkontradixxi l-morali Kristjana***. L-evoluzzjoni teistika hija bbażata fuq l-għajxien ta' min hu l-aqwa, l-aktar b'saħħtu. Il-bniedem fl-aħħarnett jilħaq dak li għandu jilħaq permezz ta' taqbida egoista u b'taqbida kontra l-oħrajn. Dan hu eżattament kontra t-tagħlim ta' Kristu dwar l-imħabba, servizz, u kobor permezz ta' li wieħed jiċħad lilu nnifsu (Mattew 5-7; 16:24). Il-konk-lużjoni naturali tagħha hija l-glorifikazzjoni tal-ġisem fuq l-ispirtu. L-evoluzzjoni hija l-muftieħ tassew għat-taħsir morali tal-lum.

Il-Kristjaneżmu u l-evoluzzjoni teistika ma jaqblux daqs kemm ma jaqblux in-nar u l-ilma. L-istess kif l-ilma u ż-żejt ma jitħalltux, l-anqas dawn ma jistgħu jitħalltu.Wieħed ma jistax jaċċetta l-Bibbja u l-evoluzzjoni bħala verità. Il-konsistenza dan ma tippermettihx. Kif ikkwotajt fil-bidu ta' dan il-ktieb fejn Thomas H. Huxley jgħid:

> "*Id-dottrina ta' l-evoluzzjoni, jekk aċċettata konsistentament, tagħmilha impossibbli li temmen fil-Bibbja.*"

U G. Richard Culp jgħid:

> "*Aħna nieqfu jew ma' Alla u t-tagħlim Tiegħu tal-ħolqien, jew aħna nieqfu ma' l-evoluzzjonista f'oppożizzjoni Għalih. Il-punti huma ċari ħafna; ma jista' jkun hemm ebda kompromess. Jew int Kristjan jew evoluzzjonist; ma tistax tkun it-tnejn.*"

Dawn huma ftit mill-problemi li l-Kristjan li jipprova jemmen fil-Bibbja u fl-istess ħin jemmen ukoll fl-evoluzzjoni teistika għandu jiffaċċjahom. Dawn il-veritajiet għandhom ikunu magħmula magħrufa għal kulħadd (Ġwanni 8:32). Int ma tistax tiċħad lil Alla, lil Kristu, u l-Bibbja u tibqa' Kristjan. Il-lingwa tal-Bibbja tgħid,

> "*U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja; u l-bniedem sar ruħ ħajja*" (Ġenesi 2:7).

Mit-trab għal ruħ ħajja: dan hu r-rakkont tal-bidu tal-bniedem. Għalkemm issa jista' jkun osservat li l-bniedem biss jista' jipproduċi bniedem, madankollu, għandu jkun aċċettat li f'xi ħin jew f'xi żmien ilu proċess li mhuwiex dak li nafu aħna dwaru tar-riproduzzjoni kellu jiġi mwettaq fl-iffurmar għal l-inqas ta' l-ewwel bniedem. Jew dan il-proċess jew inkella l-bniedem hu etern, u jiena ċert li dan ħadd ma jemmnu.

Il-mistoqsija ssir fi tnejn: (1) Xi tkun spjega raġjunèvoli ta' proċess bħal; dan tal-bidu li m'għadux qed ikun osservat fin-natura? u (2) Kif dan ikollu x'jaqsam ma' l-identità tal-bniedem? Ir-rakkont ta' Ġenesi jipprovdi t-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet.

## IL-KOMPOŻIZZJONI TAL-BNIEDEM

Alla u t-trab jagħmlu bniedem. Hemm miktub li "*…Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu: u fuq ix-xbieha ta' Alla*

*ħalqu; raġel u mara ħalaqhom*" (Ġenesi 1:27). Il-bniedem hu magħmul minn żewġ elementi bażiċi: dak fiżiku u dak spiritwali. L-għamla tiegħu tista' biss tkun mifhuma fi stima tajba ta' dan il-fatt. Dak l-att mhux komuni li ta lill-bniedem il-ħajja huwa wkoll dak li ddistingwih mill-kreaturi tal-laħam l-oħra, u wera lilu bħala wieħed ta' xbieha divina: l-ispirazzjoni letterali (nefaħ-fi) spirtu ta' Alla.

Hu minħabba din il-forma doppja li l-bniedem isib lilu nnifsu kemm etern (mir-relazzjoni tiegħu ma' Alla) u kemm temporali (mir-relazzjoni tiegħu mad-dinja). U dawn iż-żewġ fenomeni huma l-ħin kollu osservati. Kull bniedem, per eżempju, jintqal li jkollu ġisem ġdid kull seba' snin. Dan hu għaliex, minħabba t-tagħmir mill-ġdid taċ-ċelluli tal-ġisem, f'seba' snin iċ-ċelluli kollha ta' qabel ikunu ġew mibdula ma' oħrajn ġodda. Raġel jew mara normali, mela, jibdlu minn disa' sa għaxar iġsma kompluti f'ħajjithom. Madankollu, l-identità personali tagħhom tibqa' l-istess. Għalkemm persuna tkun qed tgħix fl-għaxar ġisem tagħha, hi xorta żżomm f'moħħa l-memorji minn ta' l-ewwel ġisem tagħha! Hemm għall-bniedem xi ħaġa aktar minn sempliċiment kollezzjoni ta' ċelluli. Hu jgħix indipendenti miċ-ċelluli.

Il-ġisem tal-bniedem, minn naħa l-oħra, huwa temporali u jrid imur lura fl-art, minn fejn ġie. Il-ġisem imur lura għat-trab fil-mewt. L-esperjenza dan tgħidulna. Iżda Ġenesi wkoll dan jgħidulna. Alla qal lil Adam*, "B'għaraq wiċċek tiekol il-ħobż, sakemm tarġa' tmur lejn l-art: għax minnha kont meħud: għax trab int, u fit-trab tarġa' tmur*" (Ġenesi 3:19). Ma tkunx ħaġa raġjunèvoli li tassumi li fil-mewt il-ġisem sempliċiment imur minn fejn ġie? It-temporali u l-etern. Alla għaqqadhom, u l-mewt tifridhom. "*Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħal ma kien; u l-ispirtu jarġa' lejn Alla, li tah*" (Ekkleżjażti 12:7).

## IN-NATURA TAL-BNIEDEM

Il-bniedem, tista' tgħid, huwa tiegħu nnifsu. Il-bniedem mhuwiex taħt xi kontroll barrani. Billi kien magħmul fix-xbieha ta' Alla, il-bniedem wiret l-influwenza libera: id-dritt li jmexxi l-

attivitajiet tiegħu nnifsu. Flimkien ma' din il-libertà, iżda, ġiet ir-responsabbiltà li jużaha bil-għaqal. Alla ma ħalaqx, skond Ġenesi, xi robot, ipprogrammat biex ikun fidil. Il-fedeltà tfisser li tafda, li minn naħa l-oħra titlob indipendenza tal-ħsieb. Madankollu, hu ċar ukoll illi Alla m'għamilx lill-bniedem liberu biex jagħżel waqt li jċaħħdu mill-opportunità li jagħmel għażla bħal din. Tassew, Alla kompla, jew għamel kompluta, l-influwenza morali libera tal-bniedem billi ppreżentalu kmand negattiv li hu kellu d-dritt li ma jobdihx. U l-bniedem dan ma obdiehx—imma għaliex hu għażel li jagħmel hekk.

Dan ħoloq qasma bejnu u bejn Alla, li l-fejqan tagħha sar l-iskop maħsub ta' Alla matul iż-żmien, li fl-aħħar kien imwettaq fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu.

Għal żewġ raġunijiet il-bniedem kien suġġett għal Alla: (1) Il-Ħallieq huwa dejjem aqwa mill-kreatura, li jfisser li l-bniedem jiddependi fuq Dak li ffurmah u li jservih, u (2) id-dnub ippreżenta offiża kontra Alla, li Hu biss jista' jagħti l-ħtieġa tat-tħabbib, rikonċiljazzjoni jekk għandu jkun hemm xi tama. Imma billi l-bniedem ma jistax ikun jaf il-moħħ ta' Alla, komunikazzjoni bħal din kellha tkun permezz ta' rivelazzjoni speċjali. Alla, li l-kura Tiegħu għal Adam u Eva—ukoll fid-dnub tagħhom—ikkawżatu biex jipprovdi għalihom "*qomos tal-ġild*" (Ġenesi 3:21), bassar il-qirda ta' Satana permezz ta' Ġesù Kristu, meta qal lis-serp, "*U nqiegħed mibegħda bejnek u l-mara, u bejn nislek u nisilha: hu jisħaqlek rasek, u int tisħaqlu għarqubu*" (Ġenesi 3:15).

Billi Alla hu ħanin, il-bniedem kellu t-tama. Alla għamel possibbli pjan tar-rikonċiljazzjoni permezz ta' sagrifiċċju, u mbagħad wiegħed li jipprovdi dak is-sagrifiċċju! Il-qawmien ta' Ġesù Kristu għamel possibbli l-vittorja fuq il-mewt, bidla fil-ġisem temporali, ta' din id-dinja u għaqda mill-ġdid ta' dak il-ġisem ma' l-ispirtu li kien ħallieh.

Ir-rakkont ta' Ġenesi huwa spjega tal-bniedem modern: kreatura midinba fil-bżonn ta' l-imħabba u l-providenza tal-Ħallieq tiegħu. Dan jipprovdi spjega valida tal-kompożizzjoni tiegħu u n-natura tiegħu.

Trab. In-nifs ta' Alla. Ruħ ħajja. Libertà. Tentazzjoni. Dnub. Konfużjoni, mistħija, biża'. Mewta spiritwali. Kastig. Alla ħanin. Tama. Trab għal darb'oħra. Imma għad hemm it-tama. Il-lingwa ta' Ġenesi. Din tagħmel sens. L-evoluzzjoni teistika dan kollu tiċħdu!

## MISTOQSIJIET GĦALL-EVOLUZZJONISTI TEISTI

Il-Bibbja tgħallem li Alla ħalaq l-univers materjali u l-ħajja kollha f'sitt ijiem. L-evoluzzjonista jaħseb li dak kollu li jeżisti ġie gradwalment fl-eżistenza tiegħu matul perjodu ta' miljuni ta' snin mingħajr ix-xogħol ta' Alla. Dan nistgħu nirriferu għalih bħala ateu, bħala evoluzzjonista ateu.

L-evoluzzjonista teistiku jemmen fl-eżistenza ta' Alla u li Alla uża l-proċess evoluzzjonarju biex iġib l-univers u l-ħajja fl-eżis-tenza. Il-pożizzjoni tiegħu hija waħda ta' kompromess; dan jixtieq li jkun f'pożizzjoni tajba mat-tnejn , ma' l-għedewwa u mal-ħbieb tal-Bibbja.

Il-mistoqsijiet li se naraw huma fost dawk li jiena nistaqsi lil dak li jemmnu f'Alla u fl-istess waqt jemmnu wkoll fl-evoluzz-joni.

L-ewwel mistoqsija hija din: ***Taċċetta inti l-Bibbja, il-Kelma ta' Alla, speċjalment Ġenesi 1 sa 11, bħala li huma l-kelma ispirata ta' Alla? Jew bħala li huma kollezzjoni ta' ħrejjef?***

Dan il-porzjon ta' l-Iskrittura Mqaddsa jiddikjara li Alla ħalaq, kellem fl-eżistenza dak li qabel ma kienx jeżisti, is-sema u l-art u l-ħajja kollha. L-Iskrittura Mqaddsa tgħid, "*Dak li jidher ma sarx minn ħwejjeġ li jidhru*" (Lhud 11:3). Ġesù spiss ikkwota minn din is-sezzjoni ta' Skrittura bħala li hija l-Kelma ta' Alla: "*Ma qrajtux li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara?*" (Mattew 19:4). "*Alla li għamel id-dinja u l-ħwejjeġ kollha li fiha, billi ra li hu Sid is-sema u l-art, ma jgħammarx f'tempji magħmu-lin bl-idejn*" (Atti 17:24). "*Iżda bħal ma kien fi żmien Noè, hekk tkun ukoll il-miġja ta' Bin il-bniedem*" (Mattew

24:37). Mela l-appostlu Pawlu qal li Alla għamel il-ħwejjeġ kollha li hemm fid-dinja u d-dinja nfisha. Il-grupp ta' Appostli qalu li Alla għamel "*is-sema, u l-art, u l-baħar, u kulma fihom*" (Atti 4:24). Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li Ġesù u l-appostli ispirati Tiegħu kollha kienu jemmnu li Ġenesi kapitlu wieħed sa kapitlu ħdax huma l-Kelma ta' Alla.

It-tieni mistoqsija hija din: ***Temmen int li Alla għamel lil Adam mit-trab ta' l-art? F'jum wieħed?***

L-evoluzzjonisti jgħidulna li l-bniedem evolva minn annimali aktar baxxi. Iżda l-Kelma ta' Alla tgħid: "*U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja: u l-bniedem sar ruħ ħajja*" (Ġenesi 2:7). Jgħid ukoll: "*B'għaraq wiċċek tiekol il-ħobż, sakemm targa' tmur lejn l-art: għax minnha meħud: għax trab int, u fit-trab targa' tmur*" (Ġenesi 3:19). Wieħed ma jistax jemmen iż-żewġ stqarrijiet, dik ta' l-evoluzzjonijista u dik ta' Alla fil-Kelma Tiegħu!

It-tielet mistoqsija hija din: ***Temmen int li Adam kien waħdu qabel ma Eva kienet maħluqa?***

"*U l-Mulej Alla qal: Mhux tajjeb li l-bniedem ikun waħdu: nagħmillu għajnuna li taqbel għal miegħu*" (Ġenesi 2:18). Alla ra li ma kienx tajjeb għar raġel li jkun waħdu, għalhekk għamel mara għalih.

L-evoluzzjonisti jgħidulna li kien hemm progress gradwali minn forom aktar baxxi ta' ħajja għall-forom aktar għolja. Jekk dan hu veru, kif jista' jkun hemm raġel wieħed, eżistenza umana raġel żviluppat għal kollox, imma ma kienx hemm fl-istess waqt eżistenza umana mara żviluppata għal kollox?

Skond il-Bibbja Mqaddsa kien hemm żmien meta r-raġel ta' l-umanità eżista waħdu. Huwa kellu intellett biżżejjed biex isemmi kull kreatura ħajja, imma ma kienx hemm minn fost dawk il-kreaturi kollha ħajjin waħda li kienet xierqa biex tkun is-sieħba tar-raġel. Il-Bibbja tgħidilna hekk dwar dan: "*U l-Mulej Alla tafa' ngħas tqil fuq Adam, u raqad: u ħa waħda mill-kustilji tiegħu, u għalaq il-laħam fil-post tagħha. U l-kustilja, li l-Mulej Alla ħa mill-bniedem, sawwarha mara, u ħadha għand ir-raġel. U Adam*

*qal: Din hi issa għadma ta' għadmi, u laħam ta' laħmi: tissejjaħ Mara, għax mir-raġel kienet meħuda*" (Ġenesi 2:21-23).

Il-mara kienet MEĦUDA mir-raġel u mhux mix-xadina! Jekk l-evoluzzjoni teistika hija korretta f'dak li ssostni, Alla uża proċess evoluzzjonarju biex iġib l-umanità, kemm lir-raġel u kemm lill-mara fl-eżistenza!

Ħalli naraw xi jfisser dan. L-ewwel, mhijiex ħaġa raġjunèvoli li taħseb li x-xadini kienu kollha rġiel għal xi ġenerazzjonijiet waqt li huma kienu bil-mod-il-mod qed jikbru aktar u aktar bħala eżistenza umana? It-tieni, hija ħaġa ta' bluha li taħseb li wieħed minn dawk ix-xadini ta l-ismijiet lill-bhejjem kollha, u lill-għasafar tas-sema, u lil kull dbiba tar-raba'! (Ġenesi 2:20). U t-tielet, il-Bibbja tgħid li Alla ħa kustilja mir-raġel u għamel lill-mara. Iżda l-evoluzzjonista teistiku għandu *jiċħad* li l-mara ġiet b'dan il-mod! Jekk il-mara tar-razza umana ma ġietx b'dan il-mod, allura l-Bibbja Mqaddsa hija falza u mhux ta' min jafdaha. Aħna ċerti li l-Kelma ta' Alla mhijiex falza u ta' min jafda fiha għal kollox u bla ebda dubju.

Ir-raba' mistoqsija hija din: ***Temmen int li l-appostlu Pawlu qal il-verità meta qal, "Ir-raġel mhux mill-mara; iżda l-mara mir-raġel"*** (1 Korintin 11:8)?

Jekk it-*teorija* ta' l-evoluzzjoni hija tassew, ir-raġel dejjem ġie mill-mara. L-appostlu Pawlu għamel riferenza għall-mara magħ-mula mill-kustilja tar-raġel, ta' Adam, b'hekk hu biċ-ċar emmen dak li hemm imniżżel f'Ġenesi bħala li hu verità u ġenwin. Ukoll, Pawlu qal, "*Minn bniedem wieħed għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex igħammru fuq wiċċ l-art kollha*" (Atti 17:26). U Mosè kiteb li l-mara kienet imsejħa Eva għax hi kienet *omm il-ħajjin kollha* (Ġenesi 3:20).

Jekk it-*teorija* ta' l-evoluzzjoni hi sewwa l-ebda xadina waħda mara ma kienet tista' tkun *l-omm tal-bnedmin kollha*. Għalhekk, dak li jgħid li hu jemmen li l-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla, li hija l-verità, imma jżomm lit-*teorija* ta' l-evoluzzjoni hija l-vera oriġini tal-bniedem, huwa inkonsistenti għal kollox. Dan ma jistax jem-men żewġ affarijiet kontraditorji!

Il-ħames mistoqsija hija: ***Taħseb int li Ġesù qal il-verità meta qal, "Dak li mill-bidu ħalaqhom, għamilhom raġel u mara*"** (Mattew 19:4)?

Il-kelma Griega għal "Dak li ħalaqhom" tirriferi għall-att ta' Alla li jsejjaħ fl-eżistenza dak li qabel ma kienx jeżisti. U l-kelma Griega għal "għamilhom" meta wżata dwar Alla tfisser li tikkrea. Din l-istess kelma hija wżata meta riferenza hija magħmula għall-ħolqien tad-dinja. "*…Mulej, int Alla li għamilt is-sema, u l-art, u l-baħar, u kulma fihom*" (Atti 4:24). "*Alla li għamel id-dinja u l-ħwejjeġ kollha li fiha…*" (Lhud 1:2*). "F'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet*" (Lhud 1:2).

Mela, Ġesù Hu mniżżel bħala li qal li Alla ħalaq l-umanità, kemm lir-raġel kif ukoll lill-mara, u fl-istqarrija Tiegħu ċertament li Hu jirriferi għal dak li hemm miktub f'Ġenesi!

L-evoluzzjoni teistika temmen li Alla ħalaq "kreatura ta' ċellula waħda" u li l-ħajja ta' l-annimali kollha, inkluż il-bniedem, ġejja minn dik il-kreatura waħda. Imma din għandha problemi. L-ewwel, dik iċ-ċellula waħda tista' tinqasam, u timmultiplika permezz ta' diviżjoni, imma kull diviżjoni li ssir wara tkun l-istess bħal ta' l-ewwel, mingħajr xi dħul kreattiv barrani. Mela fejn is-sessi differenti meħtieġa għar-riproduzzjoni kienu, minn fejn ġew? It-tieni, jekk dan hu minnu, il-mara ma ġietx mir-raġel kif l-appostlu Pawlu qal. Għalhekk il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, ma tkunx korretta imma tkun giddieba!

Is-sitt mistoqsija hija din***: Temmen int li Ġesù twieled minn verġni, li kien imnissel mirakolożament mill-Ispirtu s-Santu u b'hekk Hu kemm Alla kif ukoll bniedem?***

Il-profeti ħabbru minn qabel dan*: "U nqiegħed mibegħda bejnek u l-mara, u bejn nislek u nisilha: hu jisħaqlek rasek, u int tisħaqlu għarqubu*" (Ġenesi 3:15*). "Għalhekk is-Sid, hu nnifsu, jagħtikom sinjal; Ara, xebba titqal, u tiled iben, u ssemih Emmanuwèl*" (Isaija 7:14). "*Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dejjem, Prinċep tal-Paċi*" (Isaija 9:6).

L-Appostli wkoll ikkonfermaw li dan ġara:

*"Iżda hu u jaħseb fuq dan, ara, l-anġlu tal-Mulej deherlu f'ħolma jgħid: Ġużepp, bin David, la tibżax tieħu 'l Marija b'martek; għax dak li hu mnissel fiha hu mill-Ispirtu s-Santu. U hi tiled iben; u int issemmih Ġesù; għax hu jeħles il-poplu tiegħu minn dnubiethom. Issa dan kollu ġara, biex iseħħ dak li ngħad mill-Mulej bil-profeta, li jgħid: Ara x-xebba titqal, u tiled iben, u jsemmuh Emmanuwèl, li jfisser: Alla magħna. Imbagħad wara li Ġużepp qam mill-irqad tiegħu għamel bħal ma qalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa miegħu 'l martu: U ma kienx jafha sakemm wildet l-ewwel iben tagħha: u semmieh Ġesù*" (Mattew 1:20-25).

Il-ħolqien ta' Adam u Eva kif imniżżel f'Ġenesi mhuwiex aktar diffiċli li temmnu milli hu r-rakkont tat-tnissil u tat-twelid ta' Ġesù. Rakkont wieħed mhux ta' bla raġuni aktar mill-ieħor. Iż-żewġ rakkonti jintqal li kienu "milhuma" minn Alla, ispirati minn Alla (2 Timotju 3:16,17).

Aħna għandna nemmnu li Ġesù Hu dak kollu li stqarr li Hu, l-Iben ta' Alla (Ġwanni 8:24; Atti 8:37), li Hu ma kienx jista' jkun mingħajr il-konċepiment mirakoluż; u aħna għandna nemmnu li Alla qajmu mill-mewt biex insalvaw (Rumani 10:9,10). Jekk Alla jeżisti, kif l-evoluzzjonista teista jemmen, u jekk Hu dak li jintqal li Hu fil-Bibbja Mqaddsa, ma hemm xejn impossibbli Għalih li jagħmel. Mela għalfejn ma temminx ir-rakkont ta' Ġenesi?

Is-seba' mistoqsija hija din: ***Temmen int li Ġesù Hu r-ras ta' razza spiritwali, imwielda mill-ilma u l-Ispirtu, li tkun imqajma mill-imwiet u tgħix ma' Ġesù għal dejjem?***

L-Appostlu Pawlu qal li Adam kien ir-ras tar-razza naturali, razza fiżika, hekk Ġesù Hu r-ras ta' razza spiritwali (1 Korintin 15:44-49). L-Appostlu Pietru qal li dawk fi Kristu *huma "dar spiritwali, ġens maħtur qaddis, saċerdozju rjali, poplu li Alla kiseb għalih*" (1 Pietru 2:5,9). Aħna nsiru parti, membri, ta' dak il-ġens

spiritwali permezz ta' twelid mill-ilma u l-Ispirtu; billi naċċettaw il-Kelma ta' Alla bħala ż-żerriegħa spiritwali u billi nitgħammdu fl-ilma għall-maħfra tad-dnubiet (Luqa 8:11; Atti 2:38). Dan hu t-twelid mill-ġdid li jġib wieħed fil-familja ta' Alla fejn hu jkollu kull barka spiritwali magħmula possibbli permezz tal-mewt ta' Ġesù għalina, u fejn aħna nkunu nistgħu sewwasew ikollna t-tama tal-ħajja eterna ma' Ġesù Kristu u ma' dawk kollha mifdija tad-dinja kollha.

# HOMO SAPIENS?

# ĦOMO--SAPIENS?

Definizzjoni: ħomo-sapiens (bniedem għaref)—"L-unika speċi li baqgħet tgħix tal-ġens jew razza bniedem u tal-familja ta' l-annimali li jraddgħu, xadini, eċċ. ħominidae, li għaliha dan jappartjeni."

Nistaqsi jien, hawn, "Huwa dan li int taħseb dwar il-bniedem? Taqbel int ma' l-istudent tal-bijoloġija li l-bniedem hu membru tas-saltna ta' l-annimali?"

Jekk wieħed li jemmen f'Alla jaqbel ma' dan, allura dan ikun ifisser li hu ma jkunx qiegħed jagħti każ tar-rakkont li nsibu fil-Kelma ta' Alla. Dan ir-rakkont insibuh f'Ġenesi 1:25, *"U Alla għamel il-bhima ta' l-art wara x'xorta tagħha: u Alla ra li dan kien tajjeb.*" Dan jikkonkludi l-ħolqien tas-saltna ta' l-annimali. *"U Alla qal, 'ħalli aħna nagħmlu l-bniedem fix-xbieha tagħna, wara x-xebħ tagħna: u ħalli huma jkollhom dominju fuq il-ħut tal-baħar, u fuq it-tjur ta' l-ajru, u fuq in-nagħaġ, u fuq id-dinja kollha, u fuq kull ħaġa li titkaxkar fuq l-art'*" (Ġenesi 1:26).

Vers 25 fih imniżżel il-ħolqien tas-saltna ta' l-annimali li kien *l-att finali* ta' preparazzjoni għall-ħolqien minn Alla tal-bniedem. Alla ħalaq il-bniedem fix-xbieha Tiegħu stess u tah id-dominju fuq id-dinja kollha inkluż il-familja ta' l-annimali. Dan jidher ċar li l-bniedem mhuwiex annimal! Allura x'inhu l-bniedem?

David għamel din il-mistoqsija fis-Salm 8:4 meta qal: "*X'inhu l-bniedem, illi inti taf bih?… Għax ftit inqas mill-anġli int għamiltu, u bil-glorja u l-ġieħ inkurunajtu. Int għamiltu biex ikollu l-ħakma fuq egħmejjel idejk; int qegħidt kollox taħt riġlejh…*" David ma ra l-ebda annimal iżda kreatura għola

b'dominju sħiħ fuq il-ħwejjeġ l-oħra kollha. Imma għal darb'oħra—***x'inhu l-bniedem?***

David (il-kittieb tas-Salmi) jistaqsi mistoqsija hawn illi baqgħet iżżur lill-bniedem sa mill-ħolqien tiegħu. Ukoll illum il-bniedem ifittex tweġiba għal din il-mistoqsija. Xi wħud ikkonkludew li l-bniedem hu l-produzzjoni ta' proċess evoluzzjonarju li ilu sejjer għall-miljuni ta' snin. Il-bniedem huwa mħares bħala annimal għola minn kreatura oħra, imma mhux differenti ħafna minnhom. Il-bniedem huwa mħares bħala l-prodott tas-soċjetà f'dan is-sens, u d-destinat biex jgħaddi għal nisi għal kollox meta jmut.

Ħsibijiet bħal dawn wasslu għall-istudju tal-bniedem, in-natural tal-bniedem u għal moralità laxka ta' żminijietna. Kif attur ikkummenta fuq it-televiżjoni fil-programm li jġib l-isem "The Mary Griffin Show," "Ma hemm xejn ħażin f'li aħna nagħmlu bħall-annimali sesswalment, għaliex aħna, aħna sewwasew il-prodott ta' l-evoluzzjoni u biss ftit il-fuq mill-annimali fuq kollox." Dan il-kumment kien sempliċiment is-sommarju ta' dak li ħafna jħossu li kienu influwenzati mit-tagħlim ta' l-evoluzzjoni. Għax dak li l-bniedem jara lilu nnifsu li hu, jinfluwenza ħafna kif hu jersaq għall-ħajja u l-moralità.

Il-Bibbja għandha ħafna xi tgħid dwar in-natura tal-bniedem. L-ewwel, u l-aktar importanti fost kollox, huwa t-tagħlim li l-bniedem huwa ħolqien ta' Alla. Il-kittieb tas-Salmi jiddikjara fis-Salm 100:3, "*Kunu afu li l-Mulej hu Alla: hu li għamilna, u mhux aħna lilna nfusna; aħna l-poplu tiegħu, u n-ngħaġ tal-mergħa tiegħu*." Elihu qal lil Ġob, "*L-Ispirtu ta' Alla għamilni, u nifs min jista' kollox jagħtini l-ħajja*" (Ġob 33:4).

Il-mistoqsija tagħna hija, "***X'inhu l-bniedem?***" Forsi minn dak kollu li għedna s'issa għad m'għandniex tweġiba eżatta. Biss din it-tweġiba eżatta nsibuha mniżżla f'Ġenesi 2:7 fejn naqraw, "*U l-Mulej Alla fforma l-bniedem mit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnif-sejh in-nifs tal-ħajja;* ***u l-bniedem sar ruħ ħajja***."

Jiena nemmen li din hija t-tweġiba eżatta tagħna—il-bniedem hu **ruħ ħajja**. Mhux annimal. Mhux homo-sapiens! Is-saltna kollha ta' l-annimali kienet miġjuba quddiem il-bniedem u hu tahom isem iżda ma kienx jista' jinstab sieħeb adattat għalih

minn fost is-saltna ta' l-annimali. Għal dan kien hemm il-ħtieġa ta' ħolqien speċjali sabiex jifforma "sieħeb ta' għajnuna għalih."

Issa, huwa minnu u li ħadd ma jiċħdu li l-bniedem, f'din il-fażi tal-ħajja, għandu ħafna mill-aptiti karatteristiċi ta' l-annimali, *imma mhuwiex sewwa jew korrett li taħseb dwaru bħala annimal ta' żvilupp superjuri minħabba dan*. Il-ħwejjeġ li jżommu lil animali ma jissodisfawx lill-bniedem. Salamun tgħallem dwar dan meta wara ħajja ta' esperimentazzjoni, hu kkonkluda li kollox kien "*vanità u frugħa ta' l-ispirtu*." Salamun għalaq hekk: "*Ibża' minn Alla u żomm il-kmandamenti tiegħu*" (Ekkleżjażti 12:13). Dan huwa intimu wisq, u b'dan il-mod biss jista' l-bniedem ikun miż-mum sewwa. Ġesù poġġa dan b'mod ftit differenti meta qal: "*Il-bniedem ma jgħix bil-ħobż biss, iżda permezz ta' kull kelma li toħroġ mill-ħalq ta' Alla*" (Mattew 4:4).

Il-bniedem huwa "*ruħ ħajja*." Il-firxa tal-ħajja tiegħu hija *eterna*. Fuq il-ħolqien, il-bniedem hu mpoġġi f'ġisem karnali jixbaħ lil dak ta' l-annimal għall-perjodu qasir ta' prova.

Huwa ħafna l-istess bħal kif manifattur li jagħmel prodott u jissuġġettah għall-prova biex jara jekk dan huwiex iddestinat għar-rimi jew inkella għall-konsumatur, għax-xerrej. L-appostlu Pawlu jgħidilna li hemm ġlieda kontinwa bejn il-ġisem u l-ispirtu għall-kontroll tal-bniedem. Aħna mgħallma li lkoll kemm aħna għandna nieqfu u nagħtu kont għal l-egħmejjel magħmula fil-ġisem. (2 Korintin 5:10.) Kif il-bniedem iżomm dan il-perjodu ta' prova jiddetermina d-destin tiegħu, iżda l-ħajja tiegħu hija eterna.

Imma ma *hemm ebda* mod kif annimal jista' jsir bniedem. It-teorija ta' l-evoluzzjoni mhix saħansitra teorija raġjunèvoli. Jiena naċċetta li xi animali jistgħu jiġu mgħallma biex jagħmlu xi affari-jiet tassew kbar. Imma l-ebda ammont ta' taħriġ, l-ebda arranġa-ment ta' kondizzjonijiet ambjentali ma jistgħu jibdlu annimal fi bniedem! Xi mkien fil-proċess tat-twelid, Alla jonfoħ ruħ ħajja fil-ġisem karnali u bniedem—tarbija jitwieled. Dan hu l-*uniku* mezz tal-bniedem.

B'konoxxenza, il-bniedem ma jistax isir annimal! Ukoll fl-aktar kondizzjonijiet primittivi u mħassra tiegħu, il-bniedem għadu xorta *ruħ ħajja* b'destin etern.

Il-Bibbja tgħallem li *l-bniedem huwa kemm ġisem u kemm ruħ*. Il-predikatur ta' l-antik kiteb, "*Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħal ma kien; u l-ispirtu jarġa' lejn Alla, li tah*" (Ekkleż. 12:7). Meta Alla ħalaq lill-bniedem Hu tah ġisem tad-dinja (Ġenesi 2:7; 1 Korintin 15:44) magħmul mit-trab. Dan il-ġisem għandu jintuża mill-bniedem matul il-waqfa tiegħu fuq l-art, u għandu jmur lura għat-trab meta jmut. Imma l-ispirtu tal-bniedem li jgħammar f'dak il-ġisem hawn fuq l-art ma jmutx meta l-bniedem imut fiżikament. Dan imur biex ikun ma' Alla, ħalli jistenna l-ħaqq ta' dejjem (Rivelazzjoni 20:11-15). Fl-aħħar jum il-ġisem qadim ta' din l-art ikun imqajjem u mibdul għall-wieħed ġdid spiritwali (1 Korintin 15:35-58). Il-bniedem, mela, mhuwiex annimal żviluppat ħafna kif isostnu l-evoluzzjonisti, imma hu spirtu etern jgħix f'tabernaklu tad-dinja. Fil-mewt dak it-tabernaklu jmur lura għat-trab, u l-ispirtu tal-bniedem imur għand Alla biex jistenna l-ħaqq.

Billi l-bniedem hu ħolqien ta' Alla, u hu spirtu jgħammar f'ġisem għal ftit taż-żmien, il-bniedem hu l-oġġett tal-pjan ta' Alla tas-salvazzjoni. Kristu ma mietx fuq is-salib biex isalva ż-żwiemel, jew il-baqar jew ix-xadini. Kristu ma mietx għall-għasafar, jew għall-ħut jew għal xi kreatura oħra tal-baħar. Kristu miet għall-bniedem! Kristu miet għall-bniedem għaliex il-bniedem hu dik il-kreatura siewja għas-salvazzjoni. Kristu miet għall-bniedem għaliex il-bniedem jista' jirraġuna, jista' jaħseb, u jista' jagħmel deċiżjonijiet morali, hu kapaċi jobdi jew ma jobdix lil Alla. Meta l-bniedem ma jobdix lil Alla, ma jobdix il-kmandamenti Tiegħu, hu jidneb, u jirċievi bħala kastig għal dak id-dnub kundanna eterna (Rumani 6:23). Minn mindu l-bniedem dineb, Alla kien qiegħed jaħdem pjan għas-salvazzjoni tiegħu. Il-bniedem kien u għadu l-uniku kreatura suġġetta għas-salvazzjoni ta' Alla. Kieku l-bniedem kien annimal żviluppat ħafna, u li jispiċċa għal kollox fil-mewt, għaliex Alla jagħmel dan ix-xogħol kollu biex isalvah, u jibgħat lil Ibnu l-waħdieni biex imut għalih? It-tweġiba, ċertament hija li l-bniedem jistħoqqlu dan l-isforz kollu.

Aħna nirrealizzaw li dak li aħna nagħmlu f'din il-ħajja jiddetermina fejn sejrin ngħaddu l-eternità. Aħna nirrealizzaw li għandna nippreparaw issa biex nidħlu fis-smewwiet jekk sejrin nidħlu f'dak il-mistrieħ ta' dejjem tar-ruħ.

Ħalli mela nissuġġerixxi li aħna nibdew biex naħsbu dwarna nfusna bħala "***erwieħ ħajja***" bil-libertà li nagħżlu d-destin etern tagħna u mhux bħala ħomo-sapiens!

Nittama li dan l-istudju kien ta' għajnuna għalik u li wkoll wasslek biex ma tħallix lil min iqarraq bik b'tagħlim li jmur direttament kontra t-tagħlim ta' Alla li nsibu fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. Alla jgħidilna fil-Bibbja Mqaddsa:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Jgħidilna wkoll, permezz ta' l-appostlu ispirat, Pawlu,

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

It-teorija ta' l-evoluzzjoni hija kliem fieragħ u filosofija u kliem qarrieq skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu, u għalhekk m'għand-niex naċċettawha. L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna *li "Aħna nisel ta' Alla,...*" (Atti 17:29) u mhux tax-xadini! Issa hija biċċa tiegħek jekk inti tkunx aktar kuntent li tħares lejk innifsek bħala li ġej mix-xadina, bħala li inti "**homo-sapiens**" milli li inti **nisel ta' Alla**.

# L-ORIĠINI TAL-ĦAJJA

# L-ORIĠINI TAL-ĦAJJA

## Ġenesi 1-2

### X'inhi Evoluzzjoni?

Aħna xi mindaqqiet naħsbu dwar l-evoluzzjoni bħala l-iżvilupp ta' xi ħaġa, bħal l-iżvilupp tal-karrozza miż-żiemel u l-karrettun, jew l-iżvilupp ta' żiemel kbir minn żiemel żgħir. Iżda, meta aħna jkollna riferenza "għall-oriġini tal-ħajja" l-evoluzzjoni hija dik it-teorija li tgħid illi "diversi forom ta' annimali u l-ħajja tal-pjanti," għandhom l-oriġini tagħhom f'forom aktar baxxi ta' ħajja, li kienu jeżistu minn qabel.

Empedocles, li għex mis-sena 495 sa 435 Q.K., huwa ta' spiss ikkwotat bħala "l-missier ta' l-evoluzzjoni." Jintqal dwar in-nies ta' Babel ta' l-antik li kienu jħaddnu ideat ta' l-evoluzzjoni.

Charles Darwin, li kiteb ktieb fis-sena 1859 bit-titlu ta' "The Origin of Species" (l-Oriġini ta' l-Ispeċi), għamel ħafna permezz ta' dan il-ktieb biex iġib aktar 'il quddiem il-kawża ta' l-evoluzzjoni. Madankollu, xjenzati tgħallmu minn dak iż-żmien 'il hawn illi ħafna milli Darwin kien kiteb kien żbaljat u mhux eżatt u dawn l-affarijiet kienu ġew irriġettati. Issa, iżda, selezzjoni naturali bħala mezz li jispjega l-evoluzzjoni tinsab taħt attakk qalil. U minn min? Mill--evoluzzjonisti nfushom! Fl-1971, Norman Macbeth, avukat imħarreġ f'Harvard, kiteb ktieb bl-isem "*Darwin Retried: An Appeal To Reason*" li fih hu mingħajr tlaqlieq stqarr li "d-Darwinismu klassiku hu mejjet." Huwa ddikjara li waqt li ħafna evoluzzjonisti għadhom jaġixxu

kunfidenti fil-publiku, "iċ-ċrieki ta' ġewwa huma mimlija dubju" (Foreward, 2nd Edition, 1978). Wieħed għandu jaqra l-ktieb biex jara aktar x'qed jaħsbu l-evoluzzjonisti dwar it-teoriji tagħhom infushom! Ħafna nies li jżommu mad-duttrina ta' l-evoluzzjoni jagħmlu dan għaliex hija popolari, u jirriferu għaliha bħallikieku din kienet *fatti*, pjuttost milli *teorija*.

L-evoluzzjoni ma tispjegax l-oriġini tal-materja jew tal-ħajja, ħlief li tgħid li l-materja hija eterna, u li l-ħajja ġiet minn materja mejta. L-evoluzzjoni **tassumi** li l-ħajja bdiet b'ċellula waħda fl-ilma li evolviet, f'forom għola ta' ħajja ta' l-ilma. Xi wħud minn dawn il-forom ta' ħajja jintqal li telgħu fuq l-art u saru annimali ta' l-art, u ggradwaw minn sriep, gremxul, żrinġijiet, u xadini għall-bniedem intelliġenti modern.

L-evoluzzjonisti ma jistgħux jgħidu għaliex l-evoluzzjoni **waqfet**, jew għaliex dawn l-**annimali ma komplewx li jiżviluppaw** f'forom ta' ħajja għola. L-evoluzzjoni ma tistax tispjega l-oriġini ta' dik iċ-ċellula waħda, jew kif din bdiet tevolvi, ħlief li tgħid li xi qawwa ġewwa jew barra ċ-ċellula ikkawżat li din tibda l-proċess li tiżviluppa għall-ħajja. Hemm tliet veduti li jirrigwardjaw l-oriġini tal-ħajja:

**I. L-aktar veduta antika hija dik ta' "*Ħolqien Speċjali*."**

Din hija l-veduta li hija mgħallma fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, illi 'l Alla tas-Smewwiet ġab id-dinja u l-forom kollha tal-ħajja fl-eżistenza f'daqqa waħda, u aħna bħala Kristjani naċċettaw dan bil-fidi (Ġenesi 1:1—2:25).

L-ispirazzjoni tgħidilna:

> "*Bil-fidi aħna nifhmu li d-dinjiet saru bil-kelma ta' Alla; għalhekk il-ħwejjeġ li jidhru ma sarux minn ħwejjeġ li jidhru*" (Lhud 11:3).

> "*Bil-kelma tal-Mulej kienu magħmulin is-smewwiet; u l-eżerċtu tagħhom kollu bin-nifs ta' fommu*" (Salm 33:6).

Ix-xjenza tgħidilna li hemm ħames fatturi nvoluti fi xjenza vera:

(1) **Ħin** (żmien); (2) **Qawwa**; (3) **Moviment**; (4) **Spazju**; (5) **Materja**.

Ftit minn fost dawk li jopponu l-Bibbja Mqaddsa jirrealizzaw li dawn il-ħames fatturi huma kollha ndikati fl-ewwel vers tal-Bibbja, f'Ġenesi 1:1.

> "*Fil-**bidu** (ħin jew żmien) **Alla** (qawwa) **ħalaq** (moviment) is-**sema** (spazju) u l-**art** (materja).*"

Alla beda l-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa b'tali mod li jħalli d-dinja tkun taf li **ma hemm ebda** kontradizzjoni bejn il-Bibbja u x-xjenza vera jew l-għerf veru. Kontradizzjonijiet jeżistu bejn reliġjon vera u xjenza falza, bejn xjenza vera u reliġjon falza, imma ma teżisti **ebda** kontradizzjoni bejn reliġjon vera u xjenza vera. Il-kelma xjenza ġejja minn kelma li tfisser "*Jiena naf*" u xejn ma huwa xjenza vera sakemm din tkun magħrufa bħala fatt. Qatt ma jista' li jkun hemm xi kontradizzjoni bejn il-verità. Ġesù jgħidilna li l-Kelma ta' Alla hija l-verità (Ġwanni 17:17) u għal din ir-raġuni l-Bibbja Mqaddsa ma tistax tikkontradixxi x-xjenza vera, għaliex il-verità ma tistax tikkontradixxi lilha nfisha!

Hemm parallel interessanti bejn l-ewwel tlitt ijiem u t-tieni tlitt ijiem tal-ġimgħa tal-ħolqien.

a) Fl-ewwel jum id-dawl kien ikkreat, u fir-raba' jum ix-xemx, il-qamar, u l-kwiekeb kienu jinsabu biex jaħkmu d-dawl. (dwar lid-dawl kien ikkreat qabel ix-xemx ara paġni 17 u 18).
b) Fit-tieni jum is-sema (il-firxa) kienet mifruda mill-ilmijiet, u fil-ħames jum tjur u ħajja ta' l-ilma kienu ffurmati biex igħammru fis-sema u fl-ilma.
c) Fit-tielet jum l-art niexfa kienet mifruda mill-ibħra, u fis-sitt jum annimali u l-bniedem kienu ffurmati biex jgħixu fuq l-art.

Huwa aktar faċli u raġjunevoli li wieħed jemmen fil-*Ħolqien Speċjali* ta' Alla milli huwa jemmen li *minn xejn* pjuttost

minn ċans jew aċċident, mingħajr kreatur, u li tagħmel il-materja nfisha eterna u tagħtiha l-post ta' Alla!

## II. It-tieni veduta hija dik ta' "*Evoluzzjoni Organika*."

Din hija "teorija" li l-ħajja żviluppat matul miljuni ta' snin minn ċellula waħda żgħira għal l-istat tal-bniedem modern. Din it-teorija hija *filosofija*, u **qatt** ma kienet *fatt veru* tax-xjenza, u din m'għandix post għal Alla u għall-Ħolqien Speċjali Tiegħu. Din tiċħad illi l-ħajja dejjem *tipproduċi* "*wara x-xorta tagħha*."

Din il-veduta tinkludi teoriji *bħal* "*għajxien ta' min hu l-aqwa*" u "*l-bniedem preistoriku*." "*L-għajxien ta' min hu l-aqwa*" (l-aktar b'saħħtu) hija teorija ta' Charles Darwin li tissuġġerixxi li forom għola ta' ħajja żviluppaw minħabba l-abbiltà li jgħelbu ostakoli biex iżommu l-ħajja. F'università avvanzata, professur kien qiegħed jittratta dwar l-iżvilupp taż-żiemel u huwa qal illi żwiemel b'saqajn itwal ikunu jistgħu jaħarbu mit-tigri aktar malajr minn żwiemel b'saqajn iqsar. Dan intlaqa' tajjeb ħafna sakemm kien issuġġerit li l-evoluzzjoni tat-tigra kienet ukoll qed ssir u tigri li jimxu bil-mod, neqsin mill-enerġija jmutu bil-ġuħ waqt li l-oħrajn ikollhom jiżviluppaw ħeffa fil-mixi, ħeffa fil-ġiri biex jaqbdu ż-żwiemel b'saqajn twal ħalli b'hekk huma jkunu jistgħu jgħixu!

Fis-sena 1922 is-sejba ta' darsa kienet imħabbra, u kienet magħrufa bħala r-*raġel ta' Nebraska*—l-ewwel xhieda ta' bniedem "preistoriku" fuq il-kontinent Amerikan. Kif diġa semmejt f'paġna 80, tpinġija tar-raġel flimkien mal-ħabiba tiegħu, dehru fil-gazzetti u fil-ġurnali, flimkien ma' l-istorja tar-raġel ta' Nebraska. Ħames snin wara, aktar investigazzjoni kienet magħmula u kien ġie mħabbar illi r-raġel ta' Nebraska ma kienx jeżisti, għax id-darsa kienet dik ta' "ħanżir estint."

Matul iż-żminijiet ta' l-iskola tiegħi, il-kotba ta' l-istorja kienu jgħidu l-istorja "tal-bniedem preistoriku" l-istess kif jagħmlu llum. Madankollu, aħna konna mgħallma dwar "*ir-raġel ta' Piltdown*," li kien misjub minn Charles Dawson fis-sena 1908. L-istorja kollha "tar-raġel ta' Piltdown" kienet ibbażata fuq ras ta' mewt li Dawson sab fl-Ingilterra, li suppost

kienet ta' mara ta' 600,000 sena ilu. Madankollu, fis-sena 1953 ir-ras kienet mogħtija 'l hekk imsejjaħ "*fluorine test*" u sar magħruf li din ir-ras *ma kinetx* antika daqs kemm kien intqal qabel, u li dik kienet farsa—li kellha partijiet tar-ras tal-bniedem u partijiet oħra ta' xadina moderna. Issa, meta kotba ta' l-istorja jitkellmu dwar "ir-raġel preistoriku," huma jew jgħidu dwar il-farsa (gidba) bit-taħwid, jew iħalluh barra għal kollox.

Xjenzati ta' l-evoluzzjoni xi mindaqqiet jinjoraw xhieda li ma tkunx favorevoli għal l-oppinjonijiet tagħhom. Is-sejbiet ta' rjus f'Kalaveres (fl-Amerika, fis-sena 1860) u f'Kastenedolo (fl-Ewropa, fis-sena 1866) it-tnejn jagħtu xhieda li l-bniedem kien jeżisti mingħajr bidla sostanzjali minn mindu hu deher għal l-ewwel darba fuq din il-pjaneta. L-eżistenza tagħhom kienet il-biċċa l-kbira injorata. Il-mejjet Sir Arthur Keith, evoluzzjonista, ta raġuni għaliex dawn is-sejbiet kienu injorati meta qal,

> "li kienu sejbiet bħal dawn jaqblu mat-tamiet tagħna kieku dawn kienu f'armonija ma' teoriji li aħna iffurmajna rigward id-data ta' l-evoluzzjoni tal-bniedem, ħadd ma kien joħlom li jiddubità fihom, anqas u anqas li jirriġettahom" (minn "The Antiquity of Man" minn William u Norgate, 1925, Vol. 2, p. 473).

L-inkwiet ma' *xi hekk imsejħa xjenzati* popolari huwa li huma jbatu inabbiltà biex jiddistingwu bejn fatti **diġa** misjuba u fatti li huma **jittamaw** li għad jinstabu fil-futur. Aħna ximindaqqiet infurmati li l-bniedem preistoriku kien jgħix "fiż-żmien il-ħaġar" u kull xhieda bħal din ta' *żmien il-ħaġar* jintqal li hija prova tal-bniedem preistoriku, u t-teorija ta' l-evoluzzjoni. Madankollu, jintqal illi xi wħud minn nattivi Bidinbu fl-Awstralja għadhom primittivi, u qegħdin jgħixu ħajja fl-istess mod bħal dik ta' żmien il-ħaġar, bl-hekk imsejħa għodda preis-

torika. Kif **din** l-informazzjoni "tipprova" jew tikkonferma l-evoluzzjoni?

Fis-sena 1965, tribù żgħir imsejjaħ it-Tribù Chimba kien skoprut fil-Lbiċ ta' l-Afrika, li għadu jgħix fiż-żmien il-ħaġar. Jintqal li huma qegħdin jużaw **eżattament** l-istess għodod li nies primittivi wżaw eluf ta' snin ilu, u jgħixu f'għerien fil-blat tal-muntanji tal-Lbiċ ta' l-Afrika. Mela, dak li jipprova ħafna ma jipprova totalment xejn, u kull xhieda ta' żmien il-ħaġar hija sewwasew moderna daqs il-bniedem modern, **u ma tgħin xejn** lil l-evoluzzjonisti.

L-evoluzzjonisti jgħidulna li għad hemm ħolqa nieqsa bejn il-bniedem preistoriku u l-bniedem modern. Mhuwiex interessanti liż-żmien tal-ħolqa nieqsa huwa fil-post fl-istorja li fih il-Bibbja Mqaddsa tirreġistra **l-bidu** tal-bniedem permezz ta' **Ħolqien Speċjali**? Aħna ta' spiss naqraw bi prominenza fil-ġurnali dwar il-ħolqa nieqsa li nstabet, imma ħaġa ta' l-inskantament l-evoluzzjonisti **għadhom** qegħdin ifittxu għaliha!

Il-prova bażika fit-teorija ta' l-evoluzzjoni hija l-Paleontoloġija, li hija studju tal-fdal ta' fossili midfuna taħt il-wiċċ ta' l-art. Il-biċċa l-kbira tal-fossili huma ffurmati permezz ta' minerali mill-ilma li jippenetra l-oġġett inkonsiderazzjoni, u jarġa' jqiegħed f'postu l-oġġett ma' ġebla l-istess forma u daqs, u dawn il-fossili huma l-biċċa l-kbira misjuba fi blat li jkun fil-fond u ħaġar (jiġifieri, ġebel li kien iffurmat permezz ta' tqegħid ta' ilmijiet, ma' ċerti minerali li jikkawżaw proċess ta' ebusija ta' l-ilma u sustanzi oħra). Biex jiddeterminaw il-miljuni ta' snin mogħdija fit-teorija ta' l-evoluzzjoni, l-evoluzzjonisti jagħtu data lill-blat mit-tip ta' fossili li dawn ikollhom fihom, u mbagħad jużaw l-hekk imsejħa "data" (jew żmien) tal-blata biex jittantaw **jippruvaw** it-teorija tagħhom ta' l-evoluzzjoni, li ddeterminat iż-żmien tal-blat, fuq kollox! Madankollu, mhuwiex rari li ssib fossili "antiki" u "żgħar fiż-żmien" midfuna taħt fossili "antiki," li **tassew** jindika li dawn il-forom ta' ħajja eżistew fl-istess żmien, l-istess kif il-ħajja tal-ħut u l-ħajja umana jeżistu flimkien illum!

Il-fossili misjuba fil-blat jintqal li kienu mpoġġija hemm gradatament matul il-miljuni ta' snin li għaddew biex juru l-iżvilupp tal-ħajja. Imma, kif jistgħu forom sħaħ ta' ħajja jiġu ippriservati bħala fossili mingħajr katastrofu li ġie f'daqqa waħda, bħad-dilluvju taż-żmien Noè? Xort'oħra, annimali li jieklu dak li jsibu mejjet, taħsir, jew it-temp jeqirdu forom sħaħ ta' ħajja.

## III. L-aktar veduta ġdida ta' l-oriġini tal-ħajja hija msejħa "*Evoluzzjoni Teistika.*"

Dawk li jħaddnu din il-veduta msejħa *Evoluzzjoni Teistika* huma dawk li **jippretendu** li jemmnu f'Alla (Teisti minflok Ateu) imma definittivament jemmnu fl-evoluzzjoni (ara paġni 62, 131-145). Huma jemmnu li Alla Hu responsabbli għall-ħajja, imma li Hu uża l-evoluzzjoni biex iġib il-ħajja fl-eżistenza. **Jaħasra għal twemmin bħal dan!** Ir-raġuni prinċipali li ħafna nies jaċċettaw l-evoluzzjoni għal l-ewwel hija għaliex din hija l-unika għażla, alternattiva għall-*Ħolqien Speċjali* minn Alla. Mela, *Evoluzzjoni Teistika* mhijiex aktar minn "kompromess" ma' l-evoluzzjoni Ateistika! Huma "għammdu" l-evoluzzjoni, *jippruvaw jagħmluha parti* mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Dan huwa dnub kbir kontra l-Ħallieq ta' kollox! Huwa dnub kbir għaliex b'dan il-mod qiegħed iċċappas lil Alla b'dak it-tagħlim li jinġieb minn dawn li ma jemmnux Fih proprjament għaliex huma ma jemmnux Fih! B'dan huma qegħdin jgħidu li Alla **mhux veru** għamel dak li Hu qal li għamel fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa! (Ġenesi 1:26-27; 2:7, 18-25; Mattew 19:4,5; Luqa 3:38; 1 Korintin 11: 7-12; eċċ.). Hemm tlett problemi maġġuri li l-evoluzzjonisti Teisti jiffaċċjaw.

L-ewwel huma jiffaċċjaw il-problema biex jagħmlu l-ġranet tal-ġimgħa tal-ħolqien fi żminijiet twal ġeoloġiċi, itulu minn elf għal miljun sena kull waħda, biex jagħtu lil Alla żmien biżżejjed ħalli jiżviluppa l-ħajja permezz ta' l-evoluzzjoni, li hija kompletament tad-daħk, għaliex Alla l-Etern

**m'għandux bżonn** ħafna żmien biex jagħmel ix-xogħol Tiegħu.

It-tieni, huma jiffaċċjaw il-problema li jippruvaw biex jispjegaw barra minn loku r-rakkont Bibliku tal-ħolqien ta' Adam mit-trab ta' l-art, u Eva mill-kustilja meħuda mill-ġenb ta' Adam—liema t-tnejn juru **ħolqien speċjali** u **malajr**, li ma jħalli *ebda lok* għal xi forma ta' evoluzzjoni.

It-tielet, l-evoluzzjonisti teisti jiffaċċjaw il-problema li l-ħajja tipproduċi "skond ġensha," li teqred l-idea li forom għola ta' ħajja jiżviluppaw minn forom aktar baxxi. Naqraw f'Ġenesi 1:21, 24, 25,

> *"U Alla ħalaq il-ħut il-kbir u l-annimali kollha li jitkaxkru, li bihom miżgħud l-ilma, skond ġenshom, u t-tajr bil-ġwienaħ skond ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb…U qal Alla: "Ħa tnissel l-art ħlejjaq ħajja skond ġenshom: bhejjem tad-dar, annimali li jitkaxkru, u bhejjem selvaġġi, skond ġenshom." U hekk sar. U għamel Alla il-bhejjem selvaġġi skond ġenshom, u l-bhejjem tad-dar skond ġenshom, u l-ħlejjaq kollha, li jitkaxkru fuq l-art skond ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb."*

L-Iskrittura Mqaddsa tgħid li l-ilma ġab 'il quddiem ħajja ta' l-ilma—**mhux** ħajja ta' l-annimali:

> *"U qal Alla: Ħa nagħmlu l-bniedem fuq issura u x-xbieha tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar u fuq it-tajr ta' l-ajru, fuq il-bhejjem tad-dar u fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art." U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom. U berikom Alla u qalilhom: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr ta' l-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art*" (Ġenesi 1:26-28).

Il-Bibbja Mqaddsa tipprovdi t-tweġiba għall-oriġini tal-ħajja—**Ħolqien Speċjali**—u dan jieħu ħafna inqas fidi biex temmnu milli tieħu t-teorija ta' l-evoluzzjoni!

Illum ukoll fl-iskejjel tagħna qiegħed ikun mgħallem lit-tfal tagħna li Adam u Eva ma kinux raġel **wieħed** u mara **waħda** imma kienu **gruppi** ta' nies! L-ewwel darba li dan intqal lili minn studenta li tattendi skola privata kif ukoll wara kkonfermajt dan ma' għalliema tar-reliġjon bqajt skantat u ma ridtx nemmen dak li smajt! Għedt bejni u bejn ruħi, "Possibbli dawn **qatt** ma qraw x'jgħid Alla dwar dan fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa? Ftakart fi kliem l-appostlu Pawlu lil l-Efesin fejn qalilhom:

> "*U ma nkunux aktar trabi mitfugħin 'l hawn u 'l hemm, u mkaxkra minn kull riħ ta' tagħlim **bil-qerq tal-bnedmin u bl-ingann tagħhom** biex iwasslu lil ħaddieħor fl-iżball*" (Efesin 4:14).

Ħafna qegħdin ikunu mkaxkra u mgannati bit-tagħlim falz ta' dawk li ma jemmnux f'Alla li Jista' Kollox, u dan huwa eżempju ċar. Ħalli naraw fil-qosor x'jgħidilna l-Mulej fil-Kelma Tiegħu dwar Adam u Eva jekk kinux tnejn jew gruppi ta' nies!

Naqraw f'Ekkleżjażti 7:29 – "*Ara, dan biss sibt: li Alla ħalaq il-bniedem dritt; iżda l-bnedmin ifittxu ħafna tagħwiġ.*"

L-appostlu Pawlu jgħidilna f'Rumani 5:12-21 li Adam kien raġel ***wieħed*** u mhux grupp ta' nies. Il-kelma ***wieħed*** li tirriferi għal Adam, bħala "**bniedem wieħed**" tinsab hawn 7 darbiet. (versi 12, 15-17 [vers 17 darbtejn, 18 u 19). Il-frażi "**wieħed waħdu**" tinsab darbtejn (versi 18 u 19). Il-kelma "**wieħed**" li tirriferi għal Kristu bħala l-bniedem spiritwali tinsab 4 darbiet (versi 15, 17-19).

Atti 17:26 – "*Minn **bniedem wieħed** għamel il-ġens kollu tal-bnedmin…*" Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk!

1 Korintin 15:45-49 – Aqra dawn il-versi fil-Bibbja tiegħek. Naqraw li "*l-ewwel bniedem Adam sar ruħ ħajja; l-aħħar wieħed sar spirtu li jagħti l-ħajja*" (vers 45). Naqraw li "*Mhux l-*

*ispiritwali ġie l-ewwel, imma n-naturali u mbagħad l-ispiritwali*" (vers 46). Inkomplu naqraw illi "*Bħalma hu l-bniedem ta' l-art, hekk ukoll huma l-bnedmin ta' l-art*" (vers 48a). Ukoll naqraw li "*Bħalma hu l-bniedem tas-sema, hekk ukoll huma l-bnedmin tas-sema*" (vers 48b). Inkomplu naqraw li "*Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem tas-sema*" vers 49). Naqraw f'Ġenesi 5:1-5,

> "*Dan hu ktieb in-nisel ta' Adam. Meta ħalaq Alla l-bniedem, bi xbihet Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom, u berikhom u semmiehom Bniedem meta nħalqu. Meta kellu Adam mija u tletin sena wiled iben bi xbiha tiegħu u sura tiegħu u semmieh Set. U għex Adam, wara li wiled 'il Set, tmien mitt sena, u wiled subjien u bniet. U kienu l-jiem kollha ta' Adam, li għex, disa' mija u tletin sena; u miet.*"

Juri dan li Adam kien grupp ta' nies u mhux **raġel wieħed**? Ukoll, juri dan li Adam ġie permezz ta' l-evoluzzjoni u **mhux kien maħluq dirett minn Alla**? Naqraw f'Luqa 3:23-38,

> "*…Fil-bidu tal-ministeru tiegħu Ġesù kellu madwar it-tletin sena. In-nies kienu jaħsbuh bin Ġużeppi, li kien bin Għeli, bin Mattew, bin Levi….bin Enos, bin Set, **bin Adam**, bin Alla.*"

Nistaqsi jien: Kien Ġużeppi **raġel wieħed**? Kienu Għeli, Mattew, Levi, Enos, u Set, **individwi** jew kull wieħed minnhom (u l-oħrajn kollha imsemmija) gruppi ta' nies? Adam hu msejjaħ **bin Alla** u mhux **ulied Alla**!

Aqra għalik innifsek fil-Bibbja tiegħek dawn is-siltiet kollha u ddeċiedi int dwar dan! Tħallix lil min ikaxkrek bit-tagħlim u bil-qerq u bl-ingann tiegħu! Tinsiex il-ħafna twissijiet li għandna fil-Kelma ta' Alla biex ma nħallu lil ħadd iqarraq bina u l-konsegwenzi li nġibu jekk aħna nagħmlu dan. L-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, jagħti din it-twissja ħarxa sabiex aħna lkoll noqgħodu attenti li ma ninqabdux f'xi nassa:

> “*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ,* ***għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux***” (Efesin 5:6).

Il-Bibbja tipprovdi t-tweġiba għal l-oriġini tal-ħajja--**Ħolqien Speċjali**--u dan jieħu wisq inqas fidi biex temmnu milli tieħu t-teorija ta' l-evoluzzjoni!

Fl-istudju li jmiss aħna sejrin nistudjaw *xi liġijiet tax-xjenza* u kif dawn huma fi qbil perfett ma' dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Xi wħud minn dawk il-liġijiet li sejrin naqraw dwarhom huma l-Liġi tal-Bijoġenesi, il-liġijiet tat-Termodinamika, tal-Ġenetika, tal-Probabbiltà, tal-Kawża u effett, eċċ. Dawn ikomplu jagħtu daqqa kbira l-isfel lit-teorija ta' l-evoluzzjoni u huma ta' għajnuna kbira għal dawk li jaċċettaw din it-teorija sabiex iwarbuha minn ħajjithom darba għal dejjem!

# IL-BIBBJA
# U L-LIĠIJIET
# TAX-XJENZA

## IL-BIBBJA U L-LIĠI TAL-BIJOĠENESI

Min minn fostna qatt jipprova biex jiċħad l-impatt tremend li x-xjenza kellha fuq id-dinja tagħna? Kull wieħed minna jgħix f'dinja li hija bil-wisq aħjar milli kieku kienet tkun li ma kienx għas-sagrifiċċji tremendi ta' xjenzati matul is-snin. Ġenerazzjonijiet minn żmien twil ilu ibbenefikaw mill-frott tax-xogħol tagħhom. Dak kollu li huwa neċessarju biex nifhmu d-dejn li aħna għandna lejn ix-xjenza u x-xjenzati, huwa li nistħarrġu d-dinja madwarna. Ix-xjenza tabilħaqq kienet il-benefattur il-kbir tagħna. Il-ġidri kien imneħħi. Nies imxew fuq il-qamar. Komunikazzjonijiet għamlu progress drastiku. It-tul tal-ħajja żdied. U wieħed jista' jsemmi elf benefiċċju ieħor bħal dawn, li jistabbilixxu l-obligu tagħna lejn irġiel u nisa matul iż-żminijiet li b'suċċess applikaw il-metodu xjentifiku.

"Xjenza," jgħid Harris Rall, "tieqaf għall-mod ta' studju, u attitudni tal-moħħ. Li tħalli teoriji u preġudizzji fuq naħa waħda, li ġġib moħħ miftuħ u tistaqsi biss għall-verità, li tistudja fatti konkreti b'sabar mingħajr tmiem, li tipprova biex issib ordni ta' mġieba fid-dinja, kif indikat f'dawn il-fatti, li tittestja dawn is-sejbiet permezz ta' esperimenti u aktar fatti—dan hu l-ispirtu u l-metodu tax-xjenza." (1936, p. 66.)

Id-dizzjunarju Oxford jiddefinixxi 'xjenza' bħala "fergħa ta' studju li hu kkonċernat ma' ġisem konness ta' veritajiet murija jew fatti osservati sistematikament ikklassifikati u ftit u wisq marbuta u miġjuba taħt liġijiet ġenerali, u li jinkludu metodi ta' min joqgħod fuqhom għas-sejba ta' verità ġdida ġewwa d-dominju tagħha." Margaret Balcon innutat illi x-xjenza fl-azzjoni ssir permezz ta' (1) osservazzjoni u esperimentazzjoni, (2) analisi, (3) derivazzjoni (tnissil) ta' liġi fiżika (konċett), (4) basra f'termini ta' dik il-liġi. Ix-xjenza hija kkonċernata ma' sistema mogħtija fiżika diġa' fl-operazzjoni." (1967, p. 592.)

Wieħed japplika l-metodu xjentifiku billi josserva u jirreġistra fenomena naturali. Imbagħad ġeneralizzazzjoni bażika (ipotesi xjentifika) tkun ifformulata, ibbażata fuq dawk l-osservazzjonjiet. Wara, din il-ġeneralizzazzjoni (tagħrif ġenerali

minn każi, ġrajjiet, partikolari) mbagħad tippermetti li jkun magħmul tbassir. Permezz ta' esperimentazzjoni, l-ipotesi hija ttestjata sabiex tiddetermina jekk ir-riżultati mbassra fil-fatt, tassew jiġru. Jekk it-tbassir fl-aħħarnett jipprova li hu tassew, allura l-ipotesi tkun ikkunsidrata bħala ivverifikata. Wara konfermazzjonijiet numerużi rripetuti, l-ipotesi tieħu l-grad ta' liġi. Figura 1 turi din il-proċedura.

Metodu Xjentifiku

Ċerti Fenomeni Naturali Osservati

Osservazzjonijiet Miġbura u l-Informazzjoni Studjata

Ipotesi Xjentifika

(Ġeneralizzazzjoni Tispjega l-Informazzjoni f'Forma Ta' Sommarju)

| | |
|---|---|
| Aktar Osservazzjoni | Aktar Osservazzjoni |
| Tikkonferma l-Ipotesi | F'Konflitt Ma' l-Ipotesi |
| Teorija | Ipotesi Ġdida Ifformulata |
| Osservazzjonijiet Konsistentament | |
| Jikkonfermaw it-Teorija | |
| Liġi | |

Fig. 1. Il-Metodu Xjentifiku (skond Wysong, 1876, p. 41).

Dr. David Hill, il-famuż filosofu tax-xjenza, innota fit-test tiegħu, *Philosophy of Biological* Science (Filosofija tax-Xjenza Bijoloġika), li "liġijiet xjentifiċi huma mħarsa bħala **li jirriflettu regularitajiet attwali tan-natura**." (1974, p. 3, enfasi miż.) Fi kliem ieħor, sakemm aħna nafu, ma hemm l-ebda eċċezzjoni għal liġijiet xjentifiċi. Kull liġi, jew xi liġi li, matul ittestjar esperimentali, ma komplietx biex taqbel mal-fatti

mfissra f'dik il-liġi, titlef il-pożizzjoni tagħha bħala "liġi" u tkun irrelegata għall-grad ta' teorija. **Liġijiet ma jafu l-ebda eċċezzjoni**.

Issa ħalli naraw x'tgħid il-liġi tal-Bijoġenesi u nqabblu dak li din il-liġi tgħid ma' dak li jsostu l-evoluzzjonisti.

## IL-LIĠI TAL-BIJOĠENESI

Fil-għalqa tal-bijoloġija, waħda mill-aktar liġijiet li hija b'mod komuni aċċettata u wżata fil-wisa' hija **l-liġi tal-bijoġenesi**. Din il-liġi kienet miġjuba 'l quddiem ħafna snin ilu biex tiddetta dak li turi x-xhieda kemm tat-teorija kif ukoll esperimentali li huwa minnu fost l-organismi ħajja—li ħajja **tiġi biss** minn ħajja ta' qabel, u tipperpetwa lilha nfisha billi tirriproduċi x-xorta tagħha **biss**. Kif qal sewwa Dr. David Kirk, "Mat-tmiem tas-seklu dsatax kien hemm qbil ġenerali li l-ħajja ma tistax titla' taħt il-kondizzjonijiet bla ħajja li issa jeżistu fuq il-pjaneta tagħna." Id-dictum jew qawl 'Il-ħajja kollha minn ħajja li eżistiet qabel' sar id-dogma tal-bijoloġija moderna, li magħha l-ebda bniedem raġjunevoli ma jista' ma jaqbilx." (1975, p. 7). L-esperimenti li ffurmaw il-bażi ta' l-aħħar ta' din il-liġi kienu għal l-ewwel imwettqa minn nies bħal Francesco Redi (1688) u Lazarro Spallanzani (1799) fl-Italja, Louis Pasteur (1860) fi Franza, u Rudolph Virchow (1858) fil-Ġermanja. Kien Virchow li ddokumenta illi ċelluli ma joħorġux minn materja bla sura ta' xejn, imma minflok jiġu biss minn ċelluli li kienu jeżistu qalbel. L-*Enċiklopedija Brittanika* tgħid dwar Virchow illi "l-aforiżmu (qawl [fi ftit kliem]) tiegħu '*omnis cellula e cellula*' (kull ċellula toriġina minn ċellula li eżistiet qabel) jieqaf ma' l-'*omne vivum e vivo*' ta' Pasteur (kull ħaġa ħajja toħroġ minn ħaġa ħajja li eżistiet qabel) fost l-aktar ġeneralizzazzjonijiet rivoluzjonarji tal-bijoloġija." (1973, p. 35).

L-isfel matul is-snin, eluf mhux magħduda ta' xjenzati f'diversi dixxiplini stabbilixxew il-liġi tal-bijoġenesi sewwasew kif inhi—liġi xjentifika li tgħid illi l-ħajja tiġi **biss** minn ħajja li kienet teżisti qabel u dik tax-xorta tagħha, skond

ġensha. B'mod li jiġbdek, il-liġi tal-bijoġenesi kienet imwaqqfa soda fix-xjenza ħafna snin qabel is-sejba tat-teoriji evoluzzjonarji moderni! Ukoll ta' interess konsiderevoli huwa l-fatt li studenti huma konsistentament mgħallma fl-iskejjel u fi klassijiet tal-bijoloġija l-impatt tremend ta', per eżempju, ix-xogħol ta' Pasteur fuq il-konċett falz ta' ġenerazzjoni spontanja (l-idea li l-ħajja toħroġ minn anteċedenti mhux ħajja). L-istudenti huma mogħtija, f'dettalji kbar, ix-xeneġġjatura storika ta' kif Pasteur ittrijonfa fuq "il-mitoloġija" u pprovda lix-xjenza "l-isbaħ u l-ifjen siegħa tagħha" hekk kif huwa tellef il-kredtu tal-konċett popolari ta' dak iż-żmien ta' ġenerazzjoni spontanja. Imba-għad, kważi bl-istess nifs, l-istudenti tagħna huma nfurmati mill-professur dwar kif l-evoluzzjoni bdiet bil-mod ta' ġener-azzjonijiet spontanji! L-avukat tal-Premju Nobel, George Wald ikkummenta fuq din id-diskrepanza (1972), fejn jgħid:

> Dwar il-ġenerazzjoni spontanja, din kompliet biex issib aċċettazzjoni sakemm fl-aħħar ġiet imneħħija permezz tax-xogħol ta' Louis Pasteur—hija ħaġa kurjuża li sa kważi riċentament professuri tal-bijoloġija bi drawwa jgħidu din l-istorja bħala parti mill-introduzz-jonijiet tagħhom għal studenti tal-bijoloġija. Huma jispiċċaw dan ir-rakkont jiddu bil-konvinzjoni li huma kienu taw wirja bil-kliem tal-waqa' tal-ħsieb mistiku, permezz ta' espe-rimentazzjoni xjentifika nadifa. L-istudenti tagħhom kienu normalment ikunu tant imger-fxa u mħawda li jinsew biex jistaqsu lill-pro-fessur kif huwa jfisser għal l-oriġini tal-Ħajja. Din kienet ċertament li tkun mistoqsija imba-razzanti għaliex hemm biss żewġ possibbilta-jiet: jew il-ħajja ġiet permezz ta' ġenerazzjoni spontanja, li l-professur għadu kif irrifjuta; jew din ġiet permezz ta' ħolqien sopranatu-

> rali, li hu probabbilment qiesu bħala mhux xjentifiku" (1972, p. 187).

Tabilħaqq, Dr. Wald huwa korrett. L-istudenti **tassew** jinsew li jistaqsu lill-professur kif, jekk ġenerazzjoni spontanja kienet ġiet imwarrba, l-evoluzzjoni qatt ma tista' li tkun bdiet fl-ewwel post. Dan il-punt sata' ħarab minn xi studenti, imma dan ma kienx mitluf fuq skulari evoluzzjonarji, li jistqarru li għandhom xi diffikultà bil-problema miġjuba mil-liġi tal-bijoġenesi. Drs. Simpson u Beck, fil-ktieb tagħhom ta' tagħlim tal-bijoloġija, *Life, An Introduction to Biology (Il-Ħajja, Introduzzjoni għall-Bijoloġija*), jgħidu li "…ma hemm ebda dubju serju li l-bijoġenesi hija r-regola, li l-ħajja tiġi biss minn ħajja oħra, li ċellula, l-għaqda (unit) tal-ħajja, **hija dejjem u essklussivament** il-prodott jew nisel ta' ċellula oħra" (1965, p. 144, enfasi miż.). Martin A. Moe, jikteb fil-ħarġa ta' Science Digest ta' Diċembru, 1981, ipoġġi dan f'dan il-kliem diffiċli biex wieħed ma jifhmux:

> Seklu ta' sejbiet sensazzjonali fix-xjenzi bijoloġiċi għallimna **illi l-ħajja tiġi biss minn ħajja**, illi n-nukleu jaħkem liċ-ċellula permezz tal-mekkaniżmu molekulari tad-DNA (deoxyribonucleic acid) u li l-ammont tad-DNA u l-istruttura tiegħu jiddetermina mhux biss in-natura ta' l-ispeċi imma wkoll ta' l-individwi" (p. 36, enfasi miż.).

Fis-snin riċenti, iżda, xi evoluzzjonisti ssuġġerew li dak lis-soltu huwa rriferut għalih bħala "l-liġi" tal-bijoġenesi mhu "liġi" xejn, imma huwa biss "prinċipju" jew "teorija" jew "opinjoni" (dictum). Din in-nomenklatura hija ssuġġerita minn evoluzzjonisti għaliex huma waslu għar-realizzazzjoni qawwija ta' l-implikazzjoni tal-liġi tal-bijoġenesi—mhux għax instabu xi kontradizzjonijiet—jew xi tama f'li ġej għal dik il-liġi. Huwa ta' interess li tinnota li fil-kotba ta' tagħlim tax-xjenza tas-seklu dsatax, il-bijoġenesi kienu jitkellmu dwarha bħala **liġi**. Imma aktar tard, dak it-terminu kien mibdul b'termini ġodda li huma

intenzjonati biex "irattbu" l-qawwa tal-bijoġene-si fuq il-konċett evoluzzjonarju. Warda, iżda, b'xi isem ieħor xorta waħda tibqa' warda, sakemm il-qawl imur. U ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-bijonġenesi wisq ċertament tirrifletti (biex nuża l-kliem ta' Dr. Hull innifsu) "regularità attwali fin-natura," billi qatt ma kien hemm każ wieħed biss iddokumentat ta' ġenerazzjoni spontanja! Madankollu, evoluzzjonisti taż-żmien modern jippreferixxu li jużaw terminu differenti meta jitkellmu dwar il-bijoġenesi. Dizzjunarju magħruf sewwa tal-bijoloġija jgħid taħt ir-ras ta' "Bijoġensi, Prinċipju ta'"—"Ir-regola bijoloġika li ħaġa ħajja tista' toriġina biss minn ġenitur jew ġenituri fuq kollox jixbħu lilha nfisha. Din tiċħad ġenerazzjoni spontanja...." (1961, p. 33). Oħrajn imxew fuq l-istess tifsira. Simpson u Beck, fit-test tagħhom ikkwotat fuq, jgħidu li "Aħna nieħdu l-bijoġenesi bħala **prinċipju** fundamentali ta' riproduzzjoni mix-xhieda esperimentali u wkoll minn konsiderazzjonijiet teoretiċi." (1965, p. 144, enfasi miż.)

Dr. R.L. Wysong, fix-xogħol klassiku tiegħu*, "The Creation*-Evolution Controversy" *(Il-Kontroversja Ħolqien-Evoluzzjoni*) ikkummenta hekk:

> Il-kreazzjonista huwa ħafif biex ifakkar lil l-evoluzzjonista li *biopoiesis* u evoluzzjoni jiddeskrivu ġrajjiet li jieqfu f'kontradizzjoni qawwija għal l-liġi stabbiltà. Il-liġi tal-bijoġenesi tgħid il-ħajja tiġi biss minn ħajja li eżistiet qabel, *biopoiesis* tgħid li l-ħajja ħarġet minn kimikali mejta; l-evoluzzjoni tistqarr li forom ta' ħajja jagħtu qawmien għal ġodda, forom ta' ħajja mtejba u differenti, il-liġi tal-bijoġenesi tgħid li kwalitajiet jipproduċu biss il-kwalità tagħhom. L-evoluzzjonisti jafu din il-liġi. Huma sempliċiment jiddiskutuha. Huma jgħidu li ġenerazzjoni spontanja kienet iddiżapprovata taħt il-kondizzjonijiet tal-mudelli esperimentali ta' Pasteur, Redi u Spallanzani. Dan, huma jsostnu, ma jwarrabx

> il-formazzjoni spontanja tal-ħajja taħt kondizzjonijiet differenti. Għal dan, il-kreazzjonisti jwieġbu li wkoll jekk mogħtija l-kondizzjoni artifiċjali u l-manuvrar intelliġenti ta' l-esperimenti tal-*biopoiesis*, il-ħajja xorta waħda għad ma "iġġeneratx spontanjament"…. Sakemm żmien bħal dan li fih il-ħajja tkun osservata li ġġenerat spontanjament, il-liġi tal-bijoġenesi tibqa' wieqfa….Kif tista' l-bijoġenesi tkun imfissra f'termini b'xi mod inqas bħala li hija inqas minn liġi?" (1976, pp. 182-185).

Moore u Slusher, fil-ktieb ta' tagħlim *tagħhom "Biology: A Search for Order in Complexity*, (*Bijoloġija: Tiftixa għal Ordni fil-Kumplessità*), jgħidu:

> "Storikament il-punt kif wieħed iħares lejn il-kwistjoni li **l-ħajja tiġi biss mill-ħajja** kien tant stabbilit tajjeb permezz tal-fatti rrivelati bl-esperimenti li dan huwa msejjaħ il-Liġi tal-Bijoġenesi."

F'nota taħt, l-awturi jkomplu jgħidu:

> "Xi filosofi jsejħu dan **prinċipju** minflok liġi, imma din hija kwistjoni ta' definizzjoni, u definizzjonijiet huma arbitrarji. Xi xjenzati jsejħu dan **sopraliġi**, jew liġi dwar il-liġijiet. Hi x'inhi t-terminoloġija, il-bijoġenesi għandha l-għola grad f'dawn il-livelli ta' ġeneralizzazzjoni (tiswir)" (1974, p. 74, enfasi fl-oriġinal).

Tabilħaqq, il-bijoġenesi għandha l-għola grad f'dawn il-livelli ta' ġeneralizzazzjoni. Kif Dr. Kirk (ikkwotat fuq) innota, id-dictum (opinjoni) sar "id-dogma tal-bijoloġija moderna, li minnha l-ebda bniedem raġjunevoli ma huwa mistenni li jwarrab." Aktar minn hekk, huwa ta' interess li ddur għad-dizz-

junarji xjentifiċi u tosserva d-definizzjoni tal-kelma "prinċipju" li ta' spiss hija wżata fil-kontroversja kurrenti. *Id-Dizzjunarju tat-Termini Tekniċi tax-Xjenza ta' McGraw-Hill*, gwida ta' l-industrija, jiddefinixxi prinċipju bħala, "**liġi** xjentifika li hija ħafna ġenerali jew fundamentali, u li minnha liġijiet oħra huma maħruġa." (1978, p. 1268.) Mhix ħaġa ta' skantament, mela, li xi xjenzati jsejħu l-bijoġenesi **sopraliġi**, għax f'ċertu sens, liġijiet oħra huma tabilħaqq maħruġa minnha (il-liġi tal-ġenetika ta' Mendel ftit li xejn tista' topera mingħajr ma' "l-prinċipju" fundamentali tal-bijoġensi jkun korrett). Jekk prinċipju huwa mfisser jew mogħti definizzjoni bħala liġi, u l-bijoġenesi jintqal dwarha bħala "l-prinċipju tal-bijoġenesi," imbagħad x'għandna aħna xi ngħidu aktar? Kif Kirk innifsu nnota, "aktar ma eżempji, biex ngħid hekk, ikunu mdawwra minn kull naħa, dawk li minnhom l-akbar u l-aktar blokki diversi ta' informazzjoni bijoloġika tista' tkun relatata f'mod ordnat—huma xi kultant imsejħa 'prinċipji' tal-bijoloġija" (1975, p. 14). F'għelieqi oħra tax-xjenza barra mill-bijoloġija, mhix xi ħaġa mhux komuni li tisma' xjenzati jitkellmu dwar liġijiet stabbiliti u magħrufa bħala "prinċipji." Riferenza spiss hija magħmula"għall-prinċipji" tat-termodinamika jew "il-prinċipju" tal-gravità minflok "il-liġijiet" tat-termodinamika jew "il-liġi" tal-gravità. Madankollu ħadd ma jsejjaħ għal investigazzjoni dawn il-liġijiet bażiċi u fundamentali tax-xjenza. Ukoll fil-bijoloġija aħna nużaw terminoloġija bħal din (eż., aħna nitkellmu dwar "il-prinċipji" tal-ġenetika ta' Mendel), mingħajr ħadd ma jistaqsi n-natura bażika tal-liġijiet tax-xjenza li huma taħt id-diskussjoni.

Għaliex, mela, f'daqqa waħda qiegħed jintqal lilna li, f'rigward għall-bijoġenesi, il-kelma "liġi" ma tapplikax aktar. Din kienet tapplika fis-seklu dsatax. Kienet din iddiżapprovata? Għal kuntrarju, kull biċċa ta' xhieda xjentifika għadha tappoġġja l-konċett bażiku li l-ħajja **tiġi biss** minn ħajja li kienet teżisti qabel. Mhijiex il-bijoġenesi aktar "regularità attwali fin-natura?" Għal kuntrarju, kull biċċa ta' informazzjoni xjentifika li aħna nippossiedu turi li hekk hi, fil-fatt, sewwasew dan—regularità attwali fin-natura (ftakar fl-istqarrija ta' Dr. Simpson

illi "ma hemm l-ebda dubju li l-bijoġenesi hija r-regola, li l-ħajja tiġi biss minn ħajja oħra….”). Waqfet il-bijoġenesi milli b'xi mod tkompli tkun esperimentalment ripproduttiva? Xejn affattu. Għaliex, mela, l-evoluzzjonisti jixtiquna biex aħna nonqsu milli nsejħu l-liġi, liġi? It-tweġiba, għandu jidher, hija ovvja. Jekk l-evoluzzjonisti jaċċettaw il-bijoġenesi bħala liġi—regularità attwali fin-natura—kif qatt l-evoluzzjoni kienet tista' tibda? Il-bijoġenesi (il-**liġi** tal-bijoġenesi) tirrappreżenta t-tneħħija kompleta tat-teorija evoluzzjonarja mis-sular ta' isfel sa fuq nett. Mhux ta' min jiskanta, mela, li xi evoluzzjonisti taż-żmien modern ippruvaw biex inaddfu d-dizzjunarju sabiex joħorġu b'xi kelma oħra "regola," "prinċipju," "opinjoni," eċċ.) barra minn **liġi** biex jorbtuha mal-bijoġenesi. Ikunu xi jkunu l-isforzi tagħhom, u s-suċċess jew in-nuqqas ta' suċċess li bih dawk l-isforzi eventwalment jiltaqgħu miegħu, ħaġa waħda hija ċerta. "Id-dogma tal-bijoloġija moderna, li minnha l-ebda bniedem raġjunevoli ma jista' jwarrab," xorta waħda għadha bijoloġija. J.W.N. Sullivan, xjenzat brillanti ta' ġenerazzjoni ilu, kiteb dan il-kliem, li hu applikabbli llum daqs kemm kien meta nkiteb:

> Il-bidu tal-proċess evoluzzjonarju jqajjem mistoqsija li għadha mhux imwieġba. X'kien l-oriġini tal-ħajja fuq din il-pjaneta? Sa żmin-ijiet mhux ħażin riċenti kien hemm twemmin ġenerali mhux ħażin fil-ġrajja ta' ġenerazzjoni spontanja'…iżda, esperimenti bil-għaqal b'mod magħruf dawk ta' Pasteur, urew li din il-konklużjoni kienet minħabba osservazzjoni mperfetta, **u saret dottrina aċċettata li ħajja qatt ma tiġi ħlief minn ħajja. Sakemm ix-xhieda attwali tibqa', din għadha l-unika konklużjoni possibbli. Imma billi din hija konklużjoni dan jidher li jieħu lura għal xi att kreattiv sopra-naturali, din hija konklużjoni li nies xjentifiċi jsibuha diffiċli**

**ħafna li jaċċettawha**. (1933, p. 93, enfasi miż.).

Il-liġi tal-bijoġenesi ċar tgħallem li l-ħajja kollha tiġi minn ħajja li eżistiet qabel, **u dik tax-xorta tagħha**. Dan hu eżattament dak li l-Bibbja Mqaddsa minn dejjem għallmet bħala li ġara jew li jiġri fin-natura. F'Ġenesi 1:11-12, l-ispirazzjoni tgħidilna dan il-kliem:

> "*U qal Alla: Ħalli l-art tnibbet ħdura, ħaxix jagħmel iż-żerriegħa, u siġar tal-frott li jagħmlu frott skond ġenshom, b'żergħatu fih, fuq l-art; u hekk kien. U l-art nibbtet ħdura, u ħaxix jagħmel żergħat, skond ġensu, u siġar jagħmlu l-frott, b'żergħatu fih, skond ġensu: U Alla ra li dan kien tajjeb*."

L-istess punt huwa magħmul għal darb'oħra f'Ġenesi 1:24-25,

> "*U Alla qal: Ħalli l-art tnissel ħlejjaq ħajjin skond ġenshom, bhejjem, u ħlejjaq li jitkaxkru, dbejjeb ta' l-art skond ġenshom; u hekk kien. U Alla għamel id-dbejjeb ta' l-art skond ġenshom, u l-bhejjem skond ġenshom, u kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art skond ġensha: Alla ra li dan kien tajjeb*."

Ħaġa li tiskantani meta nisma' xi nies li jistqarru l-fidi tagħhom f'Alla u mbagħad jgħidu li l-bniedem ġej permezz ta' l-evoluzzjoni hija din: "**Alla ra li dan kien tajjeb**" imma dawn innies ma jarawħx li kien tajjeb għaliex huma jemmnu li l-ħajja ġiet **mhux** kif jgħid Alla li ġiet! Dawn bl-għemil tagħhom qegħdin igiddbu lil Alla għaliex qegħdin jgħidu li Alla ma għamilx **dak li Hu qal li għamel**! Qegħdin igidbu lil Alla għaliex Alla jgħidilna li kollox jiġi "**skond ġensu**" u huma qegħdin jgħidulu, "Le, mhux hekk, imma permezz ta' l-evoluzzjoni!" Nerġa' ngħid, **Jaħasra** għal twemmin bħal dan. Siltiet oħra matul l-Iskrittura Mqaddsa (eż. Lev. 11:13-19) jkomplu jenfasizzaw illi l-ħajja tiġi **biss** mill-ħajja, u "**dik tax-xorta tagħha**." Il-liġi tal-bijoġenesi tgħid eżattament dan. Din il-liġi

fundamentali tax-xjenza hija l-bażi għal dak kollu li aħna nagħmlu fil-bijoloġija u f'għelieqi relatati mal-bijoloġija—minn riċerka ta' tnissil minn razzez differenti għal inġinerija ġenetika. Xjenzati u mhux xjenzati l-istess jagħrfu l-verità ta' din il-liġi, li ma taf l-ebda eċċezzjoni. Staqsi lil kull bidwi x'jistenna hu li jieħu meta jiżra' żerriegħa tal-qamħ, u hu jgħidlek li jistenna li jaħsad qamħ—mhux tadam jew patata. Staqsih x'jistenna li jieħu meta hu jgħammar baqra minn barri, u hu jgħidlek li hu jistenna li jieħu għoġol li jitwieled bħala riżultat ta' dik l-għaqda u mhux felu. Il-liġi tal-bijoġenesi taħkem b'mod suprem fid-dinja bijoloġika. Minn piżelli inti tieħu piżelli, minn narċis tieħu narċis; minn żwiemel tieħu żwiemel, minn klieb tieħu klieb. Taqbel int ma' dan, mela għaliex temmen fl-evoluzzjoni, jekk int temmen? Din hija l-liġi tal-bijoġenesi. **Kollox** jirriproduċi "wara x-xorta tiegħu."

Aħna spiss għedna li l-Bibbja u x-xjenza għandhom l-istess Awtur—Alla. Dan huwa 'l Alla li ma jistax jigdeb (Titu 1:2). La dan huwa l-każ, wieħed jista' sewwa jistenna l-ktieb ta' Alla fin-natura (id-dinja madwarna) li jkun jaqbel perfettament mal-Ktieb Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. Il-liġi tal-bijoġenesi hija biss eżempju wieħed tal-verità ta' dik l-istqarrija. Waqt li f'xi okkażjoni wieħed jista' jara xi eżempji ta' konflitt bejn interpretazzjoni fqira Biblika u xjenza tajba, jew bejn interpretazzjoni fqira xjentifika u Bibbja tajba, **qatt** ma jkun il-każ li nterpretazzjoni Bibblika tajba u interpretazzjoni xjentifika tajba ma jkunu f'nuqqas ta' qbil. Fuq kollox, it-tnejn jaqsmu l-istess Awtur, Alla. (ara paġni 17-33 taħt it-titlu "Il-Bibbja u x-Xjenza" għal xi eżempji dwar dan).

## RIFERENZI

Abercrombe, M.C. Hickman and M. Johnson (1961), *A Dictionary of Biology* (Baltimore, MD: Penguin).

Ackerknect, E.H. (1973), "Rudolph Virchow," *Encyclopaedia Britanica*, 23:35.

Balcom, Margaret (1967), *The Christian Century*, May 3.

Hull, David (1975), *Philosophy of Biological Science* (Englewood Cliffs, NJ: Prentice-Hall).

Kirk, David (1975), *Biology Today* (New York: Random House).

*McGraw-Hill Dictionary of Scientific and Technical Terms* (1978) D.N. Lapedes, Editor, (New York: McGraw-Hill).

Moe, Martin A. (1981), "Genes on Ice," *Science Digest*, 89[11] :34, 95.

Moore, John N. and H.S. Slusher (1974) *Biology: A Search for Order in Complexity* (Grand Rapids, MI: Zondervan).

Rall, Harris (1936), *Faith For Today* (Nashville, TN: Abingdon).

Simpson, G.G., and W.S. Beck (1965), *Life: An Introduction to Biology* (New York: Harcourt, Brace & World).

Sullivan, J.W.N. (1933), *The Limitations of Science* (New York: Viking Press).

Wald, George (1972), *Frontiers of Modern Biology in Theories of Origin of Life* (New York: Houghton-Mifflin).

Wysong, R.L. (1976), *Creation Evolution Controversy* (East Lansing, MI: Inquiry Press).

# XHIEDA XJENTIFIKA GĦALL-ĦOLQIEN

## XHIEDA XJENTIFIKA GĦALL-ĦOLQIEN

Aħna smajna l-akkuża xi darba mill-evoluzzjonisti li jgħidulna: "Intom kreazzjonisti tistgħu biss tippruvaw biex 'tagħmlu l-każ tagħkom infuskom' billi tbiċċru jew tattakkaw ix-xhieda għal l-evoluzzjoni. Intom qatt ma tistgħu tippreżentaw xi xhieda **għall**-ħolqien; pjuttost, ix-xhieda kollha tagħkom hija sempliċiment **kontra** l-evoluzzjoni."

L-akkuża, iżda, hija falza. Waqt li hu minnu, naturalment, illi "x-xhidiet" allegati li l-evoluzzjonisti jużaw biex jappoġġjaw it-**teorija** tagħhom għandhom ikunu eżaminati u rrifjutati, mhux tassew li l-każ kollu kemm hu **għall**-ħolqien jistrieħ sempliċiment fuq ċaħda mill-kreazzjonisti ta' "xhidiet" bħal dawn. Għal kuntrarju, hemm wisq xhieda għal l-oqsma diversi tax-xjenza biex wieħed juri li l-mudell tal-ħolqien huwa bilwisq aktar il-mudell superjuri ta' l-oriġini. Din ix-xhieda teħtieġ li tkun magħrufa, u ċertament teħtieġ li tkun ippreżentata f'kull diskussjoni li tittratta ma' l-oriġini finali.

Fix-xogħol klassiku tagħhom, *What is Creation Science?*, Dr. Henry Morris u Dr. Gory Parker ifakkruna:

> "Il-fatt hu, iżda, hemm **biss żewġ** mudelli possibbli ta' oriġini, evoluzzjoni jew ħolqien …Jew l-univers, l-ispazju/massa/żmien hu etern, jew mhuwiex. Jekk hu, allura l-evoluzzjoni hija l-ispjegazzjoni vera tal-komponenti diversi tagħha. Jekk mhuwiex, allura dan kellu jkun maħluq minn Ħallieq. Dawn huma l-uniċi żewġ possibbiltajiet—fi kliem sempliċi, jew dan ġara b'aċċident (b'ċans)…jew **ma ġarax** (disinn). Hemm biss żewġ possibbiltajiet. Jista' jkun hemm ħafna sotto-mudelli ta' l-evoluzzjoni….u diversi sotto-mudelli tal-ħolqien…., imma jista' jkun hemm biss żewġ mudelli bażiċi—evoluzzjoni jew ħolqien"

(Creation-Life Pubishers. San diego. 1982, p. 156, Enfasi fl-oriġinal).

Bħala sommarju, xi jħabbru ż-żewġ mudelli u/jew jinkludu? **Il-mudell** xjentifiku **tal-ħolqien** jinkludi x-xhieda minn diversi oqsma tax-xjenza għall-ħolqien minnufih ta' xorta ta' ħajja kumplessa u diversifikata, bi spazji jippersistu bejniet speċi differenti, u ma' varjazzjoni ġenetika li ssir ġewwa kull speċi. **Il-mudell** xjentifiku **ta' l-evoluzzjoni** jinkludi x-xhieda ta' diversi oqsma tax-xjenza għall-ħruġ gradwali tax-xorta ta' ħajja preżenti matul perjodi twal ta' żmien, bi ħruġ ta' xorta ta' ħajja kumplessa u diversifikata minn speċi aktar "sempliċi" u fl-aħħarnett minn materja mingħajr ebda ħajja. Il-mudell tal-ħolqien jisfida l-evoluzzjoni "vertikali" (tlugħ ta' kumpless mis-sempliċi, u bidla bejn klassijiet, jew speċi) imma ma jisfidax evoluzzjoni "orizzontali" (spiss imsejħa mikro-evoluzzjoni jew varjazzjoni ġenetika) li tħalli għall-speċi jew sottospeċi formazzjoni ġewwa l-ispeċi maħluqa. Aħna nistgħu nagħmlu f'lista, f'forma ta' tabella sebgħa aspetti differenti tal-mudell xjentifiku tal-ħolqien u l-mudell xjentifiku ta' l-evoluzzjoni, f'attentat biex niġbdu d-dikotomija xierqa, proprja (jiġifieri, qasma kontinwa minn pari fi gruppi magħrufa permezz ta' kwalitajiet kontraditorji) bejn iż-żewġ mudelli. It-tabella mbagħad tkun tidher bħal din: [NOTA: Din it-tabella hija mill-Impact Article No. 95 ("Summary Of Science Evidence For Creation"), Institute for Creation Research, San Diego, California. 1981.):

| **Il-mudell ta' l-evoluzzjoni jinkludi x-xhieda xjentifika u l-inferenza relatata tissuġġerixxi li:** | **Il-mudell tal-ħolqien jinkludi x-xhieda xjentifika u l-inferenza relatata tissuġġerixxi li:** |
|---|---|
| 1. L-univers u s-sistema solari ħarġu permezz ta' proċessi naturalistiċi. | 1. L-univers u s-sistema solari kienu Maħluqa ħabta u sabta. |
| 2. Il-ħajja ħarġet minn dak mingħajr ħajja. Permezz ta' proċessi naturalistiċi. | 2. Il-ħajja kienet maħluqa. |
| 3. L-ispeċi kollha preżenti ħajja ħarġu minn speċi ta' qabel aktar sempliċi, biex b'hekk organismi b'ċellula waħda evolvew f'invertebrati (annimali bla sinsla), imbagħad amfibji (annimali li jgħixu fl-art u fil-baħar), imbagħad rettili, u wara anni- | 3. L-ispeċi kollha preżenti ħajja ta' annimali u pjanti baqgħu fissi sa mill-ħolqien, oħrajn barra mill-qirda, varjazzjoni ġenetika fi speċi oriġinarjament maħluqa ġraw biss |

| | |
|---|---|
| mali li jraddgħu, u mbagħad xadini, inkluż il-Bniedem. | f'limiti dojoq ħafna. |
| 4. Mutazzjoni u selezzjoni naturali ġabu madwar il-ħruġ ta' l-ispeċi preżenti kumplessi minn organismu sempliċi primordjali. | 4. Mutazzjoni u selezzjoni naturali huma insuffiċċjenti biex ikun li ġabu xi ħruġ ta' speċi preżenti ħajja minn organismi sempliċi primordjali. |
| 5. Il-bniedem u x-xadini ħarġu minn antentati komuni. | 5. Il-bniedem u x-xadini għandhom Antenati differenti. |
| 6. Il-bidu ta' l-attività tad-dinja u mbagħad tal-ħajja għandu jkun li ġraw bosta miljuni ta' snin ilu. | 6. Il-bidu ta' l-attività tad-dinja u ta' l-Ispeċi ħajja għandu jkun realttivament riċenti. |

F'dan l-istudju fil-qosor, ħalli naraw u neżaminaw xi wħud mix-xhieda minn oqsma diversi tax-xjenza li jappoġġjaw il-*mudell tal-ħolqien ta' l-oriġini*. Għalkemm ma nkunux nistgħu nittrattaw b'mod profond ħafna kull suġġett imsemmi fit-tabella fuq, aħna sejrin naraw sommarju ta' xhieda xjentifika li juri l-mudell tal-ħolqien li jkun kemm possibbli kif ukoll superjuri għall-mudell ta' l-evoluzzjoni. Ħalli nikkunsidraw xi liġijiet xjentifiċi.

## IL-LIĠI TAL-BIJOĠENESI

Il-Miklem Malti jagħti din id-definizzjoni tal-kelma **Bijoġenesi**:

> "tagħlim u twemmin li organismu ħaj ma jistax jaf il-ħajja ħlief minn organismu ieħor ħaj u bħalu fil-għamla u s-sura."

Abijoġenesi, jew kif ġeneralment huwa aktar magħruf, ġenerazzjoni spontanja, huwa wieħed mill-konċetti fundamentali ta' l-evoluzzjoni. Fis-sena 1960, meta Dr. G.A. Kerkut, il-magħruf evoluzzjonista Ingliż, ippublika l-ktieb famuż tiegħu, ***The Implications of Evolution***, hu niżżel f'paġna sitta s-sebgħa **assunzjonijiet li mhux ippruvati** li fuqhom l-evoluzzjoni hija magħrufa li hija bbażata. Numru wieħed fuq dik il-lista kien: "L-ewwel assunzjoni hija li ħwejjeġ li m'għandhomx ħajja taw qawmien għall-materjal ħaj, jiġifieri, ġenerazzjoni

spontanja ġrat." (Pergamon Press. London). Dr. George Wald ta' Harvard stqarr:

> "L-unika alternattiva ta' ġenerazzjoni spontanja hija twemmin f'ħolqien sopranaturali! (*Scientific American*. Sept. 1958, p. 100).

Fi kliem ieħor, l-evoluzzjoni hija **sfurzata biex tassumi** li l-abijoġenesi (it-teorija li materja ħajja tista' tkun ipproduċuta minn dak li m'għandu ebda ħajja, ġenerazzjoni spontanja) ġrat.

Iżda, il-liġi fundamentali tal-bijoloġija hija **l-Liġi tal-bijoġenesi**, li tgħid li l-ħajja kollha tiġi **biss** minn ħajja ta' qabel, u dik tax-**xorta tagħha**. Minkejja l-għagħa u l-għaġeb kollu li jdawwar l-esperimenti fil-labaratorji lanqas biss għad ma resqu qrib is-sintesi tal-ħajja minn dak li m'għandu ebda ħajja, u r-riżultati llimitati ħafna iddependew fuq kondizzjonijiet li kienu imponuti artifiċjalment u b'mod estrem improbabbli. **Fin-natura, aħna ma iddokumentajniex każ wieħed ta' ġenerazzjoni spontanja**!! Baqar jagħtu żieda ta' baqar, għasafar jagħtu żieda ta' għasafar, lellux jagħti żieda ta' lellux, qronfol jagħti żieda ta' qronfol, sparli jagħtu żieda ta' sparli, qarnit jagħti żieda ta' qarnit, gremxul jagħti żieda ta' gremxul, naħal jagħti żieda ta' naħal, u l-kumplament. Jekk inti temmen fl-evoluzzjoni, nistaqsik jien, taqbel ma' dan jew le? Jekk taqbel allura ma tistax taqbel ma' l-evoluzzjoni wkoll! Jew kif qal Martin A. Moe f'ħarġa riċenti tas-***Science Digest***: "Seklu ta' sejbiet sensazzjonali fix-xjenzi bijoloġiċi għallimna li **l-ħajja tiżdied biss mill-ħajja**...." (Diċ. 1981, p. 36, enfasi miżjuda). Tabilħaqq! U għaliex aħna għandna nkunu sorpriżi?! Il-Liġi tal-Bijoġenesi tgħid eżattament dan. L-evoluzzjoni, iżda, tippriedka eżattament il-kontra f'żewġ materji: l-ewwel, it-teorija ta' l-evoluzzjoni tgħid li l-ħajja oriġinarjament ġiet minn dak mingħajr ebda ħajja, u; it-tieni, it-teorija ta' l-evoluzzjoni tgħid li l-ħajja **ma** pproduċietx ħajja bħala nfisha, imma pjuttost għandha (miljuni jew biljuni ta' drabi!) barrieri filoġeneteċi (grupp primarju li jikkonsisti f'organismi relatati jinżlu minn forma komuni) ikkrosjati biex jipproduċu l-ispeċi, razzez,

klassi-jiet, familji, u l-ordni tal-pjanti u annimali kollha differenti li aħna naraw illum.

Il-mudell tal-ħolqien ibassar, bħal-Liġi tal-Bijoġenesi li hija realtà fin-natura, li l-ħajja tiġi **biss** minn ħajja ta' qabel**, u dik tax-xorta tagħha**. L-evoluzzjoni tbassar eżattament l-oppost, u tagħmel it-tbassir tagħha **fuq nuqqas totali ta' xhieda**. Dr. Kerkut jgħid: "Hija…kwistjoni ta' fidi fuq il-parti tal-bijoloġista li l-bijoġenesi ġrat u huwa jista' jagħżel liema metodu ta' bijoġenesi li jista' jaqbel għalih personalment; ix-**xhieda għal x'ġara mhix disponibbli**." (***op. ċit***. p. 150. Enfasi miżjuda). [NOTA: Dr. Kerkut jittratta bħala ndaqs "il-fidi" ma' "nuqqas ta' xhieda" hekk kif huwa juża l-kelma "fidi" fis-sens sekulari, mhux Bibliku. Fidi Biblika, naturalment, hija bbażata fuq ix-xhieda. Jiena ridt nagħmel din id-distinzjoni biex nevita xi konfużjoni dwar il-pożizzjoni tagħna li fidi Biblika mhijiex "qabza fid-dlam" imma minflok ibbażata fuq ix-xhieda, ibbażata fuq l-għarfien]. Waqt li l-evoluzzjoni qed tagħmel il-każ tagħha bbażat fuq xhieda li "mhix disponibbli," il-każ għall-ħolqien huwa bbażat fuq xhieda xjentifika **li hija disponibbli**—il-*Liġi tal-Bijoġenesi*.

## IL-LIĠIJIET TAT-TERMODINAMIKA

L-ewwel Liġi tat-Termodinamika tgħid li l-ammont totali tal-materja u enerġija fl-univers huwa kustanti. It-Tieni Liġi tat-Termodinamika tgħid li l-materja u l-enerġija dejjem għandhom tendenza li jinbidlu minn stat kumpless u ordnat għal stat diżordnat.

> "Mhux bħall-mudell ta' l-evoluzzjoni, li jippermetti kemm iż-żjieda kif ukoll in-nuqqas fl-organizzazzjoni fl-univers matul proċessi naturali (bl-effett nett ikun żjieda), il-mudell tal-ħolqien ibassar biss nuqassijiet netti (għal l-univers kollu) matul proċessi naturali, billi proċessi naturali aktar mis-soltu biss jistgħu jiġġeneraw żjieda netta fil-kumplessità…. Jekk l-evoluzzjoni hija tassew, allura għandu

> jkun hemm xi prinċipju innovazzjonali u integrattiv (li ħaġa jagħmilha sħiħa) jopera fid-dinja naturali li tiżviluppa struttura minn ħwejjeġ bl-addoċċ u organizzazzjoni għola minn aktar baxxa….Il-mudell tal-ħolqien, fuq in-naħa l-oħra, jissuġġerixxi li għandu jkun hemm prinċipju konservazzjonali u disintegrattiv jopera fin-natura. Billi l-kwalità totali tal-materja u enerġija, kif ukoll l-għola grad ta' organizzazzjoni, kienu maħluqa b'mod mhux naturali fil-bidu, aħna m'għandniex nistennew li naraw jaħdmu llum proċessi ta' innovazzjonijiet u integrazzjoni naturalistiċi, kif meħtieġa fl-evoluzzjoni" (Morris and Parker. ***Op. ċit***. pp. 161,163).

It-Tieni Liġi tat-Termodinamika hija speċjalment sinjifikanti fl-appoġġ tagħha tal-mudell tal-ħolqien. Din il-liġi, mpoġġija f'mod sempliċi, tgħid li l-proċessi reali kollha qegħdin jiżdiedu fl-entropija (qies ta' diżordni). Ikkunsidra l-istqarrija ta' Dr. Isaac Asimov, evoluzzjonista minn ta' quddiem fejn jgħid: "Sa fejn nafu aħna, il-bidliet kollha huma fid-direzzjoni ta' entropija li qed tiżdied, ta' diżordni li qed tiżdied, ta' taħwid li qed jiżdied, li sejra l-isfel." (Sċienċe Digest. Mejju, 1973, p. 76.) Jeremy Rifkin, ukoll evoluzzjonista, ftit taż-żmien ilu, irrimarka:

> "Aħna nemmnu li l-evoluzzjoni b'xi mod jew ieħor maġikament toħloq valur u ordni ġenerali akbar fuq l-art. Issa li l-ambjent li aħna ngħixu fih qiegħed jiġi tant fix-xejn u mingħajr ebda ordni, illi huwa ċar għal l-għajn mikxufa, li aħna qegħdin **nibdew għal l-ewwel darba biex ikollna t-tieni ħsibijiet dwar il-veduti tagħna fuq l-evoluzzjoni**, progress, u l-ħolqien tal-ħwejjeġ ta' valur materjali…. Evoluzzjoni tfisser il-ħolqien ta' gżejjer akbar u akbar ta' ordni għal l-ispejjż

ta' ibħra aqwa ta' diżordni fid-dinja. Ma hemmx bijoloġista wieħed jew fiżiċista li jista' jiċħad din il-verità ċentrali. Madankollu, min hu lest biex iqum wieqaf fil-klassi jew quddiem forum publiku u jammetti dan?" (***Entropy: A New World View***. Viking Press N.Y. 1980. p. 55. Enfasi miżjuda).

It-Tieni Liġi tad-Termodinamika (spiss imsejħa "Vleġġa taż-Żmien") turi **kemm** għal tmiem ("*heat death*") fil-futur fejn ma jkunx jemm aktar enerġija disponibbli, b'hekk tikkawża l-univers li "jmut," **u** bidu meta l-univers kien għal l-ewwel darba fi stat fejn "l-enerġija kollha kienet disponibbli għal l-użu." Fi kliem ieħor, l-univers hu bħal arloġġ ġgantesk li kien mogħti l-ħabel, imma li issa qiegħed jispiċċalu l-ħabel. Dr. Robert Jastrow, fundatur ta' Goddard Institute of Space, tan-NASA, fix-xogħol klassiku tiegħu, ***God And The Astronomers***, (***Alla u l-Astronomi***) ipoġġiha b'dan il-mod: "Issa kemm it-teorija kif ukoll l-osservazzjoni wrew għal univers li qiegħed jespandi **u għall-bidu fiż-żmien**… U bi ftehim kien hemm kwantità ġmielha ta' disskussjoni dwar il-fatt illi t-tieni liġi tat-termodinamika, applikata għal l-univers kollu, tindika li l-Univers sejjer l-isfel, jispiċċa bħal arloġġ. Jekk dan qiegħed jispiċċa, kellu jkun hemm żmien meta dan kien għal kollox mogħti l-ħabel." (W.W. Norton. N.Y. 1978. pp. 47,48. Enfasi miżjuda).

Ftakar, **il-mudell ta' l-evoluzzjoni** jbassar ***ordni mid-diżordni***. **Il-mudell tal-ħolqien** ***ibassar ordni inizjali event-walment tagħti lok għad-diżordni***. X'tgħid it-Tieni Liġi tat-Termodinamika? Din il-liġi tgħid li l-proċessi reali kollha ***sejrin lejn diżordni***. Żid ma' dan il-fatt illi l-Ewwel liġi tipprojbixxi l-konklużjoni li l-univers sata' b'xi mod ħoloq lilu nnifsu, u liema konklużjoni finali aħna nistgħu nġibu? Il-konklużjoni finali hija din: L-univers ma setax ħoloq lilu nnifsu; għaldaqstant l-univers kien maħluq minn proċessi li issa mhumiex qegħdin joperaw, imma li seħħew f'punt speċifiku fil-passat (jiġifieri, il-bidu). U, l-univers issa qiegħed jispiċċa,

qabad in-niżla, mhux qiegħed isir aktar strutturali, jew ordnat, kif l-evoluzzjoni tbassar. L-Ewwel u t-Tieni Liġijiet tat-Termodinamika ma jaqblu totalment xejn mal-mudell ta' l-evoluzzjoni, imma jżommu l-mudell tal-ħolqien perfettament! (għal aktar dettalji dwar dawn il-liġijiet aqra minn paġna 112 sa 116).

## IL-LIĠIJIET TAL-ĠENETIKA

Fiż-żminijiet tagħna "*Neo Darwinism*" huwa l-isem tal-logħba. Bħala twemmin, dan iżomm mat-tagħlim ta' Darwin (evoluzzjoni permezz ta' selezzjoni naturali), imma jżid xi ħaġa ġdida (neo-) għall-proċess. Dik il-ħaġa hija mutazzjoni ġenetika. Kif Dr. George Gaylord Simpson ta' Harvard darba qal: "Mutazzjonijiet huma l-materjal aħħari mhux maħdum (*raw materials*) għal l-evoluzzjoni" ***(Life: An Introduction To Biology***, Harcourt, Brace and World. N.Y. 1965. p. 430). Ġeneralment, jintqal li l-evoluzzjoni tipproċiedi mill-isforzi magħquda ta' selezzjoni naturali u mutazzjonjijiet ġenetiċi. Iżda, il-fatti veri tax-xjenza jgħidu storja differenti għal kollox. Il-punt kollu huwa attwalment dan: mutazzjonijiet iva; evoluzzjoni, le! ħalli nikkunsidraw għaliex.

L-ewwel, selezzjoni naturali (għixien ta' "l-aqwa," l-aktar b'saħħtu) huwa konċett ta' ripetizzjoni ta' l-istess ħaġa (jiġifieri,: juża raġunar ċirkulari). Dan sempliċiment jeħtieġ "l-aktar" organismi "b'saħħithom" biex iħallu l-aktar nisel, u mbagħad fl-istess ħin dan jidentifika "l-aktar" organismi "b'saħħithom" bħala dawk li jħallu l-aktar nisel! Għalhekk, selezzjoni naturali ma tipprovdix spjega ppruvata ta' kif il-mutazzjonijiet jistgħu jipproduċu aktar organismi b'saħħithom." (***Objective Knowledge***. Karl Popper. Clarendon Press. Oxford. 1975. P. 242).

L-evoluzzjoni mingħajr mekkanismu hija bħal karrozza mingħajr makna—din mhi sejra mkien! L-evoluzzjonisti dlonk indunaw li selezzjoni naturali **weħidha** ma kinetx mekkanismu suffiċjenti. Organismi ma jinbidlux minn speċi waħda għal oħra sakemm il-materjal ġenetiku b'xi mod jew ieħor inbidel. Mutazzjonijiet minnufih huma mutazzjonijiet ereditarji ikkawżati permezz ta' alterazzjonijiet tal-materjal ġenetiku oriġinali .

Kif kittieb fil-bijoloġija jpoġġiha, din il-bidla hija: "bidla fil-forma, kwalitajiet, jew natura tan-nisel mix-xorta jew tip tal-ġenituri tagħhom miġjuba madwar permezz ta' mutazzjoni fil-materjal ereditarju mill-ġenituri." (A.O. Wasserman, *Biology* Appleton-Century-Crafts, N.Y. 1973. P. 803).

Ma jistax ikun enfasizzat iż-żejjed illi **llum l-uniku mekkanismu magħruf ta' l-evoluzzjoni** huwa selezzjoni naturali flimkien ma' mutazzjoni ġenetika. Jintqal lilna li "n-natura" "għażlet" mutazzjoni (bdil) benefiċċjali u nkorporatu f'organismi diversi, eventwalment jikkawża dawk l-organismi li jinbidlu minn kwalità waħda għal oħra. Jekk dawn "il-mutazzjonijiet (bdil) huma l-aħħar materjal mhux żviluppat għal l-evoluzzjoni," u għalhekk jipprovdu l-uniku makkanismu magħruf għal l-evoluzzjoni, hemm xi problemi serji ħafna. Ħalli nikkunsidraw xi wħud minnhom.

1. **Mutazzjonijiet huma b'ċans jew bl-addoċċ**. C.H. Waddington, il-famuż ġenetista evoluzzjonarju, darba qal: "Jibqa' tassew li tgħid li aħna **ma nafu bl-ebda mod ieħor** ħlief mutazzjonijiet bl-addoċċ li permezz tagħhom varjazzjoni ereditarja tiġi fl-eżistenza…." (*The Nature of Life*, Atheneum Press, N.Y. 1962, p. 98, enfasi miżjuda.) M. Morris jaqbel hekk kif hu jistqarr: "M'hemm ebda mod biex tikkontrolla l-mutazzjonijiet biex tagħmilhom jipproduċu karatteristiċi li jistgħu jkunu meħtieġa . Selezzjoni naturali għandha sempliċiment tieħu dak li jiġi." (*Scientific Creation*, Creation-Life Publishers, San Diego, Cal., 1974. p. 54) Fi kliem ieħor, in-natura mhi "tagħżel" xejn. Pjuttost, "in-natura" hija ppressata f'li taċċetta dak kollu li hija tidher li hi. Il-mistoqsija ovvja, mela, hija: X'jidher?

It-tieni, ukoll l-evoluzzjonisti nfushom jammettu li l-mutazzjonijiet huma "żbalji" fir-replikazzjoni tad-DNA (Francisco Ayala. ***IN: Scientific American***. Sept. 1978.) U, dawn "l-iżbalji" huma dejjem kawżi ta' ħsara. Aħna nafu llum, naturalment, illi hemm talinqas tlett kwalitajiet **possibbli** ta' mutazzjonijiet: (1) ħżiena; (2) tajbin, u; (3) newtrali. Fil-kontroversja ħolqien/evoluzzjoni, naturalment, mutazzjonijiet newtrali

m'għandhom ebda valur, billi dawn fl-essenza m'għandhom "ebda effett." Mela, x'jista' jintqal dwar il-mutazzjonijiet **il-ħżiena** jew **it-tajbin**? Mill-bqija tal-mutazzjonijiet kollha (wara li dawk newtrali kienu ġew eliminati), 99% tal-mutazzjonijiet kollha li jibqa' huma ta' ħsara (C.P. Martin. ***IN: American Scientist***. 1954. p. 100).

Kif diġa rajna, il-mutazzjonijiet huma magħrufa li jsiru b'ċans jew bl-addoċċ, u distruttivi jew fatali għal l-individwu li fih huma espressi. Wara kollox, dawn il-mutazzjonijiet huma "żbalji" fid-DNA. Kif J. Wicker jistqarr: "Bħala prinċipju ġenerattiv, tipprovdi materjal mhux żviluppat (*raw material*) għas-selezzjoni naturali, mutazzjoni b'ċans jew bl-addoċċ hija inadegwata kemm fil-fini, kif ukoll fil-korsa ta' tagħlim teoretiku (tal-fatti u l-prinċipji bażiċi ta' kull suġġett***). (Journal of Theoretical Biology***. April 1979. P. 349). Fi kliem ieħor, mutazzjonijiet, li huma bl-addoċċ, ma jistgħux "jordnaw" xi ħaġa, jew jagħmlu xi ħaġa aktar kumplessa! Selezzjoni naturali tista' biss isservi biex "tnaqqi 'l barra" dawk il-mutazzjonjiet li huma ta' ħsara, fl-aħjar, tippriserva "l-istatus quo."

Il-probabbiltà matematika (kif sejrin naraw aktar 'il quddiem, f'paġni 192 sa 195) li jkollok mutazzjonijiet bl-addoċċ għal dak kollu li aħna naraw madwarna (u dak kollu li aħna aħna!) hija infinitissma! Il-problema matematika għal l-evoluzzjoni tiġi meta inti tkun trid serje ta' mutazzjonijiet relatati. Mutazzjonijiet huma rari ħafna, jiġru fuq medja ta' darba f'kull għaxar miljun duplikazzjoni ta' molekula DNA. (1 x $10^7$ x $10^7$ jew $10^{14}$). Dan hu wieħed f'mitt triljun. Xi ngħidu, li jkollna, erbgħa bidliet relatati? Iċ-ċansijiet imbagħad isiru 1 f'$10^{28}$! Qiegħed int tara l-problema? Wieħed awtur qal: "hija l-fehma tagħna li jekk "ċans" (kif ġie ġie) huwa mogħti interpretazzjoni serja u kruċjali minn ħarsa ta' probabbiltà, li ħaġa ssir b'ċans, bl-addoċċ, biex neħduha bi żgura hija wisq mhux plawsibbli u li teorija adegwata xjentifika ta' l-evoluzjoni għandha tistenna s-sejba u t-tifsira ta' liġijiet naturali ġodda...." (M. Eden. ***IN: Mathematical Challenges to the New-Darwian interpreta-***

***tion of Evolution***. Wistar Institute Press. Philadelphia. 1967. p. 109).

Mutazzjonijiet, daqs kemm l-evoluzzjonisti jobgħodu li jammettu, **jitolbu li qabel ikun hemm il-ħolqien!** (jiġifieri, jeħtieġu bħala kondizzjoni neċessarja, il-ħolqien!). Fuq kollox, mutazzjonijiet huma biss bidliet f'ġene **li diġa jeżistu**! Għandu jkun hemm ġene preżenti, **l-ewwel**, qabel ma jkun jista' jinbidel permezz ta' mutazzjoni. Kull ma inti tieħu bħala riżultat tal-mutazzjoni huwa sempliċiment forma varjata ta' ġene li diġa jeżisti (jiġifieri: varjazzjoni ġewwa tip).

Fi kliem ieħor, mutazzjonijiet juru l-kollass ("żball fi") fil-perfett. Mutazzjonijiet huma tbegħid mill-oriġinal. Aħna ma nafux dwar mutazzjonijiet illum li jistgħu jikkawżaw xorta oħra ta' annimal, jew xorta waħda ta' xitla li tagħti qawmien għal xorta oħra ta' xitla. **Dak li aħna nafu** huwa li l-mutazzjonijiet meta jsiru, *jeqirdu* u jagħmlu ħsara lil dak li diġa qiegħed hemm. Il-**mudell tal-ħolqien** ibassar varjazzjoni mibnija f'xi ħaġa fl-għadira tal-ġene. Jekk ħwejjeġ ħajja kienu maħluqa, varjazzjoni ta' tipi hija disinn tajjeb. Mutazzjonijiet iżda, allegatament introduċew xorta oħra ta' varjazzjoni—imma din id-darba, ta' ħsara fin-natura! Mutazzjonijiet jikkumbattu **kontra** l-evoluzzjoni. U l-istorja li tintqal dwar il-mutazzjonijiet u selezzjoni naturali hija bil-wisq aktar fi qbil mal-mudell tal-ħolqien milli mal-mudell ta' l-evoluzzjoni. (dwar dan inkomplu naraw aktar 'il quddiem taħt it-titlu "Il-Bibbja u l-Liġijiet tax-Xjenza: Il-Liġijiet tal-Ġenetika" ara minn paġna 184 'il quddiem).

## IR-REĠISTRAR TAL-FOSSILI

Dwar il-fossili diġa tkellimna f'paġni 104 sa 109, imma tajjeb li ngħidu xi ħaġa oħra.

B'żjieda għax-xhieda importanti għall-ħolqien minn oqsma bħal Liġi tal-Bijoġenesi, il-Liġijiet tal-Ġenetika u l-Ewwel u t-Tieni Liġijiet tat-Termodinamika, xhieda ta' importanza daqs dawn għall-ħolqien għandha tinsab fuq eżami mill-qrib tar-reġistrar tal-fossili. Xi wħud, ma jafux il-fatti tal-każ, u forsi

ħassew fil-passat illi kien hawn, "fil-mużew tan-natura," li l-evoluzzjonista għamel l-isforz finali tiegħu li ma jistax ikun attakkat kontra l-ħolqien. Ħalli aħna, mela, inpoġġu l-irreġistrar f'postu meta ngħidu li xejn ma jista' jkun aktar 'il bogħod mill-verità.

"Ir-reġistrar tal-blat" (kif l-irregistrar tal-fossili kien sewwa msejjaħ) fiħ ordni (arranġament) formidabbli ta' xhieda **kontra** l-evoluzzjoni u **għall**-ħolqien. Ikkunsidra, bħala eżemp-ju, xi jbassar il-mudell ta' l-evoluzzjoni, xi jbassar il-mudell tal-ħolqien, u mbagħad x'jagħmel it-tagħrif, fil-fatt, xi jgħid. Il-mudell ta' l-evoluzzjoni jbassar: (A) "L-aktar blat antik" ikun fih xhieda ta' l-aktar forom ta' ħajja "primitiva" adattati għal fosilizzazzjoni; (B) Blat "iżgħar" fiż-żmien jesibixxi aktar forom ta' ħajja "kumplessi"; (Ċ) Bidla gradwali minn "sempliċi għall-kumpless" tkun tidher ċara, u (D) Numri kbar ta' forom transizzjonali jkunu dejjem preżenti [NOTA: Dan hu **eżatta-ment** dak li Charles Darwin qal fil-ktieb tiegħu ***Origin of Species*** meta qal: "In-numru ta' ħoloq intermedjarji u transizz-jonali bejn l-ispeċi kollha ħajja u estinti kellu jkun kbir ħafna."] Il-mudell tal-ħolqien, minn naħa l-oħra jbassar: (A) "L-aktar blat antik" mhux dejjem ikollu fih xhieda ta' l-aktar forom ta' ħajja primittiva, u blat "iżgħar" mhux dejjem ikollu fih xhieda ta' forom ta' ħajja aktar "kumplessi"; (B) Gradazzjoni "sempli-ċi għall-kumpless" tal-forom ta' ħajja mhux dejjem tidher; minflok, ikun hemm "spluzzjoni" f'daqqa waħda ta' forom ta' ħajja differenti u kumplessi, u; (Ċ) Ikun hemm assenza regolari u sistematika ta' forom transizzjonali, billi **ma kienx hemm forom transizzjonali**.

Xi jgħidu t-tagħrif, il-fatti jew l-istatistika? U għaliex l-irreġistrar tal-fossili huwa xhieda daqshekk b'saħħitha għall-ħolqien? L-ewwel, ħalli aħna nuru li eżami ta' l-epoka (żmien) msejħa "*pre-Cambrian*" ta' l-allegata tabella ġeoloġika taż-żmien evoluzzjonarju llum ma **turi ebda xhieda mhux disputa ta' forom ta' fossili multiċellulari**! Ukoll jekk l-argumenti kurrenti ta' l-evoluzzjonisti jkunu aċċettati, dan xorta għadu jpoġġi biss organismi bħal l-alka (mikro-organismu b'ċellula

waħda) jew speċi oħrajn b'ċellula waħda bħal din possibbilment li jinsabu fl-*Era Pre-Cambrian*. Iżda, x'hemm, li għandu jinsab fis-saff li jmiss **'il fuq** fit-tabella ġeoloġika (il-perjodu msejjaħ *Cambrian*)? Fil-perjodu *Cambrian* aħna minufih insibu "spluzzjoni" ta' forom ta' ħajja. Dr. John Klotz innota: "Il-'phyla' kollha ta' l-annimali hija rrappreżentata fil-perjodu *Cambrian* barra minn żewġ 'phyla' minuri b'ġisem artab (li segħtu kienu preżenti mingħajr ma ħallew xi fossila bħala xhieda), u l-hekk imsejħa "*chordates*.' Ukoll il-*chordates* setgħu kienu preżenti, billi oġġett li jidher bħal ħuta kien instab fil-blat *Cambrian*. Huwa iebes li timmaġina li dawn il-forom kollha kellhom joriġinaw f'dan il-perjodu; u madankollu ma hemm ebda xhieda għal l-eżistenza ta' ħafna minnhom qabel il-perjodu *Cambrian*." (***Genes, Genesis & Evolution***. Concordia. St. Louis, 1972. pp. 193,194). Dr. Daniel Axlerod, Professur tal-Ġeoloġija fil-U.C.L.A., qal: "….Iżda, meta aħna nduru biex neżaminaw il-blat '*Pre-Cambrian*' għal dawk ta' qabel dawn il-fossili bikrija, dawn imkien ma jinstabu…" (***Science***. Lulju 4, 1948. p. 7).

Qegħdin aħna niġu mitluba mill-evoluzzjonisti biex nemmnu li minn **possibbilment** ftit mikro-organismi b'ċellula waħda bejn wieħed u ieħor disa mill-għaxar 'phyla' ta' l-annimali maġġuri "evolvew" fil-perjodu taż-żmien ipprezentat b'qabża mis-sezzjoni *Pre-Cambrian* għal *Cambrian* ta' l-allegata tabella ġeoloġika taż-żmien? Dr. George Gaylord Simpson, qabel ta' Harvard, sejjaħ din l-assenza ta' dawk ta' qabel il-fossili ta' *Cambrian* il-misteru maġġur ta' l-istorja tal-ħajja." (***The Meaning of Evolution***. Yale University Press. New Haven. 1949. p. 18). Dik, naturalment hija stqarrija bierda li tnaqqas l-importanza ta' dak li huwa diskuss, biex tgħid li huwa "misteru" dwar kif wieħed jista' jmur minn l-aktar ftit mikro-organismi b'ċellula waħda f'sezzjoni waħda tat-tabella taż-żmien għal kważi kull taqsima magħrufa ta' l-annimali fis-sezzjoni ta' wara—u dan kollu b'suppożizzjoni jiġri fiż-żmien irrappreżentat mill-qabża mill-*Pre-Cambrian* għal *Cambrian*!

Dan huwa bilkemm il-kemm it-tmiem tas-suġġett. Is-sitwazzjoni teħżien hekk kif il-kumplament tat-tabella ġeoloġika tkun eżaminata. X'inhi s-sitwazzjoni, per eżempju, f'rigward il-forom transizzjonali li għandhom ikunu preżenti jekk l-evoluzzjoni ġrat? Is-sitwazzjoni, ngħiduha kif wieħed iħossha, hija din: "Ebda fossili intermedjarji li wieħed jistenna li jsib fuq il-bażi tal-mudell ta' l-evoluzzjoni ma kienu misjuba bejn organismi b'ċellula waħda u invertebrati, (bla sinsla tad-dahar), bejn l-invertebrati u vertebrati (annimali li għandhom is-sinsla tad-dahar), bejn il-ħut u amfibji (annimali li jgħixu kemm fl-ilma kif ukoll fl-art), bejn amfibji u rettili, bejn rettili u għasafar jew mammalli (annimali li jraddgħu), jew bejn mammalli 'aktar baxxi' u primati (membri ta' ordni tal-mammalli)." (Impact Article No. 95. Institute for Creation Research. San Diego. May, 1981. p. iv). Jew kif l-evoluzzjonisti nfushom liberalment ammettew, l-aktar imsemmi huwa l-preżenza tal-qasmiet (*gaps*) fl-irreġistrar tal-fossili. **L-evoluzzjoni teħtieġ forom intermedjarji bejn l-ispeċi, u l-paleontoloġija ma tipprovdihomx**" (Dr. David Kitts. "Paleontology and Evolutionary Theory." ***IN: Evolution***. Sept. 1974. p. 466. Enfasi miżjuda).

Dr. Stephen Gould ta' Harvard, tard sas-sena 1977, kien qiegħed ifakkar lil kollegi evoluzzjonisti tiegħu dwar sewwasew dan il-fatt. Hu qal: "Il-paleontoloġisti kollha jafu li l-irreġistrar tal-fossili fih ftit prezzjuż fit-triq ta' forom intermedjarji: transazzjonijiet bejn gruppi maġġuri huma karatteristikament li jaħsduk." (***Natural History***. June/July, 1977. p. 24). Fil-fatt, Dr. Gould "qalha b'dan il-mod" meta hu qal: "L-iskarsezza estrema tal-forom transizzjonali fl-irreġistrar tal-fossili tippersisti bħala s-sigriet tas-sengħa tal-paleontoloġija. Is-siġar evoluzzjonarji li jimlew u jsebbħu l-kotba ta' l-iskejjel tagħna għandhom tagħrif biss fil-ponot fil-bidu tal-friegħi tagħhom: il-bqija hija inferenza, għalkemm raġjuevoli, mhux ix-xhieda tal-fossili" (***Natural History***. Vol. 86, No. 5. pp. 12-16). U, Dr. Gould niżżel f'lista żewġ karatteristiċi ta' l-irreġistrar tal-fossili li ma jistgħux jiġu njorati: "(1) Staġnar: Bosta speċi ma juru

ebda bidla direzzjonali matul iż-żamma tagħhom fuq l-art. Huma jidhru fuq l-irreġistrar tal-fossili wisq l-istess bħal minn meta huma ma baqgħux jidhru…. (2) Dehra f'daqqa waħda: F'kull inħawi lokali, speċi ma titlax gradwalment permezz tat-trasformazzjoni soda ta' l-antenati tagħha**; din tidher f'daqqa waħda u "ffurmata għal kollox**." (***Ibid.*** Enfasi miż.).

Issa, li ma jmurx xi ħadd jaħseb li Drs. Kittx, Gould, u Simpson (kollha evoluzzjonisti minn ta' quddiem) jinsabu "weħidhom" fil-ħsibijiet tagħhom, jew qegħdin jitkellmu dwar xi xorta ta' "anomaliji" f'din il-materja, innota dan: Fis-sena 1978, Dr. Colin Patterson, Paleontoloġista Anzjan fil-British Museum of Natural History f'Londra, Editur tal-ġurnal ippublikat mill-Mużew, u wieħed mill-evoluzzjonisti l-aktar minn ta' quddiem taż-żmien tagħna, kiteb ktieb bit-titlu ta' **Evolution**. Fil-ktieb tiegħu, huwa uża sitta jew sebgħa paġni biss dwar l-irreġistrar tal-fossili (u ħafna minn dak il-materjal kien disinji u tabelli). Mr. Luther Sunderland ta' New York kiteb ittra lil Dr. Patterson, jistaqsih dwar dan is-suġġett (u oħrajn). It-tweġiba ta' Dr. Patterson kienet stampata fil-ħarġa ta' Awissu, 1981 tal-***Bible-Science Newsletter***. Dr. Patterson qal, fost ħwejjeġ oħra: "…Jiena naqbel miegħek għal kollox mal-kummenti tiegħek fuq in-nuqqas ta' illustrazzjoni diretta ta' transizzjonijiet evoluzzjonarji fil-ktieb tiegħi**. Kieku jiena kont naf dwar xi wħud, fossili jew ħajjin, jiena ċertament li kont ninkludihom…**Iżda Gould u n-nies tal-Mużew Amerikan huma iebsa biex jikkontradixxu meta huma jgħidu **ma hemm ebda fossili transizzjonali**….Jiena nħalliha fuq il-linja—**ma hemm ebda fossila waħda bħal dawn li għaliha wieħed ikun jista' jagħmel argument qawwi u sod**" (enfasi miżjuda).

Il-mudell tal-ħolqien **ibassar** "splużjoni" f'daqqa waħda tal-ħajja—pjanti u annimali ffurmati għal kollox. Il-mudell tal-ħolqien **ibassar** assenza sistematika ta' forom transizzjonali. Ix-xhieda mill-irreġistrar tal-fossili biċ-ċar turi: (A) ħajja ffurmata għal kollox dehret f'daqqa waħda; (B) "taħlita" tas-"sempliċi u l-kumpless" (jiġifieri, kważi 'l-phyla' kollha ta' l-

annimali fil-perjodu *Cambrian*, u; (Ċ) nuqqas serju ta' forom transizzjonali.

Huwa għal dawn ir-raġunijiet, u oħrajn ukoll li huma numerużi biex wieħed iniżilhom f'lista f'dan l-ispazju qasir, li aħna ngħidu illi x-xhieda tal-fossili hija bil-wisq żgura **favur** il-ħolqien, u **kontra** l-evoluzzjoni.

## IL-LIĠI TAL-PROBABBILTÀ

Dr. Emile Borel, wieħed mill-esperti minn ta' l-ewwel tad-dinja fuq il-probabbiltà matematika, ifformula liġi bażika ta' probabbiltà. Din il-liġi tgħid li l-avvenimenti ta' xi ġrajja fejn iċ-ċansijiet huma aktar minn wieħed f'wieħed b'ħamsin żero wara hija ġrajja li aħna nistgħu ngħidu b'ċertezza li qatt ma tiġri, jingħata kemm jingħata żmien u kemm opportunitajiet immaġinabbli jistgħu jeżistu biex il-ġrajja ssir. (Emile Borel. ***Probabilities of Life***. Dover. N.Y. 1962, Ch. 1, 13).

Interessanti, il-probabbiltà ta' ħajja tevolvi fuq pjaneta waħda, jiġifieri, id-dinja, kienet ikkalkulata minn Dr. Carl Sagan ta' l-Università ta' Cornell li tkun ta' ċans wieħed f'wieħed b'żewġ biljun żero warajh. (Carl Sagan, Editur, ***Communications With Extra-Terrestrial Intelligence***. M.I.T. Press. 1973, p. 46.) Numru ta' dan il-kobor jimla aktar minn 6,000 ktieb ta' 300 paġna l-wieħed sempliċiment biex tiktbu! Numru dak id-daqs huwa tant infinittivament 'il fuq minn wieħed b'ħamsin żero warajh (il-limitu ta' fuq ta' Borel għall-ġrajja bħal din li ssir) illi huwa sempliċiment ta' taħwid tal-moħħ! Mela ma hemm, skond il-Liġi tal-Probabbiltà, **assolutament ebda ċans** li l-ħajja kienet tista' b'xi mod "spontanjament evolviet" fid-dinja.

Ħalli nikkunsidraw xi fatti oħra. Jekk aħna nassumu li l-univers huwa għaxar biljun sena tad-dawl (sena waħda tad-dawl hija ta' madwar 186,317 mil kull sekonda) fid-djametru tiegħu, u li huwa mimli għal kollox kważi b'partiċelli żgħar ħafna l-qies ta' eletroni, konċepibbli (li wieħed jista' jimmaġinah), kien stmat li $10^{130}$ partiċella jistgħu jeżistu fl-univers. Kull struttura, kull proċess, kull sistema, kull "ġrajja" fl-

univers għandha tikkonsisti minn dawn il-partiċelli jew frak żgħar, f'taħlit varju u bdil. Jekk, biex inkun ġeneruż b'mod estrem, aħna nassumu li kull partiċella tkun tista' tieħu parti f'$10^{20}$ (dan hu mitt biljun biljun) ġrajja **kull sekonda**, u mbagħad tħalli jew tippermetti 10 sekondi ta' storja kosmika (dan għandu jikkorrespondi għal 3,000 biljun sena jew mitt darba daqs l-istima kurrenti taż-żmien ta' l-univers), imbagħad l-akbar numru immaġinabbli ta' ġrajjiet separati li qatt jistgħu jiġru fl-ispazju kollu u fiż-żmien kollu jkun ta':

$$10^{130} \times 10^{20} \times 10^{20} = 10^{170} \text{ ġrajja}$$

Issa, sabiex għall-ħajja li tidher, waħda minn dawn il-ġrajjiet (jew xi taħlita minnhom) għandha ġġib numru ta' dawn il-partiċelli flimkien f'sistema li jkun fiha biżżejjed ordni (jew informazzjoni maħżuna) biex tagħmilha kapaċi ħalli tipproduċi kopja tagħha nfisha. U ftakar: din is-sistema għandha tiġi fl-eżistenza bi proċessi ta' sempliċiment **b'ċans**!

Il-problema hija, iżda, li kull ċellula jew kull organu ħaj biex ikun miżjud għal xi annimal li jeżisti—ukoll għal sistema l-aktar sempliċi li tirreplika—għandu jkollu wisq aktar informazzjoni maħżuna milli rrappreżentata wkoll minn numru ġgantesk bħal $10^{170}$. Fil-fatt, Dr. Marcel E. Golay, xjenzat minn ta' quddiem dwar l-informazzjoni, jikkalkula l-probabbiltà kontra sistema bħal din li torganizza lilha nfisha bħala $10^{450}$ għal wieħed (1). Dr. Frank Salisbury (***Nature***. October, 1969) poġġha l-figura f'$10^{415}$ għal wieħed (1). Jekk aħna nieħdu l-figura ta' Golay, il-probabbiltà kontra xi ordnar aċċidentali ta' parti-ċelli f'sistema li tirreplika huwa talinqas ta' $10^{450}$ għal wieħed (1). Dan hu tassew ukoll jekk dan ikun mifrux fuq medda ta' żmien u serje ta' ġrajjiet komuni flimkien. Golay ikkalkula l-figura fuq l-assunzjoni li dan kien imwettaq permezz ta' serje ta' 1,500 ġrajja **suċċessiva**, kull waħda bi probabbiltà ġeneruża għolja ta' ½ (innota li $2^{1,500} = 10^{450}$). Il-probabbiltà kienet tkun **saħansitra aktar baxxa** li kieku din kellha tkun imwettqa fi **ġrajja waħda b'ċans**! Huwa ġeneruż ħafna, għalhekk, li tikko-

nkludi li l-probabbiltà ta' l-aktar sistema sempliċi li tirreplika li wieħed jista' jaħseb dwarha illi tqum permezz ta' ċans sewwasew darba fl-univers, fiż-żmien kollu, hija ta':

$$\frac{10^{170}}{10^{450}} = \frac{1}{10^{280}}$$

Meta l-probabbiltà ta' l-avveniment (ġrajja li ssir) ta' xi ġrajja hija iżgħar minn wieħed minn numru ta' ġrajjiet li qatt possibbilment jistgħu jiġru—jiġifieri, kif iddiskutejna fuq, inqas minn 1/170—imbagħad il-probabbiltà ta' l-avveniment tagħha, jiġifieri, ta' meta l-ġrajja ssir, hija kkunsidrata mill-matematiċi li tkun żero (0). Konsegwentament, huwa kkonkludut illi oriġini tal-ħajja **b'ċans** huwa assolutament impossibbli. Figuri bħal dawn, fil-fatt, huma dak li ġiegħel lil Sir Fred Hoyle (il-famuż matematiku/astronomu Ingliż u inventur tat-teorija hekk imsejħa "*Steady State*" ta' l-oriġini ta' l-univers) biex fl-aħħar jgħid, "**Għandu jkun hemm Alla**." (kif ikkwotat: f'Awissu 14, 1981, ***Daily Express article***, "There Must Be A God"). Fil-fatt, Dr. Hoyle (u l-kollega tiegħu, Chandra Wickramasinghe) waslu għal din il-konklużjoni wara li l-analisi matematika tagħhom ikkonvinċiethom illi li temmen li l-ħajja tista' tirriżulta minn żmien, ċans, u proprjetajiet tal-materja kien bħallikieku temmen li "tromba qawwija ta' riħ tgħaddi u tiknes minn għalqa fejn jintrema l-iskart tal-ħadid u li din tista' tibni ajruplan Boeing 747 mill-materjal li jkun jinsab fiha." ("Hoyle On Evolution." ***Nature***. Nov. 12, 1981, p. 105). Dr. Hoyle ukoll mar daqshekk 'il bogħod biex jgħid: "Isir sensibbli li taħseb li l-proprjetatjiet favorevoli tal-fiżika li fuqhom il-ħajja tiddependi huma f'kull **rispett magħmula bil-ħsieb**" (***Ibid***. Enfasi ta' Hoyle).

Dr. Henry Morris, fil-ktieb li hu kiteb fis-sena 1982 flimkien ma' Dr. Gary Parker, ***What Is Creation Science?*** Ikkummenta: "L-oġġezzjoni hija xi kultant impoġġija li, ukoll jekk il-probabbiltà ta' sistema ħajja hija $10^{-280}$, kull taqbila oħra speċifika ta' partiċelli jista' jkollha wkoll probabbiltà bħala ta'

avveniment, biex b'hekk waħda hija sewwasew l-istess daqs l-oħra. Jista' jkun hemm ukoll għaqdiet (taħlit, [*combinations]*) oħra mill-waħda li magħha aħna familjari fuq l-art li jistgħu jkunu qed jgħixu. Stqarrija bħal din tħalli barra l-fatt li f'kull grupp ta' partiċelli, hemm wisq aktar għaqdiet mingħajr sens minn għaqdiet bl-ordni. Bħala eżempju, jekk sistema għandha erba' komponenti mqabbda flimkien linearjament, tnejn biss (1-2-3-4, 4-3-2-1) mill-erbgħa u għoxrin għaqda possibbli jippossiedu tassew ordni li tfisser xi ħaġa. Il-proporzjon malajr jonqos kif in-numru tal-komponenti jiżdied. Aktar ma sistema hija kumplessa u bl-ordni, aktar unika hija tkun fost il-kompetituri possibbli tagħha. Din l-oġġezzjoni, għalhekk, tonqos mill-punt. Fl-eżempju muri, għaqda jew taħlita waħda biss taħdem. Ikun hemm $10^{280}$ li **ma jaħdmux**. (Creation-Life Publishers, San Diego. 1982. pp. 238, 239. Enfasi miżjuda).

### KONKLUŻJONI

Ħalli aħna ma nisimgħux aktar mill-argument li "intom il-kreazzjonisti tistgħu biss tagħmlu attentat ħalli 'tippruvaw il-każ tagħkom infuskom' billi tfarrku jew tattakkaw ix-xhieda għal l-evoluzzjoni għaliex intom qatt ma tistgħu tippreżentaw xi xhieda **għall**-ħolqien." Fid-dawl tax-xhieda ċara disponibbli **għall-ħolqien** (u aħna rajna biss porzjon żgħir tagħha f'dan l-istudju), dik l-akkuża sempliċiment taqa', tiġi fix-xejn. Tabil-ħaqq, forsi aħna għandna nistaqsu lil l-evoluzzjonista l-mistoqsija magħmula minn Dr. Wernher Von Braun, il-famuż espert u kreazzjonista tal-missili tan-NASA: "Għandna aħna nixgħelu xemgħa biex naraw lix-xemx?"

## IL-LIĠI TAL-KAWŻA U EFFETT

B'mod ċar, l-aktar liġi universali, u l-aktar ċerta, mil-liġijiet kollha xjentifiċi hija l-**Liġi tal-Kawża u Effett**, jew kif inhi magħrufa s-soltu, il-liġi tal-kawzalità (ir-relazzjoni bejn kawża u effett). Xjenzati, u filosofi tax-xjenza, jagħrfu l-liġijiet bħala li "jirriflettu regularitajiet attwali fin-natura." (Hull, 1974, p. 3). Sakemm testijiet xjentifiċi u esperjenza storika

jistgħu jaffermaw, il-liġijiet ma jafu ebda eċċezzjonijiet. U dan hu ċertament tassew dwar il-liġi tal-kawżalità. Din il-liġi kienet imsemmija f'varjetà ta' modi, kull waħda minnhom adegwatament tesprimi t-tifsira aħħarija tagħha. Kant, fl-ewwel edizzjoni tal-*Critique of Pure Reason* stqarr illi "dak kollu li jiġri (jibda biex ikun) jagħmel suppożizzjoni minn qabel ta' xi ħaġa li din timxi warajha skond regola." Fit-tieni edizzjoni, hu saħħaħ dik l-istqarrija billi nnota li "t-tibdiliet kollha jsiru skond il-liġi ta' l-għaqda tal-kawża u effett." (ara Meiklejohn, 1878, p. 141.) Schopenhauer stqarr il-propożizzjoni bħala, "Xejn ma jiġri mingħajr raġuni għaliex din għandha tiġri pjuttost milli ma tiġrix (ara von Mises, 1951, p. 159). In-numru ta' eżempji ta' diversi formulazzjonijiet jista' jkun mifrux kważi ndefinittivament. Imma mpoġġija f'mod sempliċi, il-liġi tal-kawżalità tgħid **li kull effett materjali għandu jkollu kawża adegwata**.

Dan il-kunċett kien argumentat favur u kontra fit-trattati tul is-snin dwar l-implikazzjonijiet filosofiċi/teoloġiċi tiegħu. Imma wara lit-trab qagħad f'postu, il-liġi tal-kawżalità tibqa' mhumx mimsusa. Ma hemm ebda mistoqsija ta' l-aċċettazzjoni tagħha fid-dinja tax-xjenza esperimentali, jew fid-dinja ordinarja ta' esperjenza personali. Xhieda għal dak il-fatt hemm bil-bosta. Ħafna snin ilu, il-Professur W.T. Stace, fix-xogħol klassiku tiegħu, *A Critical History of Greek Philosophy* ikkummenta li:

> Kull student ta' loġika jaf illi dan huwa l-aħħar kanun tax-xjenzi, il-pedament tagħhom kollha. Jekk aħna ma nemmnux il-verità tal-kawżazzjoni, jiġifieri, dak kollu li għandu bidu għandu kawża, u li fl-istess ċirkustanzi l-istess ħwejjeġ jiġru nvarjabbilment, ix-xjenzi kollha f'xi darba jaqgħu u jitfarrku għal trab. F'kull investigazzjoni xjentifika din il-verità hija meħuda (1934, p. 6).

Il-liġi tal-kawżalità mhix sempliċiment ta' importanza għax-xjenza. Richard von Mises osserva: "Aħna nistgħu biss inżidu li kważi l-filosofi kollha jqisu l-liġi tal-kawżalità bħala l-

aktar li hija importanti, li l-aktar li jista' jkollha effett u l-aktar li hija fuq pedament sod minn fost il-prinċipji kollha ta' l-epistemoloġija (ix-xjenza li tittratta ma' l-oriġini u l-metodu ta' l-għarfien). Hu mbagħad ikompli li:

> Il-liġi tal-każwalità titlob illi għal **kull** fenomenu osservat (ħalli aħna nsejħulu B) hemm jeżisti fenomenu A, b'tali mod lis-sentenza 'B tiġi wara minn A' hija tassew….Ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-liġi tal-kawżalità fit-tifsira li għadna kif semmejna hija fi qbil ma' l-esperjenzi kollha tagħha u ma' dawk li jiġu għal l-għarfien tagħna li fil-ħajja prattika kemm kemm hemm regola ta' imġieba aktar ta' użu u aktar ta' min joqgħod fuqha milli li **tassumi** dwar xi ġrajja li aħna naslu li nkunu nafuha illi xi waħda oħra ġiet qabilha bħala l-kawża tagħha. (1951, pp. 159, 160, enfasi fl-oriġinal.)

Dr. von Mises rari jkun waħdu fl-istima tiegħu ta' l-importanza ta' din il-liġi bażika tax-xjenza. Richard Taylor, waqt li jikteb fuq dan is-suġġett *f'The Encyclopedia of Philosophy*, jikkummenta:

> Madankollu, ftit hu disputtabbli li l-idea tal-kawżalità mhux biss hija indispensabbli fil-ħwejjeġ komuni tal-ħajja imma fix-xjenza kollha applikata wkoll. Ġurisprudenza u liġi jsiru kważi bla tifsira ta' xejn kieku n-nies mhumiex intitolati biex ifittxu l-kawżiet ta' diversi ġrajjiet mhux mixtieqa bħal imwiet vjolenti, nirien u aċċidenti. L-istess huwa tassew f'oqsma bħal saħħa publika, mediċina, ippjanar militari, u tabilħaqq, kull qasam ieħor tal-ħajja." (1967, p. 57.)

## IX-XJENZA U L-LIĠI TAL-KAWŻALITÀ

Waqt li l-liġi tal-kawżalità taqsam strettament limiti xjentifiċi u teffettwa d-dixxiplini l-oħra kollha wkoll, u waqt li l-prinċipju tal-kawża u effett għandu implikazzjonijiet serji teoloġiċi u/jew metafiżiċi fid-dritt tiegħu nnifsu, l-implikazzjonijiet xjentifiċi li din tippreżenta huma fost l-aktar serji li qatt instabu. Ovvjament, jekk **kull effett materjali** għandu kawża adegwata, u jekk l-univers hu effett materjali, allura l-univers kellu kawża. Dan il-punt partikulari ma kienx mogħti l-ġenb mill-iskulari. Per eżempju, Dr. Robert Gastrow, fundatur u direttur (kien qabel tal-Godard Institute of Space Studies fin-NASA) kiteb:

> L-Univers, u dak kollu li kien ġara fih sa mill-bidu taż-żmien, huma effett grandjuż mingħajr kawża magħrufa. Effett mingħajr kawża? Din mhijiex id-dinja tax-xjenza. Din hija d-dinja tas-sħarijiet, ta' ġrajjiet ħorox u l-ideat mhux tas-soltu tad-demonji, dinja medjuvali, li x-xjenza ppruvat li tneħħi. Bħala xjenzati, x'sejrin aħna nagħmlu minn din l-istampa? Jien ma nafx. Jien nixtieq biss li nippreżenta x-xhieda għal dik l-istqarrija li l-Univers, u l-bniedem innifsu oriġinaw f'mument meta ż-żmien beda. (1977, p. 21.)

Effetti mhumiex magħrufa mingħajr kawża adegwata. Madankollu l-univers, jgħid Jastrow, huwa effett tremend—mingħajr xi kawża magħrufa. Sekli ta' riċerka profonda għallmitna ħafna dwar kawżiet, iżda. Aħna nafu, per eżempju, li kawżiet qatt ma jiġru wara l-effett. Kif Taylor josserva, "Filosofi kontemporanji…madankollu, qablu, għall-parti l-kbira, li kawżiet ma jistgħux jiġru wara l-effett tagħhom…hu ġeneralment maħsub li jkun sempliċiment parti tat-tifsira tas-soltu ta' 'kawża' li kawża hija xi ħaġa temporalment qabel għal, jew talinqas mhux wara għal, l-effett tagħha." (1967, p. 59.) Huwa bla sens li titkellem dwar kawża tiġi wara effett, jew dwar effett jiġi qabel il-kawża. Ħaġa bħal din mhix magħrufa.

Aħna wkoll nafu li l-effett qatt ma huwa kwantitattiv akbar minn, jew kwalitattiv superjuri għal, kawża. Huwa dan l-għarfien li hu responsabbli għall-formulazzjoni tagħna tal-liġi tal-kawżalità f'dan il-kliem: "Kull effett għandu jkollu kawża **adegwata**." Ix-xmara ma saritx kollha tajn għaliex żrinġ qabeż fiha; il-ktieb ma waqax minn fuq il-mejda għaliex dubbiena poġġiet fuqu; dawn mhumiex kawżi **adegwati**. Kull effett li nosservaw għal dawk l-effetti għandna nitolbu kawżi adegwati.

Mhix ta' skantament, mela, li l-liġi tal-kawżalità għandha implikazzjonijiet f'kull għalqa ta' tħabrik, kemm jekk din tkun xjenza, metafiżika, jew teoloġija. L-univers qiegħed hawn. Xi kawża qabel l-univers hija responsabbli għal l-eżistenza tiegħu. Dik il-kawża għandha tkun akbar minn, u superjuri għal l-univers innifsu. Imma, kif Jastrow jinnota, "…l-aħħar riżultati astronomiċi jindikaw f'xi punt fil-passat il-katina tal-kawża u effett spiċċat f'daqqa. Ġrajja importanti ġrat (twettqet)—l-oriġini tad-dinja—li għalih ma hemm ebda kawża magħrufa jew spjegazzjoni." (1977, p. 27.) Naturalment, meta Dr. Jastrow jitkellem dwar "l-ebda kawża **naturali** magħrufa jew spjegazzjoni." Xjenzati u filosofi l-istess jifhmu li l-univers kellu jkollu kawża. Huma jifhmu li din il-kawża kellha tiġi qabel l-univers, u tkun superjuri għalih f'kull mod. Ngħiduha kif inhi, ma hemmx kawża naturali suffiċjenti biex tispjega l-oriġini tal-materja, u b'hekk l-univers, kif Jastrow sinċerament jammetti. Dan, iżda, jippreżenta problema reali ħafna. Dr. R.L. Wysong jikkummenta sewwasew fuq din il-problema kif inhu ġej:

> Kulħadd jikkonkludi b'mod naturali u komfortabbli li ħwejjeġ ordnati ħafna u ddisinjati (makni, djar, eċċ.) jafu l-eżistenza tagħhom għal disinjatur. Mhuwiex naturali li tikkonkludi xort'oħra. Imma l-evoluzzjoni titlob biex taqsam minn dak li huwa naturali li temmen u mbagħad temmen f'dak li mhuwiex naturali, bla raġuni, u….li ma jitwemminx. Xi wħud jgħidulna li dak kollu tar-realtà—l-univers,

ħajja, eċċ.—huwa mingħajr kawża inizjali? Jekk l-evoluzzjonist jiċità kawża, huwa jiċità jew materja eterna jew enerġija. Imbagħad huwa jissuġġerixxi kawża bil-wisq inqas mill-effett. Il-bażi għal dan it-tbegħid minn x'inhu naturali u raġjunevoli biex temmen li mhuwiex fatt, osservazzjoni, jew esperjenza imma pjuttost ideat, kliem formali, minn probabbiltajiet tal-matematika u filosofija astratti. (1976, p. 412, ommissjonijiet fl-oriġinal.)

Dr. Wysong jippreżenta każ storiku interessanti li jiddokumenta dan il-punt. Xi snin ilu, xjenzati kienu msejħa fl-Ingilterra biex jistudjaw fuq il-Pjan ta' Salisbury f'Wiltshire, mudelli tajba tal-blat u toqob konċentriċi. Din is-sejba saret biex tkun magħrufa bħala "Stonehenge." Kif l-istudju għamel progress, sar jidher ċar li dawn il-mudelli kienu ddisinjati speċifikament biex iħallu ċertu tbassir astronomiku. Il-mistoqsijiet ta' kif il-blat kien imċaqlaq fil-post, kif dawn in-nies antiki kienu kapaċi li jagħmlu osservatorju astonomiku, kif it-tagħrif meħud mill-istudju tagħhom kien użat, u ħafna oħrajn jibqgħu mhux solvuti. Imma ħaġa waħda hi ċara: Il-**kawża** ta' "Stonehenge" kienet disinn intelliġenti.

Le, jgħid Dr. Wysong, qabbel Stonehenge (kif kummentarju wieħed televiziv għamel) għas-sitwazzjoni li tipparalella l-oriġini tal-ħajja. Aħna nistudjaw il-ħajja, nosservaw il-funzjonijiet tagħha, nikkontemplaw il-kumplessità tagħha (li tisfida duplikazzjoni wkoll minn nies intelliġenti bl-aktar metodoloġija u tekonoloġija avvanzata), u x'għandna nikkonkludu? Stonehenge sata' kien ipproduċut bl-eruzzjoni ta' muntanja, jew b'qawwiet naturali katastrofiċi (bħal trombi ta' riħ qawwi) jaħdmu flimkien ma' metjoriti biex jipproduċu formazzjonijiet tal-blat u toqob konċentriċi. Imma liema kummentatur tat-televiżjoni, jew xjenzat prattikabbli, qatt sejjer b'mod serju jħaddan idea redikola bħal din? U liema persuna b'xi sens komuni qatt temmen suġġeriment bħal dan? Madankollu, mal-ħolqien tal-ħajja—id-disinn diffikultuż biex issolvih jagħmel lil

Stonhenge jidher bħal ħaġa li tifel ta' tliet snin poġġha flimkien fis-Sibt wara nofs inhar f'nofs maltempata kbira juża ħafna blokki tal-bini—aħna mitluba biex nemmnu li ħaġa bħal din tista' tkun spjegata bi proċessi fiżiċi għomja, mingħajr moħħ, aċċidentali u mingħajr ebda direzzjoni ntelliġenti hi x'inhi! Huwa bilkemm ta' sorpriża li Dr. Wysong għandu josserva bi skomfort ovvju, li l-evoluzzjonisti jitolbuna biex "nitilqgħu b'pass imgħaġġel minn dak li huwa naturali li temmen" f'dan ir-rigward. Ħadd qatt ma jkun ikkonvinċut li Stonehenge "sempliċiment ġara." Dak mhuwiex kawża adegwata, u kulħadd jagħraf dan. Madankollu, aħna qegħdin niġu mitluba kuljum biex nemmnu li l-ħajja "sempliċiment ġrat." Konklużjoni bħal din hija kemm bla setgħa kif ukoll bla ebda raġuni. Il-kawża mhix adegwata biex tipproduċi l-effett.

Hija din il-fehma ta' l-implikazzjoni tal-liġi tal-kawżalità li wasslet lil xi wħud biex jippruvaw itellfu r-reputazzjoni, jew jirrifjutaw li jaċċettaw, il-liġi universali tal-kawża u effett. Forsi l-aktar xettiku famuż f'dan ir-rigward kien l-empiriku Ingliż, David Hume, li hu magħruf għal l-antagonismu tiegħu għal liġi tal-kawża u effett. Iżda, ferventi daqs kemm Hume kien fil-kritika tiegħu, hu qatt ma mar daqshekk 'il bogħod biex jiddikjara bis-sħiħ li kawża u effett ma jeżistux. Hu sempliċiment ħass li dan ma kienx empirikament verifikabbli, u min-flokk żamm minn konsiderazzjonijiet ta' qabel. Hume ikkummenta f'ittra lil John Stewart, "Jiena qatt ma ddikjarajt Propożizzjoni tant assurda bħal li kull ħaġa tista' tqum mingħajr Kawża: Jien żammejt biss 'Li ċ-Ċertezza tagħna tal-Falizità ta' dik il-Propopżizzjoni la toħroġ minn intuwizzjoni lanqas Dimostrazzjoni; imma minn Sors ieħor" (ara Grieg, 1932, p. 187, enfasi u ittri kapitali fl-oriġinal). Ukoll infidil bħal Hume ma **ċaħadx** il-kawża u l-effett.

Jippruvaw kemm jippruvaw, ix-xettiċi mhumiex kapaċi li jdaħħlu fl-ixkora din il-liġi bażika. Naturalment, argumenti oħra barra minn dawk imqajma minn Humes kienu wkoll miġjuba kontra din il-liġi. Per eżempju, argument minnhom jinsisti illi l-prinċipju għandu jkun falz għaliex dan huwa nkonsistenti

miegħu nnifsu. L-argument huwa xi ħaġa hekk: Il-prinċipju tal-kawża u effett jgħid li kull ħaġa għandu jkollha effett. Fuq dan il-konċett, din tittraċċja l-ħwejjeġ kollha lura għal l-Ewwel Kawża, fejn f'daqqa waħda tieqaf. Imma kif din tista' konsistentament tagħmel dan? Għaliex il-prinċipju li kollox jeħtieġ kawża f'daqqa waħda jieqaf milli jkun tassew? Għaliex dan l-hekk imsejjaħ l-Ewwel Kawża ma jeħtieġx ukoll kawża l-istess bħal l-oħrajn? Jekk kull ħaġa teħtieġ spjegazzjoni, jew kawża, għaliex din l-Ewwel Kawża mhux ukoll teħtieġ spjegazzjoni, jew kawża? U jekk din l-Ewwel Kawża ma teħtieġx spjegazzjoni, għaliex, mela, il-ħwejjeġ l-oħra kollha jeħtieġu waħda? Ilment bħal dan, iżda, mhuwiex oġġezzjoni imma pjuttost huwa oġġezzjoni għal stqarrija mhux korretta ta' dik il-liġi. Kieku xi ħadd kellu sempliċiment jgħid, "Kollox għandu jkollu kawża," imbagħad l-oġġezzjoni tkun valida. Imma dan mhuwiex dak li tgħid il-liġi tal-kawżalità. Din ċar tgħid li **kull effett materjali** għandu jkollu kawża. Kif John H. Gerstner sewwa osserva:

> Billi kull effett għandu jkollu kawża, għandu jkun hemm fl-aħħar kawża waħda li mhijiex effett imma kawża pura, jew kif, tabilħaqq, wieħed jista' jispjega effetti? Kawża li hija nfisha effett ma tispjega xejn imma tkun teħtieġ spjegazzjoni oħra. Dak, minn naħa l-oħra, jkun jeħtieġ spjegazzjoni oħra, u jkun hemm treġġieh lura mortali infinit. Imma l-argument wera li l-univers kif nafuh aħna huwa effett u ma jistax jispjega lilu nnifsu; dan jeħtieġ xi ħaġa biex jispjegah, li mhix bħalu nnifsu, effett. Għandu jkun hemm kawża mhux ikkawżata. Dak il-punt jieqaf. (1967, p. 53.)

Tabilħaqq, il-punt iżomm wieqaf. Ix-xjenza u s-sens komuni, hekk jiddettaw. Kif Taylor innota: "Jekk, iżda, wieħed jipprofessa li ma jsib ebda differenza bejn ir-relazzjoni ta' kawża u għal l-effett tagħha, fuq naħa waħda, u ta' effett għall-kawża tiegħu, fuq in-naħa l-oħra, dan jidher li jikkontradixxi s-

sens komuni ta' l-umanità, għaliex id-differenza tidher perfettament ċara għall-parti l-kbira tan-nies…." (1967, p. 66.) Huwa friskanti darba kultant, li tara skulari fl-aħħarnett jimxu fuq "is-sens komuni li tant jappella. Fil-każ tal-liġi tal-kawżalità, huwa "perfettament ċar" li kull effett materjali għandu jkollu kawża adegwata; is-sens komuni jitlob dan u xejn anqas.

## IL-BIBBJA U L-LIĠI TAL-KAWŻALITÀ

Il-Bibbja Mqaddsa hija mimlija b'eżempji tal-konċett xjentifiku tal-kawża u effett. F'li jurina kif għandna nirraġunaw mill-effett lura għall-kawża, il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud qal li,

> "*Kull dar hija mibnijja minn xi ħadd, imma dak li jibni kollox hu Alla*" (3:4).

Sens komuni jgħid li dar ma tistax tibni lilha nfisha. Kif Dr. George David, fiżiċista prominenti, qal tajjeb, "Ebda ħaġa materjali ma tista' toħloq lilha nfisha." (1958, p. 71.) Għalhekk, id-dar hija effett, li għandu mbagħad ikollu kawża adegwata ta' qabel—bennej. L-appostlu Pawlu, jitkellem f'Rumani 1:20, ikkummenta fuq ix-xhieda għal dan il-fatt innifsu f'rigward l-univers u l-kontenut tiegħu meta osserva:

> "*Għax il-ħwejjeġ li ma jidhrux tiegħu, is-setgħa eterna tiegħu, u d-divinità, billi kienu sa mill-bidu tal-ħolqien tad-dinja magħrufin mill-ħwejjeġ li saru, jidhru ċari; għalhekk ma għandhom ebda skuża.*"

L-appostlu Pawlu sewwa rraġuna mill-effett għall-kawża, u ried lill-qarrejja tiegħu li jkunu jafu li l-univers, bħad-dar, huwa effett u billi hu effett, kellu jkollu kawża adegwata qabel. Ladarba l-univers juri disinn, dan kellu jkollu Disinjatur, ladarba l-univers juri intelliġenza, id-Disinjatur kien intelliġenti; ladarba dan juri l-ħajja, id-Disinjatur ċertament li kien qiegħed jgħix; ladarba dan jesebixxi l-moralità, id-Disinjatur kien morali. U l-kumplament. Dak id-Disinjatur ma huwa ħadd ħlief Alla li Jista' Kollox qal l-appostlu Pawlu, *u "s-setgħa u d-divintà tiegħu ta' dejjem*" (jiġifieri, l-kawża) huma ovvji, permezz "*tal-*

*ħwejjeġ li huma magħmula*" (jiġifieri, effett). Ma hemm sempliċiment ebda mod kif wieħed jista' jaħrab l-implikazzjoni tal-liġi tal-kawżalità kif tippreżentaha l-Bibbja Mqaddsa.

Kristu Nnifsu, irraġuna mill-effett lura għall-kawża fil-każ tal-mara li f'daqqa waħda dehret (mingħajr ma kienet mistiedna) fid-dar ta' Xmun il-Fariżew. (Luqa 7:36-50.) Din il-mara resqet lejn Kristu, xarbiltu riġlejh bi dmugħha u bisithomlu, u mbagħad bil-ħlewwa ixxottathomlu b'xuxitha stess. Xmun, naturalment, kien maħsud; hu bilkemm seta' jemmen illi l-Mulej kien se jħalli Lilu Nnifsu li jkun mimsus minn mara bħal dik. Imma, il-Mulej spjega, il-kondotta tagħha kienet ir-riżultat lid-dnubiet tagħha kienu maħfura f'okkażjoni qabel. Għalhekk, l-azzjonijiet tagħha (l-effett) urew lura għall-kawża (maħfra, u l-gratitudni li din ikkawżat). F'okkażjonijiet numerużi l-Mulej applika loġika qawwija bħal din biex jikkorrieġi lil l-għedewwa Tiegħu u jwaqqa' l-konċetti foloz tagħhom. Ġesù iddikjara li jekk siġra hija tajba, din iġġib 'il quddiem frott tajjeb, imma jekk hija ħażina, din tagħti frott ħażin (Mattew 7:17-18). Il-punt tal-Mulej huwa dan: Jekk wieħed jaf il-karattru tal-kawża, l-effetti li jirriżultaw minn dik il-kawża huma mbassra. Jekk aħna nafu li Alla hu tajjeb (Mark 10:8), aħna nistennew li dak li Alla jipproduċi jkun tajjeb (talinqas fl-istat oriġinali tiegħu). Fit-tmiem tal-ġimgħa tal-ħolqien ta' Alla (Ġenesi 1:31), dan huwa eżattament li jintqal. Il-ħolqien kien "tajjeb ħafna." Fuq in-naħa l-oħra, Kristu innota (Mark 7:21) illi qalb imħassra (jiġifieri, ħsibijiet ħżiena—il-kawża) tirriżulta f'attroċitajiet, ħżunija) bħal żina, serq, qtil, eċċ. (l-effett). L-istess, l-appostlu Pawlu għamel l-osservazzjoni li meta "ma hemmx biża' minn Alla" fost il-bnedmin, wieħed jistenna qerq, vjolenza u miżerja inġenerali. (ara Rumani 3:10-18.) Fil-fatt Ġesù qal parabbola dwar imħallef li la ma kien jibża' minn Alla lanqas ma kien iqis lill-bniedem. Mhix sorpriża, mela, li ssib li l-imħallef "ma kienx ġust" (Luqa 18:2,6) u kellu ftit interess f'li jgħaddi ħaqq ġust.

## KONKLUŻJONI

Għalkemm kritiċi ddieħku kontra, u evoluzzjonisti njoraw, il-liġi tal-kawża u effett, din tieqaf mhux assaltata. Il-messaġġ ċentrali tagħha jibqa' mhux mimsus, sħiħ**: kull effett materjali għandu jkollu kawża adegwata**. Il-ħajja fl-univers millisbaħ tagħna hija hawn: l-intelliġenza hija hawn; il-moralità hija hawn; l-imħabba hija hawn. X'inhi l-kawża ta' l-aħħar tagħhom? Billi l-effett qatt ma jista' jiġi qabel jew ikun aqwa mill-kawża, jibqa' għar-raġuni li l-Kawża tal-ħajja għandha tkun Intelliġenza ħajja li hija Nfisha hi kemm morali u li tħobb. Meta l-Bibbja Mqaddsa tgħid, "*fil-bidu Alla…,*" din tagħmel magħruf lilna sewwasew l-Ewwel Kawża.

Kemm hija ta' ħasra kbira, mela, li ħafna li jemmnu filkobor immens u bla qies ta' Alla li Jista' Kollox, illum qegħdin jaċċettaw u jinqabdu fin-nassa ta' l-Atew bit-it-teorija tagħhom (dawn ma jemmnux fl-Alla li Jista' Kollox u minħabba f'hekk iridu joħorġu b'xi teorija ħalli s-segwaċi tagħhom ikollhom xi tagħlim dwar minn fejn ġie l-bniedem u l-kumplament) ta' l-evoluzzjoni u li jdaħħlu lil Alla fiha u jippermettu li din tkun mgħallma lil uliedna fl-iskejjel tagħna**! Ħalli aħna nemmnu u ngħallmu dak li Alla qal li Hu għamel!**

**RIFERENZI**

Davis, George E. (1958), "Scientific Revelations Point to a God," in *The Evidence of God in an Expanding Universe*, ed. John C. Monsma (New York: G.P. Putman's Sons).

Gerstner, John H. (1967) *Reasons for Faith* (Grand Rapids, MI: Baker).

Greig, J.V.T., ed. (1932), *Letters of David Hume* (Oxford: Oxford University Press), 1:187).

Jackson, Wayne (1989, 1990), "Logic and the Bible" (Parts I & II), *Christian Courier*, 25:29-36).

Jastrow, Robert (1977), *Until the Sun Dies* (New York: W.W. Norton Co.)

Meiklejohn, J.M.D., trans. (1878), Immanuel Kant*, Critique of Pure reason* (London).

Stace, W.T. (1934), *A Critical History of Greek Philosophy* (London).

Taylor, Richard (1967), "Causation," *in The Encyclopedia of Philosophy*, ed. Paul Edwards (New York: Macmillan), 2:56-66).

von Mises, Richard (1951), *Positivism* (New York: Dover).

Wysong, R.L. (1976), *The Creation-Evolution Controversy* (East Lansing. MI: Inquiry Press).

# GĦALIEX IN-NIES JEMMNU FL-EVOLUZZJONI?

## GĦALIEX IN-NIES JEMMNU FL-EVOLUZZJONI?

Għal dawk li jemmnu f'Alla bħala l-Ħallieq ta' kollox u Dak li Jżomm l-Univers, hija ħaġa kurjuża li hemm wisq tant nies li ovvjament huma intelliġenti li ma jaqblux magħhom, imma li minflok jgħażlu biex jemmnu li l-Univers u l-abitanti tiegħu jinsabu hawn bħala riżultat tal-proċess naturalistiku ta' l-evoluzzjoni. Għaliex dan huwa l-każ?

F'dan l-istudju aħna sejrin naraw tmien raġunijiet qawwija għaliex l-evoluzzjoni hija twemmin daqshekk popolari.

Kif nagħmlu t-triq tagħna matul il-pellegrinaġġ imsejjaħ "ħajja," f'xi okkażjoni aħna nieqfu biex nirriflettu fuq in-natura u t-tifsira ta' l-eżistenza tagħna nfusna, għaliex ħwejjeġ bħal dawn f'manjieri varji, jsaħħruna, iqanqluna, jew iħawduna. Imkien ma dan huwa aktar evidenti minn rigward għall-oriġini tagħna. Ftit jista' jkun hemm li ma jieqfux għal ftit tal-ħin, fil-mixja tal-ħajja tagħhom fuq l-art, biex jaħsbu bir-reqqa dwar suġġetti bħal l-oriġini ta' l-univers, l-oriġini tal-pjaneta Dinja, u l-oriġini ta' diversi forom ta' ħajja fuq l-Art, u saħansitra l-oriġini u d-destin tagħhom stess.

Essenzjalment, hemm żewġ spjegazzjonijiet li huma fundamentalment differenti u djametrikament opposti għal dawn il-fenomeni. Kull waħda minn dawn l-ispjegazzjonijiet tista' tkun imħarsa bħala kosmogonija—jiġifieri, veduta tad-dinja kollha, jew filosofija, ta' l-oriġinijiet u d-destini, tal-ħajja u tat-tifsira. Waħda minn dawn il-veduti tad-dinja, magħrufa bħala l-konċett tal-ħolqien, tipproponi li l-Univers qiegħed hawn bħala r-riżultat ta' l-atti bi skop u deliberati ta' Ħallieq sopranaturali li—b'għerf, ippjanar, disinn, u ħsieb minn qabel—ħalaq l-Univers u s-sistemi kollha ħajja u bla ħajja li jinsabu fih. Veduta sostituta u opposta tad-dinja, magħrufa bħala l-konċett ta' l-evoluzzjoni, tissuġġerixxi li l-Univers u s-sistemi kollha tiegħu ħajja u mhumiex jinsabu hawn bħala r-riżultat ta' qawwiet bl-addoċċ, bla skop, u naturalistiċi li joperaw b'ċans fuq perjodi twal ta' żmien.

Fl-1960, George A. Kerkut, il-fiżjoloġista u evoluzzjonista emminenti Ingliż, kiteb volum żgħir imma ta' qawwa bit-titlu ta' *L-Implikazzjonijiet ta' l-Evoluzzjoni*, li fih hu ddefinixxa mhux teorija waħda ta' l-evoluzzjoni, imma pjuttost żewġ teoriji differenti ta' l-evoluzzjoni. Waħda minn dawk it-teoriji li hu mmarkaha bħala **Teorija Speċjali ta' l-Evoluzzjoni** (spiss irriferut għaliha fil-letteratura bħala "*microevolution*"), li tissuġġerixxi li bidliet minuri, f'limiti dojoq, jistgħu jiġru fil-ħwejjeġ kollha ħajja. Waqt li t-Teorija Speċjali ta' l-Evoluzzjoni tħalli għall-bidla **fi** gruppi, din ma tħallix għall-bidliet **bejn** gruppi. Ma hemmx kontroversja fuq din it-teorija partikulari, li hija aċċettata bħala korretta mit-tnejn, kemm mill-kreazzjonisti kif ukoll mill-evoluzzjonisti l-istess.

B'żieda għat-Teorija Speċjali, iżda, Dr. Kerkut iddefinixxa u ddiskuta wkoll dak li hu mmarka bħala **t-Teorija Ġenerali ta' l-Evoluzzjoni** (spiss irriferuta fil-letteratura bħala "*macro-evolution*"). Wara li ddiskuta t-Teorija Speċjali, hu għamel kuntrast tagħha mat-Teorija Ġenerali f'dan il-kliem: "Minn naħa l-oħra, hemm it-teorija li l-forom kollha ħajja fid-dinja qamu minn sors wieħed li huwa nnifsu ġie minn forma mhux organika. Din it-teorija tista' tkun imsejħa t-"Teorija Ġenerali ta' l-Evoluzzjoni'..." (1960, p. 157).

Din hija l-idea li normalment hija rriferuta bħala evoluzzjoni organika jew sempliċiment "evoluzzjoni." Matul is-snin, numru ta' investigaturi, iddefinixxew l-evoluzzjoni f'varjetà ta' modi. Fl-istess sena li Dr. Kerkut offra d-definizzjonijiet tiegħu, il-magħruf paleontoloġista ta' Harvard George Gaylord Simpson kiteb:

> L-evoluzzjoni hija proċess **naturali għal kollox**, li jinsab fil-proprjetajiet fiżiċi ta' l-univers, li bihom il-ħajja qamet fl-ewwel post, u li bihom il-ħwejjeġ kollha ħajjin, tal-passat jew tal-preżent, minn dak iż-żmien-il hawn, żviluppaw, f'korsi differenti u progressivament (1960, p. 969, enfasi miżjuda).

Qabel, Dr. Simpson kien iddefinixxa t-teorija billi ssuġġerixxa:

> L-ewwel, hemm it-teorija ta' l-evoluzzjoni fis-sens strett tagħha. Din tgħid li l-organismi ħajja kollha evolvew minn antenati komuni fi proċess gradwali storiku ta' bidla u diversifikazzjoni. **It-teorija tirriġetta l-fehma li l-organismi kollha kienu ddisinjati u maħluqa fil-bidu taż-żmien** (1957, pp. 25-26, enfasi miżjuda).

Innota t-tema rikorrenti fid-diversi definizzjonijiet offruti mill-evoluzzjonisti biex jispjegaw it-teorija tagħhom. L-ewwel, l-evoluzzjoni hija meqjusa bħala proċess **naturali għal kollox**. It-tieni, ebda "aġent barrani" (taqra "Ħallieq sopranaturali") ma hu responsabbli għal li materja bla ħajja ssir bil-ħajja; l-evoluzzjoni tirriġetta l-fehma li l-organismi kollha kienu ddisinjati u maħluqa…." It-tielet, il-forom kollha tal-ħajja niżlu (evolvew) minn sors komuni, li jaf l-eżistenza tiegħu stess għall-materja inorganika. Ir-raba', l-evoluzzjoni hija proċess kontinwu ta' "bidla u diversifikazzjoni" li fl-aħħar tipproduċi organismi ħajja li jiżviluppaw "f'korsi differenti u progressivament."

## HUWA T-TWEMMIN FL-EVOLUZZJONI POPOLARI?

Għalkemm evoluzzjoni ateistika mhix veduta antika daqs il-ħolqien, din ġabret numru mhux ħażin ta' segwaċi fost ċerti partijiet tal-popolazzjoni. Speċjalment huwa minnu f'rigward għall-komunità xjentifika, fejn aktar spiss milli le l-evoluzzjoni hija meqjusa bħala fatt ippruvat 'il fuq minn kull disputa. Kif ktieb tal-bijoloġija ta' l-universita, użat ħafna għal kważi għoxrin sena, issuggerixxa:

> L-evoluzzjoni organika hija l-aqwa prinċipju fil-bijoloġija. L-implikazzjonijiet tagħha jestendu wisq aktar 'il bogħod mill-konfini ta' dik ix-xjenza, tinfirex fil-fażijiet kollha tal-

> ħajja umana u attività. Għalhekk, għarfien ta' l-evoluzzjoni għandu jkun parti tat-tagħmir intellettwali tal-persuni kollha edukati (Moody, 1962, p. 1x).

Iva, twemmin fl-evoluzzjoni huwa popolari f'xi oqsma. Il-mistoqsija hija: **għaliex**?

### GĦALIEX IN-NIES JEMMNU FL-EVOLUZZJONI?

Wieħed mill-aktar misteri li jħeddel il-moħħ għal dawk li ma jemmnux fl-evoluzzjoni huwa li jippruvaw jifhmu lin-nies li jemmnu fiha. [Forsi l-evoluzzjonisti jħossu l-istess dwar it-twemmin tal-kreazzjonisti, imma fuq dak il-punt jiena inqas ikkwalifikat biex niġġudika.] Osservazzjoni bħal din mhix intenzjonata biex tkun degradanti imma hija offruta sempliċiment bħala stqarrija ta' fatt. Ħafna li jemmnu fil-ħolqien jew kreazzjoni jagħmlu dan għaliex huma raw ix-xhieda li tistabbilixxi l-eżistenza tal-Ħolqien (Kreazzjoni). Huma jifhmu li fejn hemm pittura, b'neċessità għandu jkun hemm pittur. Fejn hemm poeżija, għandu jkun hemm poeta. Fejn hemm liġi, għandu jkun hemm dak li jagħti l-liġi. Fejn hemm disinn, għandu jkun hemm disinjatur.

Billi l-univers huwa ddisinjat b'mod kumpless, il-kreazzjonisti jsibuha mhux biss diffiċli, imma impossibbli, biex jemmnu li dan "sempliċiment ġara." Għalihom, li tissuġġerixxi li purament forzi naturali huma kapaċi li jispjegaw il-qies, kumplessità, u l-organizzazzjoni ta' l-Univers, u t-taħbil delikat u ikkumplikat tal-ħajja li jinsabu fih, huwa illoġiku; l-unika konklużjoni razzjonali hija li kellu jkun hemm Disinjatur Kbir. Barra minn dan, dawk li jemmnu fil-kreazzjoni jagħmlu dan għaliex huma eżaminaw ix-xhieda empirika, u huma kunfidenti li każ raġjunevoli *prima facie* jista' jkun magħmul biex jappoġġja l-konvinzjoni tagħhom. Il-kreazzjonisti jsostnu illi x-xhieda turi mhux għal Univers li hu maħluq minnu nnifsu jew spjegat minnu nnifsu, imma għal Univers li huwa r-riżultat ta' ħolqien fl-id ta' Ħallieq omnipotenti.

Ta' spiss nies jistaqsu l-mistoqsi: "Għaliex in-nies jemmnu fl-evoluzzjoni?" Spiss il-mistoqsija hija espressa f'dak li huwa intenzjonat li jkunu termini kumplimentari: "Għaliex huwa li ħafna nies li **ovvjament** huma **intelliġenti** jemmnu fl-evoluzzjoni? Ebda waħda mill-mistoqsijiet ma hija faċli biex tweġibha għaliex ġeneralment dak li jistaqsi jkun irid tweġiba sempliċi u konċiża. Huwa diffiċli għalih biex jifhem għaliex nies li hu jaċċettahom bħala "ovvjament intelliġenti" jemmnu konċett bħal l-evoluzzjoni, li hu, personalment, jikkunsidrah tant mhux denju li jkun aċċettat jew irrakkmandat minn nies intelliġenti. Kienet l-esperjenza tiegħi li rari hemm rispons singulari li jista' jipprovdi tweġiba għall-mistoqsija bħal din, għaliex rari hemm raġuni singulari li tista' tispjega b'mod adegwat għaliex persuna temmen dak li hi temmen. Speċjalment dan hu tassew f'rigward għat-twemmin fl-evoluzzjoni.

F'waqtiet, il-kontroversja li tiċċentra madwar is-suġġetti tal-ħolqien u l-evoluzzjoni, iġġenerat aktar sħana milli dawl. Dan mhux neċessarjament għandu jkun il-każ, iżda. F'soċjetà miftuħa, is-suġġett ta' l-oriġini, u l-veduti diversi li n-nies iżommu fuq l-oriġini, fl-aħħar ikunu diskussi; fil-fatt, dawn **għandhom** ikunu diskussi. Imma billi materja tas-suġġett għandha x'taqsam ma' konvinzjonijiet miżmuma profondament, l-emozzjonijiet ta' spiss jitilgħu 'l fuq. Ix-xogħol ikun magħmul aktar faċli—fil-bidu tad-diskussjoni—għarfien bażiku ta' **għaliex** il-persuna temmen kif temmen. Ukoll, speċjalment dan hu minnu f'rigward it-twemmin fl-evoluzzjoni.

Waqt li jista' jkun jidher xi ftit ta' verità ċara li ma tistax tmeriha li tissuġġerixxi li nies jemmnu fl-evoluzzjoni għal diversi raġunijiet, realizzazzjoni ta' dan il-fatt, u esplorazzjoni leġitma tar-raġunijiet lin-nies joffru talli jemmnu dak li jemmnu, tista' tmur ħafna 'l quddiem lejn għarfien aħjar ta' veduti opposti li jinsabu fil-kontroversja tal-kreazzjoni/evoluzzjoni. B'għarfien aħjar tiġi komunikazzjoni itjeb. U b'komunikazzjoni itjeb tiġi aktar opportunità għal djalogu—li jista' jqiegħed il-palk għall-preżentazzjoni ta' veduti oħra li forsi ma kinux

ikkunsidrati qabel (eżempju, f'dan il-waqt partikulari, tipperswadi lil l-evoluzzjonist biex jikkonsidra x-xhieda tal-ħolqien).

Kif aħna nippruvaw biex inwieġbu għall-mistoqsija, "Għaliex tant niex li huma ovvjament intelliġenti jemmnu fl-evoluzzjoni," nittamaw li nkunu nistgħu li nipprovdu għarfien aħjar tas-sistema ta' l-evoluzzjoni organika, u tan-nies li jaċċettawha. Inklużi fost ir-raġunijiet għaliex nies jemmnu fl-evoluzzjoni hemm li ġej.

**Raġuni #1.** Jista' jkun hemm ftit dubju li ħafna llum jemmnu fl-evoluzzjoni sempliċiment għaliex dak huwa dak li kienu mgħallma. Għas-seklu li għadda, l-evoluzzjoni kienet fuq ilsien in-nies.. U għall-kwart tas-seklu li għadda jew aktar, din kienet mgħallma bħala fatt xjentifiku f'ħafna skejjel elementari u sekondarji, kif ukoll f'ħafna kulleġġi u universitajiet. Marshall u Sandra Hall offrew dan is-sommarju.

> Fl-ewwel post, l-evoluzzjoni hija dak li hu mgħallem fl-iskejjel. Għallanqas tnejn, jew f'xi każi tlieta jew erba' ġenerazzjonijiet, użaw kotba li ppreżentawha bħala fatt ippruvat. L-għalliema, li għal biċċa l-kbira tgħallmuha bħala verità, jgħadduha bħala verità. L-istudenti huma indottrinati bir-reqqa u b'mod ċert bil-konċett ta' l-evoluzzjoni kif studenti qatt qabel ma kienu indottrinati b'xi twemmin mhux ippruvat (1974, p. 10).

Fil-ktieb tagħhom, *Why Science Accept Evolution* (*Għaliex ix-Xjenza Taċċetta l-Evoluzzjoni*), Bales u Clark ikkonfermaw osservazzjoni bħal din. "L-evoluzzjoni," kitbu huma, "hija meħuda bħala żgura llum u għalhekk din hija aċċettata bla kritika kemm mix-xjenzati kif ukoll mis-sekulari. Hija aċċettata minnhom illum għaliex din diġa kienet aċċettata minn oħrajn li kienu qabilhom u li taħt id-direzzjoni tagħhom huma kisbu l-edukazzjoni tagħhom" (1966, p. 106). In-nies jemmnu fl-evoluzzjoni għaliex huma kienu mgħallma li hija tassew.

**Raġuni #2.** Li tissuġġerixxi li ħafna nies illum jaċċettaw l-evoluzzjoni bħala li hi tassew sempliċiment għaliex huma

kienu mgħallma biex jemmnuha ma tkunx qiegħed tgħid l-istorja kol-lha, iżda. Kburija jew suppervja intellettwali tidħol fl-istampa wkoll. Min minn fostna ma jridx li jippreżenta għallanqas li jkun għaqli u edukat tajjeb? Matul l-aħħar seklu, in-nies kienu mwassla biex jemmnu li jekk jixtiequ li jkunu kkonsidrati ntel-liġenti, allura għandhom nemmnu fl-evoluzzjoni, għaliex nies intelliġenti mad-dinja kollha jemmnu fl-evoluzzjoni. Kif poġġa s-suġġett tajjeb Henry Morris: "…ir-raġuni prinċipali li l-biċċa l-kbira tan-nies edukati jemmnu fl-evoluzzjoni hija sempliċi-ment għaliex kien intqal lilhom li l-biċċa l-kbira tan-nies edu-kati jemmnu fl-evoluzzjoni!" (Morris, 1963, p. 26).

Ikkonsidra l-eżempju ipotetiku ta' żewġ studenti tal-kul-leġġ jiddiskutu l-professuri u l-kors tagħhom. Wieħed mill-istu-denti, Joe, staqsa lil sieħbu, Mark, il-mistoqsija li ġejja: "Mark, temmen int fl-evoluzzjoni? Il-professur tiegħi jgħid li dawk kollha għaqlin jemmnu." Onestament, x'suppost li jgħid Mark? Jekk hu jgħid, "Le, Joe, jiena ma nemminx fl-evoluzzjoni," b'definizzjoni hu jkun ammetta li qiegħed barra mill-isfera ta' dawk kollha li huma "għaqlin." Minn naħa l-oħra, jekk hu jgħid, "Iva, Joe, jiena nemmen fl-evoluzzjoni," hu jista' jkun qiegħed jaċċetta twemmin ibbażat mhux fuq eżami tax-xhieda, imma fuq l-idea li hu ma jixtieqx li jkun imħares minn sħabu bħala li mhuwiex "għaqli." Bla dubju, ħafna nies, ukoll nies b'responsabbiltà għat-tagħlim ta' uliedna, illum jaqgħu f'din il-kategorija. Huma ma jaċċettawx l-evoluzzjoni għaliex raw ix-xhieda li tistabbilixxiha bħala tassew. Pjuttost, huma jemmnuha għaliex meta jagħmlu hekk ikunu mpoġġija fl-istess kategorija bħal oħrajn li huma kkonsidrati li huma edukati tajjeb u intelli-ġenti.

**Raġuni #3.** Iħarrax aktar il-problema huwa l-fatt li l-evo-luzzjoni kienet mogħtija "timbru ta' approvazzjoni" minn kell-iema importanti minn prattikament kull għalqa ta' tħabrik uman.Waqt li kien hemm dawk magħrufa fil-politika, fl-istudji tal-filosofija, letteratura u storja, fl-arti, u f'oqsma oħra li fil-beraħ iddefendew l-evoluzzjoni bħala fatwali, f'ebda qasam

ieħor ma din id-difiża kienet ippronunzjata daqs kemm fix-xjenzi. Billi x-xjenza rat ħafna suċċessi, u billi dawn is-suċċessi kienu tant viżibbli u ppublikati tant tajjeb, ix-xjenzati kienu mogħtija nifs ta' rispettabbiltà li jista' biss ikun imħares b'għira minn dawk li mhumiex xjenzati. Bħala riżultat, meta xjenzati jissieltu għal xi kawża, in-nies jinnutaw. Wara kollox, huwa x-xogħol tagħhom permezz tal-metodu xjentifiku li waqqaf il-ġidri, poġġa lill-bniedem fuq il-qamar, tawwal iż-żmien tal-ħajja, u ħafna ħwejjeġ oħra bħal dawn.

Għalhekk, meta l-evoluzzjoni tkun ippreżentata bħala xi ħaġa li "x-xjenzati kollha ta' fama tajba jemmnuha," hemm ħafna li jaċċettaw stqarrija bħal din bla ma jqisu xejn, u li jinqabdu fil-linja f'dak li huma jemmnu li hija pronunzja awtorevoli li kienet imlibbsa bil-mant tar-rispettabbiltà xjentifika. Kif kiteb il-filosofu Paul Ricci: "Il-kwalita li wieħed jista' joqgħod fuqha mhux biss bħala teorija imma bħala prinċipju ta' għarfien **mhix ikkontestata** mill-maġġuranza l-kbira tal-bijoloġisti, ġeoloġisti, astronomi, u xjenzati oħra" (1986, p. 172, enfasi miżjuda). Jew, kif ipoġġiha Stephen Gould:

> Il-fatt ta' l-evoluzzjoni huwa stabbilit daqs kull ħaġa fix-xjenza (żgurat daqs id-dawrien tad-dinja max-xemx) **għalkemm ċertezza assoluta m'għandha ebda post fid-dizzjunarju tagħna** (1987, p. 64, enfasi miżjuda).

Dawn ix-xorta ta' stqarrijiet iħallu l-impressjoni li l-evoluzzjoni sempliċiment ma tistax tkun iddubitata minn nies infurmati tajjeb u intelliġenti. Il-messaġġ hu: "Ix-xjenzati kollha jemmnuha; u hekk għandek tagħmel int." (iżda mhux veru, ix-xjenzati **mhux kollha** jemmnuha). U ħafna hekk jagħmlu, għaliex, kif Marshall u Sandra Hall staqsew: "Kif, mela, għandhom nies bi ftit jew ebda għarfien speċjali tad-diversi xjenzi u suġġetti relatati jisfidaw l-awtoritajiet? Huwa naturali li taċċetta dak li jgħidu 'l-esperti,' u l-biċċa l-kbira tan-nies hekk jagħmlu" (1974, p. 10). Il-fatt sempliċi huwa, iżda, *li l-verità mhix iddeterminata permezz ta' opinjoni popolari jew permezz ta' vot tal-maġġuranza*. Ħaġa tista' tkun tassew, u

spiss hija, ukoll meta aċċettata minn biss minoranza. Li temmen xi ħaġa bbażata fuq l-assunzjoni li "l-oħrajn kollha" jemmnuha wkoll spiss tista' twassal għal riżultati diżastrużi. Kif irrimarka Guy N. Woods: "huwa perikoluż li timxi wara l-folla għaliex il-maġġuranza hija kważi dejjem fuq in-naħa l-ħażina f'din id-dinja" (1982, 124[1]:2).

**Raġuni #4.** Mingħajr ebda dubju, hemm ħafna li jemmnu fl-evoluzzjoni għaliex huma rriġettaw lil Alla. Għal dawk li jir-rifjutaw li jemmnu fil-Ħallieq, l-evoluzzjoni ssir l-unika ħarba tagħhom. Huma ġeneralment ma jagħmlu ebda pretensjoni li jemmnuha ibbażata fuq xi ħaġa oħra ħlief fuq in-nuqqas ta' twemmin tagħhom f'Alla. Henry Fairfield Osborn, wieħed mill-aktar evoluzzjonisti famużi tal-bidu tas-seklu għoxrin, issuġġerixxa: "Fil-verità, mill-istadji l-aktar bikrin tal-ħsieb Grieg il-bniedem kien anzjuż biex jiskopri xi kawża naturali ta' l-evoluzzjoni, u biex jabbanduna l-idea ta' intervent sopranatu-rali fl-ordni tan-natura" (197, p. ix). Henry Morris innota: "L-evoluzzjoni hija l-mod naturali biex tispjega l-oriġini tal-ħwej-jeġ għal dawk li ma jafux jew ma jagħrfux il-veru Alla tal-ħolqien. Fil-fatt, xi xorta ta' evoluzzjoni hija assolutament meħtieġa għal dawk li jirriġettaw lil Alla" (1966, p. 98).

Sir Arthur Keith ta' l-Ingilterra kiteb: "L-evoluzzjoni mhix ippruvata u ma tistax tkun ippruvata. Aħna nemmnuha għaliex l-unika alternattiva hija ħolqien speċjali, u dak hu li ma tistax taħsbu" (kif ikkwotat fi Criswell, 1972, p. 73). Il-Professur D.M.S. Watson, li żamm il-pożizzjoni tas-Siġġu ta' l-Evoluzz-joni fl-Università ta' Londra għal aktar minn għoxrin sena, wera l-istess sentiment meta qal li "l-evoluzzjoni nfisha hija aċċettata miż-żooloġisti, mhux għaliex kien osservat li grat jew tista' tkun ippruvata permezz ta' xhieda loġika koerenti li hija tassew, imma għaliex l-unika alternattiva, ħolqien speċjali, hija inkredibbli" (1929, 123:233). Dawn ix-xorta ta' stqarrijiet iħallu ftit għal l-immaġinazzjoni, u jagħmluha ċara li dawk li jgħidu ħwejjeġ bħal dawn jemmnu fl-evoluzzjoni mhux min-ħabba xi xhieda, imma minflok għaliex huma kienu ddeċidew hekk, *priori*, li huma mhumiex sejrin jemmnu f'Alla.

Fit-test tiegħu, *Man's Origin: Man's Destiny (L-Oriġini tal-Bniedem: Id-Destin tal-Bniedem*), ix-xjenzat eminenti tal-Ġnus Magħquda, A.E. Wilder-Smith, osserva li "d-Darwiniżmu u n-Neo-Darwiniżmu, tajjeb jew ħażin, kienu wżati kullimkien fil-Lvant u fil-Punent, fl-idejn ta' l-Atew u ta' l-agnostiċi, bħala l-arma prinċipali kontra d-dottrina biblika ta' l-oriġini" (1975, p. 31). Għall-persuna li b'istinazzjoni tirrifjuta li tem-men f'Alla, twemmin fl-evoluzzjoni jsir awtomatiku. L-istess, oppożizzjoni lejn Alla bħala l-Ħallieq, il-Bibbja bħala l-Kelma Tiegħu, u s-sistema ta' l-oriġini li l-Bibbja tiddeskrivi jsiru sewwasew awtomatiċi. Kull meta persuna teħles lilha nfisha minn Alla, fl-istess ħin (ukoll jekk ma tkunx taf) tħaddan l-evo-luzzjoni. Bin-nuqqas ta' twemmin tagħha, hi tkun eliminat il-ħolqien bħala għażla għal l-oriġini tagħha.

**Raġuni #5.** Raġuni oħra li n-nies joffru t-twemmin tagħ-hom fl-evoluzzjoni għandha x'taqsam mal-fatt li hemm tant deni, uġigħ, u tbatija fid-dinja. Ebda persuna razzjonali, infur-mata tajjeb ma tista' tiċħad il-ġrajjiet mifruxa ma' kullimkien u bla ebda żball ta' affarijiet "ħżiena" li jiġru, spiss idaħħlu fihom lil dawk li jidhru li huma bla ħtija għal grajjiet bħal dawn. Għal xi wħud, ebda spjegazzjoni minn reliġjonisti—inkwantu ta' kemm tintqal b'mod elaborat jew iddefenduta b'mod eleganti dik l-ispjega tista' tkun—qatt tipprovdi tweġiba adegwata għall-problema diffiċli ta' kif Alla omnipotenti, omnixjenti, u omnibenevolenti jista' jippermetti atroċitajiet biex jimlew id-dinja speċjalment-maħluqa Tiegħu.

**Raġuni #6.** Tidher kemm tidher kerha li jkollna nammet-tuha, xi nies jemmnu fl-evoluzzjoni għaliex huma jkunu sem-għu dwar, raw, jew esperjenzaw l-iżbalji ta' reliġjonisti matul is-snin. Kemm jekk huma l-offerti ta' verġni ċkejknin lil divinitajiet immaġinarji, il-ħruq ta' l-hekk allegati sħaħar, jew l-adulterju ta' nies prominenti fil-knisja, il-verità tas-suġġett hija li f'okkażjoni emmiena f'Alla taw eżempju fqir ħafna—wieħed li nies sensittivi u li jaħsbu naturalment ikun diffiċli għalihom li jkomplu jsegwu.

Għal xi wħud, l-istorja nfisha tar-reliġjon tagħmilha suspettuża mill-bidunett. Attentati biex tisforza nies ħalli jaċċettaw ċerta reliġjon (kif sar fil-Kruċjati), jew attentati mhux iggwidati biex isiktu diskussjoni bil-miftuħ ta' suġġetti mportanti (kif ġara fiċ-ċensura tal-Knisja Kattolika ta' Galileo), ħallew togħma qarsa fil-ħluq ta' ħafna. Żid ma' dawn l-ipokrisija ta', jew kliem li jintqal bir-rabja minn, persuna li ġġib l-isem "Kristjan," u l-ħsara tista' tkun tali li wkoll f'ħajja sħiħa din ma tistax tkun irranġata. Ir-riżultat huwa li dawk li kienu offenduti ma jridu xejn ikun xi jkun li jkolhom x'jaqsmu ma' 'l Alla tal-Bibbja, u kif huma jirriġettawh, huma jirriġettaw ukoll ir-rakkont Tiegħu tal-ħolqien tad-dinja li fiha huma jgħixu.

**Raġuni #7.** Waqt li hija ħaġa li ma tistax tkun miċħuda li xi wħud jirriġettaw il-ħolqien minħabba kondotta mhux xierqa minn naħa ta' dawk li jippridkawha, madankollu huwa tassew li xi wħud jirriġettaw lil Alla, u l-ħolqien, biex jiskużaw jew jilleġitimizzaw il-kondotta personali tagħhom mhux xierqa. Fi kliem ieħor, huma jemmnu fl-evoluzzjoni għaliex din tħallihom biex jevitaw xi qies ta' imġieba morali ħażina. Din iżżommhom "'il bogħod" minn kull divinità. Din tipprovdi klima suġġettiva ta' etika (*situation ethics*), fejn kull imġieba, ma jimpurtax kemm hi assurda jew perversa, hija aċċettabbli. Din tforni attitudni ta' "għamel il-ħaġa tiegħek stess" li twarrab kull regola u regulazzjonijiet, f'attentat fieragħ biex teħles il-ħtija li inevitabbilment tiġi meta wieħed jagħmel il-ħażen.

Fil-lista evoluzzjonarja, il-bnedmin huma sempliċiment fl-aħħar ta' linja twila ta' amoebi, kukkudrilli, u xadini antropojd jirriżultaw minn aċċidenti kosmiċi ta' bla ħsieb. F'arranġament bħal dan, huwa fieragħ li titkellem dwar "responsabbiltà personali." Hemm ma teżisti, fl-iskema kbira ta' ħwejjeġ, ebda raġuni għaliex wieħed "għandu" jew "m'għandux" jaġixxi b'ċertu mod, jew biex jagħmel/ma jagħmilx ċerti ħwejjeġ. Aldous Huxley stqarr il-ħaġa b'mod konċiż fl-artiklu tiegħu, "Confessions of a Professed Atheist":

> Jiena kelli motivi li ma kontx irrid li d-dinja jkollha tifsira; konsegwentament, assumejt li

> ma kellha xejn, u kont nista' mingħajr ebda diffikultà li nsib raġuni għal din l-assunzjoni…. Il-filosofu li ma jsib ebda raġuni fid-dinja mhuwiex ikkonċernat esklussivament bi problema fil-metafiżika pura; huwa kkonċernat ukoll biex jipprova li ma hemmx raġuni valida għaliex hu personalment m'għandux jagħmel kif irid li jagħmel… għalija nnifsi, kif bla dubju għal biċċa l-kbira tal-kontemporanji tiegħi, il-filosofija ta' bla ebda tifsira kienet neċessarjament strument ta' liberazzjoni. Il-liberazzjoni li aħna xtaqna kienet simultanjament liberazzjoni minn ċerta sistema politika u ekonomika u liberazzjoni minn ċerta sistema ta' moralità. Aħna oġġezzjonajna għall-moralità għaliex din fixklet u ndaħlet fil-libertà sesswali tagħna (1966, p. 19).

Kieku Huxley u sħabu kellhom jabbandunaw it-twemmin fl-evoluzzjoni u jaċċettaw l-eżistenza ta' Alla u l-verità tal-ħolqien, din kienet tinterfieri mal-"libertà sesswali" tagħhom. Billi huma dan irrealizzawh, liberament għażlu minflok li jabbandunaw it-twemmin f'Alla. Dan ħallihom b'għażla waħda biss—twemmin fl-evoluzzjoni. Ma kinetx xi ħaġa li huma aċċettawha minħabba l-piż tax-xhieda. Pjuttost, kienet xi ħaġa li huma aċċettaw għaliex xtaqu li jevitaw kull responsabbiltà personali lejn il-Ħallieq tagħhom. L-azzjonijiet tagħhom belgħu l-motivi tagħhom. Kif irrimarka Guy N. Woods: "Ikkonvinċi bniedem li hu ġie minn xadina, u hu jaġixxi bħal waħda!" (1976, p. 514).

## KONKLUŻJONI

**Raġuni #8.** Fl-aħħar, nistgħu ngħidu li xi nies jaċċettaw l-evoluzzjoni għaliex huma konvinti li din hija t-tweġiba korretta għall-mistoqsija ta' l-oriġini. Huma kienu eżaminaw ix-xhieda u, fuq il-bażi ta' l-eżaminar tagħhom, ikkonkludew li l-evoluzzjoni hija l-unika spjega raġunevoli għall-Univers u dak kollu li fih. Dawn in-nies ġeneralment huma kemm sinċiera kif ukoll

ta' moħħ miftuħ. Huma mhumiex qed jippruvaw biex jeħilsu lilhom infushom mill-idea ta' Alla. Huma ma jħossux il-ħtieġa li jkunu "intellettwalment korretti." Huma mhumiex qed jirreaġixxu għal trattament mhux ħanin fl-idejn tar-reliġjonisti. Huma mhumiex qed ifittxu għall-mod biex jiġġustifika mġieba tad-dinja. Huma sempliċiment jemmnu li x-xhieda tiffavorixxi l-evoluzzjoni, u għalhekk aċċettawha bħala l-veduta korretta ta' l-oriġini. Dan aħna fil-preżent qegħdin narawh f'dak li qiegħed jiġi mgħallem fl-iskejjel tagħna minn nies ta' din il-kwalità. Xi mistoqsijiet għal dawn in-nies huma: X'inhi, eżattament dik ix-xhieda li huma aċċettaw? Tissostanza din twemmin fl-evoluzzjoni? U x'inhi t-tweġiba tal-kreazzjonist għaliha? Dawn it-tweġibiet kienu mwieġba matul dan l-istudju.

L-istorja tintqal dwar Isacc Newton li ordna mudell komplut tas-sistema solari kif kienet magħrufa fiż-żmien tiegħu, li kien juri l-pjaneti maħduma f'mudell ikomplu l-orbiti sħaħ tagħhom permezz ta' operazzjoni ta' pumijiet. Atew, li kien kollega ta' Isaac Newton talab biex ikun jaf min kien dak li għamel mudel bħal dak hekk bis-sengħa u ta' l-għaġeb u Newton qal li ħadd ma kien għamlu. Il-kollega għamilha ċara li dan kien redikolu, li Newton wieġeb għal dan li ma kienx aktar redikolu milli tgħid illi s-sistema li fuqha l-mudell kien ibbażat kienet ġrat b'ċans!

It-teorija evoluzzjonarja attwalment għandu jkollha tnejn minn nies li qegħdin jevolvu fl-istess ħin **U** jevolvu bħala sessi differenti. Dan igħodd għal l-ispeċi l-oħra **kollha** li jiddependu fuq ir-riproduzzjoni sesswali!

Ix-xhieda li Alla jeżisti hija hawn, u din xi kultant tinsab fl-aktar postijiet strambi. Madankollu din tgħin biex tafferma mill-ġdid il-fidi tagħna biex inkunu nistgħu ngħidu bil-kunfidenza:

**"Iva, jiena nemmen li Alla Hu reali!"**

## RIFERENZI

Bales, J.D. and R.T. Clark (1966), *Why Scientists Accept Evolution* (Grand Rapids, MI: Baker).

Criswell, W.A. (1972), *Did Man Just Happened?* (Grand Rapids, MI: Zondervan).

Gould, Stephen Jay (1987), “Darwinism Defined: The Difference Between Fact and Theory,” *Discover*, 8[1]:64-65, 68-70.

Hall, Marshall and Sandra Hall (1974*), The Truth: God or Evolution?* (Grand Rapids, MI: Baker).

Huxley, Aldous (1966), Confessions of a Professed Atheist,” *Report: Perspective on the News*, Vol. III, June.

Kerkut, George A. (1960), *The Implications of Evolution* (London: Pergamon).

Moody, Paul Amos (1962), *Introduction to Evolution* (New York: Harper & Row).

Morris, Henry M. (1963), *The Twilight of Evolution* (Grand Rapids, MI: Baker).

Morris, Henry M. (1966), *Studies in the Bible and Science* (Grand Rapids, MI: Baker).

Osborn, Henry Fairfield (1918*), The Origin and Evolution of Life* (New York: Charles Scibner’s & Sons).

Ricci, Paul (1986*), Fundamentals of Critical Thinking* (Lexington, MA: Ginn Press)

Simpson, George Gaylord (1960), “The World Into Which Darwin Led Us,” *Science*, 131:966-969.

Simpson, George Gaylord, C.S. Pittendrigh, and L.H. Tiffany (1957), Life: *An Introduction to Biology* (New York: Harcourt, Brace and World).

Watson, D.M.S. (1929), “Adaptation,” *Nature*, August 10, 123: 233.

Wilder-Smith, A.E. (1975), *Man’s Origin: Man’s Destiny* (Minneapolis, MN: Bethany Fellowship).

Woods, Guy N. (1976), “Man Created in God’s Image,” *Gospel Advocate*, 118[33]:514,518.

Woods, Guy N. (1982), “And be not Conformed to this World” *Gospel Advocate*, 124[1]:2.

# MA JISTA' JKUN HEMM EBDA KOMPROMESS BEJN ALLA U L-EVOLUZZJONI

## EBDA KOMPROMESS BEJN ALLA U L-EVOLUZZJONI

L-iskop prinċipali li nippreżenta dan l-istudju hu biss li nqanqal kuxjenza favur il-Kelma ta' Alla u dak li hija tgħid u tgħallem dwar il-**ħolqien speċjali** tal-bniedem u kontra t-teorija falza ta' l-evoluzzjoni li mhix għajr tagħlim tal-bnedmin. Aktar minn hekk, jiena nittama li min jaqra dan l-istudju jekk huwa jinzerta li b'xi mod kien imġiegħel biex jemmen fl-evoluzzjoni, għalkemm hu jemmen f'Alla, dan jirrealizza l-iżball kbir li kien jinsab fih, jiġifieri, li jdaħħal lill-Ħallieq ta' kollox f'dan it-tagħlim falz! L-evoluzzjoni teistika hija qawwija u tal-biża', dieħla bla ebda kontroll fost iż-żgħażagħ tagħna, ministri, u membri tal-knisja. L-evoluzzjoni teistika hija moda. Din qed issir aktar u aktar aċċettata għal aktar u aktar nies.

Tkun kemm tkun aċċettata, iżda, (u din m'għandix tkun!) mhuwiex it-tmiem tal-kustjoni. Għax, qed tara, **il-Verità qatt ma kienet iddeterminata permezz ta' vot popolari jew maġġuranza**. Il-Verità hija ddeterminata minn Alla u Alla Waħdu. Ġesù juri dan meta talab lill-Missier: "*Ikkonsagrahom permezz tal-verità: il-kelma tiegħek hi l-verità*" (Ġwanni 17:17). Dan qatt ma jista' jinbidel. Il-Mulej jgħid *illi "s-sema u l-art igħaddu, imma kliemi ma jgħaddix*" (Mattew 24:35). Ġesù nnifsu qal li "l-maġġuranza" ma jsibux it-triq tagħhom lejn is-smewwiet (Mattew 7:13-14). Mhuwiex biżżejjed li tkun fost il-ħbieb. Mhuwiex biżżejjed li tmur mal-folla. Mhuwiex biżżejjed li tkun "fil-maġġuranza." Dak li huwa importanti hu li tkun fejn tinsab il-Verità. Xejn aktar ma jimporta.

Lanqas is-sinċerità m'għandha tkun użata f'xi xorta ta' ġustifikazzjoni talli taċċetta l-evoluzzjoni teistika. Aħna spiss nisimgħu, "Imma hu (hi) huwa tant sinċier…kif jista' hu (hi) jkun żbaljat?" Is-sinċerità ma tiddeterminax "il-ġustizzja." Għużża (2 Samwel 6:6-11) kien "sinċier" meta ħareġ idu biex iżomm l-arka tal-patt ta' Alla milli taqa'. Madankollu, Alla kkastigah bl-aħrax! Sawl kien "sinċier" fil-persekuzzjoni tiegħu

tal-knisja (Atti 22:19-20; Galatin 1:13; 1 Korintin 15:9). Madankollu, Alla neħħielu d-dawl ta' għajnejh (Atti 9:3-9).

Alla ma jridx **sempliċiment** sinċerità. Alla jrid l-ubbidjenza. *"Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi….Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti…Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi…"* jgħidilna il-Mulej tagħna (Ġwanni 14:15, 23, 24)! U l-ubbiddjenza jiksiba—jekk mhux issa aktar tard (Rumani 14: 11; Filippin 2:9-11). Mhuwiex biżżejjed li tkun sinċier. Mela ħalli ma nisimgħux aktar minn din il-bluha li tippatronizza dwar nies li jemmnu fl-evoluzzjoni teistika li huma tant "sinċiera." Aħna qegħdin nitkellmu dwar ubbidjenza meħtieġa, mhux sinċerità. Aħna hawn ikkonċernati bil-Kelma ta' Alla (il-verità), mhux opinjonijiet umani jew platitudnijiet.

## GĦALIEX EVOLUZZJONI TEISTIKA?

Ukoll għalkemm tkellimt ħafna dwar dan u semmejt bosta raġunijiet għaliex huwa ħażin li temmen f'Alla u temmen ukoll fl-evoluzzjoni, jiena nixtieq qabel ma nagħlaq li mmur lura għal dan is-suġġett fid-dawl ta' dan is-suġġett, jiġifieri, "X'hemm ħażin ma' l-evoluzzjoni teistika?" In-nies illum jemmnu fl-evoluzzjoni teistika għal diversi raġunijiet.

**1. Nuqqas għal kollox ta' twemmin fil-Bibbja**. Dan ma jiġix bħala xokk kbir għal ħafna nies. Fil-fatt, din hija waħda mill-aktar raġunijiet komuni għal twemmin fl-evoluzzjoni teistika. Din il-persuna tgħid: "Għalkemm jiena ma nistax niġġustifika l-evoluzzjoni fuq bażijiet xjentifiċi, u għalhekk għandi nikkonkludi li kien hemm xi ntervenzjoni, jiena nirriġetta r-rakkont Bibliku, u dak li jibqa' huwa evoluzzjoni teistika." (Camp, Robert. "Theistic Evolution" **IN A Critical Look at Evolution**. Robert Camp. Editor, Science, And Communication Research and Development Corportation, Atlanta, Georgia. 1972, p. 206). Ħafna nies illum jirriġettaw Ġenesi 1-11 bħala li huma allegorija, ħrafa, jew poetiċi (imma mhux letterali jew storiċi. Ara paġni 34-38). L-evoluzzjoni teistika hija l-unika alternattiva tagħhom.

**2. Xewqa li tkun immudellat intellettwalment**. Mhux ħafna snin ilu twemmin f'Ħolqien Speċjali kien popolari. Mhux hekk illum! Twemmin fl-evoluzzjoni llum huwa popolari mhux ħażin. Għal nies li jistqarru li jemmnu f'Alla, madankollu jixtiequ li jidhru "superijuri ntellettwalment," l-evoluzzjoni teistika hija l-unika alternattiva (f'għajnejhom). Kif wieħed kittieb poġġiha: "Jekk inti tidħol f'kampus ta' l-università illum u tiddikjara li inti kreazzjonista tista' tkun irredikolat bħala njorant għalkemm inti tkun infurmat għaxar darbiet aktar fuq issuġġett minn dawk li jirredikolawk. Dan ma huwa xejn ġdid. Xewqa għall-konformità għall-moda kienet teżisti sa mil-bidu ta' l-istorja" (**Ibid**. p 207).

**3. L-idea żbaljata li prova qawwija tiffavorixxi l-evoluzzjoni**. Tant kemm intqal lin-nies għal żmien twil minn ħafna li l-evoluzzjoni hija "fatt tax-xjenza" illi huma issa jemmnuha li hi tassew. Illum din xorta għadha "teorija" imma ħafna jemmnuha bħala li hija "fatt." Huma jħossu li "l-prova mhux ikkontestata" għall-evoluzzjoni li ġrat hija qawwija, u għandha tkun aċċettata. Iżda għad hemm dik ix-xewqa li "jkollhom lil Alla," ukoll. Ir-riżultat huwa evoluzzjoni teistika fl-aqwa forma tagħha.

## IL-KOMPROMESS IL-KBIR: IL-KONTRADIZZJONI L-KBIRA

Evoluzzjoni teistika possibbilment hija l-akbar (u l-aktar perikoluża) kompromess li l-Kristjan qatt jista' jagħmel. Li tagħmel kompromess fuq il-kustjoni ta' l-oriġini huwa ċertament li jwassal, f'xi punt fil-futur, għall-kompromess ieħor, u ieħor, u mbagħad ieħor. It-tmiem jirriżulta min jista' jaf? Mhu impossibbli xejn li l-Kristjan jista' jkun imwassal għal l-ateismu! Il-fatt huwa li persuna ma tistax taċċetta t-tnejn, l-evoluzzjoni teistika u ateisitika bħala li huma tassew. Aħna għandna ngħażlu waħda jew l-oħra. Imma tinsiex, li fl-evoluzzjoni ateistika Alla ma jidħolx!

U hawn tqum il-kontradizzjoni l-kbira. Jekk persuna tagħżel l-evoluzzjoni teistika, hija awtomatikament tirriġetta l-evo-

luzzjoni ateistika, għaliex hija tħoss li Alla kien meħtieġ biex jibda dan kollu fl-ewwel post. **Madankollu biex ma jkun hemm ebda skop jew valur fid-dottrina ta' l-evoluzzjoni teistika, l-evoluzzjoni ateistika għandha tkun bażikament tassew!!** (Thomas, J.D. Facts And Faith. Biblical Research Press. Abilene, Texas. 1965. P. 182. Enfasi miżjuda).

Tista' int, qarrej, tara l-kontradizzjoni lloġika li din tikkawża immedjatament? L-evoluzzjonista teistiku jeħtieġ il-prinċipji bażiċi tat-teorija ta' l-evoluzzjoni ateistika biex jagħmel it-teorija tiegħu valida. Madankollu, l-aċċettar innifsu tat-teorija ta' l-evoluzzjoni teisitika jimplika li l-evoluzzjoni ateistika hija assolutament impossibbli—inkella Alla ma kienx ikun meħtieġ fl-ewwel post! Għalhekk meta Alla jkun miżjud, l-evoluzzjoni ateistika ssir impossibbli. Madankollu, mingħajr l-evoluzzjoni ateistika, l-evoluzzjoni teistika hija impossibbli. **Din hija l-kontradizzjoni l-kbira!**

Kif Robert Camp loġikament jgħid:

> "Issa ħalli aħna navviċinaw il-problema li tiffaċċja lil wieħed li jipproponi biex jistabbilixxi d-dottrina ta' evoluzzjoni teisitika bħala ipotesi bona fide xjentifika. Ħafna xjenzati jipproponu li jżommu twemmin bħal dan, għalhekk huwa raġjunevoli li tistennihom li joffru xi ġustifikazzjoni. Fejn qiegħda l-prova?
>
> "Normalment xjenzat jagħmel osservazzjonijiet tad-dinja madwar u jipproċiedi biex jinterpreta t-tagħrif u r-riċerka tiegħu. Invarjabilment, hu jassumi l-liġi tal-kawża u effett fl-evalutazzjoni tiegħu. Suppost li hu jagħżel li jwarrab il-liġi, imbagħad kif jittratta mas-sitwazzjoni li tirriżulta?
>
> "Ħalli nagħżlu illustrazzjoni sempliċi ta' din il-problema. Suppost li aħna nosservaw dudu żgħir jitkaxkar ma' l-art. Issa jekk aħna

kapaċi li nikkalkulaw ir-rata u d-direzzjoni tiegħu u nassumu li din baqgħet mhux mibdula fil-passat u tibqa' mhux mibdula fil-futur, aħna nkunu nistgħu ngħidu b'kunfidenza raġjunevoli fejn hu kien għaxar siegħat ilu, u fejn hu jkun għaxar siegħat minn issa. Jekk xhieda li tappoġġja taqbel ma' dan, aħna aktarx li nittrattaw dan bħala fatt sakemm ma jkunx muri mod ieħor.

"Suppost, iżda, li matul it-triq lid-dudu suppost li vvjaġġa hemm qtigħ (gaps) li hu ma kienx jista' jaqsam mingħajr għajnuna, wisq inqas fir-rata kustanti li aħna issupponejna. Meta dan ikun misjub soluzzjoni tista' tkun offruta, 'bniedem seta' refgħu u poġġih innaħa l-oħra tal-qasma (gap).' Din hija s-soluzzjoni kollox sew, imma ħaġa waħda li dan jagħmel huwa li jeqred il-kredibbiltà ta' l-assunzjoni li hu kien ivvjaġġa fl-istess rata.

"LA DARBA L-INTERVENZJONI TKUN AĊĊETTATA, IR-'RATA KUSTANTI' ISSOPPONUTA għandha tkun abbandunata. AĦNA MA NISTGĦUX IKOLLNA T-TNEJN.

"Punt ieħor li wkoll huwa importanti huwa l-fatt li ma jimpurtax jekk hemmx għaxart elef qasma (gaps) żgħira jew waħda kbira, il-prinċipju huwa l-istess.

"Jekk intervenzjoni fl-istess sistema hija aċċettata, imbagħad kif wieħed jistabbilixxi l-liġijiet tas-sistema nfisha?" (Camp, Robert. **A Critical Look at Evolution**. pp. 204-205. Ara footnote #1).

Il-kontradizzjoni, qiegħed tara, hija inevitabbli. Ma hemm ebda mod madwarha. **L-evoluzzjoni teistika hija l-kontradizzjoni l-kbira**.

L-evoluzzjoni teistika hija wkoll il-kompromess il-kbir. Nies b'intenzjoni tajba jaħsbu li huma jistgħu jibnu "pont" bejn il-Bibbja u l-evoluzzjoni, sabiex iġibu żewġ konċetti li jħossu li huma t-tnejn mixtieqa. Id-djagramma li ġejja (**Ibid**. p 207) tillustra dan tajjeb:




Iżda, l-evoluzzjoni għad trid tkun ippruvata bħala fatt xjentifiku. Bin-natura nfisha tagħha din ma tistax tkun ippruvata bħala li hija tassew. Hemm saħansitra ħafna fatti li jikkontradixxu t-teorija ta' l-evoluzzjoni. Suppost, mela, li kolonna waħda fl-illustrazzjoni ta' fuq ma teżistix. Il-pont mhux biss hu bla użu u bla tifsira, dan ma jistax iżomm lilu nnifsu! Ara d-djagramma ta' taħt. (**biId**. p. 208).




Kif jgħid Robert Camp:

> "Il-kompromess jaqa' fil-prinċipju….Evoluzzjoni teistika tipproponi li hija kompromess biex b'hekk aħna nkunu nistgħu naċċettaw żewġ konċetti li b'mod ieħor jidhru inkompatibbli. Ukoll jekk naċċettaw li huwa possibbli li toħloq kompromess bħal dan, xi jwettaq dan attwalment? Dan ma jagħmilx twemmin fl-eżistenza ta' Alla possibbli. Ir-raġuni li dan ma **jagħmilx** twemmin bħal dan possibbli huwa l-fatt li wieħed jista' jemmen fl-eżistenza ta' Alla u jaċċetta evoluzzjoni mhux teistika….**Dan ma jagħmilx l-aċċettar tar-rakkont Bibliku possibbli**. Evoluzzjoni teistika hija inkompatibbli għal kollox mar-rakkont ta' Ġenesi tal-ħolqien." (**Ibid.** p. 208. (enfasi tiegħu).

Tajjeb li nsemmu din il-kwotazzjoni miktuba minn Dr. J. D. Thomas:

> "Għaliex Kristjan għandu jagħmel kompromess ma' teorija mhux raġjunevoli jew ma' improbabbiltà matematika. Għaliex Kristjan għandu jaċċetta qsim (taħlit) bejn il-'plyla', per eżempju, meta ma hemm ebda xhieda ta' xejn li dan ġara. Ma hemm ebda bidla magħ-

rufa minn gruppjar maġġur wieħed ta' annimali f'ieħor fl-istorja kollha tal-passat. Għaliex Kristjan għandu jemmen li ħaġa bħal din ġrat u jagħmel kompromess ma' n-Naturaliżmu. Għaliex Kristjan għandu jassumi ġenerazzjoni spontanja ta' ħajja minn dak bla ħajja lura fil-passat imbiegħed imċajpar, u għaliex hu għandu jassumi li l-ħajja kollha tiġi sewwasew mill-forma primittivi u l-aktar sempliċi ta' ħajja meta ma hemm ebda xhieda xjentifika magħrufa li dan ġara? Għaliex Kristjan jassumi li l-qtigħ kollu fil-għadd taż-żmien (gaps) kien ġie mimli, u dan tabilħaqq huwa qtigħ kbir, fil-katina tal-ħajja li hija meħtieġa biex tappoġġja t-teorija ta' l-evoluzzjoni? Għaliex il-Kristjan għandu jassumi li kien hemm annimali-bnedmin fil-passat li jkun meta jkun aħna m'għandna ebda xhieda reali ta' fossili lanqas xi xorta oħra ta' xhieda li ħaġa bħal din hija tassew? L-unika bażi għal dan hija t-teorija naturalistika jew filosofija tan-Naturaliżmu, li **a priori** u preġudikament tiċħad Supernaturaliżmu u r-rakkont tal-ħolqien ta' Ġenesi. Għaliex il-Kristjan għandu jassumi mekkaniżmu li hu meħtieġ biex jispjega l-evoluzzjoni u biex jippruvaha li hi tassew meta ebda mekkaniżmu adegwat ma hu magħruf? Ma hemm ebda teorija magħrufa llum għax-xjenza li hija adegwata biex tispjega l-operazzjoni ta' l-evoluzzjoni u dan hu aċċettat. Għaliex għandu Kristjan jassumi improbabbiltajiet matematiċi għolja bħal dawn?… Għaliex għandu Kristjan jassumi fidi li kellha konsegwenzi soċjali u morali meta din mhix aktar minn fidi spekulattiva ħafna, wara kollox?

> "Ma hemm ebda xhieda li tindika li Kristjan għandu jagħmel xi kompromess ikun xi jkun ma' l-evoluzzjoni ateistika; u billi dan hu minnu, ma hemm ebda raġuni tkun xi tkun għal xi Kristjan li jkun jeħtieġ li jassumi l-evoluzzjoni teistika bħala l-mod li bih il-ħwejjeġ ġew 'il quddiem. Ftakar li bidliet, magħrufa llum minn studji bijoloġiċi jew sorsi oħra ta' informazzjoni, ma jiġġustifikawx lanqas ma jispjegaw id-dottrina ta' l-evoluzzjoni. Dawn il-bidliet, għalkemm reali u tassew, huma minuri ħafna f'paragun għal dak li hu meħtieġ biex it-teorija ta' l-evoluzzjoni tkun tassew." (Thomas, J.D. **Facts And Faith**. Pp. 182-183. (Ara footnote #4)

**L-evoluzzjoni teistika hija l-kompromess il-kbir!!**

## X'HEMM ĦAŻIN BL-EVOLUZZJONI TEISTIKA?

L-evoluzzjoni teistika mhux biss hija kompromess kbir u kontradizzjoni kbira, **hija ħażina!** Jiena sejjer inniżżel il-ħwejjeġ li ġejjin għal konsiderazzjoni bil-għaqal tal-qarrej:

**1. Evoluzzjoni atesitika ma kinetx ippruvata li hija tassew**. Għalhekk, l-evoluzzjoni ateistika ma tistax tkun loġikament miżmuma bħala li hija tassew. Dr. J.D. Thomas, fil-ktieb tiegħu, **Facts And Faith** (**Fatti U Fidi**), iniżżel disa' affarijiet li juru li l-evoluzzjoni ateistika ma kinetx ippruvata li ġrat:

> "1. L-ateu m'għandu ebda xhieda jew informazzjoni dwar il-bidu tal-ħajja fuq l-art. Dan huwa kollu maħsub, kif ukoll l-iżvilup tagħha saż-żmien ta' l-ewwel fossili.
>
> 2. Id-dehra f'daqqa ta' fossili ta' forom ta' ħajja, fiż-żmien żviluppat tajjeb fi klassifikazzjonijiet maġġuri jew 'phyla' differenti, liema 'phyla' għadha mifruxa fiż-żmien preżenti.

3. Ma hemm ebda fossili transizzjonali bejn forom ta' ħajja l-aktar sempliċi u l-aktar kumplessi li qamu wara–l-għola forom semp-liċiment joħorġu minnufih u jidhru minn xejn. Id-dottrina ta' ħruġ minn hija impossib-bli biex b'mod sodisfaċenti tispjega permezz ta' purament Naturaliżmu.

4. Ma hemm ebda xhieda tkun xi tkun ta' bidla minn 'phylum' wieħed għal ieħor jew taħlit bejn 'phyla, sakemm xi fatt xjentifiku jew xi xhieda qatt kienu murija. Minflok ħol-qa rari jew okkażjonalment nieqsa, il-katina kollha hija nieqsa, b'biss ħolqa okkażjonali li tista' tkun magħduda bħala parti tal-katina. Il-katina hija tabilħaqq issupplixxuta bil-fidi jew bil-filosofija. Hemm qtigħ tremend ta' żmien ta' informazzjoni meħtieġa fejn ma hemm ebda fatti ta' xejn.

5. Ma hemm ebda teorija adegwata ta' mek-kaniżmu biex tispjega kif l-evoluzzjoni ġrat, u tabilħaqq li tieħu dan biex tiġġustifika d-dottrina. Ħa dan oriġinarjament; imma darba li d-dottrina ġiet biex tkun aċċettata, in-nies għadhom iżommu magħha għalkemm issa huwa aċċettat li ebda mekkaniżmu ma huwa magħruf.

6. Id-dottrina teħtieġ ġrajja li ġrat b'ċans bil-wisq 'il fuq mill-medda ta' probabbiltà raġjunevoli. L-improbabbiltà matematika tal-forom evoluzzjonarji jiżviluppaw barra minn natura waħedha hija sempliċiment iebsa wisq biex tegħleb. Fidi evoluzzjonarja hija dejjem lesta li tibla' kollox

7. Id-dottrina ta' l-evoluzzjoni ma tħalli għal l-ebda skop jew ordni fl-univers imma tinsisti li kollox jiġri b'ċans. Ma hemm ebda post għal disinjatur.

8. L-evoluzzjonisti ma jistgħux jispjegaw il-moħħ, l-ispirtu, il-valuri, jew il-kuxjenza, madankollu l-bniedem komuni jaf li dawn huma reali u tabilħaqq huma l-parti ta' sens u tifsira tal-bniedem.

9. Evoluzzjoni bijoloġika ġiet fit-tmiem, waqfet. Dan huwa ħsieb imbarazzanti għal evoluzzjonista llum, għax jekk l-aqwa ħaġa fid-dinja hija "l-liġijiet tan-natura," mela għaliex dawn biddlu l-korsa? Għaliex forom ġodda mhux kontinwament qegħdin jevolvu? Għaliex aħna ma nistgħux inħarsu madwarna llum u naraw kull xorta ta' forom ta' bejniet li huma fi triqthom 'il fuq għal xi ħaġa għola u aħjar? Jintqal is-soltu, li l-bniedem huwa l-quċċata, u li issa aħna għandna nkunu kkonċernati bl-evoluzzjoni tal-kultura u l-evoluzzjoni tal-morali u ideat. Dan, iżda, ma jispjegax għaliex l-evoluzzjoni bijoloġika għandha tispiċċa jew tieqaf, u wkoll jekk il-bniedem jista' jkun maħsub minn xi ħadd li huwa l-kisba ta' l-aħħar, għaliex ma jmurx 'il quddiem u jkollok 'superman'? Ukoll xi ngħidu dwar il-forom aktar baxxi ta' ħajja li għad huma fuq l-art u ilhom hawn għal snin, għaliex dawn mhumiex fil-proċess ta' bidla 'l fuq lejn il-bniedem? Aħna qegħdin nittrattaw ma' improbabbiltajiet li l-evoluzzjoni saħansitra lanqas ma hija fidi tajba" (**Ibid.** pp 181-182).

Robert Camp jgħid:

"Aħna ma nistgħux nemmnu fl-evoluzzjoni teistika għaliex hemm xhieda xjentifika għaliha, għaliex xhieda bħal din ma teżistix. Permezz tan-natura tagħha nsifha, nużaw estrapolazzjoni tal-liġijiet tan-natura lura fiż-żmien, aħna ma nkunux nistgħu niddeterminaw fejn dawn il-liġijiet kienu suġġetti għal intervenzjoni divina.

"Ċertament huwa possibbli li tiddetermina li forzi naturali mhumiex adegwati biex jispjegaw l-oriġini tal-ħajja, imma kif jista' wieħed, juża metodu xjentifiku, jiddetermina sewwasew fejn u meta u għal liema grad, l-intervenzjoni u l-modifikazzjoni saru?...

"Jistabbilixxu l-fatti tax-xjenza, kif huma magħrufa mill-aħjar nies infurmati fid-diversi għelieqi, li forzi tan-natura kienu pproduċew il-ħajja, bil-varjetà tal-forom tagħha, inluż il-bniedem, permezz ta' proċess evoluzzjonarju, mingħajr intervenzjoni naturali barranija?

"IT-TWEĠIBA SEMPLIĊI GĦAL DIN IL-MISTOQSIJA HIJA, LE" (Camp, Robert. **A Critical Look at Evolution**. pp. 205-206. Ara foot-note #1. Enfasi tiegħu).

2. **Ma hemm ebda stqarrija teistika li turi l-evoluzzjoni teistika li hija tassew**. Alla **qatt** ma qal li Hu uża l-evoluzzjoni biex joħloq lill-bniedem. Fil-fatt, Hu qal il-kontra!

"...ladarba aħna nammettu illi intervenzjoni divina ma ġrat xejn, ma hemm ebda mod biex tiddetermina sewwasew fejn u kif ħlief bi stqarrija divina. ĊERTAMENT DAN GĦANDU JKUN OVVJU.

“Jekk nistgħu ma naċċettaw ebda intervenzjoni ta’ xejn, aħna nistgħu naċċettaw l-aħħar intervenzjoni, li hija ħolqien. Ma hemm ebda suġġeriment hawn ta’ diżonestà fuq il-parti ta’ l-evoluzzjonista teistiku imma ċertament hemm inkonsistenza gravi. Alla seta’ wettaq l-oriġini tal-ħajja f’kull mod li Hu jagħżel, bl-evoluzzjoni jew bil-ħolqien, imma ammissjoni li hemm Alla u li Hu għamel twettiq bħal dan f’kull mod, ifisser li aħna dipendenti għal kollox fuq ir-rivelazzjoni Tiegħu biex niddeterminaw liema mod. Ir-rivelazzjoni Tiegħu tiddikjara ħolqien, mhux evoluzzjoni.

“Jekk dan ma jistax ikun iddeterminat mix-xjenza jew mir-rivelazzjoni li evoluzzjoni teistika ġrat, mela għaliex temminha?” (**Ibid.** p 206. Enfasi tiegħu)

3. **Evoluzzjoni tesitika hija ħażina għaliex l-evoluzzjoni timplika l-ateismu**. Kien Woolsey Teller, li qabel kien president ta’ l-Assoċċjazzjoni Amerikana għall-Avvanz ta’ l-Ateismu, li qal: “L-idea ta’ Alla ma tistax tkun irrikonċiljata ma’ l-għarfien tagħna ta’ l-evoluzzjoni.” (Teller, Woosley. Quoted In: **Evolution Versus Science And The Bible**. [13 Individual lessons] Bob West, author. Bob West Publications. Ontario, Florida. 1974. #12, p. 4). Charles Smith, ukoll kien president ta’ l-istess organizzazzjoni, kien il-wieħed li qal enfatikament: “Evoluzzjoni hija ateismu” (Smith, Charles. Quoted In: **God Is**. George A. Klingman, author. F.L. Rowe. Cincinnati, Ohio. 1929. P. 115). Straton ipoġġiha f’dan il-mod: “Dawn li jippruvaw jirrikonċiljaw dawn it-teoriji (ta’ l-evoluzzjoni) mas-sistema Kristjana tal-verità jgħidu li l-każ mhux hekk…madankollu d-definizzjonijiet mogħtija…jippruvaw li Alla **huwa b’neċessità mneħħi barra, u dan f’favur taċ-ċans**.” (Straton, J.R. “Evolution.” **IN: International Standard**

**Bible Encyclopedia**. Eerdmans. Grand Rapids, Michigan. 1956. Vol. II, pp. 1048A-1049. Enfasi miżjuda).

**4. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex il-Bibbja Mqaddsa tgħid li Alla ħalaq raġel u mara maturi għal kollox u żviluppati għal kollox f'jum wieħed [Ġenesi 1:27].** L-evoluzzjonisti teistiċi jiddikjaraw li ħa miljuni jew biljuni ta' snin għall-bniedem biex jevolvi minn qatra meraq, għall-forom aktar baxxi ta' ħajja, matul l-epoka tal-ġebel, l-epoka tal-ħadid, eċċ., biex isir żviluppat għal kollox kif inhu llum. Imma dan mhuwiex dak li jgħid "il-Ktieb"!

**5. Evoluzzjoni teisitika hija ħażina għaliex il-Bibbja tgħallem li l-ewwel raġel kien Adam (1 Korintin 15:45).** Evoluzzjonisti teistiċi jgħallmu li l-ewwel raġel kien **Giganto-pithecus**, jew **Australopithecus**, jew…. (ara paġni 161-163).

**6. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex din ma tistax tispjega lil Eva**. Il-Bibbja Mqaddsa tgħallem illi mill-bidu kien hemm raġel u mara (Mattew 19:4), b'segħta ta' riproduzzjoni (Ġenesi 1:28). L-evoluzzjoni teistika ssostni li s-sessijiet evolvew. Davidheiser jikkummenta fuq dan il-punt:

> "Imma fattur ieħor jinnega l-veduta ta' l-evoluzzjoni teistika: kif Eva kienet iffurmata? Jekk Adam kien magħmul mit-trab matul antenati ta' annimali fit-tul, kif inhu li ebda sieħba ma kienet iffurmata għalih fost il-kreaturi kollha ta' l-Art? Il-Mulej kellu jifforma sieħba għalih minn parti ta' ġenbu, kustilja. Jekk ma kien hemm ebda sieħba mara għal Adam, kif setet kienet omm Adam jekk hu ġie minn antenati fit-tul ta' annimali mit-trab ta' l-art? Kif setet kienet nantu? Il-pożizzjoni mhix soda minn perspettiva Biblika. Evoluzzjonista teista għandu jammetti onestament, 'Jiena ma nemminx ir-rakkont tal-ħolqien,' għax meta hu jipprova biex iħallat iż-żewġ pożizzjonijiet flimkien isib li l-evoluzzjoni hija inkompattibbli ma' l-Iskrittura."

(Davidheiser, Bolton. "**Theistic Evolution**." IN: *And God Created*, Vol. III, Creation Science Research Center. San Diego, California. 1973. p. 50).

Dr. Harold Lindsell jirrimarka:

"Dak li jżid sinjifikat għal l-istorja tal-ħolqien huwa r-rakkont tal-bidujiet ta' Eva. Hemm biss żewġ avviċinamenti għar-rakkont ta' Ġenesi tal-ħolqien ta' Eva: jew dan għandu jkun meqjus bħala mitoloġiku jew għandu jkun aċċettat bħala mhux evoluzzjonarju fil-karattru. Ma hemm xejn fir-rakkont Bibliku li jista' jagħmel possibbli l-evoluzzjoni ta' Eva minn forom ta' annimali li kienu jeżistu qabel. Raqda fonda ġiet fuq Adam. Alla neħħa kustilja mill-qafas tal-kustilji tiegħu. Alla fforma lil Eva minn dik il-kustilja li Hu ħa mill-ġisem ta' Adam. Ebda proposta evoluzzjonarja ma tista' possibbilment tiġbor din l-informazzjoni u tagħmel sens minnha minn dak il-punt di vista.

"Jidher għalija lid-dħul tal-bniedem fl-istorja via r-resqan evoluzzjonarju jbati minn ċerti żvantaġġi li jagħmluha prospett l-aktar mhux mixtieq, iħallina bi kreazzjoniżmu speċjali jew immedjat bħala l-aħjar tweġiba għall-mistoqsija ta' l-oriġini tal-bniedem. L-ewwel żvantaġġ huwa illi t-tweġiba evoluzzjonarja għandha tissopponi minn qabel il-ħruġ tar-raġel **u** tal-mara minn forom ta' ħajja għola ta' annimali li tagħhom aħna m'għandna xejn mill-parti l-oħra tagħhom. Il-ħolqa nieqsa għadha nieqsa" (Lindsell, Harold. **Christianity Today**. June 17, pp. 17-18, enfasi tiegħu).

Roy H. Lanier, Sr. Jistaqsi lil evoluzzjonisti teistiċi:

"Temmnu intom li Adam kien waħdu qabel Eva kienet maħluqa? Ġenesi 2:18 jgħidilna li Alla ra li ma kienx tajjeb li r-raġel ikun waħdu, għalhekk Hu għamel mara għalih. L-evoluzzjonisti jgħidulna li kien hemm progress gradwali minn forom aktar baxxi ta' ħajja għall-forom għola. Jekk dan hu tassew, kif kien jista' jkun hemm raġel wieħed, raġel uman żviluppat għal kollox, imma ma kienx hemm fl-istess ħin mara umana żviluppata għal kollox? Skond il-Bibbja Mqaddsa kien hemm żmien meta r-raġel ta' l-umanità eżista waħdu. Hu kellu biżżejjed intellett li jsemmi kull kreatura ħajja, imma ma kien hemm ħadd minn fost il-kreaturi ħajja addattati biex ikunu s-sieħba tar-raġel. Għalhekk Alla tafa' lir-raġel f'raqda u ħa kustilja mill-ġenb tiegħu u għamel sieħba addattata għalih. Jekk l-evoluzzjoni teistika hija tajba, Alla uża l-proċess evoluzzjonarju biex iġib l-umanità, kemm lir-raġel kif ukoll lill-mara, fl-eżistenza. L-ewwel, mhuwiex raġjunevoli li taħseb lix-xadini kienu kollha rġiel għal bosta ġenerazzjonjiet waqt li huma kienu bil-mod qed jikbru aktar u aktar bħall-bnedmin. It-tieni, huwa bluha li taħseb waħda minn dawk ix-xadini tat ismijiet lil 'kull kreatura ħajja.' U t-tielet, il-Bibbja tgħid li Alla ħa kustilja mir-raġel u għamel lill-mara. Jekk il-mara tar-razza umana ma ġietx fl-eżistenza f'dan il-mod, il-Bibbja hija falza u mhux li tkun afdata. Imma l-evoluzzjoni teistika għandha tiċħad li l-mara ġiet fl-eżistenza f'dan il-mod; inkella għandha tiċħad il-Bibbja bħala li hija tassew" (Lanier, Roy H., Sr. "Questions For

> Theistic Evolutionists." **IN: Firm Foundation**. Firm Foundation Publishing House. Austin, Texas. July 27, 1976, p. 473).

7. **Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex hija ma tistax tispjega minn fejn il-bniedem kiseb ruħu**. Din tisirqu mir-ruħ tant meħtieġa mogħtija minn Alla Nnifsu. Kif Dr. Lindsell juri:

> "L-evoluzzjoni teistika għandha taqsam pont ieħor li huwa dejjaq u perikoluż. Huma ma jistgħux għall-mument wieħed jgħidu bil-jedd li l-forom aktar baxxi ta' annimali kellhom erwieħ bħal dawk li nsibu fil-**homo sapiens** illum. Għalhekk f'punt kien liema kien fil-proċess evoluzzjonarju xi annimal sar bniedem. Alla kellu joħloq jew daħħal ir-ruħ fil-bniedem li tiddistingwih mill-annimali. Biex inpoġġiha f'mod ieħor, meta l-**imago dei** daħlet fil-bniedem li għamlet lill-bniedem bniedem? Xi ħaġa kienet miżjuda f'xi punt għall-garigor evoluzzjonarju. Dik ix-xi ħaġa ma kinetx hemm qabel. Din ġiet madwar permezz ta' intervenzjoni divina—Alla żied komponent ġdid li ma ħariġx minn natura.
>
> "Jekk dan hu tassew, għaliex aħna għandna l-bżonn li nissopponu li l-ġisem tal-bniedem ġie permezz ta' proċess evoluzzjonarju meta r-ruħ ma ġietx?" (Lindsell, Harold. **Christianity Today**. June 17, 1977, p. 17).

Dr. Bales jitkellem dwar l-inkonsistenza ta' l-evoluzzjoni teistika f'dan ir-rigward meta jgħid:

> "Biex ikunu konsistenti l-evoluzzjonisti, l-evoluzzjonisti teistiċi għandhom isostnu li x-xbieha ta' Alla, fil-bniedem, kienet evolvuta. Jekk huma jsejħu fuq Alla u miraklu biex

ipoġġu x-xbieha ta' Alla fil-bniedem, għaliex jaħsbuha daqshekk biex isejħu fuq Alla u miraklu għall-għotja tal-ħajja tal-ġisem għall-ġisem fiżiku ffurmat mit-trab ta' l-art? Il-kollegi mhux evoluzzjonisti teistiċi tagħhom ma jsibux il-ħolqien tax-xbieha ta' Alla fil-bniedem aktar aċċettabbli milli l-ħolqien tal-ġisem tal-bniedem. X'jaffermaw l-evoluzz-jonisti teistiċi dwar l-oriġini tax-xbieha ta' Alla?" (Bales, James D**. "Theistic Evolution And Genesis**." P. 53. Ara Footnote #19).

G.C. Brewer, fil-ktejjeb tiegħu, **Evolution**, jistaqsi: "Għandhom ix-xadini ruħ? F'liema punt fl-evoluzzjoni tal-bniedem hu ħa r-ruħ tiegħu? Kif ħadha? Kienet din evolvuta permezz ta' proċessi naturali u kienet din darba f-forma rudimentari? Għalhekk kellhom nofs bnedmin —Pithecanthropus u oħrajn—nofs ruħ? X'jagħmel dan lil Ġesù?" (Brewer, James D. **Evolution**, p 15. Quoted IN**: Evolution: Facts Or Faith** Vurel A. Vick, Forth Worth, Texas, p. 11).

**8. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex din tagħm-el lil Ġesù giddieb**. Robert R. Taylor jgħid din il-ħaġa tajjeb meta hu qal:

"Għal snin aħna konna qegħdin inwissu liż-żgħażagħ x'jagħmel żwieġ ta' l-evoluzzjoni teistika lil Ġesù Kristu. Ġesù mar fuq ir-rakkont bħala li jaċċetta l-fatt li r-raġel u l-mara kienu magħmula fil-bidu. 'Ma qrajtux intom, li hu li għamilhom fil-bidu għamilhom raġel u mara.' (Mattew 19:4). 'Imma mill-bidu tal-ħolqien, Raġel u Mara għamilhom hu' (Mark 10:6). L-evoluzzjoni ma temminx li l-umanità kienet magħmula imma evolviet

bil-mod matul perjodi twal indefinittivament ta' żmien. Ġesù qal li l-umanità eżistiet mill-bidu u Mark għandu l-affermazzjoni tiegħu tal-bniedem li eżista mill-bidu tal-ħolqien. L-evoluzzjoni ma temminx li l-umanità kienet eżistiet mill-bidu. Jekk l-evoluzzjoni tkun tas-sew, Ġesù huwa ppruvat li jkun xhieda mhux ta' min joqgħod fuqha tal-verità f'Mattew 19:4 u f'Mark 10:6. Matul il-ministeru personali tiegħu Ġesù ħadddan lil Mosè. Mosè qal li l-bniedem kien magħmul mit-trab ta' l-art. 'U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ruħ ħajja' (Ġenesi 2:7). L-evoluzzjoni ssostni li l-bniedem ġie minn forom aktar baxxi ta' ħajja. Is-sistema ma temminx li l-bniedem ġie mit-trab. Mosè qal li l-mara ġiet mill-kustilja ta' Adam permezz tal-qawwa kreattiva tal-Mulej infinit. 'U l-Mulej Alla sawwar il-kustilja, li kien ħa mill-bniedem, f'mara u ġiebha lill-bniedem' (Ġenesi 2:22). L-evoluzzjoni dan ma temmnux. Riġettar ta' dak li kiteb Mosè dwar l-umanità huwa riġettar ta' Ġesù Kristu li ħaddan il-kitba ta' Mosè" (Taylor, Robert R. *"More Problems For Theistic Evolutionists."* **IN: Gospel Advocate**. Gospel Advocate Company. Nashville, Tennessee, Jan. 3, 1974. P. 6).

Il-mejjet Gus Nichols kiteb:

"Jekk il-bniedem għal l-ewwel eżista bħala annimal żgħir b'ċellula waħda hu ma kienx kreatura ta' xi 'sess.' F'dan il-każ, ir-raġel u l-mara ma bdewx kif Ġesù qal li huma bdew. Iva, Ġesù kien qiegħed jikkwota dak li hemm miktub f'Ġenesi biex ikun 'moqri.' Hu qal, 'Ma **qrajtux** li sa mill-bidu (mill-bidu tal-

ħolqien) l-Ħallieq għamilhom raġel u mara?' (Mattew 19:4; Mark 10:6). La darba Ġesù jħaddan ir-rakkont ta' Ġenesi tal-ħolqien mir-akoluż tar-raġel u tal-mara, dan ir-rakkont hu veru. Jekk mhuwiex, Ġesù huwa Kristu falz. Għalhekk l-evoluzzjoni teistika ġġib fix-xejn il-fidi fi Kristu, u b'hekk iġġib fix-xejn il-fidi fil-Kristjaneżmu. Għalhekk, iż-żewġ kwalitajiet ta' evoluzzjonisti, teisti u ateisti, huma għedewwa ta' Kristu u tal-Kristjaneżmu, b'inkejja l-fatt li ta' l-ewwel tista' tiċħdu dan! Iva, it-teorija li Alla ħalaq id-dinja b'mezzi ta' l-evoluzzjoni organika tirriġetta r-rakkont tal-Bibbja tal-ħolqien f'Ġenesi, u tirriġetta lil Kristu li ħaddan din il-kitba, u f'li tagħmel hekk tagħmel lil Kristu wieħed li ma jaf xejn u lir-reliġjon Kristjana reliġjon falza. Huwa fatt li l-evoluzzjoni teistika hija aktar perikoluża u li tqarraq, aktar ta' ingann, u tfarrak il-fidi ta' ħafna nies, mill-evoluzzjoni ateista u l-ateiżmu" (Nichols, Gus. "Science of Huma Redemption." **IN: The Bible Versus Liberalism**. Freed-Hardeman College Lectureship. Freed-Hardeman College. Henderson, Tennessee. 1972, p. 24. Enfasi tiegħu).

**9. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex loġikament din għandha tkun kapaċi biex tipproduċi akbar minn Ġesù Kristu. Tista' tagħmlu dan? Għamlitu dan?**

"L-evoluzzjoni tistqarr li forom aktar baxxi ta' ħajja ipproduċew forom ta' ħajja aktar għolja u kumplessi nkluż il-bniedem. Għalhekk, il-bnedmin kollha għandhom forom ta' ħajja aktar baxxi fuq iz-zkuk aktar baxxi tas-siġra tal-familja tagħhom. Jekk dan hu tassew dwar il-bnedmin kollha, isir ukoll tassew dwar Ġesù għaliex Hu kien Bin il-bniedem.

Dan huwa terminu li bih Hu jidentifika Lilu Nnifsu ħafna drabi fil-Kitba sagra. Kellu Ġesù forom aktar baxxi ta' ħajja fuq il-friegħi aktar baxxi tas-siġra tal-ħajja li pproduċietu? Iffurmaw l-*amoeba* l-antika, id-dudu jiżegleg, it-tajra li t-tir, l-amfibju li kien qed javvanza, ir-rettili jiġġerrew u l-mamalli kbar l-għajnuna fl-isfond li għamlet kapaċi lill-verġni ta' Nażaret biex twelled lil Iben immakulat tagħha fil-maxtura ta' Betlehem? Jekk forom ta' ħajja aktar baxxi pproduċew lil Ġesù kif aħna nittrattaw mar-rakkont ispirat ta' Luqa li jittraċċja l-ġenealoġija fiżika ta' Ġesù t-triq **kollha** lura għal 'Adam, bin Alla'? [Luqa 3:38]. Ma kienx jaf l-ispirat Luqa li Ġesù kellu demm ta' l-annimali jiġri fil-vini Tiegħu? Ġesù ċertament li kien jaf jekk l-evoluzzjoni hija tassew. Ma kienx jaf it-tabib maħbub li kien hemm xi ħaġa barra mill-bnedmin fil-ġenealoġija fiżika ta' Ġesù? Jekk l-evoluzzjoni teistika hija tassew, Luqa 3 jaqa' fl-art. Aħna niddeploraw ħafna u nopponu bil-qawwa kollha kull sistema li tagħmel lil Ġesù sempliċiment il-forma avvanzata ta' kumplessità li qed tiżviluppa 'l fuq fis-sellum tal-ħajja ta' l-annimali. Żgħażagħ Kristjani, qabel ma intom tiddeċiedu li l-evoluzzjoni teistika hija għalikom, ikun għaqli u tajjeb għalikom li tieħdu ħarsa twila u iebsa lejn x'tagħmel din is-sistema falza għal kollox lis-Sid tagħkom.

"L-evoluzzjoni hija mibnija fuq il-pedament ta' avvanz dejjem jiżdied u titjib kontinwu. Jekk l-evoluzzjoni pproduċiet lit-Tarbija ta' Betlehem, it-tifel ta' tnax-il sena mat-tobba Lhud fit-tempju, il-predikatur tal-Pried-

ka fuq il-Muntanja, ir-Raġel tan-Niket u l-vittma volontarja tal-Kalvarju elfejn sena ilu, mela l-mogħdija ta' żewġ millenji (**sic**) ċertament li għandhom jixhdu l-produzzjoni ta' wieħed akbar minn Kristu fiż-żmien tagħna jew f'xi era fil-futur li wieħed jista' jobsru. Ċertament l-evoluzzjoni ma jkollix għalfejn traġġa' lura lilha nfisha u tikkonċiedi li hija laħqet il-quċċata tagħha bit-twelid ta' Kristu tarbija żmien twil twil ilu. Ċertament din is-sistema kolossali ma jkollix għalfejn tikkonċiedi li hija inqas kapaċi issa li tipproduċi wieħed akbar minn Ġesù milli hija għamlet elfejn sena ilu. Jekk l-evoluzzjoni mhijiex issa kapaċi li tipproduċi wieħed akbar minn Ġesù, allura jkun jidher lis-sistema waqfet milli tkun evoluzzjoni u saret devoluzzjoni, għallinqas f'sens wieħed. Qiegħda s-sistema titlef il-motiv? Huma l-proponenti tagħha lesti li jagħmlu din il-konċessjoni?" (Taylor, Robert. "*More Problems For Theistic Evolutionists.*" pp. 2, 6. (Ara footnote #24. Enfasi tiegħu)

Dr. Bales jikkummenta: "…l-evoluzzjoni tispjega lil Ġesù Kristu naturalment, waqt li l-Bibbja tispjegah sopranaturali. Huwa stramb li xi nies jaċċettaw il-miraklu ta' Ġesù, u jħarsu 'l quddiem għall-miraklu tat-tieni miġja, imma jiċħdu l-miraklu tal-ħolqien." (Bales, James D. **"Theistic Evolution And Genesis.**" p. 54. (ara footnoe #19).

**10. Evoluzzjoni teisitika hija ħażina għaliex din loġikament tiċħad il-waqa' [dnub] tal-bniedem**.

"Jekk l-evoluzzjoni hija tassew u jekk il-bniedem evolva minn forom aktar baxxi ta' ħajja, kemm jekk permezz ta' proċess mekkaniku kif ippropona Darwin jew permezz ta' atti ta' Alla fi qbil ma' l-evoluzzjoni teistika, ma kienx hemm ebda l-ewwel bniedem li

waqaf b'mod distint separat mis-saltna ta' l-annimali, imma sempliċiment taħlita gradwali minn annimal għall-bniedem. Mingħajr Adam u Eva, jiġi wara li ma kienx hemm waqa' tal-bniedem kif irrakkontata f'Ġenesi. Imma l-ħlas bi tpattija ta' Kristu huwa bbażat fuq il-waqa' tal-bniedem bħala ġrajja storika reali. Jekk l-evoluzzjoni hija tassew, mela, kemm jekk mekkanistika jew teistika, ebda waqa' storika tal-bniedem ma ġrat, u b'hekk ebda Feddej ma huwa meħtieġ biex isalvana minn dnubietna. Jekk aħna m'aħniex nies imwaqqa', mhux kapaċi li nsalvaw lilna nfusna, imma prodott ta' l-antenati tagħna annimali, gradwalment nitjiebu u minxu 'l quddiem lejn il-perfezzjoni, Kristu kien biss martri, raġel tajjeb qabel iż-żmien Tiegħu imma mhux is-Salvatur, il-Feddej" (Davidheiser, Bolton, **And God Created**, Vol. III, pp. 50-51. Ara footnote #16).

Ġenesi jgħallem illi l-bniedem waqa' permezz ta' att ta' disubbidjenza. L-evoluzzjoni tgħallem li minflok ta' waqa', annimal ixxabbat 'il fuq sakemm dan sar bniedem bi kwalitajiet morali u spiritwali. Minflok bniedem li waqa', dan huwa annimal progressiv. Dr. Zimmerman hu ħafif biex ifakkarna:

"Sakemm Ġenesi 1, 2, u 3 jkunu meħuda storikament u prattikabbli, ma hemm ebda spjegazzjoni sodisfaċenti ta' l-oriġini tad-dnub u tal-mewt. L-enfasi kontinwa fuq it-tjubija tal-ħolqien u li l-bniedem ikun maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla ma taqbilx ma' l-iskema evoluzzjonarja. Għax id-dnub u l-mewt u l-qirda, il-liġi tan-nejba u tas-sinna tal-velenu tas-serp, l-għajxien ta' min u l-aktar b'saħħtu, kienu jkunu parti ta' osservazzjoni ordinarja tad-dinja sewwasew mill-

bidu nnifsu. Hekk ukoll kienet tkun il-mewt. Ġenesi jgħidilna, kif jgħidilna t-Testment il-Ġdid, lid-dnub u l-mewt oriġinaw permezz tal-waqa' ta' Adam u Eva." (Zimmerman, Paul A. "**The World Of Today**." p. 115. Ara footnote #20).

L-Appostlu Pawlu jibni t-teoloġija tiegħu tal-fidwa f'Rumani madwar l-ewwel u t-tieni Adam. Ġesù għal Pawlu hu t-tieni Adam. L-ewwel Adam kien l-abitant tal-Ġnien ta' Għeden, l-ewwel antenat tagħna li permezz tiegħu…id-dnub bil-konsegwenzi kollha tiegħu ġie. U kien id-dnub ta' l-ewwel bniedem li għamel neċessarju s-sagrifiċċju tat-tieni Adam fuq is-salib tal-Kalvarju. Li targumenta li l-ewwel Adam kien figura mitoloġika waqt li żżomm illi t-tieni Adam kien raġel tassew tħawwad l-immaġinazzjoni u ddawwar l-Iskrittura fuq rasha. Barra minn dan, li kieku ma kienx hemm l-ewwel Adam, minn fejn…ġie d-dnub? Il-Bibbja Mqaddsa ma tħalli għal ebda spejgazzjoni oħra għad-dħul tad-dnub fir-razza umana jekk Adam ikun meqjus bħala li mhuwiex storiku. Biċ-ċar il-Bibbja tgħallem li r-razza umana kollha toħroġ mill-ewwel antenat Adam u li hu ġie minn Alla bħala ħolqien speċjali u immedjat.

**11. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex il-bniedem kien maħluq kreatura morali**. Hu ma "evolviex" f'li jkun morali. Ġenesi u l-bqija tal-Bibbja jgħallmu li l-bniedem kien maħluq kreatura morali li huwa taħt liġi morali li hija bbażata fuq ir-rieda ta' Alla. L-evoluzzjoni tgħallem li l-moralità evolviet u li din għadha fil-proċess ta' evoluzzjoni progressiva. Evoluzzjoniżmu konsistenti jwarrab l-idea ta' **liġi** morali u jżomm li kollox huwa fi stat ta' tisfija u tiswib, u aħna gradwalment noħorġu mill-morali tal-passat. Staqsi lil evoluzzjonista teistiku jekk il-moralità hijiex il-prodott ta' l-evoluzzjoni.

**12. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex l-evoluzzjoni tgħallem li r-reliġjon "evolviet."** Il-Bibbja tgħallem sewwasew l-oppost. Ġenesi jgħallem li fil-bidu Alla rrivela Lilu Nnisfu lill-bniedem. Ir-reliġjon impoġġija 'l quddiem fil-

Bibbja mhijiex il-prodott ta' l-evoluzzjoni, imma tar-rivelazzjoni. L-evoluzzjoni tgħallem illi r-reliġjon evolviet matul diversi stadji bħala riżultat tar-riflessjonijiet tal-bniedem fuq l-esperjenzi tiegħu stess u t-tindif dejjem jiżdied tal-ħsibijiet tiegħu nnifsu mhux ispirati. Staqsi lil l-evoluzzjonisti jekk ir-reliġjon kollha, inkluż dak impoġġi 'l quddiem fil-Bibbja, hija l-prodott ta' evoluzzjoni naturalistika? Jekk huma jwieġbu li hija, huma jiċħdu l-Bibbja. Għalkemm Alla għamel rivelazzjoni sħiħa kull ma tmur tiżdied tar-rieda Tiegħu, li waslet fil-quċċata tagħha fi Kristu u l-patt Tiegħu, din ma kinetx il-prodott ta' l-evoluzzjoni, imma tar-rivelazzjoni. Jekk l-evoluzzjonisti jgħidu li r-reliġjon fil-Bibbja hija l-prodott ta' rivelazzjoni divina, huma jkunu ċaħdu l-evoluzzjoniżmu konsistenti. L-evoluzzjoniżmu konsistenti jżomm illi mhux il-ġisem tal-bniedem, imma wkoll l-ideat u l-istituzzjonijiet kollha tiegħu huma l-prodott ta' kawżi naturali.

13. **Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex l-evoluzzjoni tgħallem li l-fidi f'Alla wieħed "evolviet."** "Ġenesi jgħallem li fidi monoteistika—fidi f'Alla wieħed—eżistiet fil-bidu, imma l-evoluzzjoni żżomm li huwa stadju tard ħafna li huwa r-riżultat ta' proċess twil ta' żvilupp evoluzzjonarju nkluż l-animiżmu (id-dottrina li tqis ir-ruħ bħala s-sors tal-forom kollha tal-ħajja) u l-politeiżmu (qima ta' ħafna allat) bħala tnejn mill-istadji preliminarji" (**Ibid.**).

14. **Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex l-evoluzzjoni tgħallem li l-qabar huwa t-tmiem**. "Ġenesi jgħallem li l-bniedem kien maħluq biex jgħix għal dejjem, waqt li l-evoluzzjoni tgħallem li l-bniedem m'għandu ebda possibbiltà quddiemu ħlief mortalità. Ġenesi, kuntrarju għal l-evoluzzjoni, jgħallem li l-bniedem ma kienx għal l-ewwel issentenzjat għall-mewt"(**Ibid.**).

15. **Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex hija tgħallem li l-bniedem ma kellu ebda għarfien ta' Alla sakemm dak l-għarfien "evolva."** "...Ġenesi jgħallem li l-bniedem kien f'għaqda ma' Alla sewwasew sa mill-bidu, imma l-evolu-

zzjoni tgħallem li l-ewwel bniedem ma kellu ebda għarfien ta'Alla imma gradwalment żviluppa għarfien bħal dan" (**Ibid.**).

**16. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex din tgħid li l-bniedem evolva minn mammalli aktar baxxi**. Madankollu Ġenesi 3:19 u 2:7 jgħid speċifikament li Alla għamel lill-bniedem direttament mit-trab ta' l-art. It-tnejn ma jistgħux ikunu tassew!

**17. Evoluzzjoni teistika hija ħażina għaliex l-evoluzzjoni tgħallem l-uniformitarjaniżmu, li loġikament għandu jfisser li kollox għadu għaddej kif ddejjem kien**. Dan għandu jfisser li l-evoluzzjoni għadha tkompli. Madankollu l-Bibbja tgħid ċar li Alla 'temm ix-xogħol tiegħu li kien għamel, u Hu strieħ…" (Ġenesi 2:2).

**18. Evoluzzjoni teisitika hija ħażina għaliex hija inkonsistenti man-natura ta' Alla**. Dr. Henry Morris juri dan il-fatt fil-ktieb tiegħu, **Scientific Creationism**:

> "Imma jekk Alla hu hekk, jidher kompletament stramb li Hu juża l-evoluzzjoni bħala l-metodu Tiegħu tal-ħolqien, għar-raġunijiet li ġejjin:
>
> (a) L-evoluzzjoni hija inkonsistenti ma' l-omnipotenza ta' Alla; billi Hu għandu s-setgħa kollha, Hu kapaċi li joħloq l-univers f'mument, pjuttost milli jkollu jifirxu matul perjodi twal ta' żmien.
>
> (b) L-evoluzzjoni hija inkonsistenti mal-personalità ta' Alla. Jekk il-bniedem fix-xbieha Tiegħu Nnifsu kien l-għan ta' proċess evoluzzjonarju, ċertament li Alla ma kienx jistenna sewwasew saż-żmien twil taż-żmien ġeoloġiku qabel ma' ħalaq personalitajiet. Ebda sħubija personali ma kienet possibbli mal-blat u l-ibħra, jew ukoll mad-dinosawri u l-'gliptodons.'

(ċ) L-evoluzzjoni hija inkonsistenti ma' l-omnixjenza ta' Alla (għerf bla limitu). L-istorja ta' l-evoluzzjoni, kif interpretata minn ġeoloġisti evoluzzjonarji mir-reġistrar tal-fossili, hija mimlija b'estinzjonijiet, nuqqas ta' qbil, postijiet evoluzzjonarji bla ebda interess, u xhieda oħra bħal dawn ta' ippjanar fqir ħafna. L-essenza nfisha ta' l-evoluzzjoni, fil-fatt, hija mutazzjoni bl-addoċċ, mhux progress xjentifiku.

(d) L-evoluzzjoni hija inkonsistenti man-natura ta' l-imħabba ta' Alla. Is-suppost fatt ta' l-evoluzzjoni huwa l-aħjar muri bil-fossili, li elokwentament jitkellem dwar dinja kiefra, mimlija bil-maltempati u taqlib, mard u ġuħ, taqbid għall-eżistenza u mewt vjolenti. Il-mekkaniżmu aċċettat li jħajjar l-evoluzzjoni huwa popolazzjoni kbira wisq u selezzjoni naturali permezz ta' eżaminazzjoni tad-debboli u dawk li mhumiex tajba. Alla li jħobb ċertament li jkun aktar konsiderevoli minn dan dwar il-kreaturi Tiegħu.

(e) L-evoluzzjoni hija inkonsistenti ma' l-iskop ta' Alla. Jekk l-iskop ta' Alla kien il-ħolqien u l-fidwa tal-bniedem, kif l-evoluzzjonisti teistiċi għandi naħseb li jemmnu, jidher inkomprensibbli li Hu jaħli biljuni ta' snin f'tisrip u tagħwiġ evoluzzjonarju bla sens qabel ma jasal għall-punt. X'immaġini ta' skop seta' kien hemm fil-ħakma ta' mitt miljun sena u eventwalment estinzjoni tad-dinosawri, per eżempju?" (Morris, Henry M. **Scientific Creationism**. Creation-Life Publishers. San Diego, California. 1974. P. 219).

## KONKLUŻJONI

"Aħna nikkonkludu, mela, li l-evoluzzjoni—ukoll l-evoluzzjoni teistika—la hija xjentifika lanqas Skritturali u li, ukoll mill-punt di vista tal-loġika, din tonqos milli tgħaddi minn eżami bil-għaqal.

"L-evoluzzjonista teistiku argumenta li, bil-li jieħu avvanz aktar konċiljatorju u 'raġjune-voli lejn l-evoluzzjoni, hu jista' jikseb aktar rispett mill-evoluzzjonista li ma jemminx u xorta ma jitlifx il-pożizzjoni tiegħu stess fi Kristu. **B'kull regola, dan huwa ħsieb mixtieq u, tabilħaqq, delużjoni. Żieda fit-tagħlim ta' l-evoluzzjoni kienet akkump-anjata minn żieda ta' nuqqas ta' twemmin f'Alla personali u fid-demm ta' Kristu bħala l-ħlas ta' tpattija għad-dnub**. Ebda studji riċenti ma kienu magħmula, imma Dr. James H. Leuba sab li, (fl-Istati Uniti ta' l-Amerika) fl-1914, 80% tad-dħul ġdid fil-Kulleġġ A kienu emmiena f'Alla u fl-immortalità (ċertament punti minimi fil-fidi Kristjana), u fl-1933, wara lit-tagħlim ta' l-evoluzzjoni kien infirex fl-iskejjel sekondarji, dan waqa' għal 42%. Il-kunċett ta' evoluzz-joni tesitika ma għamel xejn biex ibatti dan it-tagħlim ta' evoluzzjoni mekkanistika; fil-fatt huwa parti ta' l-istess moviment apostata, għax ħafna evoluzzjonisti agnostiċi, inkluż Darwin innifsu, bdew bħala evoluzzjonisti teistiċi. Il-maġġuranza l-kbira tax-xjenzati, kif wera Leuba, sabu li ma jistgħux jemmnu fit-tnejn, fl-evoluzzjoni u f'Alla; f'dan huma forsi kienu aktar konsistenti mill-ħbieb tagħ-hom li ħaddnu l-evoluzzjoni teistika. Fl-istess

ħin, l-effetti ta' l-evoluzzjoni tesitika fuq bniedem huma profondi. Ir-regoli reliġjużi personali tiegħu, iż-żelu tiegħu biex jixhed għal Kristu bħala s-Salvatur tiegħu, u t-twemmin tiegħu fl-assoluti tal-Bibbja huma kollha mdagħjfa" (Culp, G.R. **Remember Thy Creator**. Baker Book House. Grand Rapids, Michigan. 1975. pp. 159-160).

Kif aħna nagħlqu dan l-istudju, ħalli nagħmlu mistoqsija. Din hija mill-pinna ta' Robert S. Camp:

> "Hemm xi raġuni magħrufa lix-xjenzati, jew li tinvolvi kollox għal dak li hu magħruf għax-xjenzati kollha, li wieħed m'għandux jemmen fir-rakkont sempliċi Bibliku tal-Ħolqien?
>
> **"IT-TWEĠIBA SEMPLIĊI HIJA, LE."**
>
> "Għalhekk, minkejja l-għarfien kollu tagħna llum, aħna m'għandna ebda titjib fuq il-Bibbja bħala mezz ta' tagħlim dwar min u x'inhu l-bniedem" (Camp, Robert. **A Critical Look at Evolution**. p. 211. Ara footnote #1).

L-ispirazzjoni tagħtina din it-twissija:

> "*Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb…*" (Rumani 3:4).